Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2446

tat-28 ta' Lulju 2015

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

(ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015	L 69	1	15.3.2016
►M2	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/651 tal-5 ta' April 2016	L 111	1	27.4.2016
►M3	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1063 tas-16 ta' Mejju 2018	L 192	1	30.7.2018
►M4	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1118 tas-7 ta' Ġunju 2018	L 204	11	13.8.2018
►M5	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/841 tal-14 ta' Marzu 2019	L 138	76	24.5.2019
►M6	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1143 tal-14 ta' Marzu 2019	L 181	2	5.7.2019
►M7	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/877 tat-3 ta' April 2020	L 203	1	26.6.2020

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 87, 2.4.2016, p. 35 ((UE) 2015/2446)
►C2 Emendi, Ġ.U. L 101, 13.4.2017, p. 164 ((UE) 2015/2446)
►C3 Emendi, Ġ.U. L 75, 19.3.2018, p. 41 ((UE) 2015/2446)
►C4 Emendi, Ġ.U. L 96, 5.4.2019, p. 55 (2016/341)

▼B

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2446

tat-28 ta' Lulju 2015

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

KAPITOLU 1

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali, il-missjoni doganali u definizzjonijiet

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "miżura ta' politika agrikola" tfisser id-dispożizzjonijiet relatati mal-attivitajiet ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni għal prodotti li huma koperti mill-Anness 71-02, punti 1, 2 u 3;

(2) "Carnet ATA" tfisser dokument doganali internazzjonali għal dħul temporanju maħruġ skont il-Konvenzjoni ATA jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul;

(3) "il-Konvenzjoni ATA" tfisser il-Konvenzjoni Doganali dwar il-carnet ATA għad-dħul temporanju ta' oġġetti li saret fi Brussell fis-6 ta' Diċembru 1961;

(4) "Konvenzjoni ta' Istanbul" tfisser il-Konvenzjoni dwar id-dħul temporanju li saret f'Istanbul fis-26 ta' Ġunju 1990;

(5) "bagalji" tfisser il-merkanzija kollha li tinġarr bi kwalunkwe mezz fir-rigward ta' vjaġġ ta' persuna fiżika;

(6) "Kodiċi" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni;

(7) "ajruport tal-Unjoni" tfisser kull ajruport li jinsab fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(8) "port tal-Unjoni" tfisser kull port marittimu li jinsab fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(9) "il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu" tfisser il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu ([1]);

(10) "pajjiż komuni tat-tranżitu" tfisser kull pajjiż, għajr Stat Membru tal-Unjoni, li huwa parti kontraenti mal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu;

([1]) ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2.

▼B

(11) “pajjiż terz” tfisser pajjiż jew territorju barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(12) “Carnet CPD” tfisser dokument doganali internazzjonali li jintuża għad-dħul temporanju ta’ mezzi tat-trasport maħruġ skont il-Konvenzjoni ta’ Istanbul;

(13) “uffiċċju doganali tat-tluq” tfisser l-uffiċċju doganali fejn tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni doganali biex il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura ta’ tranżitu;

(14) “uffiċċju doganali tad-destinazzjoni” tfisser l-uffiċċju doganali fejn tiġi preżentata l-merkanzija mqiegħda taħt proċedura ta’ tranżitu sabiex tintemm il-proċedura;

▼M7

(15) “uffiċċju doganali tal-ewwel dħul” tfisser l-uffiċċju doganali li jkun kompetenti għas-sorveljanza doganali fil-post fejn il-mezz tat-trasport li jkun qed iġġorr il-merkanzija jasal, jew, fejn applikabbli, ikun maħsub li jasal, fit-territorju doganali tal-Unjoni minn territorju barra minn dak it-territorju;

▼B

(16) "uffiċċju doganali ta' esportazzjoni" tfisser l-uffiċċju doganali fejn tiġi preżentata d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni għal merkanzija li tkun qed tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni;;

(17) “uffiċċju doganali ta’ kollokament” tfisser l-uffiċċju doganali indikat fl-awtorizzazzjoni għal proċedura speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 211(1) tal-Kodiċi, li jkollu s-setgħa li jirrilaxxa merkanzija għal proċedura speċjali;

(18) “Numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi” (numru EORI) tfisser numru ta’ identifikazzjoni, uniku fit-territorju doganali tal-Unjoni, assenjat minn awtorità doganali lil operatur ekonomiku jew lil persuna oħra sabiex tiġi reġistrata għal finijiet doganali;

▼M3

(19) “esportatur” tfisser:

(a) individwu privat li jkun qed iġorr il-merkanzija li trid tinħareġ mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn din il-merkanzija tkun tinsab fil-bagalji personali tal-individwu privat;

(b) f'każijiet oħra, fejn (a) ma japplikax:

(i) persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, li jkollha s-setgħa li tiddetermina u li ddeterminat li l-merkanzija trid tinħareġ 'il barra minn dak it-territorju doganali;

(ii) fejn (i) ma japplikax, kwalunkwe persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun parti kontraenti għal kuntratt li skontu l-merkanzija trid tinħareġ 'il barra minn dak it-territorju doganali;

▼B

(20) “prinċipji ta’ kontabbiltà ġeneralment aċċettati” tfisser il-prinċipji li huma rikonoxxuti jew li għandhom appoġġ awtoritattiv sostanzjali ġewwa pajjiż fi żmien partikolari dwar liema riżorsi u obbligi ekonomiċi għandhom jiġu reġistrati bħala assi u obbligazzjonijiet, liema bidliet fl-assi u fl-obbligazzjonijiet għandhom jiġu reġistrati, il-mod kif l-assi u l-obbligazzjonijiet u l-bidliet fihom għandhom jitkejlu, liema informazzjoni għandha tiġi żvelata u l-mod kif għandha tiġi żvelata, u liema dikjarazzjonijiet finanzjarji għandhom jiġu mħejjija;

(21) “merkanzija ta’ natura mhux kummerċjali” tfisser

(a) oġġetti f’kunsinni mibgħuta minn individwu privat lil ieħor, fejn kunsinni bħal dawn:

(i) ikunu ta’ natura okkażjonali,

(ii) ikun fihom merkanzija li tkun għall-użu personali esklussiv tad-destinatarju jew tal-familja tiegħu, li bin-natura jew bil-kwantità tagħha ma tkunx tirrifletti interess kummerċjali u

(iii) jintbagħtu lid-destinatarju mill-ispeditur mingħajr ħlas ta’ ebda tip;

(b) oġġetti fil-bagalji personali ta’ vjaġġaturi fejn:

(i) ikunu ta’ natura okkażjonali, u

(ii) ikunu esklussivament magħmula minn oġġetti għall-użu personali tal-vjaġġaturi jew tal-familji tagħhom, jew minn oġġetti maħsuba bħala rigali; in-natura u l-kwantità ta’ dawn l-oġġetti ma tridx tkun tali li tista’ tindika li dawn ikunu qed jiġu importati jew esportati għal raġunijiet kummerċjali;

(22) “Numru ta’ Referenza Prinċipali” (MRN) tfisser in-numru tar-reġistrazzjoni allokat mill-awtorità doganali kompetenti għal dikjarazzjonijiet jew notifiki msemmija fl-Artikolu 5(9) sa (14) tal-Kodiċi, għal operazzjonijiet TIR jew għal provi tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni;

(23) “perjodu għar-rilaxx” tfisser iż-żmien li fih il-merkanzija mqiegħda taħt proċedura speċjali, ħlief ta’ tranżitu, jew il-prodotti proċessati għandhom jitqiegħdu taħt proċedura doganali sussegwenti, għandhom jinqerdu, għandhom ikunu nħarġu mit-territorju doganali tal-Unjoni jew għandhom ikunu ġew assenjati għall-użu finali preskritt tagħhom. Fil-każ ta’ proċessar passiv il-perjodu għar-rilaxx ifisser il-perjodu li fih il-merkanzija esportata temporanjament tista’ terġa’ tiġi importata fit-territorju doganali tal-Unjoni fil-forma ta’ prodotti proċessati u titqiegħed taħt rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, sabiex tkun tista’ tibbenefika minn eżenzjoni totali jew parzjali mid-dazji tal-importazzjoni;

(24) “merkanzija f’kunsinna postali” tfisser merkanzija minbarra oġġetti ta’ korrispondenza, li tkun f’pakkett postali u tiġi trasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ jew minn operatur postali skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Unjoni Postali Universali adottata fl-10 ta’ Lulju 1984 taħt il-patroċinju tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti;

▼B

(25) “operatur postali” tfisser operatur stabbilit fi u maħtur minn Stat Membru biex jipprovdi s-servizzi internazzjonali regolati mill-Konvenzjoni Postali Universali;

(26) “oġġetti ta’ korrispondenza” tfisser ittri, kartolini, ittri bil-braille u materjal stampat li ma jkunux soġġetti għal dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni;

(27) “proċessar passiv IM/EX” tfisser l-importazzjoni minn qabel ta’ prodotti proċessati miksuba minn merkanzija ekwivalenti taħt proċessar passiv qabel l-esportazzjoni tal-merkanzija li jkunu qed jieħdu postha, imsemmija fl-Artikolu 223(2)(d) tal-Kodiċi;

(28) “proċessar passiv EX/IM” tfisser l-esportazzjoni ta’ merkanzija tal-Unjoni taħt proċessar passiv qabel l-esportazzjoni ta’ prodotti proċessati;

(29) “proċessar attiv EX/IM” tfisser l-esportazzjoni minn qabel ta’ prodotti proċessati miksuba minn merkanzija ekwivalenti taħt proċessar attiv qabel l-importazzjoni tal-merkanzija li jkunu qed jieħdu postha, imsemmija fl-Artikolu 223(2)(c) tal-Kodiċi;

(30) “proċessar attiv IM/EX” tfisser l-importazzjoni ta’ oġġetti mhux tal-Unjoni taħt proċessar attiv qabel l-esportazzjoni ta’ prodotti proċessati;

(31) “individwu privat” tfisser persuni fiżiċi minbarra persuni taxxabbli li jaġixxu hekk kif definit mid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE;

(32) “maħżen doganali pubbliku tat-tip I” tfisser maħżen doganali pubbliku fejn ir-responsabbiltajiet imsemmija fl-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi huma tad-detentur tal-awtorizzazzjoni u tad-detentur tal-proċedura;

(33) “maħżen doganali pubbliku tat-tip II” tfisser maħżen doganali pubbliku fejn ir-responsabbiltajiet imsemmija fl-Artikolu 242(2) tal-Kodiċi huma tad-detentur tal-proċedura;

(34) “dokument uniku tat-trasport” fil-kuntest ta’ status doganali tfisser dokument tat-trasport maħruġ fi Stat Membru li jkopri l-ġarr tal-merkanzija mill-punt tat-tluq fit-territorju doganali tal-Unjoni sal-punt tad-destinazzjoni f’dak it-territorju taħt ir-responsabbiltà tat-trasportatur li joħroġ id-dokument;

(35) “territorju fiskali speċjali” tfisser parti mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn ma japplikawx id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta’ 28 ta’ Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud jew tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas- 16 ta’ Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE;

▼B

(36) “uffiċċju doganali sorveljanti” tfisser

(a) fil-każ ta’ ħżin temporanju kif imsemmi fit-Titolu IV tal-Kodiċi jew fil-każ ta’ proċeduri speċjali għajr tat-tranżitu kif imsemmi fit-Titolu VII tal-Kodiċi, l-uffiċċju doganali indikat fl-awtorizzazzjoni biex jissorvelja jew il-ħażna temporanja tal-merkanzija jew il-proċedura speċjali konċernata;

(b) fil-każ ta’ dikjarazzjoni doganali simplifikata, kif imsemmi fl-Artikolu 166 tal-Kodiċi, ikklerjar ċentralizzat, kif imsemmi fl-Artikolu 179 tal-Kodiċi, id-dħul fir-rekords, kif imsemmi fl-Artikolu 182 tal-Kodiċi l-uffiċċju doganali indikat fl-awtorizzazzjoni biex jissorvelja t-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura doganali konċernata;

(37) “Konvenzjoni TIR” tfisser il-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta’ Oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR li saret f’Ġinevra fl-14 ta’ Novembru 1975;

(38) “operazzjoni TIR” tfisser il-moviment ta’ merkanzija ġewwa t-territorju doganali tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni TIR;

(39) "trażbord" tfisser it-tagħbija jew il-ħatt ta' prodotti u merkanzija abbord vettura għal fuq vettura oħra;

(40) “vjaġġatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika li:

(a) tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni b’mod temporanju u li normalment ma tkunx residenti hemmhekk, jew

(b) terġa’ lura lejn it-territorju doganali tal-Unjoni fejn normalment tkun residenti, wara li tkun ħarġet temporanjament minn dan it-territorju, jew

(c) titlaq temporanjament mit-territorju doganali tal-Unjoni fejn normalment tkun residenti, jew

(d) titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni wara waqfa temporanja, u li normalment ma tkunx residenti hemmhekk;

(41) “skart u ruttam” tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) oġġetti jew prodotti klassifikati bħala skart u ruttam skont in-Nomenklatura Magħquda;

(b) fil-kuntest ta’ użu aħħari jew proċessar attiv, oġġetti jew prodotti li jirriżultaw minn operazzjoni ta’ proċessar, li għandhom valur ekonomiku baxx jew l-ebda valur ekonomiku u li ma jistgħux jintużaw mingħajr ipproċessar ulterjuri.

▼B

(42) “palit” tfisser apparat fuq il-gverta li fuqu tista’ tiġi mmuntata kwantità ta’ merkanzija biex tifforma unità ta’ tagħbija bil-għan li tiġi trasportata, jew immaniġġjata jew stivata bl-għajnuna ta’ apparat mekkaniku. Dan l-apparat ikun magħmul minn żewġ pjanċieri separati minn reffiegħa, jew minn pjanċier uniku li jkun merfugħ fuq saqajn; l-għoli kollu tiegħu jkun imnaqqas għall-minimu kompatibbli ma’ tqandil permezz ta’ trakk tal-fork lift jew minn trakk tal-palits; jista’ jkollu u jista’ ma jkollux superstruttura;

(43) “bastiment fabbrika tal-Unjoni” tfisser bastiment li jkun reġistrat f’parti mit-territorju ta’ Stat Membru li jagħmel parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru u ma jaqbadx prodotti tas-sajd marittimu iżda jipproċessa dawn il-prodotti abbord;

(44) “bastiment tas-sajd tal-Unjoni” tfisser bastiment li jkun reġistrat f’parti mit-territorju ta’ Stat Membru li jagħmel parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, li jtajjar il-bandiera ta’ Stat Membru, jaqbad prodotti tas-sajd marittimu u, skont kif ikun il-każ, jipproċessahom abbord;

(45) “servizz regolari tat-tbaħħir” tfisser servizz fejn il-merkanzija tinġarr f’bastimenti li jbaħħru biss bejn portijiet tal-Unjoni u li ma jkunux ġejjin minn, imorru lejn jew jieqfu f’xi postijiet barra mit-territorju doganali tal-Unjoni jew f’xi postijiet f’żona libera ta’ port tal-Unjoni;

▼M7

(46) “kunsinna express” tfisser merkanzija individwali trasportata minn trasportatur speċifiku jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu;

(47) “trasportatur express” tfisser operatur li jipprovdi servizzi integrati ta’ ġbir, trasport, żdoganar u konsenja rapidi / definiti fil-ħin ta’ pakkett(i) waqt li jsegwi fejn jinsab(u), u jżomm kontroll fuq, tali oġġetti tul il-provvista tas-servizz;

(48) “valur intrinsiku” tfisser

(a) għall-merkanzija kummerċjali: il-prezz tal-merkanzija stess meta tinbiegħ għall-esportazzjoni għat-territorju doganali tal-Unjoni, eskluži l-kostijiet tat-trasport u tal-assigurazzjoni, sakemm dawn ma jkunux inklużi fil-prezz u mhux indikati separatament fuq il-fattura, u kwalunkwe taxxa jew imposta oħra kif verifikabbli mill-awtoritajiet doganali minn kwalunkwe dokument(i) rilevanti;

(b) għall-merkanzija ta’ natura mhux kummerċjali: il-prezz li kieku kien jitħallas għall-merkanzija stess kieku ma nbegħitx għall-esportazzjoni għat-territorju doganali tal-Unjoni;

(49) “merkanzija li tkun se tiġi trasportata jew użata fil-kuntest ta’ attivitajiet militari” tfisser kwalunkwe merkanzija li tkun se tiġi trasportata jew użata:

(a) f’attivitajiet organizzati minn jew taħt il-kontroll tal-awtoritajiet militari rilevanti ta’ Stat Membru wieħed jew aktar jew ta’ pajjiż terz li miegħu Stat Membru wieħed jew aktar ikunu kkonkludew ftehim biex iwettqu attivitajiet militari fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni; jew

▼M7

(b) fil-kuntest ta’ kwalunkwe attività militari mwettqa:

— skont il-Politika ta’ Sigurtà u ta’ Difiża Komuni tal-Unjoni Ewropea (PSDK); jew

— skont it-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana, iffirmat f’Washington D.C. fl-4 ta’ April 1949.

(50) “Formola 302 tan-NATO” tfisser dokument għall-finijiet doganali kif previst fil-proċeduri rilevanti li jimplimentaw il-Ftehim bejn il-Partijiet għat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana rigward l-Istatus tal-Forzi tagħhom, iffirmat f’Londra fid-19 ta’ Ġunju 1951;

(51) “Formola 302 tal-UE” tfisser dokument għall-finijiet doganali stabbilit fl-Anness 52-01 u maħruġ minn jew f’isem l-awtoritajiet militari nazzjonali kompetenti ta’ Stat Membru għall-merkanzija li tkun se tiġi trasportata jew użata fil-kuntest ta’ attivitajiet militari;

(52) “skart minn bastimenti” tfisser skart minn bastimenti skont it-tifsira tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(53) “Single Window Nazzjonali marittima” tfisser Single Window Nazzjonali marittima fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

▼B

KAPITOLU 2

Id-drittijiet u l-obbligi tal-persuni fir-rigward tal-leġiżlazzjoni doganali

Taqsima 1

Il-forniment ta’ informazzjoni

Subtaqsima 1

Rekwiżiti komuni tad-dejta għall-iskambju u l-ħżin tad-dejta

Artikolu 2

Rekwiżiti komuni tad-dejta

(Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

1. L-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni meħtieġa għal applikazzjonijiet u deċiżjonijiet għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti komuni tad-dejta stabbiliti fl-Anness A.

([1]) Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta’ skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta’ Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 64).

▼B

2. L-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni meħtieġa għal dikjarazzjonijiet, notifiki u prova tal-istatus doganali għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti komuni tad-dejta stabbiliti fl-Anness B.

▼M1

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sad-data tal-iskjerament tal-ewwel fażi tal-aġġornament tas-sistema ta' informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi ("BTI") u tas-sistema ta' Sorveljanza 2 imsemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, il-kolonna 1a tal-Anness A ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tapplika u għandhom ikunu japplikaw ir-rekwiżiti tad-dejta rispettivi stabbiliti fl-Annessi 2 sa 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 ([1]).

Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sad-data tal-aġġornament tas-sistema tal-AEO msemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, il-kolonna 2 tal-Anness A ta' dan ir-Regolament ma għandhiex tapplika u għandhom ikunu japplikaw ir-rekwiżiti rispettivi tad-dejta fl-Annessi 6 u 7 għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għas-sistemi informatiċi elenkati fl-Anness 1 għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341, sad-dati rispettivi tal-iskjerament jew tal-aġġornament tas-sistemi tal-IT rilevanti msemmijin fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, ir-rekwiżiti ta' dejta komuni stabbiliti fl-Anness B ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw.

Għas-sistemi informatiċi elenkati fl-Anness 1 għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341, sad-dati rispettivi tal-iskjerament jew l-aġġornament tas-sistemi tal-IT rilevanti msemmijin fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, l-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet, in-notifiki u l-prova tal-istatus doganali għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' dejta stabbiliti fl-Anness 9 għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341.

Meta r-rekwiżiti tad-dejta għall-iskambju u l-ħżin ta' informazzjoni meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet, in-notifiki u l-prova ta' status doganali mhumiex stabbiliti fl-Anness 9 għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti ta' dejta rispettivi jkunu tali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw dawk id-dikjarazzjonijiet, notifiki u l-prova tal-istatus doganali.

5. Sad-data tal-iskjerament tas-sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU msemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, l-awtoritajiet doganali jistgħu jiddeċiedu li għandhom ikunu japplikaw ir-rekwiżiti ta' dejta alternattivi xierqa għal dawk stabbiliti fl-Anness A ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-applikazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet li ġejjin:

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimentaw ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni meta s-sistemi elettroniċi relevanti ma jkunux għadhom bdew jitħaddmu u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 (ĠU L 69, 15.3.2016, p. 1).

▼M1

(a) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet relatati mas-simplifikazzjoni għad-determinazzjoni tal-ammonti bħala parti mill-valur doganali tal-oġġetti;

(b) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet relatati mal-garanziji komprensivi;

(c) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għal ħlas differit;

(d) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-operat tal-faċilitajiet għal ħażna temporanja msemmija fl-Artikolu 148 tal-Kodiċi;

(e) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari tat-trasport marittimu;

(f) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għal emittent awtorizzat;

(g) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta' piżatur awtorizzat tal-banana;

(h) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-awtovalutazzjoni;

(i) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta' destinatarju awtorizzat għall-operazzjonijiet TIR;

(j) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta' speditur awtorizzat għal tranżitu tal-Unjoni;

(k) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta' destinatarju awtorizzat għal tranżitu tal-Unjoni;

(l) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali;

(m) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' dikjarazzjoni ta' tranżitu b'sett ta' dejta mnaqqas;

(n) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni doganali.

6. Meta, b'konformità mal-paragrafu 5, Stat Membru jiddeċiedi li għandhom ikunu japplikaw rekwiżiti alternttivi tad-dejta, dan għandu jiżgura li dawk ir-rekwiżiti alternattivi ta' dejta jippermettu lill-Istat Membru jivverifika li l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-awtorizzazzjoni kkonċernata ġew issodisfati, u li tal-inqas jinkludu r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) L-identifikazzjoni tal-applikant/tad-detentur tal-awtorizzazzjoni (l-element tad-dejta 3/2 Applikant/Detentur tal-identifikazzjoni tad-deċiżjoni jew tal-awtorizzazzjoni jew, fin-nuqqas ta' numru tal-EORI validu tal-applikant, l-element tad-dejta 3/1 Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew tad-deċiżjoni);

(b) It-tip ta' applikazzjoni jew awtorizzazzjoni (l-element tad-dejta 1/1 tip tal-kodiċi tal-Applikazzjoni/tad-Deċiżjoni);

(c) L-użu tal-awtorizzazzjoni fi Stat Membru wieħed jew aktar (l-element tad-dejta 1/4 Il-validità ġeografika — l-Unjoni), fejn ikun applikabbli.

7. Sad-data ta' skjerament tas-sistema ta' Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li r-rekwiżiti tad-dejta għall-applikazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet stipulati fl-Anness 12 għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341 għandhom ikunu japplikaw minflok ir-rekwiżiti tad-dejta stabbiliti fl-Anness A għal dan ir-Regolament għall-proċeduri li ġejjin:

(a) L-applikazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet għall-użu tad-dikjarazzjoni ssimplifikata;

(b) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għal rilaxx ċentralizzat;

▼M1

(c) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għad-dħul tad-dejta fir-rekords tad-dikjarant;

(d) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-ipproċessar attiv;

(e) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-ipproċessar passiv;

(f) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-użu finali;

(g) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-ammissjoni temporanja;

(h) Applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet għall-operat tal-faċilitajiet tal-ħażna għall-ħażna doganali;

8. Minkejja l-paragrafu 7, sad-dati tal-iskjerament tas-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni tal-KDU (AES) jew jew l-aġġornament tas-Sistemi ta' Importazzjoni Nazzjonali, meta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni hija bbażata fuq dikjarazzjoni doganali skont l-Artikolu 163(1) ta' dan ir-Regolament, id-dikjarazzjoni doganali għandu jkun fiha r-rekwiżiti ta' dejta li ġejjin:

(a) Rekwiżiti tad-dejta komuni għall-proċeduri kollha:

— Natura tal-ipproċessar jew l-użu tal-oġġetti;

— Deskrizzjonijiet tekniċi tal-oġġetti u/jew il-prodotti pproċessati u l-mezzi għall-identifikazzjoni tagħhom;

— Perjodu stmat għall-iskarigu;

— Uffiċċju propost tal-iskarigu (mhux għall-użu aħħari); u

— Post tal-ipproċessar jew l-użu.

(b) Rekwżiti ta' dejta speċifiċi għal ipproċessar attiv:

— Kodiċijiet tal-kundizzjonijiet ekonomiċi msemmija fl-Appendiċi għall-Anness 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/341;

— Rata stmata tar-rendiment jew metodu li permezz tiegħu tiġi ddeterminata dik ir-rata; u

— Jekk il-kalkolu tal-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jkun iddeterminat skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi (indika “iva” jew “le”).

▼B

Subtaqsima 2

Ir-reġistrazzjoni ta’ persuni mal-awtoritajiet doganali

Artikolu 3

Il-kontenut ta’ dejta ta’ rekord EORI

(Artikolu 6(2)(a) tal-Kodiċi)

Fi żmien ir-reġistrazzjoni ta’ persuna, l-awtoritajiet doganali għandhom jiġbru u jaħżnu d-dejta kif stabbilit fl-Anness 12-01 fir-rigward ta’ dik il-persuna. Dik id-dejta għandha tikkostitwixxi r-rekord EORI.

▼M1

Permezz ta' deroga mill-ewwel paragrafu, sad-data tal-aġġornament tas-sistema EORI prevista fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, ir-rekwiżiti tad-dejta komuni stabbiliti fl-Anness 12-01 ma għandhomx japplikaw.

Sad-data tal-aġġornament tas-sistema EORI, l-Istati Membri għandhom jiġbru u jaħżnu d-dejta li ġejja kif stabbilit fl-Anness 9, Appendiċi E għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341, li għandha tikkostitwixxi r-rekord tal-EORI:

(a) id-dejta elenkata fil-punti 1 sa 4 tal-Anness 9, Appendiċi E għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341

(b) fejn meħtieġ mis-sistemi nazzjonali, id-dejta elenkata fil-punti 5 sa 12 tal-Anness 9, Appendiċi E għar-Regolament Delegat (UE) 2016/341

L-Istati Membri għandhom itellgħu id-dejta miġbura b'konformità mat-tielet paragrafu ta' dan l-Artikolu fuq bażi regolari fis-sistema tal-EORI.

Permezz ta' deroga mit-tieni u t-tielet paragrafi ta' dan l-Artikolu, għandu jkun fakultattiv għall-Istati Membri li jiġbru l-element tad-dejta elenkat fit-Titolu I, Kapitolu 3, Punt 4 għall-Anness 12-01. Meta l-element jinġabar mill-Istati Membri, dan għandu jittella' fis-sistema tal-EORI mill-aktar fis possibbli wara l-aġġornament ta' dik is-sistema.

▼B

Artikolu 4

Is-sottomissjoni tad-dettalji għar-reġistrazzjoni EORI

(Artikolu 6(4) tal-Kodiċi)

Awtoritajiet doganali jistgħu jħallu lill-persuni jissottomettu d-dettalji meħtieġa għar-reġistrazzjoni EORI b'mezzi oħrajn li mhux bilfors ikunu tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

Artikolu 5

Operaturi ekonomiċi mhux stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni

(Artikolu 22(2) u 9(2) tal-Kodiċi)

1. Operatur ekonomiku mhux stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni għandu jirreġistra qabel:

(a) jippreżenta dikjarazzjoni doganali fit-territorju doganali tal-Unjoni dikjarazzjoni doganali, iżda mhux id-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

(i) dikjarazzjoni doganali li ssir skont l-Artikoli 135 sa 144;

(ii) dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-oġġetti taħt il-proċedura ta' ammissjoni temporanja jew dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni sabiex dik il-proċedura tiġi rilaxxata;

▼B

(iii) dikjarazzjoni doganali li ssir skont il-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu ([1]) minn operatur ekonomiku stabbilit f'pajjiż ta' transitu komuni;

(iv) dikjarazzjoni doganali li ssir skont il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni minn operatur ekonomiku stabbilit f'Andorra jew f'San Marino;

(b) jippreżenta ►C3 dikjarazzjoni fil-qosor ◄ ta' ħruġ jew dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) jippreżenta dikjarazzjoni ta' ħżin temporanju fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(d) jaġixxi bħala ġarrier għall-għanijiet tat-trasport bil-baħar, passaġġi fuq l-ilma interni jew bl-ajru;

(e) jaġixxi bħala ġarrier li jkun imqabbad mas-sistema doganali u li jixtieq jirċievi kwalunkwe notifika li għaliha hemm ipprovdut fil-leġiżlazzjoni doganali dwar il-preżentazzjoni jew l-emenda tad-►C3 dikjarazzjonijiet fil-qosor ◄ tad-dħul;

▼M3

(f) jitlob ir-reġistrazzjoni u l-approvazzjoni ta' prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

▼B

2. Minkejja l-paragrafu 1(a)(ii), operaturi ekonomiċi mhux stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jirreġistraw mal-awtoritajiet doganali qabel jippreżentaw dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura ta' ammissjoni temporanja jew dikjarazzjoni ta' ri-esportazzjoni għat-twettiq ta' dik il-proċedura fejn tkun meħtieġa reġistrazzjoni għall-użu tas-sistema ta' ġestjoni ta' garanzija komuni.

3. Minkejja l-paragrafu 1(a)(iii), operaturi ekonomiċi stabbiliti f'pajjiż ta' transitu komuni għandhom jirreġistraw mal-awtoritajiet doganali qabel jippreżentaw dikjarazzjoni doganali skont il-Konvenzjoni dwar proċedura ta' transitu komuni fejn dik id-dikjarazzjoni tiġi ppreżentata minflok ►C3 dikjarazzjoni fil-qosor ◄ ta' dħul jew tintuża bħala dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq.

4. Minkejja l-paragrafu 1(a)(iv), operaturi ekonomiċi stabbiliti f'Andorra jew f'San Marino għandhom jirreġistraw mal-awtoritajiet doganali qabel jippreżentaw dikjarazzjoni doganali skont il-proċedura ta' transitu tal-Unjoni fejn tkun ġiet ippreżentata d-dikjarazzjoni minflok ►C3 dikjarazzjoni fil-qosor ◄ tad-dħul jew tintuża bħala dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq.

5. B'deroga mill-paragrafu 1(d), operatur ekonomiku li jaġixxi bħala ġarrier għall-għanijiet tat-trasport bil-baħar, passaġġi fuq l-ilma interni jew bl-ajru ma għandux jirreġistra mal-awtoritajiet doganali meta, huwa jkun ġie assenjat numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz fil-qafas tal-programm ta' sħubija tan-negozjanti ta' pajjiż terz li jkun rikonoxxut mill-Unjoni.

6. Fejn tkun meħtieġa reġistrazzjoni skont dan l-Artikolu, din għandha ssir mal-awtoritajiet doganali responsabbli għall-post fejn l-operatur ekonomiku jippreżenta dikjarazzjoni jew japplika għal deċiżjoni.

([1]) ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2.

▼B

Artikolu 6

Persuni li mhumiex operaturi ekonomiċi

(Artikolu 9(3) tal-Kodiċi)

1. Persuni li mhumiex operaturi ekonomiċi għandhom jirreġistraw mal-awtoritajiet doganali meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M7

(a) it-tali reġistrazzjoni tkun meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew mil-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru;

▼B

(b) il-persuna tieħu sehem f'operazzjonijiet li għalihom irid jiġi pprovdut numru EORI skont l-Anness A-DA u l-Anness B-DA.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta persuna li ma tkunx operator ekonomiku tippreżenta dikjarazzjonijiet doganali fuq bażi okkażjonali biss, u l-awtoritajiet doganali jqisu li dan huwa ġġustifikat, ir-reġistrazzjoni ma tkunx meħtieġa.

Artikolu 7

L-invalidazzjoni ta' numru EORI

(Artikolu 9(4) tal-Kodiċi)

1. L-awtoritajiet doganali għandhom jinvalidaw numru EORI fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) fuq talba tal-persuna rreġistrata;

(b) meta l-awtorità doganali tkun taf li l-persuna rreġistrata tkun waqfet mill-attivitajiet li jeħtieġu r-reġistrazzjoni.

2. L-awtorità doganali għandha żżomm rekord tad-data tal-invalidazzjoni tan-numru EORI u għandha tinnotifikaha lill-persuna rreġistrata.

Taqsima 2

Deċiżjonijiet marbutin mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali

▼M3

Subtaqsima 0

Mezzi għall-iskambju ta' informazzjoni li jintużaw għall-applikazzjonijiet u għad-deċiżjonijiet li għalihom ir-rekwiżiti tad-dejta rilevanti mhumiex stabbiliti fl-Anness A

Artikolu 7a

Applikazzjonijiet u deċiżjonijiet li jsiru permezz ta' mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu l-użu ta' mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta b'rabta mal-applikazzjonijiet u mad-deċiżjonijiet li għalihom ir-rekwiżiti tad-dejta rilevanti mhumiex stabbiliti fl-Anness A u b'rabta ma' kwalunkwe applikazzjoni u att sussegwenti marbuta mal-ġestjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

▼B

Subtaqsima 1

Id-dritt li jinstema'

Artikolu 8

Il-perjodu għad-dritt li jinstema'

(Artikolu 22(6) tal-Kodiċi)

1. Il-perjodu għall-applikant sabiex jesprimi l-opinjoni tiegħu qabel tittieħed deċiżjoni li taffettwah ħażin għandu jkun ta' 30 jum.

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta d-deċiżjoni maħsuba tkun tappartjeni għar-riżultati tal-kontroll tal-oġġetti li għalihom ma tkun ġiet ippreżentata ebda dikjarazzjoni fil-qosor, dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja, dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni jew dikjarazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jkunu jeħtieġu li l-persuna kkonċernata tesprimi fehimitha fi żmien 24 siegħa.

Artikolu 9

Il-mezzi għall-komunikazzjoni tar-raġunijiet

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Meta l-komunikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(6) tal-Kodiċi ssir bħala parti mill-proċess ta' verifika jew kontroll, il-komunikazzjoni tista' ssir permezz ta' mezzi oħrajn li mhumiex tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

Meta l-applikazzjoni tiġi sottomessa jew id-deċiżjoni tiġi notifikata b'mezzi oħrajn li mhumiex tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta, il-komunikazzjoni tista' billi jintużaw l-istess mezzi.

Artikolu 10

Eċċezzjonijiet għad-dritt li jinstema'

(Artikolu 22(6), it-tieni subparagrafu tal-Kodiċi)

Il-każijiet speċifiċi li fihom l-applikant ma jingħatax opportunità li jesprimi l-fehma tiegħu għandhom ikunu dawn li ġejjin:

▼M3

(a) meta l-applikazzjoni għal deċiżjoni ma tiġix aċċettata skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament jew skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([1]);

▼B

(b) meta l-awtoritajiet doganali jinnotifikaw lill-persuna li ppreżentat id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul li l-oġġetti ma jitgħabbewx fil-każ ta' traffiku marittimu f'kontejner u fil-każ ta' traffiku tal-ajru;

(c) meta d-deċiżjoni tkun tikkonċerna notifika lill-applikant dwar deċiżjoni tal-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi;

(d) meta jkun ser jiġi invalidat numru EORI.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

▼B

Subtaqsima 2

Regoli ġenerali dwar id-deċiżjonijiet meħudin fuq l-applikazzjoni

Artikolu 11

Il-kundizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' applikazzjoni

(Artikolu 22(2) tal-Kodiċi)

1. Applikazzjoni għal deċiżjoni marbuta mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali għandha tiġi aċċettata diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta jkun hemm bżonn taħt il-proċedura li magħha għandha x'taqsam l-applikazzjoni, l-applikant irid ikun irreġistrat skont l-Artikolu 9 tal-Kodiċi;

(b) meta jkun hemm bżonn taħt il-proċedura li magħha għandha x'taqsam l-applikazzjoni, l-applikant irid ikun stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) l-applikazzjoni trid tkun ġiet sottomessa lil awtorità doganali ddeżinjata sabiex tirċievi applikazzjonijiet fl-Istat Membru tal-awtorità doganali kompetenti msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi;

(d) l-applikazzjoni ma tkunx tikkonċerna deċiżjoni bl-istess skop bħal deċiżjoni preċedenti indirizzata lill-istess applikant, li, matul il-perjodu ta' sena ta' qabel l-applikazzjoni, tħassret jew ġiet revokata għar-raġuni li l-applikant ma ssodisfax obbligu impost minn dik id-deċiżjoni.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu (1)(d), il-perjodu li hemm referenza għalih fih għandu jkun ta' tliet snin fejn id-deċiżjoni preċedenti tkun ġiet revokata skont l-Artikolu 27(1) tal-Kodiċi jew meta l-applikazzjoni tkun applikazzjoni għall-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat skont l-Artikolu 38 tal-Kodiċi.

Artikolu 12

L-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni

(Artikolu 22(1) tal-Kodiċi)

Meta ma jkunx possibbli li jiġi stabbilit liema hija l-awtorità doganali kompetenti skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi, l-awtorità doganali kompetenti għandha tkun dik tal-post fejn jinżammu jew ikunu aċċessibbli r-rekords u d-dokumentazzjoni li jippermettu lill-awtorità doganali tieħu deċiżjoni (il-kontijiet ewlenin tal-applikant għal skopijiet doganali).

Artikolu 13

Estensjoni tal-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni

(Artikolu 22(3) tal-Kodiċi)

1. Meta, wara li taċċetta l-applikazzjoni, l-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni tqis li hemm bżonn li titlob iktar informazzjoni mingħand l-applikant sabiex tasal għad-deċiżjoni tagħha, għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li ma għandux ikun itwal minn 30 jum li fih l-applikant irid jipprovdi dik l-informazzjoni. Il-limitu ta' żmien sabiex tieħu deċiżjoni stabbilit fl-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi għandu jiġi estiż b'dak il-perjodu ta' żmien. L-applikant għandu jiġi mgħarraf dwar l-estensjoni tal-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni.

▼B

2. Meta jiġi applikat l-Artikolu 8(1), il-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni stabbilit fl-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi, għandu jiġi estiż b'perjodu ta' 30 jum. L-applikant għandu jiġi mgħarraf dwar l-estensjoni.

3. Meta l-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu deċiżjoni tkun estendiet il-perjodu għall-konsultazzjoni ta' awtorità doganali oħra, il-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni għandu jiġi estiż bl-istess perjodu ta' żmien bħall-estensjoni tal-perjodu ta' konsultazzjoni. L-applikant għandu jiġi mgħarraf dwar l-estensjoni tal-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni.

▼M7

4. Meta jkun hemm raġunijiet serji għaliex wieħed jissuspetta li hemm ksur tal-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali u l-awtoritajiet doganali u fiskali jagħmlu investigazzjonijiet abbażi ta' dawk ir-raġunijiet, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni għandu jiġi estiż biż-żmien meħtieġ sabiex jitlestew dawk l-investigazzjonijiet. Dik l-estensjoni ma għandhiex tkun ta' iktar minn disa' xhur. Sakemm dan ma jkunx ta' xkiel għall-investigazzjonijiet, l-applikant għandu jiġi mgħarraf dwar l-estensjoni.

▼B

Artikolu 14

Id-data tad-dħul fis-seħħ

(Artikolu 22(4) u (5) tal-Kodiċi)

Id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ minn data li tkun differenti mid-data li fiha l-applikant jirċiviha jew jitqies li rċiviha fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta d-deċiżjoni tkun ser taffettwa lill-applikant b'mod favorevoli u l-applikant ikun talab data differenti għad-dħul fis-seħħ, f'liema każ id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data mitluba mill-applikant diment li taħbat wara d-data li fiha l-applikant jirċievi d-deċiżjoni jew jitqies li rċeviha;

(b) meta deċiżjoni preċedenti tkun inħarġet b'limitu ta' żmien u l-uniku skop tad-deċiżjoni attwali jkun li testendi l-validità tagħha, f'liema każ id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-għada li jiskadi l-perjodu ta' validità tad-deċiżjoni preċedenti;

(c) meta l-effett tad-deċiżjoni jkun kundizzjonali fuq it-tlestija ta' ċerti formalitajiet min-naħa tal-applikant, f'liema każ id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ minn dakinhar meta l-applikant jirċievi, jew jitqies li rċieva, in-notifika mingħand l-awtorità doganali kompetenti li tiddikjara li l-formalitajiet tlestew kif xieraq.

Artikolu 15

Rivalutazzjoni ta' deċiżjoni

(Artikolu 23(4)(a) tal-Kodiċi)

1. L-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni għandha terġa' tivvaluta deċiżjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta jkunu saru bidliet fil-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni li jaffettwaw id-deċiżjoni;

(b) meta jkun hemm bżonn, bħala riżultat tal-monitoraġġ imwettaq;

(c) meta jkun hemm bżonn, minħabba l-informazzjoni pprovduta mid-detentur tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 23(2) tal-Kodiċi jew minn awtoritajiet oħrajn.

2. L-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni għandha tikkomunika r-riżultat tar-rivalutazzjoni lid-detentur tad-deċiżjoni.

▼B

Artikolu 16

Sospensjoni ta' deċiżjoni

(Artikolu 23(4)(b) tal-Kodiċi)

1. L-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni għandha tissospendi d-deċiżjoni minflok ma tħassarha, tirrevokaha jew temendaha skont l-Artikoli 23(3), 27 jew 28 tal-Kodiċi meta:

(a) dik l-awtorità doganali tqis li jista' jkun hemm biżżejjed raġunijiet sabiex titħassar, tiġi revokata jew emendata d-deċiżjoni, iżda ma jkunx għad għandha l-elementi neċessarji kollha sabiex tiddeċiedi fuq it-tħassir, ir-revoka jew l-emenda;

(b) dik l-awtorità doganali tqis li l-kundizzjonijiet għad-deċiżjoni mhumiex issodisfati jew li d-detentur tad-deċiżjoni ma jikkonformax mal-obbligi imposti minn dik id-deċiżjoni, u jkun xieraq li d-detentur tad-deċiżjoni jitħalla żmien biżżejjed sabiex jieħu miżuri li jiżguraw li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet jew il-konformità mal-obbligi;

(c) id-detentur tad-deċiżjoni jitlob it-tali sospensjoni għaliex, għal ċertu żmien, ma jkunx jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għad-deċiżjoni jew jikkonforma mal-obbligi imposti minn dik id-deċiżjoni.

2. Fil-każijiet imsemmijin fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 1, id-detentur tad-deċiżjoni trid tinnotifika lill-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni dwar il-miżuri li jieħu impenn li jwettaq sabiex jiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet jew li jiġu rrispettati l-obbligi, kif ukoll dwar il-perjodu ta' żmien li jeħtieġ biex jieħu dawk il-miżuri.

Artikolu 17

Perjodu tas-sospensjoni ta' deċiżjoni

(Artikolu 23(4)(b) tal-Kodiċi)

1. Fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 16(1)(a), il-perjodu ta' sospensjoni stabbilit mill-awtorità doganali kompetenti għandu jkun jikkorrispondi għall-perjodu ta' żmien meħtieġ minn dik l-awtorità doganali sabiex tistabbilixxi jekk humiex issodisfati l-kundizzjonijiet għal tħassir, revoka jew emenda. Dak il-perjodu ma jistax ikun itwal minn 30 jum.

▼M7

Madankollu, meta l-awtorità doganali tqis li d-detentur tad-deċiżjoni ma jistax jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 39(a) tal-Kodiċi, id-deċiżjoni għandha tiġi sospiża sakemm jiġi stabbilit jekk twettaqx ksur serju jew ksur ripetut, inkluż reat kriminali serju, minn xi waħda mill-persuni li ġejjin:

(a) id-detentur tad-deċiżjoni;

(b) il-persuna inkarigata mill-kumpanija li hija d-detentur tad-deċiżjoni kkonċernat jew li teżerċita l-kontroll fuq il-ġestjoni tiegħu;

(c) il-persuna responsabbli mill-kwistjonijiet doganali fil-kumpanija li hija d-detentur tad-deċiżjoni kkonċernat.

▼B

2. Fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 16(1)(b) u (c), il-perjodu ta' sospensjoni stabbilit mill-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni għandu jkun jaqbel mal-perjodu ta' żmien notifikat mid-detentur

▼B

tad-deċiżjoni skont l-Artikolu 16(2). Meta dan ikun xieraq, il-perjodu ta' sospensjoni jista' jiġi estiż iktar fuq it-talba tad-detentur tad-deċiżjoni.

Il-perjodu ta' sospensjoni jista' jerġa' jiġi estiż bil-perjodu ta' żmien li teħtieġ l-awtorità doganali kompetenti sabiex tivverifika li dawk il-miżuri jiggarantixxu l-issodisfar tal-kundizzjonijiet jew ir-rispett tal-obbligi. Dan l-aħħar perjodu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn 30 jum.

3. Meta, wara li tissospendi deċiżjoni, l-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni jkun biħsiebha tħassar, tirrevoka jew temenda dik id-deċiżjoni skont l-Artikoli 23(3), 27 jew 28 tal-Kodiċi, il-perjodu ta' sospensjoni, kif stabbilit skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, għandu jiġi estiż, fejn xieraq, sakemm tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni dwar it-tħassir, ir-revoka jew l-emenda.

Artikolu 18

Tmiem is-sospensjoni

(Artikolu 23(4)(b) tal-Kodiċi)

1. Sospensjoni ta' deċiżjoni għandha tintemm malli jiskadi l-perjodu ta' sospensjoni sakemm ma sseħħx kwalunkwe mis-sitwazzjonijiet li ġejjin qabel jiskadi dak il-perjodu:

(a) is-sospensjoni tiġi rtirata fuq il-bażi li, fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 16(1)(a), ma jkun hemm ebda raġuni valida għat-tħassir, ir-revoka jew l-emendar tad-deċiżjoni skont l-Artikoli 23(3), 27 jew 28 tal-Kodiċi, f'liema każ is-sospensjoni għandha tintemm dakinhar tal-irtirar;

(b) is-sospensjoni tiġi rtirata fuq il-bażi li, fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 16(1)(b) u (c), id-detentur tad-deċiżjoni jkun ħa l-miżuri meħtieġa, li jissodisfaw lill-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni, bil-għan li jiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti għad-deċiżjoni jew ir-rispett tal-obbligi imposti minn dik id-deċiżjoni, f'liema każ is-sospensjoni għandha tintemm dakinhar tal-irtirar;

(c) id-deċiżjoni sospiża titħassar, tiġi revokata jew emendata, f'liema każ is-sospensjoni għandha tintemm dakinhar tat-tħassir, ir-revoka jew l-emenda.

2. L-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni għandha tgħarraf lid-detentur tad-deċiżjoni li s-sospensjoni ntemmet.

Subtaqsima 3

Deċiżjonijiet marbutin ma' informazzjoni vinkolanti

Artikolu 19

L-applikazzjoni għal deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti

(Artikolu 22(1), it-tielet subparagrafu u Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

1. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi, applikazzjoni għal deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti u kwalunkwe dokument li jakkumpanjaha jew isostniha għandhom ikunu sottomessi jew lill-awtorità doganali kompetenti fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit l-applikant, jew lill-awtorità doganali kompetenti fl-Istat Membru fejn ser tintuża l-informazzjoni.

▼B

2. Meta jissottometti applikazzjoni għal deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti, l-applikant għandu jitqies li jaqbel mad-dejta kollha tad-deċiżjoni, inklużi kwalunkwe ritratt, stampa u fuljett, bl-eċċezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali, li tkun qed tiġi divulgata lill-pubbliku permezz tas-sit web tal-Kummissjoni. Kwalunkwe żvelar pubbliku ta' dejta għandu jirrispetta d-dritt għal protezzjoni ta' dejta personali.

3. Meta ma jkun hemm ebda sistema elettronika fis-seħħ sabiex jiġu sottomessi applikazzjonijiet għal deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti dwar l-oriġini (BOI), l-Istati Membri jistgħu jippermettu li dawk l-applikazzjonijiet jiġu sottomessi billi jużaw mezzi oħrajn għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

Artikolu 20

Limiti ta' żmien

(Artikolu 22(3) tal-Kodiċi)

1. Meta l-Kummissjoni tinnotifika lill-awtoritajiet doganali li t-teħid ta' deċiżjonijiet BTI u BOI huwa sospiż skont l-Artikolu 34(10)(a) tal-Kodiċi, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi għandu jkompli jiġi estiż sakemm il-Kummissjoni tinnotifika lill-awtoritajiet doganali li hija żgurata l-klassifikazzjoni korretta u uniformi tat-tariffi jew id-determinazzjoni tal-oriġini.

Dak il-perjodu estiż imsemmi fis-subparagrafu 1 ma għandux jaqbeż l-10 xhur, iżda f'ċirkustanzi eċċezzjonali tista' tiġi applikata estensjoni addizzjonali li ma taqbiżx il-5 xhur.

2. Il-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi jista' jaqbeż it-30 jum meta ma jkunx possibbli li fi żmien dak il-perjodu ssir analiżi li l-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu deċiżjoni tqis li hija meħtieġa sabiex tieħu dik id-deċiżjoni.

Artikolu 21

Notifika tad-deċiżjonijiet dwar il-BOI

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Meta applikazzjoni għal deċiżjoni dwar il-BOI tkun ġiet sottomessa bl-użu ta' mezzi oħrajn għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta, l-awtoritajiet doganali jistgħu jinnotifikaw lill-applikant tad-deċiżjoni dwar il-BOI bl-użu ta' mezzi oħrajn għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

Artikolu 22

Il-limitazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-rivalutazzjoni u s-sospensjoni

(Artikolu 23(4) tal-Kodiċi)

L-Artikoli 15 sa 18 li jikkonċernaw ir-rivalutazzjoni u s-sospensjoni tad-deċiżjonijiet ma għandhomx japplikaw għal deċiżjonijiet marbutin ma' informazzjoni vinkolanti.

▼B

Taqsima 3

L-operatur ekonomiku awtorizzat

Subtaqsima 1

Il-Benefiċċji li Jirriżultaw Mill-Istatus Tal-OPERATUR EKONOMIKU AWTORIZZAT

Artikolu 23

Faċilitazzjonijiet rigward id-dikjarazzjonijiet ta' qabel it-tluq

(Artikolu 38(2)(b) tal-Kodiċi)

1. Meta operatur ekonomiku awtorizzat għas-sikurezza u s-sigurtà kif imsemmi fl-Artikolu 38(2)(b) tal-Kodiċi (AEOS) jippreżenta dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq f'ismu stess fil-forma ta' dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni, ma għandu jkun hemm bżonn ebda dettall ieħor apparti dawk iddikjarati f'dawk id-dikjarazzjonijiet.

2. Meta AEOS jippreżenta dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq f'isem persuna oħra li hija AEOS ukoll fil-forma ta' dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni, ma għandu jkun hemm bżonn ebda dettall ieħor apparti dawk iddikjarati f'dawk id-dikjarazzjonijiet.

Artikolu 24

Trattament iktar favorevoli rigward il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji

(Artikolu 38(6) tal-Kodiċi)

1. Operatur ekonomiku awtorizzat (AEO) għandu jkun soġġett għal inqas kontrolli fiżiċi u kontrolli bbażati fuq dokumenti meta mqabbel ma' operaturi ekonomiċi oħrajn.

2. Meta AEOS ikun ippreżenta dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew, fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 130 tal-Kodiċi, dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja jew meta AEOS ikun ippreżenta notifika u ngħata aċċess għad-dettalji marbutin mad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tiegħu fis-sistema tal-kompjuter tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 127(8) tal-Kodiċi, l-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 127(3) tal-Kodiċi għandu, meta l-kunsinna tkun intgħażel għal kontroll fiżiku, jinnotifika lil dak l-AEOS dwar dak il-fatt. Dik in-notifika għandha ssir qabel jaslu l-oġġetti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Dik in-notifika għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tat-trasportatur ukoll jekk ikun differenti mill-AEOS imsemmi fl-ewwel subparagrafu, diment li l-operatur ikun AEOS u jkun marbut mas-sistemi elettroniċi marbutin mad-dikjarazzjonijiet imsemmijin fl-ewwel subparagrafu.

Dik in-notifika ma għandhiex tiġi pprovduta meta tkun tista' xxekkel il-kontrolli li jridu jsiru jew ir-riżultati tagħhom.

▼B

3. Meta AEO jippreżenta dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja jew dikjarazzjoni doganali skont l-Artikolu 171 tal-Kodiċi, l-uffiċċju doganali kompetenti sabiex jirċievi dik id-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja jew dik id-dikjarazzjoni doganali għandu, meta l-kunsinna tkun intgħażlet għal kontroll doganali, jinnotifika lill-AEO dwar dak il-fatt. Dik in-notifika għandha ssir qabel ma l-oġġetti jiġu ppreżentati lid-dwana.

Dik in-notifika ma għandhiex tiġi pprovduta meta tkun tista' xxekkel il-kontrolli li jridu jsiru jew ir-riżultati tagħhom.

4. Meta l-kunsinni ddikjarati minn AEO jkunu ntgħażlu għal kontroll fiżiku jew kontroll ibbażat fuq dokumenti, dawk il-kontrolli għandhom u jingħataw prijorità.

Fuq talba ta' AEO, il-kontrolli jistgħu jsiru f'post li mhuwiex il-post fejn l-oġġetti jridu jiġu ppreżentati lid-dwana.

5. In-notifiki li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 2 u 3 ma għandhomx jikkonċernaw il-kontrolli doganali deċiżi fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni tal-ħżin temporanju jew id-dikjarazzjoni doganali wara l-preżentazzjoni tal-merkanzija.

Artikolu 25

Eżenzjoni minn trattament favorevoli

(Artikolu 38(6) tal-Kodiċi)

It-trattament iktar favorevoli msemmi fl-Artikolu 24 ma għandux japplika għal xi kontroll doganali marbut ma' livelli ogħla speċifiċi ta' periklu jew obbligi ta' kontroll stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Madankollu, l-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu l-ipproċessar, il-formalitajiet u l-kontrolli meħtieġa għall-kunsinni ddikjarati minn AEOS bħala prijorità.

Subtaqsima 2

Applikazzjoni għall-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat

Artikolu 26

Il-kundizzjonijiet sabiex tiġi aċċettata applikazzjoni għall-istatus ta' AEO

(Artikolu 22(2) tal-Kodiċi)

1. Minbarra l-kundizzjonijiet sabiex tiġi aċċettata applikazzjoni stipulati fl-Artikolu 11(1), sabiex japplika għall-istatus ta' AEO l-applikant għandu jissottometti kwestjonarju ta' awtovalutazzjoni, li l-awtoritajiet doganali għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni, flimkien mal-applikazzjoni.

2. Operatur ekonomiku għandu jissottometti applikazzjoni waħda għall-istatus ta' AEO li tkopri l-istabbilimenti kummerċjali permanenti tiegħu kollha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 27

Awtorità doganali kompetenti

(It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi)

Meta l-awtorità doganali kompetenti ma tistax tiġi stabbilita skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi jew l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru fejn l-applikant ikollu stabbiliment kummerċjali permanenti u fejn tinżamm jew hija aċċessibbli l-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' mmaniġġjar loġistiku ġenerali tiegħu fl-Unjoni, kif indikat fl-applikazzjoni.

Artikolu 28

Il-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjonijiet

(Artikolu 22(3) tal-Kodiċi)

1. Il-limitu ta' żmien sabiex tittieħed id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi jista' jiġi estiż b'perjodu massimu ta' 60 jum.

2. Meta jkun hemm proċedimenti kriminali pendenti li jnisslu magħhom dubji dwar jekk l-applikant jiddosisfax il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 39(a) tal-Kodiċi, il-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni għandu jiġi estiż biż-żmien meħtieġ sabiex jitlestew dawk il-proċedimenti.

Artikolu 29

Data tad-dħul fis-seħħ tal-awtorizzazzjoni ta' AEO

(Artikolu 22(4) tal-Kodiċi)

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 22(4) tal-Kodiċi, l-awtorizzazzjoni li tagħti l-istatus ta' AEO ("awtorizzazzjoni ta' AEO") għandha tidħol fis-seħħ ħamest ijiem wara li tittieħed id-deċiżjoni.

Artikolu 30

L-effetti legali ta' sospensjoni

(Artikolu 23(4)(b) tal-Kodiċi)

1. Meta awtorizzazzjoni ta' AEO tiġi sospiża minħabba n-nuqqas ta' konformità ma' xi wieħed mill-kriterji msemmijin fl-Artikolu 39 tal-Kodiċi, kwalunkwe deċiżjoni meħuda fir-rigward ta' dak l-AEO li tkun ibbażata fuq l-awtorizzazzjoni ta' AEO b'mod ġenerali jew fuq kwalunkwe wieħed mill-kriterju speċifiku li wassal għas-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' AEO, l-awtorità doganali li tkun ħadet dik id-deċiżjoni għandha tissospendiha.

2. Is-sospensjoni ta' deċiżjoni marbuta mal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali meħuda fir-rigward ta' AEO ma għandhiex twassal għas-sospensjoni awtomatika tal-awtorizzazzjoni ta' AEO.

3. Meta deċiżjoni marbuta ma' persuna li hija kemm AEOS kif ukoll operatur ekonomiku awtorizzat għas-simplifikazzjonijiet doganali kif imsemmi fl-Artikolu 38(2)(a) tal-Kodiċi (AEOC) tiġi sosipża skont

▼B

l-Artikolu 16(1) minħabba nuqqas ta' rispett tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(d) tal-Kodiċi, l-awtorizzazzjoni ta' AEOC tal-persuna għandha tiġi sospiża, iżda l-awtorizzazzjoni ta' AEOS tagħha għandha tibqa' valida.

Meta deċiżjoni marbuta ma' persuna li hija kemm AEOS kif ukoll AEOC tiġi sospiża skont l-Artikolu 16(1) minħabba nuqqas ta' rispett tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(e) tal-Kodiċi, l-awtorizzazzjoni ta' AEOS tal-persuna għandha tiġi sospiża, iżda l-awtorizzazzjoni ta' AEOC tagħha għandha tibqa' valida.

TITOLU II

FATTURI LI FUQ IL-BAŻI TAGĦHOM HUMA APPLIKATI D-DAZJI TAL-IMPORTAZZJONI JEW L-ESPORTAZZJONI U MIŻURI OĦRAJN MARBUTIN MAL-KUMMERĊ

KAPITOLU 1

L-oriġini tal-merkanzija

Taqsima 1

Oriġini mhux preferenzjali

Artikolu 31

Merkanzija miksuba kompletament f'pajjiż jew territorju wieħed

(Artikolu 60(1) tal-Kodiċi)

Il-merkanzija li ġejja għandha titqies li hija miksuba kompletament f'pajjiż jew territorju wieħed:

(a) prodotti minerali estratti fi ħdan dak il-pajjiż jew territorju;

(b) prodotti tal-ħxejjex maħsudin hemm;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemm;

(d) prodotti li ġejjin minn annimali ħajjin imrobbija hemm;

(e) prodotti tal-kaċċa jew tas-sajd li jsiru hemm;

(f) prodotti tas-sajd u prodotti oħrajn meħudin minn bastimenti rreġistrati fil-pajjiż jew territorju kkonċernat u t-titjir tal-bandiera ta' dak il-pajjiż jew territorju mill-baħar barra l-ilmijiet territorjali ta' kwalunkwe pajjiż;

(g) oġġetti miksubin jew prodotti abbord bastimenti fabbrika mill-prodotti msemmijin fil-punt (f) li joriġinaw f'dak il-pajjiż jew territorju, diment li t-tali bastimenti fabbrika jkunu rreġistrati f'dak il-pajjiż jew territorju u jtajru l-bandiera tiegħu;

▼B

(h) prodotti meħudin minn qiegħ il-baħar jew mis-sottoswol taħt qiegħ il-baħar barra l-ilmijiet territorjali diment li dak il-pajjiż jew territorju jkollu d-drittijiet esklussivi li jisfrutta dak il-qiegħ il-baħar jew is-sottoswol;

(i) prodotti mill-iskart u r-ruttam miġjubin minn operazzjonijiet tal-manifattura u oġġetti użati, jekk ikunu nġabru hemm u jkunu adattati biss għall-irkupru ta' materja prima;

(j) oġġetti prodotti hemm esklussivament minn prodotti speċifikati fil-punti (a) sa (i).

Artikolu 32

Prodotti li l-produzzjoni tagħhom tinvolvi iktar minn pajjiż jew territorju wieħed

(Artikolu 60(2) tal-Kodiċi)

Prodotti elenkati fl-Anness 22-01 għandhom jitqiesu li tkun saritilhom l-aħħar operazzjoni sostanzjali ta' pproċessar jew xogħol, li tirriżulta fil-manifattura ta' prodott ġdid jew li tirrappreżenta stadju importanti tal-manifattura, fil-pajjiż jew territorju fejn huma ssodisfati r-regoli stabbiliti f'dak l-Anness jew li huwa identifikat minn dawk ir-regoli.

Artikolu 33

Operati ta' pproċessar jew ta' ħidma li mhumiex iġġustifikati ekonomikament

(Artikolu 60(2) tal-Kodiċi)

Kull operat ta' pproċessar jew ta' ħidma mwettqa f'pajjiż jew territorju ieħor għandu jitqies mhux iġġustifikat ekonomikament jekk jiġi stabbilit, abbażi tal-fatti disponibbli, li l-iskop tat-tali operat kien li tiġi evitata l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 59 tal-Kodiċi.

Għall-oġġetti koperti mill-Anness 22-01, għandhom japplikaw ir-regoli residwali tal-Kapitolu għal dik il-merkanzija.

Għall-oġġetti mhux koperti mill-Anness 22-01, fejn l-aħħar operat ta' pproċessar jew ħidma ma jitqiesx iġġustifikat ekonomikament, għandu jitqies li l-oġġetti jkun sarilhom l-aħħar operat sostanzjali ġġustifikat ekonomikament ta' pproċessar jew ta' ħidma, li jirriżulta fil-manifattura ta' prodott ġdid jew li jirrappreżenta stadju importanti tal-manifattura, fil-pajjiż jew territorju fejn oriġinat il-parti l-kbira tas-sehem tal-materjali, kif stabbilit fuq il-bażi tal-valur tal-materjali.

Artikolu 34

Operazzjonijiet minimi

(Artikolu 60(2) tal-Kodiċi)

Dawn li ġejjin ma għandhomx jitqiesu li huma operazzjonijiet sostanzjali ġġustifikati ekonomikament ta' pproċessar jew xogħol għall-finijiet ta' għoti tal-oriġini:

▼B

(a) operazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-preservazzjoni ta' prodotti f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħżin (ventilazzjoni, tifrix, tnixxif, tneħħija ta' komponenti bil-ħsara u operazzjonijiet simili) jew operazzjonijiet li jiffaċilitaw il-vjeġġ jew it-trasport;

(b) operazzjonijiet sempliċi li jikkonsistu fit-tneħħija ta' trab, it-tnaqqija jew it-tgħarbil, it-tqassim, il-klassifikazzjoni, it-tqabbil, il-ħasil, it-tqattigħ;

(c) bidliet fl-imballaġġ u t-tifrid u l-immuntar ta' kunsinni, is-sempliċi tqegħid fi fliexken, laned, flasks, kaxex, it-twaħħil fuq karti jew bords, u l-operazzjonijiet sempliċi kollha l-oħrajn ta' imballaġġ;

(d) it-tqegħid ta' oġġetti f'settijiet jew gruppi jew it-tqegħid il-bejgħ;

(e) it-twaħħil ta' marki, tikketti jew sinjali simili oħrajn li jiddistingwu fuq prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;

(f) is-sempliċi mmuntar ta' komponenti ta' prodotti li jikkostitwixxu prodott sħiħ;

(g) iż-żarmar jew il-bidla tal-użu;

(h) taħlita ta' żewġ operazzjonijiet jew iktar speċifikati fil-punti (a) sa (g).

Artikolu 35

Aċċessorji, parts tal-bdil jew għodod

(Artikolu 60 tal-Kodiċi)

1. Aċċessorji, parts tal-bdil jew għodod li huma fornuti ma' kwalunkwe biċċa merkanzija elenkata fit-Taqsimiet XVI, XVII u XVIII tan-Nomenklatura Magħquda u li jagħmlu parti mit-tagħmir standard tiegħu għandhom jitqiesu li għandhom l-istess oriġini bħal dik il-merkanzija.

2. Parts tal-bdil essenzjali li jintużaw ma' kwalunkwe biċċa merkanzija elenkata fit-Taqsimiet XVI, XVII u XVIII tan-Nomenklatura Magħquda li tkun ġiet rilaxxata qabel għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni għandhom jitqiesu li għandhom l-istess oriġini bħal dawk l-oġġetti jekk l-inkorporazzjoni tal-parts tal-bdil essenzjali fl-istadju ta' produzzjoni ma tkunx bidlet l-oriġini tagħhom.

3. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, parts tal-bdil essenzjali għandha tfisser il-parts li huma:

(a) komponenti li mingħajrhom, it-tħaddim kif suppost ta' biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura li jkunu tpoġġew f'ċirkolazzjoni libera jew li jkunu ġew esportati preċedentament, ma jkunx jista' jiġi żgurat, u

(b) karatteristiċi ta' dawk l-oġġetti, u

(c) maħsubin għall-manutenzjoni normali tagħhom u sabiex jissostitwixxu parts tal-istess tip li jkunu bi ħsara jew li jkunu saru tali li ma jistax isir servis fuqhom.

▼B

Artikolu 36

L-elementi newtrali u l-imballaġġ

(Artikolu 60 tal-Kodiċi)

1. Sabiex jiġi stabbilit jekk l-oġġetti joriġinawx minn pajjiż jew territorju, l-oriġini tal-elementi li ġejjin ma għandhiex tiġi kkunsidrata:

(a) enerġija u fjuwil;

(b) impjant u tagħmir;

(c) magni u għodod;

(d) materjali li la jidħlu fil-kompożizzjoni finali tal-oġġetti u li lanqas ma jkunu maħsubin għal dan il-għan.

2. Meta, skont ir-regola ġenerali 5 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda stabbilita fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]), il-materjali ta' imballaġġ u l-kontenituri tal-imballaġġ jitqiesu li huma parti mill-prodott għal finijiet ta' klassifikazzjoni, dawn għandhom jiġu injorati għall-fini ta' stabbiliment tal-oriġini, ħlief meta r-regola fl-Anness 22-01 għall-oġġetti kkonċernati tkun ibbażata fuq perċentwal tal-valur miżjud.

Sezzjoni 2

Oriġini preferenzjali

Artikolu 37

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din is-Sezzjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'pajjiż benefiċjarju' tfisser pajjiż benefiċjarju tas-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (SĠP) elenkat fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(2) 'manifattura' tfisser kwalunkwe tip ta' xogħol jew ipproċessar inkluż assemblaġġ;

(3) 'materjali' tfisser kwalunkwe ingredjent, materja prima, komponent jew parti, eċċ, li tintuża fil-manifattura tal-prodott;

(4) 'prodott' tfisser il-prodott li jkun qed jiġi manifatturat, anke jekk ikun maħsub għal użu aktar tard f'operazzjoni oħra ta' manifattura;

(5) 'merkanzija' tfisser kemm materjali kif ukoll prodotti;

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

▼B

(6) 'akkumulazzjoni bilaterali' tfisser sistema li tippermetti li prodotti li joriġinaw fl-Unjoni jitqiesu bħala materjal li jkun oriġina f'pajjiż benefiċjarju meta jkomplu jiġu proċessati jew inkorporati fi prodott f'dak il-pajjiż benefiċjarju;

(7) 'akkumulazzjoni man-Norveġja, mal-Iżvizzera jew mat-Turkija' tfisser sistema li tippermetti li meta prodotti li joriġinaw fin-Norveġja, fl-Iżvizzera jew fit-Turkija jkomplu jiġu proċessati jew inkorporati fi prodott f'pajjiż benefiċjarju u jiġu importati fl-Unjoni jitqiesu bħala materjal li jkun oriġina f'dak il-pajjiż benefiċjarju;

▼M7

(8) 'akkumulazzjoni reġjonali' tfisser sistema li fiha l-prodotti li skont din it-Taqsima joriġinaw f'pajjiż li jkun membru ta' grupp reġjonali jkomplu jiġu proċessati jew inkorporati fi prodott li jiġi manifatturat f'pajjiż li jkun membru ta' grupp reġjonali jitqiesu bħala materjal li jkun oriġina f'pajjiż ieħor tal-istess grupp reġjonali (jew f'pajjiż ta' grupp reġjonali ieħor fejn tkun possibbli l-akkumulazzjoni bejn il-gruppi);

▼B

(9) 'akkumulazzjoni estiża' tfisser sistema, soġġetta għall-għoti mill-Kummissjoni, fuq talba preżentata minn pajjiż benefiċjarju u li meta fiha ċerti materjali, li joriġinaw f'pajjiż li miegħu l-Unjoni għandha fis-seħħ ftehim ta' kummerċ ħieles skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), jkomplu jiġu proċessati jew inkorporati fi prodott li jiġi manifatturat f'dak il-pajjiż jitqiesu bħala materjal li jkun oriġina fil-pajjiż benefiċjarju konċernat meta;

(10) 'materjali funġibbli' tfisser materjali li huma tal-istess tip u kwalità kummerċjali, bl-istess karatteristiċi tekniċi u fiżiċi, u li ladarba jiġu inkorporati fil-prodott lest ma jistgħux jintgħarfu minn xulxin;

(11) 'grupp reġjonali' tfisser grupp ta' pajjiżi li bejniethom tapplika l-akkumulazzjoni reġjonali;

(12) 'valur doganali' tfisser il-valur kif determinat skont il-Ftehim tal-1994 dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (Ftehim tad-WTO dwar il-Valutazzjoni Doganali);

(13) 'valur tal-materjali' tfisser il-valur doganali fil-ħin tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati, jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax jiġi aċċertat, l-ewwel prezz aċċertabbli mħallas għall-materjali fil-pajjiż tal-produzzjoni; fejn irid jiġi stabbilit il-valur tal-materjali oriġinarji użati, dan il-punt għandu jiġi applikat mutatis mutandis;

(14) 'prezz mill-fabbrika' tfisser il-prezz imħallas għall-prodott mill-fabbrika lill-manifattur li fl-impriża tiegħu jkun sar l-aħħar xogħol jew ipproċessar, bil-kundizzjoni li l-prezz ikun jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati u l-ispejjeż l-oħra kollha marbuta mal-produzzjoni tiegħu, li minnu tkun tnaqqset kwalunkwe taxxa interna li hija, jew li tista', titħallas lura meta l-prodott miksub jiġi esportat.

▼B

Meta l-prezz attwali mħallas ma jirriflettix l-ispejjeż kollha marbuta mal-manifattura tal-prodott li fil-fatt ikunu ntefqu fil-pajjiż ta' produzzjoni, il-prezz mill-fabbrika jfisser it-total ta' dawk l-ispejjeż kollha, li minnu tkun tnaqqset kwalunkwe taxxa interna li hija, jew li tista', titħallas lura meta l-prodott miksub jiġi esportat;

Meta l-aħħar xogħol jew ipproċessar ikun ġie sottokuntrattat lil manifattur, it-terminu 'manifattur' imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jirreferi għall-intrapriża li tkun impjegat is-sottokuntrattur.

(15) 'kontenut massimu ta' materjal mhux oriġinarju' tfisser il-kontenut massimu ta' materjal mhux oriġinarju li huwa permess sabiex manifattura titqies bħala xogħol jew ipproċessar suffiċjenti sabiex il-prodott jingħata status oriġinarju. Jista' jiġi espress bħala perċentwal tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika jew bħala perċentwal tal-piż nett ta' dawn il-materjali użati li jaqgħu taħt grupp speċifikat ta' kapitoli, kapitolu, intestatura jew subintestatura;

(16) 'piż nett' tfisser il-piż tal-merkanzija nnifisha mingħajr materjal ta' ppakkjar u kontenituri għall-ippakkjar ta' ebda tip;

(17) 'kapitoli', 'intestaturi' u 'subintestaturi' jfissru l-kapitoli, l-intestaturi u s-subintestaturi (kodiċi b'erba' jew b'sitt ċifri) użati fin-nomenklatura li tifforma s-Sistema Armonizzata bil-bidliet skont ir-Rakkomandazzjoni tas-26 ta' Ġunju 2004 tal-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali;

(18) 'klassifikat' tirreferi għall-klassifikazzjoni ta' prodott jew ta' materjal taħt intestatura jew subintestatura partikolari tas-Sistema Armonizzata;;

(19) 'kunsinna' tfisser prodotti li jew:

(a) jintbagħtu simultanjament minn esportatur wieħed lil destinatarju wieħed; jew

(b) ikunu koperti minn dokument uniku tat-trasport li jkopri t-trasportazzjoni tagħhom mill-esportatur lejn id-destinatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, b'fattura unika

(20) 'esportatur' tfisser persuna li tesporta l-merkanzija lejn l-Unjoni jew lejn pajjiż benefiċjarju li jkun kapaċi juru l-oriġini tal-prodotti, kemm jekk hu l-manifattur jew le u jekk huwa stess iwettaq il-formalitajiet tal-esportazzjoni jew le;

(21) 'esportatur reġistrat' tfisser:

(a) esportatur li jkun stabbilit f'pajjiż benefiċjarju u li jkun reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż benefiċjarju għall-fini tal-esportazzjoni ta' prodotti taħt l-iskema, kemm jekk lejn l-Unjoni jew lejn pajjiż benefiċjarju ieħor li miegħu tkun possibbli akkumulazzjoni reġjonali; jew

▼M3

(b) esportatur li jkun stabbilit fi Stat Membru u li jkun reġistrat mal-awtoritajiet doganali ta' dak l-Istat Membru għall-fini tal-esportazzjoni ta' prodotti li joriġinaw fl-Unjoni lejn pajjiż jew lejn territorju li magħhom l-Unjoni jkollha arranġament kummerċjali preferenzjali; jew

▼M3

(c) rikunsinnatur tal-merkanzija li jkun stabbilit fi Stat Membru u li jkun reġistrat mal-awtoritajiet doganali ta' dak l-Istat Membru għall-fini li jagħmel dikjarazzjonijiet ta' sostituzzjoni dwar l-oriġini sabiex prodotti oriġinarji jiġu rikunsinnati lejn post ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni jew, fejn ikun applikabbli, lejn in-Norveġja jew lejn l-Iżvizzera ("rikunsinnatur reġistrat");

▼B

(22) 'dikjarazzjoni dwar l-oriġini' tfisser dikjarazzjoni li ssir mill-esportatur jew mir-rikonsenjant tal-merkanzija li tindika li l-prodotti koperti minnha huma konformi mar-regoli tal-oriġini tal-iskema.

Subsezzjoni 1

Il-ħruġ jew it-tfassil ta' provi tal-oriġini

Artikolu 38

Mezzi għall-applikazzjoni għal u l-ħruġ ta' Ċertifikati ta' Informazzjoni INF 4

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

1. Applikazzjoni għaċ-Ċertifikat ta' Informazzjoni INF 4 tista' ssir permezz ta' mezzi oħra minbarra tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta u għandha tkun konformi mar-rekwiżiti ta' data elenkati fl-Anness 22-02.

2. Iċ-Ċertifikat ta' Informazzjoni INF 4 għandu jkun konformi mar-rekwiżiti ta' data elenkati fl-Anness 22-02.

Artikolu 39

Mezzi għall-applikazzjoni għal u l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ta' esportaturi approvati

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Applikazzjoni għall-istatus ta' esportatur approvat għall-finijiet tal-ħruġ ta' provi ta' oriġini preferenzjali tista' tiġi ppreżentata u l-awtorizzazzjoni ta' esportatur approvat tista' tinħareġ b'mezzi oħra minbarra tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

▼M3

Artikolu 40

Mezzi għall-applikazzjoni biex wieħed isir esportatur reġistrat u għall-iskambju ta' informazzjoni ma' esportaturi reġistrati

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Mezzi oħra għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta jistgħu jintużaw għal kull komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni b'rabta mal-applikazzjonijiet u mad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-istatus ta' esportatur reġistrat u b'rabta ma' kwalunkwe applikazzjoni u att sussegwenti marbuta mal-ġestjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet.

▼B

Subsezzjoni 2

Definizzjoni tal-Kunċett ta' Prodotti OriġinarjiApplikabbli fi ħdan il-qafas tal-SĠP tal-Unjoni

Artikolu 41

Prinċipji ġenerali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw f'pajjiż benefiċjarju:

(a) prodotti miksuba għalkollox f'dak il-pajjiż fis-sens tal-Artikolu 44;

(b) prodotti miksuba f'dak il-pajjiż li jinkorporaw materjali li ma jkunux inkisbu kompletament hemmhekk, sakemm dawn il-materjali jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti fis-sens tal-Artikolu 45.

Artikolu 42

Prinċipju ta' territorjalità

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subsezzjoni biex jinkiseb status oriġinarju għandhom jiġu sodisfatti fil-pajjiż benefiċjarju konċernat.

2. It-terminu 'pajjiż benefiċjarju' għandu jkopri u ma jistax jaqbeż il-limiti tal-baħar territorjali ta' dak il-pajjiż fis-sens tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (il-Konvenzjoni ta' Montego, l-10 ta' Diċembru 1982).

3. Jekk prodotti oriġinarji esportati mill-pajjiż benefiċjarju lejn pajjiż ieħor jiġu ritornati, għandhom jitqiesu bħala mhux oriġinarji sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodotti ritornati huma l-istess bħal dawk li ġew esportati, u

(b) ma jkunux ġew sottoposti għall-ebda operazzjoni oltre dak li jkun meħtieġ biex jiġu preservati f'kundizzjoni tajba waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt li jkunu qed jiġu esportati.

Artikolu 43

Nuqqas ta' manipulazzjoni

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Il-prodotti dikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni għandhom ikunu l-istess prodotti kif esportati mill-pajjiż benefiċjarju li fih jitqiesu li oriġinaw. Ma għandhomx ikunu ġew mibdula, b'xi mod

▼B

trasformati jew suġġetti għal operazzjonijiet għajr għal operazzjonijiet biex jiġu preservati f'kondizzjoni tajba jew iż-żieda jew it-twaħħil ta' marki, tikketti, siġilli jew kwalunkwe dokumentazzjoni oħra sabiex tiġi żgurata konformità ma' rekwiżiti domestiċi speċifiċi applikabbli fl-Unjoni, qabel ma jiġu dikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera.

2. Għall-finijiet ta' akkumulazzjoni skont l-Artikoli 53, 54, 55 jew 56 il-prodotti importati ġewwa pajjiż benefiċjarju għandhom ikunu l-istess prodotti kif esportati mill-pajjiż li fih jitqiesu li oriġinaw. M'għandhomx ikunu ġew mibdula, b'xi mod trasformati jew suġġetti għal operazzjonijiet għajr għal operazzjonijiet biex jiġu preservati f'kondizzjoni tajba, qabel ma jiġu dikjarati għall-proċedura doganali rilevanti fil-pajjiż ta' importazzjoni.

3. Il-prodotti jistgħu jiġu maħżuna sakemm dawn jibqgħu taħt sorveljanza doganali fil-pajjiż jew fil-pajjiżi ta' tranżitu.

4. Il-qsim ta' kunsinni jista' jseħħ meta dan isir mill-esportatur jew taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm il-merkanzija konċernata tibqa' taħt is-sorveljanza doganali fil-pajjiż jew fil-pajjiżi ta' tranżitu.

5. Il-konformità mal-paragrafu 1 sa 4 għandha titqies bħala sodisfatta sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkollhomx raġuni biex jemmnu l-kuntrarju; f'każijiet bħal dawn, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lid-dikjarant biex jipprovdi evidenza ta' konformità, li tista' tingħata bi kwalunkwe mezz, inklużi dokumenti kontrattwali tat-trasport bħal poloz ta' kargu jew evidenza fattwali jew konkreta bbażata fuq l-immarkar jew in-numerazzjoni ta' pakketti jew kwalunkwe evidenza relatata mal-merkanzija nnifisha.

Artikolu 44

Merkanzija miksuba għalkollox f'pajjiż wieħed

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba għalkollox f'pajjiż benefiċjarju:

(a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tiegħu;

(b) pjanti u prodotti veġetali mkabbra jew maħsuda hemmhekk;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;

(e) prodotti minn annimali maqtula mwielda u mrobbija hemmhekk;

(f) prodotti miksuba mill-kaċċa jew mis-sajd li sar hemmhekk;

(g) prodotti tal-akwakultura fejn il-ħut, il-krustaċji u l-molluski twieldu u trabbew hemmhekk;

(h) prodotti tas-sajd marittimu u prodotti oħra meħuda mill-baħar barra xi baħar territorjali mill-bastimenti tiegħu;

▼B

(i) prodotti magħmula abbord il-bastimenti fabbriki tiegħu esklussivament mill-prodotti msemmija fil-punt (h);

(j) oġġetti użati miġbura hemmhekk tajbin biss għall-irkupru ta' materja prima;

(k) skart u ruttam li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura mwettqa hemmhekk;

(l) prodotti estratti mill-qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar li jinsab barra minn xi baħar territorjali imma fejn għandu drittijiet esklussivi ta' esplojtazzjoni;

(m) oġġetti prodotti hemmhekk esklussivament minn prodotti speċifikati fil-punti (a) sa (l).

2. It-termini 'il-bastimenti tiegħu' u 'il-bastimenti fabbriki tiegħu' fil-paragrafu 1(h) u (i) għandhom japplikaw biss għal bastimenti u għal bastimenti fabbriki li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) ikunu reġistrati fil-pajjiż benefiċjarju jew fi Stat Membru;

(b) ibaħħru taħt il-bandiera tal-pajjiż benefiċjarju jew ta' Stat Membru;

(c) jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikunu tal-inqas 50 % proprjetà ta' ċittadini tal-pajjiż benefiċjarju jew tal-Istati Membri, jew

(ii) ikunu l-propjetà ta' kumpaniji:

— li jkollhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom u l-post ewlieni tan-negozju tagħhom fil-pajjiż benefiċjarju jew fl-Istati Membri, u

— ikunu tal-inqas 50 % proprjetà tal-pajjiż benefiċjarju jew tal-Istati Membri jew ta' entitajiet pubbliċi jew ta' ċittadini tal-pajjiż benefiċjarju jew tal-Istati Membri.

3. Kull kundizzjoni tal-paragrafu 2 tista' tiġi sodisfatta fl-Istati Membri jew f'pajjiżi benefiċjarji differenti sakemm il-pajjiżi benefiċjarji kollha nvoluti jibbenefikaw minn akkumulazzjoni reġjonali skont l-Artikolu 55(1) u (5). F'dan il-każ, l-oriġini tal-prodotti għandha titqies li hija l-pajjiż benefiċjarju fejn ikun reġistrat il-bastiment jew il-vapur fabbrika b'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 2.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss sakemm ikunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 55(2)(a), (c) u (d).

Artikolu 45

Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 47 u 48, prodotti li ma jkunux miksuba għalkollox fil-pajjiż benefiċjarju konċernat fis-sens tal-Artikolu 44 għandhom jitqiesu bħala li oriġinaw minn hemm, sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Anness 22-03-DA għall-merkanzija konċernata.

▼B

2. Jekk prodott li jkun kiseb status oriġinarju f'pajjiż skont il-paragrafu 1 jiġi pproċessat aktar f'dak il-pajjiż u jintuża bħala materjal fil-manifattura ta' prodott ieħor, ma għandha tingħata l-ebda kunsiderazzjoni tal-materjal mhux oriġinarju li seta' ntuża fil-manifattura tiegħu.

Artikolu 46

Medji

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Id-determinazzjoni dwar jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 45(1) ikunux ġew sodisfatti, għandha ssir għal kull prodott.

Madanakollu, fejn ir-regola rilevanti tkun ibbażata fuq konformità ma' kontenut massimu ta' materjal mhux oriġinarju, sabiex jitqiesu l-fluttwazzjonijiet fil-kosti u fir-rati tal-kambju, il-valur tal-materjali mhux oriġinarji jista' jiġi kalkulat fuq bażi medja kif stabbilit fil-paragrafu 2.

2. Fil-każ imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, il-prezz medju mill-fabbrika tal-prodott u l-valur medju ta' materjali mhux oriġinarji użati għandhom jiġu kalkulati rispettivament abbażi tat-total tal-prezzijiet mill-fabbrika ċċarġjati għall-bejgħ kollu tal-prodotti li jkun sar matul is-sena fiskali preċedenti u t-total tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji kollha li jkunu ntużaw fil-manifattura tal-prodotti matul is-sena fiskali preċedenti kif definit fil-pajjiż ta' esportazzjoni, jew, fejn iċ-ċifri għal sena fiskali sħiħa ma jkunux disponibbli, perjodu iqsar li ma għandux ikun iqsar minn tliet xhur.

3. L-esportaturi li jkunu għażlu kalkoli fuq bażi medja għandhom japplikaw dan il-metodu b'mod konsistenti matul is-sena ta' wara s-sena fiskali ta' referenza, jew, fejn ikun xieraq, matul is-sena ta' wara l-perjodu iqsar li jkun intuża bħala referenza. Meta matul sena fiskali partikolari jew matul perjodu rappreżentattiv iqsar ta' mhux anqas minn tliet xhur jirreġistraw li l-fluttwazzjonijiet fil-kosti jew fir-rati tal-kambju li jkunu ġġustifikaw dan l-użu ma jibqgħux japplikaw, jistgħu ma jkomplux japplikawx dan il-metodu.

4. Sabiex tiġi stabbilita konformità mal-kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinarji, il-medji msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jintużaw bħala l-prezz mill-fabbrika u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji rispettivament.

Artikolu 47

Xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti biex jiġi konferit l-istatus ta' prodotti oriġinarji, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 45 ikunu sodisfatti u kemm jekk le:

(a) operazzjonijiet ta' preservazzjoni biex jiġi żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħżin;

▼B

(b) żmuntar u assemblaġġ ta’ pakketti;

(c) ħasil, tindif, tneħħija ta’ trab, ossidu, żejt, żebgħa jew ta’ kisi ieħor;

(d) mogħdija jew pressa ta’ tessuti u ta’ oġġetti tessili;

(e) operazzjonijiet sempliċi ta’ żebgħa jew lostru;

(f) tfesdiq, tħin parzjali jew totali tar-ross, illostrar, u glejżjar ta’ ċereali u ross;

(g) operazzjonijiet biex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew biex jiġu ffurmati zokkriet; tħin parzjali jew totali ta’ zokkor kristallizzat;

(h) tqaxxir, tneħħija tal-għadam jew fsiq ta’ frott, ta’ ġewż u ta’ ħaxix;

(i) tisnin, tħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;

(j) għarbil, skrinjar, issortjar, klassifikar, iggradar, tqabbil (inkluż biex jiġu kostitwiti settijiet ta’ oġġetti);

(k) tqegħid sempliċi fi fliexken, f’laned, fi flasks, f’boroż, f’kontenituri, f’kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-operazzjonijiet sempliċi l-oħra kollha ta’ ppakkjar;

(l) twaħħil jew stampar ta’ marki, tikketti, logos u oħrajn bħal sinjali distintivi fuq il-prodotti jew fuq l-ippakkjar tagħhom;

(m) taħlit sempliċi ta’ prodotti, kemm jekk ta’ tipi differenti kif ukoll jekk le; taħlit ta’ zokkor ma’ xi materjal;

(n) żieda sempliċi ta’ ilma jew id-dilwizzjoni jew it-tnixxif jew id-denaturazzjoni ta’ prodotti;

(o) assemblaġġ sempliċi ta’ partijiet ta’ oġġetti sabiex jiġi kostitwit prodott sħiħ jew iż-żarmar ta’ prodotti f’partijiet;

(p) tbiċċir ta’ annimali;

(q) kombinazzjoni ta’ żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati fil-punti (a) sa (p).

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, operazzjonijiet għandhom jitqiesu sempliċi meta la jkunu jeħtieġu ħiliet speċjali u lanqas magni, apparat jew għodda prodotta jew installata apposta sabiex jitwettqu dawk l-operazzjonijiet.

▼B

3. Meta jkun qed jiġi determinat jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun sar fuq prodott partikulari għandux jitqies bħala insuffiċjenti fis-sens tal-paragrafu 1, għandhom jitqiesu l-operazzjonijiet kollha li jkunu saru fuq dak il-prodott f'pajjiż benefiċjarju.

Artikolu 48

Tolleranza ġenerali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 45 u soġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, materjali mhux oriġinarji li, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Anness 22-03 ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott speċifiku jistgħu xorta jintużaw, sakemm il-valur totali tagħhom jew il-piż nett ivvalutat għall-prodott ma jaqbiżx:

(a) 15 % tal-piż tal-prodott għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 2 u 4 sa 24 tas-Sistema Armonizzata, ħlief għal prodotti proċessati tas-sajd tal-Kapitolu 16;

(b) 15 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika għal prodotti oħrajn, ħlief għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata, li għalihom għandhom japplikaw it-tolleranzi msemmija fin-Noti 6 u 7 tal-Parti I tal-Anness 22-03.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jippermetti li jinqabeż xi wieħed mill-perċentwali għall-kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinarji kif speċifikat fir-regoli stabbiliti fil-lista fl-Anness 22-03.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal prodotti li jkunu miksuba għalkollox f'pajjiż benefiċjarju fis-sens tal-Artikolu 44. Madankollu, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 47 u 49(2), it-tolleranza prevista f'dawk il-paragrafi għandha xorta tapplika għat-total tal-materjali kollha li jintużaw fil-manifattura ta' prodott u li għaliha r-regola stabbilita fil-lista fl-Anness 22-03 għal dak il-prodott titlob li tali materjali jkunu miksuba għalkollox.

Artikolu 49

Unità ta' kwalifika

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Meta tkun qed tiġi determinata l-klassifikazzjoni permezz tas-Sistema Armonizzata, l-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din is-Subsezzjoni għandha tkun il-prodott partikolari li huwa meqjus bħala l-unità bażika.

2. Meta kunsinna tkun tikkonsisti minn għadd ta' prodotti identiċi klassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din is-Subsezzjoni.

3. Meta, taħt ir-regola Ġenerali Interpretattiva 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifika, għandu jiġi inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-oriġini.

▼B

Artikolu 50

Aċċessorji, spare parts u għodda

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Aċċessorji, spare parts u għodda mibgħuta ma' biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura li jkunu parti mit-tagħmir normali u jkunu nklużi fil-prezz mill-fabbrika tagħhom, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mill-biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura inkwistjoni.

Artikolu 51

Settijiet

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Settijiet, kif definiti fir-regola Ġenerali Interpretattiva 3 (b) tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala oriġinarji meta l-prodotti komponenti kollha jkunu prodotti oriġinarji.

Meta sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u prodotti mhux oriġinarji, is-sett kollu għandu madankollu jitqies bħala oriġinarju, sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jaqbiżx 15 % tal-prezz tas-sett mill-fabbrika.

Artikolu 52

Elementi newtrali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Sabiex jiġi determinat jekk prodott ikunx prodott oriġinarju, ma għandhiex titqies l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) l-enerġija u l-fjuwil;

(b) l-impjant u t-tagħmir;

(c) il-magni u l-għodda;

(d) kwalunkwe prodott ieħor li ma jidħolx, u li ma jkunx maħsub li jidħol, fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

Subsezzjoni 3

Regoli dwar l-Akkumulazzjoni u l-Immaniġġjar ta' stokkijiet ta' materjaliApplikabbli fil-qafas tal-SĠP tal-Unjoni

Artikolu 53

Akkumulazzjoni bilaterali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Akkumulazzjoni bilaterali għandha tippermetti li meta prodotti li joriġinaw fl-Unjoni jiġu inkorporati fi prodott manifatturat f'dak il-pajjiż jitqiesu bħala materjali li jkunu oriġinaw f'pajjiż benefiċjarju, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun sar hemmhekk imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 47(1).

▼M3

L-Artikoli 41 sa 52 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 108 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal esportazzjonijiet mill-Unjoni lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.

▼B

Artikolu 54

Akkumulazzjoni man-Norveġja, mal-Iżvizzera jew mat-Turkija

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Akkumulazzjoni man-Norveġja, mal-Iżvizzera jew mat-Turkija għandha tippermetti li prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi jitqiesu bħala materjali li jkunu oriġinaw f'pajjiż benefiċjarju sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun sar hemmhekk imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 47(1).

2. L-akkumulazzjoni man-Norveġja, mal-Iżvizzera jew mat-Turkija ma għandhiex tapplika għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata.

Artikolu 55

Akkumulazzjoni reġjonali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. L-akkumulazzjoni reġjonali għandha tapplika għall-erba' gruppi reġjonali separati li ġejjin:

(a) Grupp I: il-Brunej, il-Kambodja, l-Indoneżja, il-Laos, il-Malasja, il-Myanmar/Burma, il-Filippini, it-Tajlandja, il-Vjetnam;

(b) Grupp II: il-Bolivja, il-Kolombja, il-Kosta Rika, l-Ekwador, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, in-Nikaragwa, il-Panama, il-Perù, il-Venezwela;

(c) Grupp III: il-Bangladexx, il-Bhutan, l-Indja, il-Maldivi, in-Nepal, il-Pakistan, is-Sri Lanka;

(d) Grupp IV: l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj.

2. Akkumulazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi fl-istess grupp għandha tapplika biss meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pajjiżi nvoluti fl-akkumulazzjoni jkunu, fil-ħin tal-esportazzjoni tal-prodott lejn l-Unjoni, pajjiżi benefiċjarji li għalihom l-arranġamenti preferenzjali ma jkunux ġew temporanjament irtirati skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012;

(b) għall-fini ta' akkumulazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi ta' grupp reġjonali japplikaw ir-regoli tal-oriġini stabbiliti fis-Subsezzjoni 2;

(c) il-pajjiżi tal-grupp reġjonali jkunu impenjaw ruħhom:

(i) li jikkonformaw jew li jiżguraw il-konformità ma' din is-Subsezzjoni, u

▼B

(ii) li jipprovdu l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din is-Subsezzjoni kemm fir-rigward tal-Unjoni u bejniethom;

(d) l-impriżi msemmija fil-punt (c) ikunu ġew notifikati lill-Kummissjoni mis-Segretarjat tal-grupp reġjonali konċernat jew minn korp konġunt kompetenti ieħor li jirrappreżenta lill-membri kollha tal-grupp inkwistjoni.

Għall-fini tal-punt (b), fejn l-operazzjoni kwalifikanti stabbilita fil-Parti II tal-Anness 22-03 ma tkunx l-istess għall-pajjiżi kollha nvoluti fl-akkumulazzjoni, l-oriġini tal-prodotti esportati minn pajjiż għal pajjiż ieħor tal-grupp reġjonali għall-fini ta' akkumulazzjoni reġjonali għandha tiġi determinata abbażi tar-regola li tapplika kieku l-prodotti kienu qed jiġu esportati lejn l-Unjoni.

Fejn pajjiżi fi grupp reġjonali jkunu diġà ikkonformaw mal-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu qabel l-1 ta' Jannar 2011, ma għandux ikun meħtieġ impenn ġdid.

3. Il-materjali elenkati fl-Anness 22-04 għandhom jiġu eskluži mill-akkumulazzjoni reġjonali prevista fil-paragrafu 2 fil-każ fejn:

(a) il-preferenza tariffarja applikabbli fl-Unjoni ma tkunx l-istess għall-pajjiżi kollha nvoluti fl-akkumulazzjoni; u

(b) permezz ta' akkumulazzjoni, il-materjali konċernati sejrin jibbenefikaw minn trattament tariffarju aktar favorevoli minn dak li kieku kienu jibbenefikaw minnu jekk jiġu esportati direttament lejn l-Unjoni.

▼M3

4. L-akkumulazzjoni reġjonali bejn pajjiżi benefiċjarji fl-istess grupp reġjonali għandha tapplika biss bil-kundizzjoni li x-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fil-pajjiż benefiċjarju fejn il-materjali jkomplu jiġu proċessati jew inkorporati jmur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 47(1) u, fil-każ ta' prodotti tessili, anke lil hinn mill-operazzjonijiet stabbiliti fl-Anness 22-05.

Meta l-kundizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu ma tkunx issodisfata, il-pajjiż li jrid jiġi ddikjarat bħala l-pajjiż tal-oriġini fuq il-prova tal-oriġini li tinħareġ jew li ssir għall-finijiet tal-esportazzjoni tal-prodotti lejn l-Unjoni għandu jkun il-pajjiż tal-grupp reġjonali fejn joriġina l-ogħla sehem tal-valur tal-materjali li ntużaw fil-manifattura tal-prodott finali.

▼B

5. Fuq talba tal-awtoritajiet ta' pajjiż benefiċjarju tal-Grupp I jew tal-Grupp III, il-Kummissjoni tista' tagħti akkumulazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi ta' dawk il-gruppi, sakemm il-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2(a) u (b) huma sodisfatti, u

(b) il-pajjiżi li se jkunu nvoluti f'din l-akkumulazzjoni reġjonali impenjaw ruħhom, u konġuntament innotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħhom:

(i) li jikkonformaw jew jiżguraw il-konformità ma' din is-Subsezzjoni, Subsezzjoni 2 u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-regoli ta' oriġini u

▼B

(ii) li jipprovdu l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din is-Subsezzjoni u tas-Subsezzjoni 2 sa 2H kemm fir-rigward tal-Unjoni u bejniethom.

It-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun appoġġjata minn evidenza li turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak is-subparagrafu huma sodisfatti. Għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba billi tqis l-elementi kollha marbuta mal-akkumulazzjoni meqjusa rilevanti, inklużi l-materjali li għandhom jiġu akkumulati.

▼M3

6. Meta tingħata, l-akkumulazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi benefiċjarji tal-Grupp I jew tal-Grupp III għandha tippermetti li l-materjali li joriġinaw f'pajjiż ta' grupp reġjonali wieħed jitqiesu bħala materjali li jkunu oriġinaw f'pajjiż tal-grupp reġjonali l-ieħor meta jiġu inkorporati fi prodott miksub hemmhekk, diment li x-xogħol jew l-ipproċessar li jsir fil-pajjiż benefiċjarju tal-aħħar imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 47(1) u, fil-każ ta' prodotti tessili, anke lil hinn mill-operazzjonijiet stabbiliti fl-Anness 22-05.

Meta l-kundizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu ma tkunx issodisfata, il-pajjiż li jrid jiġi ddikjarat bħala l-pajjiż tal-oriġini fuq il-prova tal-oriġini għall-finijiet tal-esportazzjoni tal-prodotti lejn l-Unjoni għandu jkun il-pajjiż li jipparteċipa fl-akkumulazzjoni fejn joriġina l-ogħla sehem tal-valur tal-materjali li ntużaw fil-manifattura tal-prodott finali.

▼B

7. Il-Kummissjoni se tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje Ċ) id-data li fiha tidħol fis-seħħ l-akkumulazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Grupp I u tal-Grupp III prevista fil-paragrafu 5, il-pajjiżi nvoluti f'dik l-akkumulazzjoni u, fejn xieraq, il-lista tal-materjali li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni.

▼M3

8. L-Artikoli 41 sa 52 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 108 sa 111 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal esportazzjonijiet minn pajjiż benefiċjarju għal ieħor għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.

▼B

Artikolu 56

Akkumulazzjoni estiża

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Fuq talba ta' kwalunkwe awtorità ta' pajjiż benefiċjarju, il-Kummissjoni tista' tagħti akkumulazzjoni estiża bejn pajjiż benefiċjarju u pajjiż li miegħu l-Unjoni Ewropea jkollha fis-seħħ ftehim ta' kummerċ ħieles skont l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pajjiżi nvoluti fl-akkumulazzjoni jkunu impenjaw ruħhom li jikkonformaw jew jiżguraw il-konformità ma' din is-Subsezzjoni, Subsezzjoni 2 u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-regoli ta' oriġini u li jipprovdu l-kooperazzjoni amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din is-Subsezzjoni u tas-Subsezzjoni 2 kemm fir-rigward tal-Unjoni kif ukoll bejniethom;

▼B

(b) l-impenn imsemmi fil-punt (a) ikun ġie nnotifikat lill-Kummissjoni mill-pajjiż benefiċjarju konċernat.

It-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkun fiha lista tal-materjali li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni u għandha tkun appoġġjata minn evidenza li turi li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu huma sodisfatti. Għandha tkun indirizzata lill-Kummissjoni. Meta l-materjali konċernati jinbidlu, għandha tiġi preżentata talba oħra.

Materjali li jaqgħu taħt il-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata għandhom ikunu eskluži mill-akkumulazzjoni estiża.

2. F'każijiet ta' akkumulazzjoni estiża msemmija fil-paragrafu 1, l-oriġini tal-materjali użati u l-prova dokumentata tal-oriġini applikabbli għandhom jiġu determinati skont ir-regoli stabbiliti fil-ftehim rilevanti ta' kummerċ ħieles. L-oriġini tal-prodotti li se jiġu esportati lejn l-Unjoni għandha tiġi determinata skont ir-regoli tal-oriġini stabbiliti fis-Subsezzjoni 2.

Sabiex il-prodott miksub jikseb status oriġinarju, ma għandux ikun meħtieġ li l-materjali li joriġinaw f'pajjiż li miegħu l-Unjoni għandha ftehim ta' kummerċ ħieles u li jintużaw f'pajjiż benefiċjarju fil-manifattura tal-prodott li se jiġi esportat lejn l-Unjoni jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti, sakemm ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun sar fil-pajjiż benefiċjarju konċernat imur lil hinn mill-operazzjonijiet deskritti fl-Artikolu 47(1).

3. Il-Kummissjoni se tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje Ċ) id-data li fiha tidħol fis-seħħ l-akkumulazzjoni estiża, il-pajjiżi nvoluti f'dik l-akkumulazzjoni u l-lista tal-materjali li għalihom tapplika l-akkumulazzjoni.

Artikolu 57

L-applikazzjoni ta' akkumulazzjoni bilaterali jew ta' akkumulazzjoni man-Norveġja, mal-Iżvizzera jew mat-Turkija flimkien ma' akkumulazzjoni reġjonali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Meta l-akkumulazzjoni bilaterali jew l-akkumulazzjoni man-Norveġja, mal-Iżvizzera jew mat-Turkija tintuża flimkien ma' akkumulazzjoni reġjonali, il-prodott miksub għandu jikseb l-oriġini ta' wieħed mill-pajjiżi tal-grupp reġjonali konċernat, li tiġi determinata skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 55(4) jew, fejn ikun xieraq, mal-ewwel u mat-tieni subparagrafi tal-Artikolu 55(6).

Artikolu 58

Segregazzjoni tal-kontabbiltà tal-istokkijiet ta' materjali tal-esportaturi tal-Unjoni

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Jekk fix-xogħol jew fl-ipproċessar ta' prodott jintużaw materjali funġibbli oriġinarji u mhux oriġinarji, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu, fuq talba bil-miktub ta' operaturi ekonomiċi stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni, jawtorizzaw il-ġestjoni ta' materjali fl-Unjoni permezz tal-metodu ta' segregazzjoni tal-kontabbiltà għall-fini tal-esportazzjoni sussegwenti lejn pajjiż benefiċjarju fil-qafas ta' akkumulazzjoni bilaterali, mingħajr il-ħtieġa li l-materjali jinżammu fi stokkijiet separati.

▼B

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jagħmlu l-għoti tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 suġġett għal kwalunkwe kundizzjoni li jqisu xierqa.

L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk permezz tal-użu tal-metodu msemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi żgurat li, fi kwalunkwe ħin, il-kwantità ta' prodotti miksuba li jistgħu jitqiesu bħala 'li joriġinaw fl-Unjoni' tkun l-istess bħall-għadd li kien jinkiseb kieku jintuża l-metodu ta' segregazzjoni fiżika tal-istokkijiet.

Jekk jiġi awtorizzat, il-metodu għandu jiġi applikat u l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi reġistrata abbażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà applikabbli fl-Unjoni.

3. Il-benefiċjarju tal-metodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħmel jew, sakemm tiġi applikata s-sistema ta' esportatur reġistrat, japplika għall-provi tal-oriġini għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jitqiesu bħala oriġinarji fl-Unjoni. Fuq talba tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, il-benefiċjarju għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar kif ikunu ġew ġestiti l-kwantitajiet.

4. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-użu li jsir mill-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) id-detentur jagħmel użu mhux xieraq mill-awtorizzazzjoni bi kwalunkwe mod possibbli, jew

(b) id-detentur jonqos milli jissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subsezzjoni, Subsezzjoni 2 u d-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-regoli ta' oriġini.

Subsezzjoni 4

Definizzjoni tal-kunċett ta' Prodotti Oriġinarji applikabbli fil-qafas tar-Regoli tal-Oriġini għall-fini ta' miżuri preferenzjali tariffarji adottati unilateralment mill-Unjoni għal ċerti pajjiżi jew territorji

Artikolu 59

Rekwiżiti ġenerali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Għall-fini tad-dispożizzjonijiet dwar il-miżuri preferenzjali tariffarji adottati unilateralment mill-Unjoni għal ċerti pajjiżi, gruppi ta' pajjiżi jew territorji (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'pajjiż jew territorju benefiċjarju'), bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fis-Subsezzjoni 2 ta' din is-Sezzjoni u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej assoċjati mal-Unjoni, il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala prodotti li jkunu oriġinaw f'pajjiż jew territorju benefiċjarju:

(a) prodotti miksuba għalkollox f'dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju fis-sens tal-Artikolu 60;

▼B

(b) prodotti miksuba f'dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju, li fil-manifattura tagħhom ikunu ntużaw prodotti oħra minbarra dawk imsemmija fil-punt (a), sakemm dawk il-prodotti jkunu għaddew minn xogħol jew ipproċessar suffiċjenti fis-sens tal-Artikolu 61.

2. Għall-fini ta' din is-Subsezzjoni, prodotti li joriġinaw fl-Unjoni, fis-sens tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikoli, li jiġu soġġetti għal xogħol jew ipproċessar f'pajjiż jew territorju benefiċjarju li jmur lil hinn minn dak deskritt fl-Artikolu 62 għandhom jitqiesu bħala li jkunu oriġinaw f'dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju.

3. Sabiex tiġi stabbilita l-oriġini tal-prodotti miksuba fl-Unjoni l-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 60

Prodotti miksuba għalkollox

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba għalkollox f'pajjiż jew territorju benefiċjarju jew fl-Unjoni:

(a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tiegħu;

(b) prodotti veġetali maħsuda hemmhekk;

(c) annimali ħajjin imwielda u mrobbija hemmhekk;

(d) prodotti minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;

(e) prodotti minn annimali maqtula mwielda u mrobbija hemmhekk;

(f) prodotti miksuba mill-kaċċa jew mis-sajd li sar hemmhekk;

(g) prodotti tas-sajd marittimu u prodotti oħra meħuda mill-baħar barra l-ibħra territorjali mill-bastimenti tiegħu;

(h) prodotti magħmula abbord il-bastimenti fabbriki tiegħu esklussivament mill-prodotti msemmija f'(g);

(i) oġġetti użati miġbura hemmhekk, tajbin biss għall-irkupru ta' materja prima;

(j) skart u ruttam li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' manifattura mwettqa hemmhekk;

(k) prodotti estratti minn qiegħ il-baħar jew minn taħt qiegħ il-baħar barra l-ibħra territorjali tiegħu iżda fejn il-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew Stat Membru għandu drittijiet esklussivi ta' esplojtazzjoni;;

(l) oġġetti prodotti hemm esklussivament minn prodotti speċifikati f'(a) sa (k).

▼B

2. It-termini 'il-bastimenti tiegħu' u 'il-bastimenti fabbriki tiegħu' fil-paragrafu 1(g) u (h) għandhom japplikaw biss għal bastimenti u għal bastimenti fabbriki li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu reġistrati jew iskritti fil-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew fi Stat Membru;

(b) ibaħħru taħt il-bandiera ta' pajjiż jew territorju benefiċjarju jew ta' Stat Membru;

(c) ikunu tal-anqas 50 % proprjetà ta' ċittadini tal-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew tal-Istati Membri jew ta' kumpanija li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew f'wieħed mill-Istati Membri, li l-maniġer jew il-maniġers, il-president tal-bord tad-diretturi jew tal-bord ta' sorveljanza, u l-maġġoranza tal-membri ta' dawn il-bordijiet ikunu ċittadini ta' dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew tal-Istati Membri u li minn dawn, barra minn hekk, fil-każ ta' kumpaniji, tal-anqas nofs il-kapital jappartjeni għal dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew għall-Istati Membri jew għal korpi pubbliċi jew ċittadini ta' dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew għall-Istati Membri;

(d) il-kaptan u l-uffiċjali tal-bastimenti u tal-bastimenti fabbriki jkunu ċittadini tal-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew tal-Istati Membri;

(e) tal-anqas 75 % tal-ekwipaġġ ikunu ċittadini tal-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew tal-Istati Membri.

3. It-termini 'pajjiż jew territorju benefiċjarju' u 'Unjoni' għandhom ikopru wkoll l-ibħra territorjali ta' dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew tal-Istati Membri.

4. Bastimenti li joperaw fl-ibħra internazzjonali, fosthom bastimenti fabbriki li fuqhom jinħadem jew jiġi proċessat il-ħut li jinqabad, għandhom jitqiesu bħala parti mit-territorju tal-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew tal-Istat Membru li jappartjenu għalih, sakemm dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

Artikolu 61

Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Għall-fini tal-Artikolu 59, prodotti li ma jkunux miksuba għalkollox f'pajjiż jew territorju benefiċjarju jew fl-Unjoni għandhom jitqiesu li jkunu maħduma jew ipproċessati biżżejjed sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista fl-Anness 22-11.

Dawk il-kundizzjonijiet jindikaw, għall-prodotti kollha koperti minn din is-Subsezzjoni, ix-xogħol jew l-ipproċessar li għandu jsir fuq materjal mhux oriġinarju użat fil-manifattura u japplikaw biss fir-rigward ta' dan il-materjal.

▼B

Jekk prodott li jkun kiseb status oriġinarju billi jkun issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kundizzjonijiet applikabbli għall-prodott li fih ikun ġie inkorporat ma japplikawx għalih, u ma għandha tingħata l-ebda kunsiderazzjoni tal-materjal mhux oriġinarju li seta' ntuża fil-manifattura tiegħu.

Artikolu 62

Xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar insuffiċjenti biex jingħata l-istatus ta' prodotti oriġinarji, kemm jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 61 ikunu sodisfatti u kemm jekk le:

(a) operazzjonijiet ta' preservazzjoni biex jiġi żgurat li l-prodotti jibqgħu f'kundizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħżin;

(b) żmuntar u assemblaġġ ta' pakketti;

(c) ħasil, tindif, tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa jew ta' kisi ieħor;

(d) mogħdija jew pressa tat-tessuti u ta' oġġetti tessili;

(e) operazzjonijiet sempliċi ta' żebgħa jew lostru;

(f) tfesdiq, tħin parzjali jew totali, illostrar, u glejżjar ta' ċereali u ross;

(g) operazzjonijiet biex jingħata l-kulur jew it-togħma liz-zokkor jew biex jiġu ffurmati zokkriet; tħin parzjali jew totali taz-zokkor;

(h) tqaxxir, tneħħija tal-għadam u fsiq, ta' frott, ta' ġewż u ta' ħaxix;

(i) tisnin, tħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;

(j) għarbil, skrinjar, issortjar, klassifikar, iggradar, tqabbil (inkluż biex jiġu kostitwiti settijiet ta' oġġetti);

(k) tqegħid sempliċi fi fliexken, f'laned, fi flasks, f'boroż, f'kontenituri, f'kaxxi, twaħħil fuq kartun jew twavel u l-operazzjonijiet sempliċi l-oħra kollha ta' ppakkjar;

(l) twaħħil jew stampar ta' marki, tikketti, logos u oħrajn bħal sinjali distintivi fuq il-prodotti jew fuq l-ippakkjar tagħhom;

(m) taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti kif ukoll jekk le; taħlit ta' zokkor ma' xi materjal;

(n) żieda sempliċi ta' ilma jew id-dilwizzjoni jew it-tnixxif jew id-denaturazzjoni ta' prodotti;

(o) assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' oġġetti sabiex jiġi kostitwit prodott sħiħ jew iż-żarmar ta' prodotti f'partijiet;

(p) tbiċċir ta' annimali;

▼B

(q) kombinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati fil-punti (a) sa (p).

2. Meta jkun qed jiġi determinat jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun sar fuq prodott partikolari għandux jitqies bħala insuffiċjenti fis-sens tal-paragrafu 1, għandhom jitqiesu flimkien l-operazzjonijiet kollha li jkunu saru fuq dak il-prodott jew f'pajjiż jew territorju benefiċjarju jew fl-Unjoni.

Artikolu 63

Unità ta' kwalifika

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Meta tkun qed tiġi determinata n-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata, l-unità ta' kwalifika għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din is-Subsezzjoni għandha tkun il-prodott partikolari li huwa meqjus bħala l-unità bażika.

Għalhekk, minn dan isegwi li:

(a) meta prodott li jkun magħmul minn grupp jew minn ġabra ta' oġġetti jiġi klassifikat taħt it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, il-prodott kollu jikkostitwixxi l-unità ta' kwalifika;

(b) meta kunsinna tkun tikkonsisti minn għadd ta' prodotti identiċi klassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali meta jiġu applikati d-dispożizzjonijiet ta' din is-Subsezzjoni.

2. Meta, taħt ir-regola ġenerali interpretattiva 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar ikun inkluż mal-prodott għall-fini ta' klassifika, għandu jiġi nkluż għall-fini tad-determinazzjoni tal-oriġini.

Artikolu 64

Tolleranza ġenerali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 61, materjali mhux oriġinarji jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' prodott partikulari, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx l-10 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.

Meta, fil-lista, jingħata perċentwal wieħed jew aktar għall-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji, dawn il-perċentwali ma għandhomx jinqabżu bl-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

▼B

Artikolu 65

Aċċessorji, spare parts u għodda

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Aċċessorji, spare parts u għodda mibgħuta ma' biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura li jkunu parti mit-tagħmir normali u jkunu nklużi fil-prezz tagħhom jew li ma jkollomx fattura separata, għandhom jitqiesu bħala ħaġa waħda mill-biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura inkwistjoni.

Artikolu 66

Settijiet

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Settijiet, kif definiti fir-regola ġenerali interpretattiva 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala oriġinarji meta l-prodotti komponenti kollha jkunu prodotti oriġinarji. Madankollu, meta sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u prodotti mhux oriġinarji, is-sett kollu għandu jitqies bħala oriġinarju sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jaqbiżx 15 % tal-prezz tas-sett mill-fabbrika.

Artikolu 67

Elementi newtrali

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Sabiex jiġi determinat jekk prodott ikunx prodott oriġinarju, ma hemmx għalfejn tiġi stabbilita l-oriġini ta' dawn li ġejjin li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) l-enerġija u l-fjuwil;

(b) l-impjant u t-tagħmir;

(c) il-magni u l-għodda;

(d) oġġetti li ma jidħlux, u li ma humiex maħsuba li jidħlu, fil-kompożizzjoni finali tal-prodott.

Subsezzjoni 5

Rekwiżiti Territorjali applikabbli fil-qafas tar-Regoli tal-Oriġini għall-fini ta' miżuri preferenzjali tariffarji adottati unilateralment mill-Unjoni għal ċerti pajjiżi jew territorji

Artikolu 68

Prinċipju ta' territorjalità

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

Il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-Subsezzjoni 4 u f'din is-Subsezzjoni biex jinkiseb status oriġinarju għandhom ikomplu jiġu sodisfatti f'kull ħin fil-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew fl-Unjoni.

▼B

Jekk prodotti oriġinarji esportati mill-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew mill-Unjoni lejn pajjiż ieħor jiġu ritornati, għandhom jitqiesu bħala mhux oriġinarji sakemm ma jkunx jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodotti ritornati huma l-istess bħal dawk li ġew esportati;

(b) ma jkunu ġew sottoposti għall-ebda operazzjoni oltre dak li jkun meħtieġ biex jiġu preservati f'kundizzjoni tajba waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt li jkunu qed jiġu esportati.

Artikolu 69

Trasport dirett

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala li jkunu ġew trasportati direttament mill-pajjiż jew territorju benefiċjarju lejn l-Unjoni jew mill-Unjoni lejn il-pajjiż jew territorju benefiċjarju:

(a) prodotti li jiġu trasportati mingħajr ma jgħaddu mit-territorju ta' xi pajjiż ieħor;

(b) prodotti li jikkostitwixxu kunsinna waħda li jiġu trasportati minn ġewwa t-territorju ta' pajjiżi li ma jkunux il-pajjiż jew territorju benefiċjarju jew mill-Unjoni, permezz ta', jekk tqum l-okkażjoni, trażbord jew ħażna temporanja f'dawk il-pajjiżi, sakemm il-prodotti jibqgħu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet doganali fil-pajjiż tat-tranżitu jew tal-pajjiż fejn jinżammu maħżuna u ma jiġux sottoposti għal operazzjonijiet oħra ħlief li jinħattu, jitgħabbew mill-ġdid jew xi operazzjoni maħsuba biex jiġu preservati f'kundizzjoni tajba;

(c) prodotti li jiġu trasportati minn ġo pipeline mingħajr waqfien minn ġo xi territorju ieħor li ma jkunx dak tal-pajjiż jew territorju benefiċjarju esportatur jew tal-Unjoni.

2. Evidenza li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1(b) ikunu ġew sodisfatti għandha tingħata lill-awtoritajiet doganali kompetenti billi jiġi preżentat xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) dokument uniku tat-trasport li jkopri l-passaġġ mill-pajjiż esportatur minn ġewwa l-pajjiż tat-tranżitu;

(b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż tat-tranżitu:

(i) li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;

(ii) li jiddikjara d-dati tal-ħatt u tat-tagħbija mill-ġdid tal-prodotti u, fejn ikun applikabbli, l-ismijiet tal-vapuri jew tal-mezzi l-oħra tat-trasport użati, u

(iii) li jiċċertifika l-kundizzjonijiet li taħthom il-prodotti jkunu baqgħu fil-pajjiż tat-tranżitu;

(c) jew, fin-nuqqas ta' dawn, kwalunkwe dokument li jissostanzjahom.

▼B

Artikolu 70

Wirjiet

(Artikolu 64(3) tal-Kodiċi)

1. Prodotti oriġinarji, li jintbagħtu minn pajjiż jew territorju benefiċjarju għall-wiri f'pajjiż ieħor u li wara l-wirja jinbiegħu biex jiġu importati fl-Unjoni, mal-importazzjoni għandhom jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji msemmija fl-Artikolu 59, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-Subsezzjoni 4 u ta' din is-Subsezzjoni li jintitolawhom biex jitqiesu bħala li jkunu oriġinaw f'dak il-pajjiż jew territorju benefiċjarju u sakemm jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Unjoni li:

(a) esportatur ikun ikkonsenja l-prodotti mill-pajjiż jew territorju benefiċjarju direttament lejn il-pajjiż li fih tkun saret il-wirja u jkun esibihom hemmhekk;

(b) il-prodotti jkunu nbiegħu minn dak l-esportatur jew ikun iddispona minnhom lil persuna fil-Unjoni;

(c) il-prodotti jkunu ġew ikkonsenjati matul il-wirja jew immedjatament wara lill-Unjoni fl-istat li fih kienu ntbagħtu għall-wiri;

(d) minn meta jkunu ġew ikkonsenjati għall-wiri, il-prodotti ma jkunux ġew użati għal xi skop ieħor apparti li jintwerew fil-wirja.

2. Għandu jiġi preżentat ċertifikat ta' moviment EUR.1 lill-awtoritajiet doganali tal-Unjoni bil-metodu normali. Fuqu għandu jkun hemm indikat l-isem u l-indirizz tal-wirja. Fejn ikun meħtieġ, tista' tintalab evidenza dokumentata addizzjonali tan-natura tal-prodotti u tal-kundizzjonijiet li taħthom ikunu ġew esibiti.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kull wirja jew fiera kummerċjali, industrijali, agrikola jew tas-snajja' jew għal mostra jew esibizzjoni simili li ma tkunx ġiet organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew f'postijiet kummerċjali bil-għan li jinbiegħu prodotti barranin, u li waqtha l-prodotti jibqgħu taħt kontroll doganali.

KAPITOLU 2

Valur tal-merkanzija għal finijiet doganali

Artikolu 71

Simplifikazzjoni

(Artikolu 73 tal-Kodiċi)

1. L-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 73 tal-Kodiċi tista' tingħata meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikazzjoni tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 166 tal-Kodiċi, fiċ-ċirkostanzi tkun tirrapreżenta spejjeż amministrattivi sproporzjonati;

(b) il-valur doganali stabbilit, mhux se jvarja b'mod sinifikanti minn dak stabbiliti fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni.

▼B

2. L-awtorizzazzjoni tingħata bil-kundizzjoni li l-applikant jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jikkonforma mal-kriterju stabbiliti fl-Artikolu 39(a) tal-Kodiċi;

(b) iżomm sistema kontabilistika li tkun konsistenti mal-prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati applikati fl-Istat Membru fejn jinżammu l-kontijiet u li tiffaċilita kontroll doganali bbażat fuq eżerċizzju tal-awditjar. Is-sistema kontabilistika għandha żżomm rekord storiku tad-data li jipprovdi rekord tal-awditjar mill-mument li d-data tidħol ġol-fajl;

(c) ikollu organizzazzjoni amministrattiva li tikkorrispondi mat-tip u mad-daqs ta' negozju u li hija adattata għall-ġestjoni tal-fluss tal-merkanzija, u jkollu kontrolli interni li jkunu kapaċi jindividwaw tranżazzjonijiet illegali jew irregolari;

TITOLU III

DEJN U GARANZIJI DOGANALI

KAPITOLU 1

It-tiġrib ta' dejn doganali

Taqsima 1

Provvedimenti komuni għal djun doganali mġarrbin fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet

Subtaqsima 1

Ir-regoli għall-kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni u l-esportazzjoni

Artikolu 72

Kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni fuq il-prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-ipproċessar attiv

(Artikolu 86(3) tal-Kodiċi)

1. Sabiex jiġi stabbilit l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni li jrid jintalab fuq prodotti pproċessati skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi, il-kwantità tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' proċessar attiv meqjusa preżenti fil-prodotti pproċessati li għalihom jiġġarrab dejn doganali għandha tiġi stabbilita skont il-paragrafi 2 sa 6.

2. Il-metodu tal-iskala kwantitattiva stabbilit fil-paragrafi 3 u 4 għandu jiġi applikat fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta tip wieħed biss ta' prodotti pproċesasti jinġieb mill-operazzjonijiet ta' pproċessar;

(b) meta tipi differenti ta' prodotti pproċessati jinkisbu mill-operazzjonijiet ta' pproċessar u l-kostitwenti jew il-komponenti kollha tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura jinsabu f'kull wieħed minn dawk il-prodotti pproċessati.

▼B

3. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 2(a), il-kwantità tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' proċessar attiv meqjusa preżenti fil-prodotti pproċessati li għalihom jiġġarrab dejn doganali għandha tiġi stabbilita bl-applikazzjoni tal-perċentwal li l-prodotti pproċessati li għalihom jiġġarrab dejn doganali jikkostitwixxu l-kwantità totali tal-prodotti pproċessati li tirriżulta mill-operazzjoni ta' pproċessar, għall-kwantità totali tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' proċessar attiv.

4. Fil-każ imsemmi fil-paragrafu 2(b), il-kwantità tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' proċessar attiv meqjusa preżenti fil-prodotti pproċessati li għalihom jiġġarrab dejn doganali għandha tiġi stabbilita billi, għall-kwantità totali tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' proċessar attiv, jiġi applikat perċentwal ikkalkolat permezz tal-moltiplikazzjoni tal-fatturi li ġejjin:

(a) il-perċentwal li l-prodotti pproċessati li għalihom jiġġarrab dejn doganali jikkostitwixxu mill-kwantità sħiħa tal-prodotti pproċessati tal-istess xorta li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' pproċessar;

(b) il-perċentwal li l-kwantità totali tal-prodotti pproċessati tal-istess tip, anki jekk ma jiġġarrabx dejn doganali, jikkostitwixxu mill-kwantità sħiħa tal-prodotti pproċessati kollha li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' pproċessar.

5. Il-kwantitajiet ta' oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura li jinqerdu u jintilfu matul l-operazzjoni ta' pproċessar, b'mod partikolari minħabba evaporazzjoni, tnixxif, sublimazzjoni jew tnixxija, ma għandhomx jitqiesu meta jiġi applikat il-metodu tal-iskala kwantitattiva.

6. F'każijiet oħrajn għajr dawk imsemmijin fil-paragrafu 2, il-metodu tal-iskala tal-valur għandu japplika skont it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafi.

Il-kwantità tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv meqjusa preżenti fil-prodotti pproċessati li għalihom jiġġarrab dejn doganali għandha tiġi stabbilita billi, għall-kwantità sħiħa tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' proċessar attiv, jiġi applikat perċentwal ikkalkolat bil-moltiplikazzjoni tal-fatturi li ġejjin:

(a) il-perċentwal li l-prodotti pproċessati li għalihom jiġġarrab dejn doganali jikkostitwixxi l-valur sħiħ tal-prodotti pproċessati tal-istess xorta li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' pproċessar;

(b) il-perċentwal li l-valur totali tal-prodotti pproċessati tal-istess xorta, anki jekk ma jiġġarrabx dejn doganali, jikkostitwixxi l-valur sħiħ tal-prodotti pproċessati kollha li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' pproċessar.

Għall-finijiet ta' applikazzjoni tal-metodu tal-iskala tal-valur, il-valur tal-prodotti pproċessati għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet attwali mill-fabbrika fit-territorju doganali tal-Unjoni jew, meta ma jkunux jistgħu jiġu stabbiliti t-tali prezzijiet mill-fabbrika, il-prezzijiet tal-bejgħ attwali fit-territorju doganali tal-Unjoni għall-istess prodotti jew prodotti simili. Il-prezzijiet bejn il-partijiet li jidhru li huma assoċjati jew li għandhom ftehim kompensatorju ma' xulxin jistgħu ma jintużawx sabiex jiġi stabbilit il-valur tal-prodotti pproċessati sakemm ma jiġix stabbilit li l-prezzijiet mhumiex affettwati mir-relazzjoni.

▼B

Meta l-valur tal-prodotti pproċessati ma jkunx jista' jiġi stabbilit skont it-tielet subparagrafu, dan għandu jiġi stabbilit bi kwalunkwe metodu raġonevoli.

Artikolu 73

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fuq il-proċedura ta' użu finali għal prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-ipproċessar attiv

(Artikolu 86(3) tal-Kodiċi)

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi, meta jiġi ddeterminat l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni li jikkorrispondi għad-dejn doganali fuq prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura ta' proċessar attiv, l-oġġetti mqegħdin taħt dik il-proċedura għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni mid-dazju jew rata mnaqqsa tad-dazju fid-dawl tal-użu speċifiku tagħhom, li kienu jiġu applikati għal dawk l-oġġetti li kieku tqiegħdu taħt il-proċedura ta' użu finali skont l-Artikolu 254 tal-Kodiċi.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun japplika meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) setgħet inħarġet awtorizzazzjoni sabiex l-oġġetti jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' użu finali, u

(b) il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mid-dazju jew ir-rata mnaqqsa ta' dazju fid-dawl ta' użu speċifiku ta' dawk l-oġġetti kienu jiġu ssodisfati meta ġiet aċċettata d-dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-oġġetti taħt il-proċedura ta' proċessar attiv.

Artikolu 74

L-applikazzjoni tat-trattament tariffarju preferenzjali għal oġġetti mqegħdin taħt proċessar attiv

(Artikolu 86(3) tal-Kodiċi)

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi, meta, fi żmien l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-oġġetti taħt il-proċedura ta' proċessar attiv, l-oġġetti jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jikkwalifikaw għal trattament tariffarju preferenzjali fi ħdan kwoti jew limiti tariffarji, dawk l-oġġetti għandhom ikunu eliġibbli għal kwalunkwe trattament tariffarju preferenzjali stipulat fir-rigward ta' oġġetti identiċi meta tiġi aċċettata d-dikjarazzjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Artikolu 75

Dazju tal-importazzjoni speċifiku fuq prodotti pproċessati li jirriżultaw minn proċessar passiv jew prodotti sostituti

(Artikolu 86(5) tal-Kodiċi)

Meta jkun irid jiġi applikat dazju tal-importazzjoni speċifiku b'rabta ma' prodotti pproċessati li jirriżultaw mill-proċedura ta' proċessar passiv jew prodotti sostituti, l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-valur doganali tal-prodotti pproċessati fil-ħin tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni

▼B

libera nieqes il-valur statistiku tal-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja korrespondenti fil-ħin meta dawn tpoġġew taħt ipproċessar passiv,immultiplikat bl-ammont tad-dazju tal-importazzjoni applikabbli għallprodotti pproċessati jew il-prodotti sostituti, diviż bil-valur doganali tal-prodotti pproċessati jew il-prodotti sostituti.

▼M7

Artikolu 76

Deroga għall-kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni fuq prodotti pproċessati li jirriżultaw minn proċessar attiv

(l-Artikolu 86(3) u 86(4) tal-Kodiċi)

1. L-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi għandu japplika mingħajr ma ssir talba mingħand id-dikjarant meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-prodotti proċessati li jirriżultaw mill-proċedura ta' proċessar attiv huma importati b'mod dirett jew indirett mid-detentur relevanti talawtorizzazzjoni fi żmien perjodu ta' sena wara r-riesportazzjoni tagħhom;

(b) fi żmien l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali sabiex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' proċessar attiv, il-merkanzija tkun ġiet soġġetta għal miżura ta' politika agrikola jew kummerċjali, għal dazju anti-dumping provviżorju jew definittiv, għal dazju kompensatorju, għal miżura ta' salvagwardja jew għal dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet li kieku din ġiet iddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera;

(c) ma kien hemm bżonn issir ebda analiżi tal-kundizzjonijiet ekonomiċi f'konformità mal-Artikolu 166.

2. L-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi għandu japplika wkoll mingħajr talba mid-dikjarant meta l-prodotti proċessati jkunu nkisbu minn merkanzija li titqiegħed taħt il-proċedura ta' proċessar attiv li, fil-ħin tal-aċċettazzjoni tal-ewwel dikjarazzjoni doganali għat-tqegħid tal-merkanzija taħt ilproċedura ta' proċessar attiv, tkun ġiet soġġetta għal dazju anti-dumping provviżorju jew definittiv, għal dazju kompensatorju, għal miżura ta' salvagwardja jew għal dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet li kieku din ġiet iddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera u l-każ ma jkunx kopert mill-Artikolu 167(1)(h), (i), (m) jew (p) ta' dan ir-Regolament.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw meta l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' proċessar attiv ma tibqax soġġetta għal dazju anti-dumping provviżorju jew definittiv, għal dazju kompensatorju, għal miżura ta' salvagwardja jew għal dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet fil-ħin meta jiġġarrab dejn doganali għall-prodotti proċessati.

4. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għal merkanzija ddikjarata għal proċessar attiv sa mhux aktar tard mis-16 ta' Lulju 2021 jekk dik il-merkanzija tkun koperta minn awtorizzazzjoni li tkun ingħatat qabel is-16 ta' Lulju 2020.

▼B

Subtaqsima 2

Il-limitu ta' żmien sabiex jiġi stabbilit il-post fejn jiġġarrab id-dejn doganali

Artikolu 77

Il-limitu ta' żmien sabiex jiġi stabbilit il-post fejn jiġġarrab id-dejn doganali taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

(Artikolu 87(2) tal-Kodiċi)

Għal oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, il-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 87(2) tal-Kodiċi għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) seba' xhur mill-aħħar data li fiha l-oġġetti kellhom jiġu ppreżentati fl-uffiċċju doganali ta' destinazzjoni, sakemm qabel l-iskadenza ta' dak il-limitu ta' żmien ma tintbagħatx talba għal irkupru tat-trasferiment tad-dejn doganali lill-awtorità rsponsabbli għall-post fejn, skont l-evidenza li tikseb l-awtorità doganali tal-Istat Membru tat-tluq, seħħew l-avvenimenti li minnhom jirriżulta d-dejn doganali, f'liema każ dak il-limitu ta' żmien jiġi estiż b'mhux iktar minn xahar;

(b) xahar mill-iskadenza tal-limitu ta' żmien għat-tweġiba mid-detentur tal-proċedura għal talba għall-informazzjoni meħtieġa biex tiġi rilaxxata l-proċedura, meta l-awtorità doganali tal-Istat Membru tat-tluq ma tkunx ġiet notifikata dwar il-wasla tal-oġġetti u d-detentur tal-proċedura ma jkunx ipprovda biżżejjed informazzjoni jew ma jkun ipprovda ebda informazzjoni affattu.

Artikolu 78

Il-limitu ta' żmien sabiex jiġi stabbilit il-post fejn jiġġarrab id-dejn doganali taħt il-proċedura ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni dwar it-TIR

(Artikolu 87(2) tal-Kodiċi)

Għal oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni Doganali dwar it-trasport internazzjonali tal-oġġetti taħt il-kopertura tal-carnets TIR, inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti, (Konvenzjoni dwar it-TIR), il-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 87(2) tal-Kodiċi għandu jkun ta' seba' xhur mill-aħħar data li fiha kellhom jiġu ppreżentati l-oġġetti lill-uffiċċju doganali ta' destinazzjoni jew ħruġ.

Artikolu 79

Il-limitu ta' żmien sabiex jiġi stabbilit il-post fejn jiġġarrab id-dejn doganali taħt il-proċedura ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni ATA jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul

(Artikolu 87(2) tal-Kodiċi)

Għal oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni Doganali dwar il-Carnet ATA għall-Ammissjoni Temporanja tal-Oġġetti magħmula fi Brussell fis-6 ta' Diċembru 1961, inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti (il-Konvenzjoni ATA) jew skont il-Konvenzjoni dwar l-Ammissjoni Temporanja, inkluża kwalunkwe emenda sussegwenti, (il-Konvenzjoni ta' Istanbul), il-limitu ta' żmien

▼B

imsemmi fl-Artikolu 87(2) tal-Kodiċi għandu jkun ta' seba' xhur mid-data li fiha l-oġġetti kellhom jiġu ppreżentati lill-uffiċċju doganali ta' destinazzjoni.

Artikolu 80

Il-limitu ta' żmien sabiex jiġi stabbilit il-post fejn jiġġarrab id-dejn doganali f'każijiet oħrajn għajr il-proċedura ta' tranżitu

(Artikolu 87(2) tal-Kodiċi)

Għal oġġetti mqegħdin taħt proċedura speċjali għajr dik ta' trażitu jew għal oġġetti li huma maħżunin b'mod temporanju, il-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 87(2) tal-Kodiċi għandu jkun ta' seba' xhur minn meta jiskadi wieħed mill-perjodi li ġejjin:

(a) il-perjodu stipulat għar-rilaxx tal-proċedura speċjali;

(b) il-perjodu stipulat sabiex tintemm is-superviżjoni doganali ta' oġġetti ta' użu finali;

(c) il-perjodu stipulat sabiex tintemm il-ħażna temporanja;

(d) il-perjodu stipulat sabiex jintemm il-moviment tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura ta' tqegħid fil-maħżen bejn postijiet differenti fit-territorju doganali tal-Unjoni meta l-proċedura ma tkunx ġiet rilaxxata.

KAPITOLU 2

Garanzija għal dejn doganali potenzjali jew eżistenti

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 81

Każijiet li fihom ma tkun meħtieġa ebda garanzija għal prodotti mqiegħda taħt proċedura ta' ammissjoni temporanja

(Artikolu 89(8)(c) tal-Kodiċi)

It-tqegħid ta' oġġetti taħt proċedura ta' ammissjoni temporanja ma għandux ikun soġġett għall-għoti ta' garanzija fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta d-dikjarazzjoni doganali tkun tista' ssir bil-fomm jew permezz ta' xi għemil ieħor kif imsemmi fl-Artikolu 141;

(b) fil-każ ta' materjali użati fit-traffiku internazzjonali mill-kumpaniji tal-linji tal-ajru, tat-trasport bil-baħar jew bil-ferroviji jew forniturи ta' servizzi postali diment li dawk il-materjali jkollhom marki li jiddistingwuhom;

▼B

(c) fil-każ ta' imballaġġi importati vojta, diment li jkollhom fuqhom marki li ma jitħassrux u ma jinqalgħux;

(d) meta d-detentur preċedenti tal-awtorizzazzjoni għal ammissjoni temporanja jkun iddikjara l-oġġetti għall-proċedura ta' ammissjoni temporanja b'konformità mal-Artikolu 136 jew l-Artikolu 139 u dawk l-oġġetti mbagħad jitqiegħdu taħt ammissjoni temporanja għall-istess skop.

Artikolu 82

Garanzija fil-forma ta' impenn minn garanti

(Artikolu 94, 22(4) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)

1. Meta l-garanzija tiġi pprovduta fil-forma ta' impenn minn garanti u tkun tista' tintuża f'iktar minn Stat Membru wieħed, il-garanti jrid jindika indirizz għas-servizz jew jaħtar agent f'kull Stat Membru fejn tista' tintuża l-garanzija.

2. Ir-revoka tal-approvazzjoni tal-garanti jew tal-impenn tal-garanti tidħol fis-seħħ sittax-il jum wara d-data li fiha tasal jew titqies li waslet għand il-garanti d-deċiżjoni dwar ir-revoka.

3. Il-kanċellazzjoni tal-impenn mill-garanti tidħol fis-seħħ sittax il-jum wara d-data li fiha l-garanti jinnotifika bil-kanċellazzjoni lill-uffiċċju doganali fejn ġiet ipprovduta l-garanzija.

4. Meta garanzija li tkun tkopri operazzjoni waħedha (garanzija individwali) tiġi pprovduta fil-forma ta' kupuni, dan jista' jsir bl-użu ta' mezzi elettroniċi oħra li mhux bilfors ikunu tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

▼M3

5. Ir-rekwiżiti komuni tad-dejta tal-impenn ta' garanti biex tiġi pprovduta garanzija individwali, garanzija individwali fil-forma ta' kupuni jew garanzija komprensiva huma stabbiliti fl-Annessi 32-01, 32-02 u 32-03 rispettivament.

▼B

Artikolu 83

Forom oħra ta' garanzija għajr depożitu fi flus jew impenn mogħti minn garanti

(Artikolu 92(1)(c) tal-Kodiċi)

1. Il-forom oħra ta' garanzija għajr depożitu fi flus jew impenn mogħti minn garanti għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-ħolqien ta' ipoteka, tariffa fuq l-art, antikresi jew dritt ieħor li jitqies ekwivalenti għal dritt li jappartjeni għal proprjetà immobbli;

(b) iċ-ċessjoni ta' pretensjoni, ir-rahan, biċ-ċessjoni tal-pussess jew mingħajr, ta' oġġetti, titoli jew pretensjonijiet jew il-portafoll tal-bank tat-tfaddil jew entrata fir-reġistru tad-dejn nazzjonali;

▼B

(c) is-suppożizzjoni ta' obbligu kuntrattwali konġunt għall-ammont sħiħ tad-dejn minn parti terza approvata għal dak l-għan mill-awtoritajiet doganali jew il-preżentazzjoni ta' kambjala li l-pagament tagħha huwa ggarantit mit-tali parti terza;

(d) depożitu fi flus jew mezzi ta' ħlas meqjusa ekwivalenti għalih f'euro jew fil-munita tal-Istat Membru fejn hija meħtieġa l-garanzija;

(e) il-parteċipazzjoni, soġġetta għall-ħlas ta' kontribut, fi skema ta' garanzija ġenerali amministrata mill-awtoritajiet doganali.

2. Il-forom ta' garanzija msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx jiġu aċċettati għat-tqegħid ta' oġġetti taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

▼M3

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jaċċettaw il-forom ta' garanzija msemmija fil-paragrafu 1 diment li dawk il-forom ta' garanzija jkunu aċċettati skont il-liġi nazzjonali.

▼B

Taqsima 2

Garanzija komprensiva u rinunzja tal-garanzija

Artikolu 84

Tnaqqis tal-livell tal-garanzija komprensiva u tar-rinunzja tal-garanzija

(Artikolu 95(2) tal-Kodiċi)

1. Awtorizzazzjoni biex tintuża garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas għal 50 % tal-ammont ta' referenza tingħata meta l-applikant juri li huwa jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant iżomm sistema kontabilistika konsistenti mal-prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati applikati fl-Istat Membru fejn jinżammu l-kontijiet, jippermetti li jsiru kontrolli doganali bbażati fuq l-awditjar u jżomm rekord storiku ta' dejta li jipprovdi rendikont tal-entrati mill-mument li d-dejta tidħol fil-fajl;

(b) l-applikant għandu organizzazzjoni amministrattiva li tikkorrespondi għat-tip u d-daqs ta' negozju u li hija adattata għall-immaniġġjar tal-fluss tal-oġġetti, u għandu kontrolli interni li kapaċi jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu żbalji u li jipprevjenu u jidentifikaw tranżazzjonijiet illegali jew irregolari;

(c) l-applikant mhuwiex soġġett għal proċeduri ta' falliment;

(d) matul l-aħħar tliet snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant ikun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu rigward pagamenti ta' dazji doganali u d-dazji, it-taxxi u t-tariffi kollha l-oħrajn li jinġabru fuq jew b'konnessjoni mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti;

▼B

(e) l-applikant juri abbaži tar-rekords u l-informazzjoni disponibbli għall-aħħar tliet snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li jinsab f'qagħda finanzjarja suffiċjenti sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu u jaqdi l-impenji tiegħu fir-rigward tat-tip u l-volum tal-attività kummerċjali, inkluż li ma jkollux assi netti negattivi, sakemm mhux f'sitwazzjoni li jistgħu jiġu koperti.

▼M4

_____

▼B

2. Awtorizzazzjoni sabiex tintuża garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas għal 30 % tal-ammont ta' referenza tingħata meta l-applikant juri li jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant iżomm sistema kontabilistika konsistenti mal-prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati applikati fl-Istat Membru fejn jinżammu l-kontijiet, jippermetti li jsiru kontrolli doganali bbażati fuq l-awditjar u jżomm rekord storiku ta' dejta li jipprovdi rendikont tal-entrati mill-mument li d-dejta tidħol fil-fajl;

(b) l-applikant għandu organizzazzjoni amministrattiva li tikkorrespondi għat-tip u d-daqs ta' negozju u li hija adattata għall-immaniġġjar tal-fluss tal-oġġetti, u għandu kontrolli interni li kapaċi jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu żbalji u li jipprevjenu u jidentifikaw tranżazzjonijiet illegali jew irregolari;

(c) l-applikant jiżgura li l-impjegati rilevanti jkunu jafu li jridu jgħarrfu lill-awtoritajiet doganali kull meta jsibu diffikultajiet ta' konformità u jistabbilixxi proċeduri sabiex jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali dwar it-tali diffikultajiet;

(d) l-applikant mhuwiex suġġett għal proċeduri ta' falliment;

(e) matul l-aħħar tliet snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant ikun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu rigward pagamenti ta' dazji doganali u d-dazji, it-taxxi u t-tariffi kollha l-oħrajn li jinġabru fuq jew b'konnessjoni mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti;

(f) l-applikant juri abbaži tar-rekords u l-informazzjoni disponibbli għall-aħħar tliet snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li jinsab f'qagħda finanzjarja suffiċjenti sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu u jaqdi l-impenji tiegħu fir-rigward tat-tip u l-volum tal-attività kummerċjali, inkluż li ma jkollux assi netti negattivi, sakemm mhux f'sitwazzjoni li jistgħu jiġu koperti.

▼M4

_____

▼B

3. Rinunzja tal-garanzija tingħata meta l-applikant juri li ssodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

▼B

(a) l-applikant iżomm sistema kontabilistika konsistenti mal-prinċipji ta' kontabbiltà ġeneralment aċċettati applikati fl-Istat Membru fejn jinżammu l-kontijiet, jippermetti li jsiru kontrolli doganali bbażati fuq l-awditjar u jżomm rekord storiku ta' dejta li jipprovdi rendikont tal-entrati mill-mument li d-dejta tidħol fil-fajl;

(b) l-applikant jagħti lill-awtoritajiet doganali aċċess fiżiku għas-sistemi kontabilistiċi tiegħu u, fejn applikabbli, għar-rekords kummerċjali u tat-trasport tiegħu;

(c) l-applikant għandu sistema loġistika li tidentifika l-merkanzija bħala tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni u, fejn xieraq, tindika fejn tinsab il-merkanzija;

(d) l-applikant għandu organizzazzjoni amministrattiva li tikkorrespondi għat-tip u d-daqs ta' negozju u li hija adattata għall-immaniġġjar tal-fluss tal-oġġetti, u għandu kontrolli interni li kapaċi jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu żbalji u li jipprevjenu u jidentifikaw tranżazzjonijiet illegali jew irregolari;

(e) fejn applikabbli, l-applikant għandu proċeduri sodisfaċenti stabbiliti għall-immaniġġjar ta' liċenzji u awtorizzazzjonijiet mogħtija b'konformità mal-miżuri ta' politika kummerċjali jew marbutin mal-kummerċ fi prodotti agrikoli;

(f) l-applikant għandu proċeduri sodisfaċenti stabbiliti għall-arkivjar tar-rekords u l-informazzjoni tiegħu u għall-protezzjoni kontra t-telf tal-informazzjoni;

(g) l-applikant jiżgura li l-impjegati rilevanti huma ordnati jgħarrfu lill-awtoritajiet doganali kull meta jsibu diffikultajiet ta' konformità u jistabbilixxi proċeduri sabiex jgħarrfu lill-awtoritajiet doganali dwar it-tali diffikultajiet;

(h) l-applikant għandu miżuri ta' sigurtà xierqa stabbiliti sabiex jipproteġu lis-sistema kompjuterizzata tal-applikant minn dħul mhux awtorizzat u sabiex tipproteġi d-dokumentazzjoni tal-applikant;

(i) l-applikant mhuwiex suġġett għal proċeduri ta' falliment;

(j) matul l-aħħar tliet snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant ikun issodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu rigward pagamenti ta' dazji doganali u d-dazji, it-taxxi u t-tariffi kollha l-oħrajn li jinġabru fuq jew b'konnessjoni mal-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' oġġetti;

(k) l-applikant juri abbażi tar-rekords u l-informazzjoni disponibbli għall-aħħar tliet snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li jinsab f'qagħda finanzjarja suffiċjenti sabiex jissodisfa l-obbligi

▼B

tiegħu u jaqdi l-impenji tiegħu fir-rigward tat-tip u l-volum tal-attività kummerċjali, inkluż li ma jkollux assi netti negattivi, sakemm mhux f'sitwazzjoni li jistgħu jiġu koperti.

▼M4

———————

3a. Meta jivverifikaw jekk l-applikant għandux qagħda finanzjarja suffiċjenti sabiex jingħata awtorizzazzjoni għall-użu ta' garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas jew rinunzja tal-garanzija kif meħtieġ skont il-paragrafi 1(e), 2(f) u 3(k), l-awtoritajiet doganali għandhom iqisu l-kapaċità li applikant jissodisfa l-obbligi tiegħu tal-ħlas tad-djun doganali u ta' ħlasijiet oħrajn li jistgħu jiġġarrbu, li ma jkunux koperti minn dik il-garanzija.

Jekk ikun ġustifikat, l-awtoritajiet doganali jistgħu jqisu r-riskju tat-tiġrib ta' dawk id-djun doganali u ta' ħlasijiet oħrajn filwaqt li jitqiesu t-tip u l-volum tal-attivitajiet kummerċjali relatati mad-dwana tal-applikant u tat-tip ta' prodotti li għalihom tenħtieġ il-garanzija.

3b. Meta l-kundizzjoni dwar il-qagħda finanzjarja suffiċjenti tkun diġà ġiet ivvalutata bħala modalità tal-applikazzjoni tal-kriterju msemmi fl-Artikolu 39(c) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw biss jekk il-qagħda finanzjarja tal-applikant tiġġustifikax l-għoti tal-awtorizzazzjoni għall-użu ta' garanzija komprensiva b'ammont imnaqqas jew rinunzja tal-garanzija.

4. Meta l-applikant ikun ilu stabbilit inqas minn tliet snin, l-issodisfar tal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (d) u (e) tal-paragrafu 1, fil-punti (e) u (f) tal-paragrafu 2 u fil-punti (j) u (k) tal-paragrafu 3 għandu jiġi vverifikat abbażi tar-rekords u tal-informazzjoni disponibbli.

▼B

Taqsima 3

Dispożizzjonijiet għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u l-proċedura skont il-Konvenzjoni ATA u ta' Istanbul

Artikolu 85

Rilaxx tal-obbligi tal-garanti skont il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

(Artikoli 6(2), 6(3)(a) u 98 tal-Kodiċi)

1. Meta l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni ma tkunx ġiet rilaxxata, l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru ta' tluq iridu jinnotifikaw lill-garanti li l-proċedura ma ġietx rilaxxata, fi żmien disa' xhur mil-limiti ta' żmien stipulat għall-preżentazzjoni tal-merkanzija uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

2. Meta l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni ma tkunx ġiet rilaxxata, l-awtoritajiet doganali, determinati b'konformità mal-Artikolu 87 tal-Kodiċi, fi żmien tliet snin mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni

▼B

ta’ tranżitu, jinnotifikaw lill-garanti li huwa meħtieġ jew li jista’ jkun meħtieġ iħallas id-dejn li huwa obbligat iħallas fir-rigward tal-operazzjoni ta’ tranżitu tal-Unjoni inkwistjoni.

3. Il-garanti għandu jiġi rilaxxat mill-obbligi tiegħu jekk xi waħda min-notifiki previsti fil-paragrafi 1 u 2 ma tkunx inħarġitlu qabel ma skada l-limitu ta’ żmien.

4. Meta tkun inħarġet xi waħda min-notifiki, il-garanti jiġi mgħarraf dwar l-irkupru tad-dejn jew ir-rilaxx tal-proċedura.

5. Ir-rekwiżiti komuni tad-dejta għan-notifika kif imsemmi fil-paragrafu 1 huma stabbilitu fl-Anness 32-04.

Ir-rekwiżiti komuni tad-dejta għan-notifika kif imsemmija fil-paragrafu 2 huma stabbiliti fl-Anness 32-05.

6. B’konformità mal-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi, in-notifika, kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 tista’ tintbagħat permezz ta’ mezzi oħra minbarra tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

Artikolu 86

Talba għal pagament lil assoċjazzjoni li tagħti garanzija għall-oġġetti koperti bil-carnet ATA u notifika li mhumiex rilaxxati carnets CPD lil assoċjazzjoni li tagħti garanzija skont il-proċedura tal-Konvenzjoni ATA jew il-Konvenzjoni ta’ Istanbul

(Artikoli 6(2), 6(3)(a) u 98 tal-Kodiċi)

1. Fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità ma’ wieħed mill-obbligi skont il-carnet ATA jew il-carnet CPD, l-awtoritajiet doganali għandhom jirregolarizzaw id-dokumenti ta’ ammissjoni temporanja (talba għall-ħlas lil assoċjazzjoni li tagħti garanzija, jew notifika għan-nuqqas ta’ rilaxx, rispettivament) b’konformità mal-Artikoli 9, 10 u 11 tal-Anness A tal-Konvenzjoni ta’ Istanbul jew, fejn applikabbli, b’konformità mal-Artikoli 7, 8 u 9 tal-Konvenzjoni ATA.

2. L-ammont ta’ dazju tal-importazzjoni u taxxi li jirriżultaw mit-talba għall-ħlas minn assoċjazzjoni li tagħti garanzija għandu jiġi kkalkolat permezz ta’ formola mudell tat-taxxa.

3. Ir-rekwiżiti komuni tad-dejta għat-talba għall-ħlas lil assoċjazzjonili tagħti garanzija msemmija fil-paragrafu 1, huma stabbiliti fl-Anness 33-01.

4. Ir-rekwiżiti tad-dejta komuni għan-notifika tan-nuqqas ta’ rilaxx tal-carnets CPD imsemmija fil-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness 33-02.

5. B’konformità mal-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi, it-talba għall-ħlas lil assoċjazzjoni li tagħti garanzija u n-notifika ta’ nuqqas ta’ rilaxx tal-carnets CPD tista’ tintbagħat lill-assoċjazzjoni rilevanti li tagħti garanzija permezz ta’ mezzi oħrajn li mhux bilfors ikunu tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

▼B

KAPITOLU 3

Irkupru u pagament ta' dazju u ripagament u remissjoni tal-ammont ta' dazju tal-importazzjoni u l-esportazzjoni

Taqsima 1

Determinazzjoni tal-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni, notifika tad-dejn doganali u entrata fil-kontijiet

Subtaqsima 1

Notifika tad-dejn doganali u talba għall-ħlas mill-assoċjazzjoni li tagħti garanzija

Artikoli 87

Mezzi ta' notifika tad-dejn doganali

(Artikoli 6(3)(a) tal-Kodiċi)

In-notifika tad-dejn doganali b'konformità mal-Artikolu 102 tal-Kodiċi tista' ssir permezz ta' mezzi oħra li mhux bilfors ikunu tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

Artikolu 88

Eżenzjoni min-notifika tad-dejn doganali

(Artikolu 102(1)(d) tal-Kodiċi)

1. L-awtoritajiet doganali jistgħu ma jinnotifikawx dejn doganali mġarrab minħabba nuqqas ta' konformità skont l-Artikolu 79 jew 82 tal-Kodiċi meta l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni kkonċernat ikun inqas minn EUR 10.

2. Meta d-dejn doganali jkun inizjalment ġie nnotifikat b'ammont ta' dazju tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni li kien inqas mill-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni pagabbli, l-awtoritajiet doganali jistgħu ma jinnotifikawx id-dejn doganali għad-differenza bejn dawk l-ammonti diment li tkun inqas minn EUR 10.

3. Il-limitu ta' EUR 10 imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 japplika għal kull azzjoni ta' rkupru.

Taqsima 2

Pagament tal-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni

Artikolu 89

Sospensjoni tal-limitu ta' żmien għall-ħlas fil-każ ta' applikazzjoni għal remissjoni

(Artikolu 108(3)(a) tal-Kodiċi)

1. L-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu l-limitu ta' żmien għall-ħlas tal-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li jikkorrispondi għal dejn doganali sakemm jieħdu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal remissjoni, diment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet:

(a) meta tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal remissjoni skont l-Artikolu 118, 119 jew 120 tal-Kodiċi, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu rilevanti aktarx jintlaħqu;

▼B

(b) meta tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għal remissjoni skont l-Artikolu 117 tal-Kodiċi, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 117 u l-Artikolu 45(2) tal-Kodiċi aktarx jintlaħqu.

2. Meta l-oġġetti soġġetti għal applikazzjoni għal remissjoni ma jibqgħux taħt superviżjoni doganali fi żmien l-applikazzjoni, trid tiġi pprovduta garanzija.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jitolbu garanzija jekk jiġi stabbilit li l-forniment ta' garanzija aktarx li jikkawża diffikultajiet ekonomiċi jew soċjali lid-debitur.

Artikolu 90

Sospensjoni tal-limitu ta' żmien għall-ħlas fil-każ ta' oġġetti li għandhom jinqerdu, jiġu kkonfiskati jew abbandunati għall-Istat

(Artikolu 108(3)(b) tal-Kodiċi)

L-awtoritajiet doganali jissospendu l-limitu ta' żmien għall-ħlas tal-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li jikkorrispondi għal dejn doganali meta l-oġġetti jkunu għadhom taħt superviżjoni doganali u għandhom jinqerdu, jiġu kkonfiskati jew abbandunati għall-Istat u l-awtoritajiet doganali jqisu li l-kundizzjonijiet għall-konfiska, il-qerda jew l-abbandun aktarx li jiġu ssodisfati, sakemm tittieħed id-deċiżjoni finali dwar il-konfiska, il-qerda jew l-abbandun tagħhom.

Artkolu 91

Sospensjoni tal-limitu ta' żmien għall-ħlas fil-każ ta' djun doganali mġarrba minħabba nuqqas ta' konformità

(Artikolu 108(3)(c) tal-Kodiċi)

1. L-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu l-limitu ta' żmien għall-ħlas mill-persuna msemmija fl-Artikolu 79(3)(a) tal-Kodiċi tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni li jikkorrispondi għal dejn doganali meta dejn doganali jkun iġġarrab minħabba nuqqas ta' konformità kif imsemmi fl-Artikolu 79 tal-Kodiċi, diment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) tal-inqas ikun ġie identifikat debitur ieħor b'konformità mal-Artikolu 79(3)(b) jew (c) tal-Kodiċi;

(b) l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni kkonċernat ikun ġie nnotifikat lid-debitur imsemmi fil-punt (a) b'konformità mal-Artikolu 102 tal-Kodiċi;

(c) il-persuna msemmija fl-Artikolu 79(3)(a) tal-Kodiċi ma titqiesx li hija debitur b'konformità mal-Artikolu 79(3)(b) jew (c) tal-Kodiċi u ma jkunu jistgħu jiġu attribwiti ebda qerq jew negliġenza ċara lil din il-persuna;

2. Is-sospensjoni għandha tidħol fis-seħħ bil-patt li l-persuna li tibbenefika minnha toħroġ garanzija għall-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni inkwistjoni, ħlief f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) diġà tkun teżisti garanzija li tkopri l-ammont sħiħ tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni inkwistjoni u l-garanti ma jkunx ġie rilaxxat mill-obbligi tiegħu;

▼B

(b) jiġi stabbilit, fuq il-bażi ta' valutazzjoni dokumentata, li r-rekwiżit ta' garanzija aktarx li jikkawża diffikultajiet ekonomiċi u soċjali serji għad-debitur.

3. Id-durata tas-sospensjoni għandha tkun limitata għal sena. Madankollu, l-awtoritajiet doganali jistgħu jestendu dan il-perjodu għal raġunijiet iġġustifikati.

Taqsima 3

Ħlas lura u remissjoni

Subtaqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali u proċedura

Artikolu 92

Applikazzjoni għal ħlas lura jew remissjoni

(Artikoli 6(3)(a), 22(1) u 103 tal-Kodiċi)

1. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi, l-applikazzjoni għal ħlas lura jew remissjoni tad-dazji tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 116 tal-Kodiċi trid tiġi sottomessa lill-awtorità doganali kompetenti tal-Istat Membru fejn ġie nnotifikat id-dejn doganali.

2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tista' ssir b'mezzi oħra li mhux bilfors ikunu tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta, skont id-dispożizzjonijiet fl-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 93

Informazzjoni supplimentari meta l-oġġetti jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor

(Artikoli 6(2) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Fl-Anness 33-06 hemm stabbiliti r-rekwiżiti komuni tad-dejta għat-talba ta' informazzjoni supplimentari meta l-oġġetti jkunu jinsabu fi Stat membru ieħor.

It-talba għal informazzjoni supplimentari msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' ssir permezz ta' mezzi oħrajn li mhux bilfors ikunu tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

Artikolu 94

Mezzi ta' notifika tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Id-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni tista' tiġi nnotifikata lill-persuna kkonċernata b'mezzi oħra li mhux bilfors ikunu tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

▼B

Artikolu 95

Rekwiżiti komuni tad-dejta relatati mal-formalitajiet meta l-oġġetti jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor

(Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

Fl-Anness 33-07 hemm stabbiliti r-rekwiżiti tad-dejta komuni għat-tweġib tat-talba għal informazzjoni dwar it-tlestija ta' formalitajiet meta l-applikazzjoni għal ħlas lura jew remissjoni tkun marbuta ma' oġġetti li jinsabu fi Stat Membru ieħor li mhuwiex dak fejn ġie nnotifikat id-dejn doganali.

Artikolu 96

Mezzi għall-bgħit ta' informazzjoni dwar it-tlestija ta' formalitajiet meta l-oġġetti jkunu jinsabu fi Stat Membru ieħor

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

It-tweġiba msemmija fl-Artikolu 95 tista' tintbagħat permezz ta' mezzi oħra li mhux bilfors ikunu tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

▼M3

Artikolu 97

Estensjoni tal-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni

(l-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi)

1. Meta jkun japplika l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi jew il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi, il-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni għandu jiġi sospiż sa żmien meta l-Istat Membru kkonċernat ikun irċieva n-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni jew in-notifika mill-Kummissjoni li l-fajl ġie ritornat għar-raġunijiet previsti fl-Artikolu 98(6) ta' dan ir-Regolament.

2. Meta jkun japplika l-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi, il-limitu ta' żmien għat-teħid ta' deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni għandu jiġi sospiż sa żmien meta l-Istat Membru kkonċernat ikun irċieva notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-każ li jinvolvi kwistjonijiet paragunabbli fil-fatt u fid-dritt.

3. Meta d-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni tista' tiġi affettwata mill-eżitu ta' waħda mill-proċeduri amministrattivi pendenti jew proċedimenti tal-qorti, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni, bil-qbil tal-applikant, jista' jiġi estiż kif ġej:

(a) Jekk każ li jinvolvi kwistjonijiet identiċi jew paragunabbli fil-fatt u fid-dritt ikun pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni jista' jiġi estiż għal perjodu li jintemm mhux iktar tard minn 30 jum wara d-data li tinqata' s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja;

▼M3

(b) Jekk id-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni tiddependi fuq l-eżitu ta' talba għal verifika sussegwenti tal-prova tal-oriġini preferenzjali li tkun saret skont l-Artikoli 109, 110 jew 125 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jew skont il-ftehim preferenzjali kkonċernat, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni jista' jiġi estiż għad-durata tal-verifika kif imsemmi fl-Artikoli 109, 110 jew 125 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 jew permezz tal-ftehim preferenzjali kkonċernat, u fi kwalunkwe każ mhux iktar tard minn 15-il xahar mid-data li fiha tkun intbagħtet it-talba; u

(c) Jekk id-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni tiddependi fuq l-eżitu ta' proċedura ta' konsultazzjoni bl-għan li tiżgura l-klassifikazzjoni tariffarja korretta u uniformi jew id-determinazzjoni tal-oriġini tal-merkanzija kkonċernata fil-livell tal-Unjoni, li tkun saret skont l-Artikolu 23(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, il-limitu ta' żmien għat-teħid tad-deċiżjoni dwar ħlas lura jew remissjoni jista' jiġi estiż għal perjodu li jintemm mhux iktar tard minn 30 jum wara n-notifika mill-Kummissjoni tal-irtirar tas-sospensjoni tat-teħid ta' deċiżjonijiet BTI u BOI, kif previst fl-Artikolu 23(3) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

▼B

Subtaqsima 2

Deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Kummissjoni

Artikolu 98

Trażmizzjoni tal-fajl lill-Kummissjoni għal deċiżjoni

(Artikolu 116(3) tal-Kodiċi)

1. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bl-intenzjoni li jibgħat il-fajl lill-Kummissjoni qabel jibagħtu u jagħti lill-persuna kkonċernata 30 jum biex tiffirma dikjarazzjoni li tiċċertifika li qrat il-fajl u tistipula li ma hemm xejn xi żżid jew telenka l-informazzjoni addizzjonali kollha li tqis li għandha tiġi inkluża. Meta l-persuna kkonċernata ma tipprovdix dik id-dikjarazzjoni fi żmien dawk it-30 jum, il-persuna kkonċernata għandha titqies li qrat il-fajl u li ma għandha xejn xi żżid.

2. Meta Stat Membru jibgħat fajl lill-Kummissjoni għal deċiżjoni fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi, il-fajl għandu jinkludi tal-inqas dan li ġej:

(a) sommarju tal-każ;

(b) informazzjoni ddettaljata li tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 119 jew l-Artikolu 120 tal-Kodiċi huma ssodisfati;

(c) id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 jew dikjarazzjoni mill-Istat Membru li tiċċertifika li l-persuna kkonċernata hija kkunsidrata li qrat il-fajl u ma għandha xejn xi żżid.

3. Malli tirċievi l-fajl, il-Kummissjoni għandha tikkonferma dan lill-Istat Membru kkonċernat.

4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri kollha kopja tas-sommarju tal-każ imsemmi fil-paragrafu 2(a) fi żmien 15-il jum mid-data li fiha tkun irċevit il-fajl.

▼B

5. Meta l-informazzjoni mibgħuta mill-Istat Membru ma tkunx biżżejjed sabiex il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni, il-Kummissjoni tista' titlob iktar informazzjoni mill-Istat Membru.

6. Il-Kummissjoni għandha trodd lura l-fajl lill-Istat Membru u l-każ għandu jitqies li qatt ma ġie sottomess lill-Kummissjoni fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-fajl huwa evidentement mhux komplut minħabba li ma fih xejn li jiġġustifika l-kunsiderazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni;

(b) skont it-tieni subparagrafutal-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi, il-każ ma kellux jiġi sottomess lill-Kummissjoni;

(c) l-Istat Membru ikun bagħat lill-Kummissjoni informazzjoni ġdida ta' natura li tbiddel sostanzjalment il-preżentazzjoni tal-fatti jew il-valutazzjoni legali tal-każ filwaqt li l-Kummissjoni tkun għadha qed tikkunsidra l-fajl.

Artikolu 99

Id-dritt għall-persuna kkonċernata li tinstema'

(Artikolu 116(3) tal-Kodiċi)

1. Meta l-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li tieħu deċiżjoni sfavorevoli fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 116 (3) tal-Kodiċi, għandha tikkomunika l-oġġezzjonijiet tagħha lill-persuna kkonċernata bil-miktub, flimkien ma' referenza għad-dokumenti u l-informazzjoni kollha li fuqhom huma bbażati dawk l-oġġezzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-persuna kkonċernata dwar id-dritt tagħha li jkollha aċċess għall-fajl.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru kkonċernat bl-intenzjoni tagħha u dwar il-bgħit tal-komunikazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-persuna kkonċernata tingħata l-opportunità li tesprimi fehimitha bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum mid-data li fiha tkun irċiviet il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 100

Limiti ta' żmien

(Artikolu 116(3) tal-Kodiċi)

1. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar jekk il-ħlas lura jew il-remissjoni humiex iġġustifikati fi żmien disa' xhur mid-data li fihom tkun irċeviet il-fajl imsemmi fl-Artikolu 98(1).

2. Meta l-Kummissjoni tkun sabet li għandha bżonn titlob iktar informazzjoni mingħand l-Istat Membru kif stabbilit fl-Artikolu 98(5), il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 jiġi estiż bl-istess perjodu ta' żmien bħall-perjodu ta' bejn id-data li fiha l-Kummissjoni tkun bagħtet it-talba għal informazzjoni addizzjonali u d-data li fiha tkun irċiviet l-informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-persuna kkonċernata dwar l-estensjoni.

3. Meta l-Kummissjoni tagħmel investigazzjoni sabiex tieħu deċiżjoni, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi estiż biż-żmien neċessarju biex jitlestew l-investigazzjonijiet. Estensjoni bħal din ma

▼B

għandhiex taqbeż id-disa' xhur. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru u lill-persuna kkonċernata dwar id-dati li fihom jinfetħu u jingħalqu l-investigazzjonijiet.

4. Meta l-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni li tieħu deċiżjoni sfavorevoli kif imsemmi fl-Artikolu 99(1), il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi estiż bi 30 jum.

Artikolu 101

In-notifika tad-deċiżjoni

(Artikolu 116(3) tal-Kodiċi)

1. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar id-deċiżjoni tagħha malajr kemm jista' jkun u qatt iktar tard minn 30 jum mill-iskadenza tal-perjodu speċifikat fl-Artikoli 100(1).

2. L-awtorità doganali kompetenti li tieħu d-deċiżjoni għandha toħroġ deċiżjoni fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni nnotifikata b'konformità mal-paragrafu 1.

L-Istat Membru li għalih tappartjeni l-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni għandu jgħarraf lill-Kummissjoni billi jibgħatilha kopja tad-deċiżjoni kkonċernata.

3. Meta d-deċiżjoni fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 116(3) tal-Kodiċi tkun favorevoli għall-persuna kkonċernata, il-Kummissjoni tista' tispeċifika l-kundizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet doganali għandhom iħallsu lura jew jagħmlu remissjoni tad-dazju f'każijiet li jinvolvu kwistjonijiet paragunabbli fil-fatt u fid-dritt.

Artikolu 102

Il-konsegwenzi fil-każ ta' nuqqas ta' teħid jew notifika ta' deċiżjoni

(Artikolu 116(3) tal-Kodiċi)

Jekk il-Kummissjoni ma tiħux deċiżjoni fil-limitu taż-żmien stipulat fl-Artikolu 100, jew ma tinnotifikax deċiżjoni lill-Istat Membru inkwitsjoni fi ħdan il-limitu ta' żmien previst f'101(1), l-awtorità doganali kompetenti sabiex tieħu d-deċiżjoni għandha tieħu deċiżjoni favur il-persuna kkonċernata.

KAPITOLU 4

Għeluq ta' dejn doganali

Artikolu 103

Nuqqasijiet li ma għandhomx effett sinifikanti fuq it-tħaddim korrett ta' proċedura doganali

(Artikolu 124(1)(h)(i) tal-Kodiċi)

Is-sitwazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala nuqqasijiet li ma għandhomx effett sinifikanti fuq it-tħaddim korrett tal-proċedura doganali:

(a) jinqabeż limitu ta' żmien b'perjodu ta' żmien li mhuwiex itwal mill-estensjoni tal-limitu ta' żmien li kienet tingħata li kieku saret applikazzjoni għal estensjoni;

▼B

(b) meta dejn doganali jkun iġġarrab għal oġġetti imqiegħda taħt proċedura speċjali jew f'ħażna temporanja skont l-Artikolu 79(1)(a) jew (c) tal-Kodiċi u dawk l-oġġetti mbagħad ikunu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera;

(c) meta s-superviżjoni doganali tkun reġgħet ġiet stabbilita għal oġġetti li mhumiex parti formali minn proċedura ta' tranżitu, iżda li qabel kienu f'ħażna temporanja jew li tqiegħdu taħt proċedura speċjali flimkien ma' oġġetti mqiegħda formalment taħt dik il-proċedura ta' tranżitu;

(d) fil-każ ta' oġġetti mqiegħda taħt proċedura speċjali minbarra ż-żoni ta' tranżitu u ż-żoni liberi jew fil-każ ta' oġġetti maħżuna temporanjament, meta jsir żball fl-informazzjoni mniżżla fid-dikjarazzjoni doganali li tirrilaxxa l-proċedura jew li ttemm il-ħażna temporanja diment li l-iżball ma jkollu ebda impatt fuq ir-rilaxx tal-proċedura jew fuq it-tmiem tal-ħażna temporanja;

(e) meta d-dejn doganali jkun iġġarrab skont l-Artikolu 79(1)(a) jew (b) tal-Kodiċi, diment li l-persuna kkonċernata tgħarraf lill-awtoritajiet doganali kompetenti dwar in-nuqqas ta' konformità qabel ma jkun ġie nnotifikat id-dejn doganali jew inkella qabel ma l-awtoritajiet doganali jkunu għarrfu lit-tali persuna li biħsiebhom jagħmlu kontroll.

TITOLU IV

OĠĠETTI MIĠJUBA FIT-TERRITORJU DOGANALI TAL-UNJONI

KAPITOLU 1

Dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul

Artikolu 104

Rinunzja mill-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul

(Artikolu 127(2)(b) tal-Kodiċi)

1. Il-preżentazzjoni ta' ►C3 dikjarazzjoni fil-qosor ◄ tad-dħul tiġi rrinunzjata fir-rigward tal-merkanzija li ġejja:

(a) enerġija elettrika;

(b) oġġetti li jidħlu minn pipeline;

(c) oġġetti ta' korrispondenza;

(d) oġġetti domestiċi kif definiti fl-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali ([1]), diment li ma jinġarrux skont kuntratt ta' trasport;

(e) oġġetti li għalihom hija awtorizzata dikjarazzjoni doganali bil-fomm b'konformità mal-Artikolu 135 u l-Artikolu 136(1) diment li ma jinġarrux skont kuntratt ta' trasport;

([1]) ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.

▼M7

(f) il-merkanzija msemmija fl-Artikolu 138(b) sa (d) u (h) jew fl-Artikolu 139(1) li tkun meqjusa ddikjarata f'konformità mal-Artikolu 141 diment li ma tiġix trasportata skont kuntratt ta' trasport;

▼B

(g) oġġetti fil-baġalji personali ta' vjaġġaturi;

▼M7

(h) merkanzija trasportata jew użata fil-kuntest ta' attivitajiet militari koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE;

▼B

(i) armi u tagħmir militari mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni mill-awtoritajiet inkarigati mid-difiża militari ta' Stat Membru, fi trasport militari jew trasport operat għall-użu mill-awtoritajiet militari biss;

(j) l-oġġetti li ġejjin imdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni direttament minn installazzjonijiet offshore imħaddma minn persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni:

(i) oġġetti li kienu inkorporati f'dawk l-installazzjonijiet offshore għall-finijiet tal-kostruzzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni jew il-konverżjoni tagħhom;

(ii) oġġetti li ntużaw għall-immuntar jew it-tagħmir ta' installazzjonijiet offshore;

(iii) provvisti użati jew ikkunsmati fuq l-installazzjonijiet offshore;

(iv) skart mhux perikoluż mit-tali installazzjonijiet offshore;

(k) oġġetti intitolati għal abbon skont il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-relazzjonijiet diplomatiċi tat-18 ta' April 1961, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-relazzjonijiet konsulari tal-24 ta' April 1963, konvenzjonijiet konsulari oħrajn jew il-Konvenzjoni ta' New York tas-16 ta' Diċembru 1969 dwar missjonijiet speċjali;

(l) l-oġġetti li ġejjin abbord bastimenti u inġenji tal-ajru:

(i) oġġetti li ġew ipprovduti sabiex jiġu inkorporati bħala partijiet jew aċċessorji f'dawk il-bastimenti jew inġenji tal-ajru;

(ii) oġġetti għat-tħaddim ta' magni, makkinarji u tagħmir ieħor ta' dawk il-bastimenti jew inġenji tal-ajru;

(iii) oġġetti tal-ikel jew oġġetti oħra li jiġu kkunsmati jew jinbiegħu abbord;

▼M7

(m) merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni minn Ceuta u Melilla, Ġibiltà, Heligoland, ir-Repubblika ta' San Marino, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan jew il-muniċipalità ta' Livigno;

▼B

(n) prodotti tas-sajd u prodotti oħra meħuda mill-baħar barra mit-territorji doganali tal-Unjoni mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni;

(o) bastimenti, u l-oġġetti li jkunu qed iġorru, li jidħlu fl-ibħra territorjali ta' Stat Membru bl-uniku skop li jgħabbu provvisti mingħajr ma jagħmlu ebda konnessjoni mal-faċilitajiet portwarji;

(p) oġġetti koperti mill-carnets ATA jew CPD diment li jinġarrux skont kuntratt ta' trasport;

▼M7

(q) skart minn bastimenti, bil-kundizzjoni li n-notifika bil-quddiem dwar l-iskart kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/883 tkun saret fis-Single Window Nazzjonali marittima jew permezz ta' kanali ta' rapportar oħrajn aċċettabbli għall-awtoritajiet kompetenti, inkluż għad-dwana.

2. Il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tiġi rinunzjata fir-rigward tal-merkanzija f'kunsinni postali, kif ġej:

(a) meta l-kunsinni postali jiġu trasportati bl-ajru u jkollhom Stat Membru bħala d-destinazzjoni finali, sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 ([1]) għall-użu tal-ħarġa 1 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447;

(b) meta l-kunsinni postali jiġu trasportati bl-ajru u jkollhom pajjiż jew territorju terz bħala d-destinazzjoni finali, sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 2 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447;

(c) meta l-kunsinni postali jiġu trasportati bil-baħar, bit-triq jew bil-ferrovija, sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 3 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

_____

4. Il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tiġi rinunzjata fir-rigward ta' merkanzija f'kunsinna li l-valur intrinsiku tagħha ma jkunx ta' aktar minn EUR 22, diment li l-awtoritajiet doganali jaċċettaw, bil-qbil tal-operatur ekonomiku, li jwettqu analiżi tar-riskji bl-użu tal-informazzjoni li tinsab fis-sistema, jew provduta minnha, użata mill-operatur ekonomiku, kif ġej:

(a) meta l-merkanzija tkun f'kunsinni express li jiġu trasportati bl-ajru, sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 1 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447;

([1]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2151 tat-13 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 168).

▼M7

(b) meta l-merkanzija tiġi trasportata bl-ajru f'kunsinni differenti minn kunsinni postali jew express, sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 2 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447;

(c) meta l-merkanzija tiġi trasportata bil-baħar, bil-passaġġi fuq l-ilma interni, bit-triq jew bil-ferrovija, sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 3 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

▼B

Artikolu 105

Limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-każ ta' trasport bil-baħar

(Artikolu 127(3) u (7) tal-Kodiċi)

Meta l-oġġetti jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni bil-baħar, id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tiġi ppreżentata fil-limiti taż-żmien li ġejjin:

(a) għal merkanzija fil-kontejners, għajr meta jkun japplika l-punt (c) jew il-punt (d), mhux iktar tard minn 24 siegħa qabel ma l-oġġetti jitgħabbew fuq il-bastiment li fuqu se jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) għal merkanzija bl-ingrossa jew merkanzija li titgħabba individwalment, għajr meta jkun japplika l-punt (c) jew il-punt (d), mhux iktar tard minn erba' sigħat qabel il-wasla tal-bastiment fl-ewwel port ta' dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) mhux iktar tard minn sagħtejn qabel il-wasla tal-bastiment fl-ewwel port tad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni fil-każ tal-oġġetti li ġejjin minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) Greenland;

(ii) il-Gżejjer Faeroe;

(iii) l-Iżlanda;

(iv) il-portijiet fil-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar l-Iswed u l-Baħar Mediterran;

(v) il-portijiet kollha tal-Marokk;

(d) għal moviment, ħlief meta jkun japplika l-punt (c), bejn it-territorju barra t-territorju doganali tal-Unjoni u Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej, il-gżejjer Azores, Madeira jew il-Gżejjer Canary, meta l-vjaġġ idum inqas minn 24 siegħa, mhux iktar tard minn sagħtejn qabel il-wasla fl-ewwel port tad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼M7

Artikolu 106

Limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-każ ta' trasport bl-ajru

(l-Artikoli 127(2)(b), (3), (6) u (7) tal-KodiĊi)

1. Meta l-merkanzija tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni bl-ajru, id-dettalji sħaħ tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandhom jiġu preżentati malajr kemm jista' jkun u, fi kwalunkwe każ, fil-limiti ta' żmien li ġejjin:

(a) għal titjiriet ta' inqas minn erba' sigħat, mhux iktar tard mill-ħin tat-tluq attwali tal-inġenju tal-ajru;

(b) għal titjiriet oħra, mhux iktar tard minn erba' sigħat qabel il-wasla tal-inġenju tal-ajru fl-ewwel ajruport tat-territorju doganali tal-Unjoni.

2. Mid-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 1 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, l-operaturi postali u t-trasportaturi express għandhom jippreżentaw, f'konformità mal-Artikolu 183 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, mill-inqas is-sett tad-*data* tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn meta l-merkanzija titgħabba fuq l-inġenju tal-ajru li fuqu tkun se tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni.

2a. Mid-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 2 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, l-operaturi ekonomiċi minbarra l-operaturi postali u t-trasportaturi express għandhom jippreżentaw mill-inqas is-sett tad-*data* tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn meta l-merkanzija titgħabba fuq l-inġenju tal-ajru li fuqu tkun se tiddaħħal fit-territorju doganali tal-Unjoni.

3. Mid-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 2 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, meta jkun ġie pprovdut biss is-sett tad-*data* minimu tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-limiti ta' żmien imsemmija fil-paragrafi 2 u 2a, id-dettalji l-oħra għandhom jiġu pprovduti fil-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1.

4. Sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 2 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, is-sett tad-*data* minimu tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ippreżentata f'konformità mal-paragrafu 2 għandu jitqies bħala d-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul sħiħa għal merkanzija f'kunsinni postali li jkollha Stat Membru bħala d-destinazzjoni finali u għal merkanzija f'kunsinni express b'valur intrinsiku ta' mhux aktar minn EUR 22.

▼B

Artikolu 107

Limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-każ ta' trasport bil-ferrovija

(Artikolu 127(3) u (7) tal-Kodiċi)

Meta l-oġġetti jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni bil-ferrovija, id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tiġi ppreżentata fil-limiti taż-żmien li ġejjin:

(a) meta l-vjaġġ bil-ferrovija mill-aħħar stazzjon tal-formazzjoni tal-ferrovija li tinsab f'pajjiż terz sal-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul jieħu inqas minn sagħtejn, mhux iktar tard minn siegħa qabel il-wasla tal-oġġetti fil-post li għalih huwa kompetenti dak l-uffiċċju doganali;

(b) fil-każijiet kollha l-oħrajn, mhux iktar tard minn sagħtejn qabel il-wasla tal-oġġetti fil-post li għalih huwa kompetenti l-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul.

Artikolu 108

Limiti taż-żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-każ tat-trasport bit-triq

(Artikolu 127(3) u (7) tal-Kodiċi)

Meta l-oġġetti jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni bit-triq, id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandha tiġi ppreżentata mhux iktar tard minn siegħa qabel il-wasla tal-oġġetti fuq il-post li għalih huwa kompetenti l-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul.

Artikolu 109

Limiti taż-żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-każ ta' trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni

(Artikolu 127(3) u (7) tal-Kodiċi)

Meta l-oġġetti jiddaħħlu fit-territorju tal-Unjoni permezz ta' passaġġi fuq l-ilma interni, id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul trid tiġi ppreżentata tal-inqas sagħtejn qabel il-wasla tal-oġġetti fuq il-post li għalih huwa kompetenti l-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul.

Artikolu 110

Limiti taż-żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-każ ta' trasport ikkombinat

(Artikolu 127(3) u (7) tal-Kodiċi)

Meta l-oġġetti jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni permezz ta' mezz tat-trasport li huwa stess jiġi ttrasportat fuq mezz tat-trasport attiv, il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għandu jkun il-limitu taż-żmien applikabbli għall-mezz tat-trasport attiv.

▼B

Artikolu 111

Limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul fil-każ ta' force majeure

(Artikolu 127(3) u (7) tal-Kodiċi)

Il-limiti ta' żmien imsemmija fl-Artikoli 105 sa 109 ma japplikawx fil-każ ta' *force majeure*.

Artikolu 112

Il-forniment tad-dettalji tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul minn persuni oħra f'każijiet speċifiċi rigward it-trasport bil-baħar jew il-passaġġi fuq l-ilma interni

(Artikolu 127(6) tal-Kodiċi)

1. Meta, fil-każ ta' trasport bil-baħar jew passaġġi fuq l-ilma interni, għall-istess oġġett, ikunu ġie konkluż kuntratt addizzjonali wieħed jew iktar kopert minn polza ta' kargu waħda jew iktar minn persuna waħda jew iktar li mhijiex it-trasportatur, u l-persuna li toħroġ il-polza ta' kargu ma tqegħidx id-dettalji meħtieġa għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għad-dispożizzjoni tal-imsieħeb kuntrattwali tagħha li joħroġ il-polza ta' kargu lilha jew lill-imsieħeb kuntrattwali li miegħu kkonkluda arranġament ta' kotagħbija ta' oġġetti, il-persuna li ma tqegħidx id-dettalji meħtieġa għad-dispożizzjoni, għandha tipprovdi dawk id-dettalji lill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul b'konformità mal-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi.

Meta d-destinatarju indikat fuq il-polza ta' kargu, li ma jkollha ebda polza ta' kargu sottostanti ma jqegħidx id-dettalji meħtieġa għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul disponibbli għall-persuna li toħroġ il-polza ta' kargu, dan għandu jipprovdi dawk id-dettalji lill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul.

▼M7

_____

3. Sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 3 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux ikun applikabbli.

▼B

Artikolu 113

Għoti ta' dettalji tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul minn persuni oħrajn f'każijiet speċifiċi fir-rigward tat-trasport bl-ajru

(Artikolu 127(6) tal-Kodiċi)

1. Meta, fil-każ ta' trasport bl-ajru, għall-istess oġġetti, ikunu ġie konkluż kuntratt addizzjonali wieħed jew iktar kopert minn polza tal-passaġġ bl-ajru waħda jew iktar minn persuna waħda jew iktar li mhijiex it-trasportatur, u l-persuna li toħroġ il-polża tal-passaġġ bl-ajru ma tqegħidx id-dettalji meħtieġa għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul għad-dispożizzjoni tal-imsieħeb kuntrattwali tagħha li joħroġ polza tal-passaġġ bl-ajru lilha jew lill-imsieħeb kuntrattwali li miegħu kkonkluda arranġament ta' kotagħbija ta' oġġetti, il-persuna li ma tqegħidx id-dettalji meħtieġa għad-dispożizzjoni, għandha tipprovdi dawk id-dettalji lill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul b'konformità mal-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi.

▼M7

_____

4. Sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 2 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux ikun applikabbli.

▼M7

Artikolu 113a

Forniment tad-dettalji tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul minn persuni oħra

(l-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi)

1. Kull persuna li tissottometti d-dettalji msemmija fl-Artikolu 127(5) tal-Kodiċi għandha tkun responsabbli għad-dettalji li hu/hi jkun/tkun issottometta/issottomettiet f'konformità mal-Artikolu 15(2)(a) u (b) tal-Kodiċi.

2. Mid-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 2 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, meta l-operatur postali ma jagħmilx id-dettalji meħtieġa għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ta' kunsinni postali disponibbli għal trasportatur li huwa obbligat li jippreżenta l-bqija tad-dettalji tad-dikjarazzjoni permezz ta' dik is-sistema, l-operatur postali tad-destinazzjoni, jekk il-merkanzija tiġi kkunsinnata fl-Unjoni, jew l-operatur postali tal-Istat Membru tal-ewwel dħul, jekk il-merkanzija tkun fi tranżitu fl-Unjoni, għandu jipprovdi dawk id-dettalji lill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul f'konformità mal-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi.

3. Mid-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 2 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, meta t-trasportatur express ma jagħmilx id-dettalji meħtieġa għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ta' kunsinni express trasportati bl-ajru disponibbli għat-trasportatur, it-trasportatur express għandu jipprovdi dawk id-dettalji lill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul f'konformità mal-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi.

▼B

KAPITOLU 2

Il-wasla tal-oġġetti

▼M3

Artikolu 114

Kummerċ ma' territorji fiskali speċjali

(l-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi)

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikoli 115 sa 118 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 133 sa 152 tal-Kodiċi għall-merkanzija tal-Unjoni li tinġab minn jew lejn territorju fiskali speċjali lejn jew minn parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma tkunx territorju fiskali speċjali u li ma tinsabx fl-istess Stat Membru.

▼M3

2. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tintbagħat minn territorju fiskali speċjali lejn parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma tkunx territorju fiskali speċjali, iżda li tkun tinsab fl-istess Stat Membru, din għandha tiġi ppreżentata lid-dwana minnufih mal-wasla tagħha f'dik il-parti l-oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni. Madankollu, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità doganali tal-Istat Membru kkonċernat, il-merkanzija tista' tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali magħżul jew fi kwalunkwe post ieħor magħżul jew approvat minn dik l-awtorità doganali qabel it-tluq tagħha mit-territorju fiskali speċjali.

Il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata lid-dwana mill-persuna li ġġib il-merkanzija lejn il-parti l-oħra tat-territorju doganali jew mill-persuna li għan-nom tagħha jew f'isimha l-merkanzija tinġab lejn dik il-parti tat-territorju doganali tal-Unjoni.

3. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tintbagħat minn parti tat-territorju doganali tal-Unjoni, li ma tkunx territorju fiskali speċjali, lejn territorju fiskali speċjali fl-istess Stat Membru, din għandha tiġi ppreżentata lid-dwana minnufih mal-wasla tagħha fit-territorju fiskali speċjali. Madankollu, soġġett għall-approvazzjoni tal-awtorità doganali tal-Istat Membru kkonċernat, il-merkanzija tista' tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali magħżul jew fi kwalunkwe post ieħor magħżul jew approvat minn dik l-awtorità doganali qabel it-tluq tagħha mill-post tad-dispaċċ.

Il-merkanzija għandha tiġi ppreżentata mill-persuna li ġġib il-merkanzija lejn it-territorju fiskali speċjali jew mill-persuna li għan-nom tagħha jew f'isimha l-merkanzija tinġab lejn it-territorju fiskali speċjali.

4. Il-merkanzija tal-Unjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tkun soġġetta biss għad-dispożizzjonijiet doganali skont l-Artikolu 134 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 115

Approvazzjoni ta' post għall-preżentazzjoni tal-merkanzija lid-dwana u għall-ħażna temporanja

(l-Artikoli 139(1) u 147(1) tal-Kodiċi)

1. Post li mhuwiex l-uffiċċju doganali kompetenti jista' jiġi approvat għall-finijiet tal-preżentazzjoni tal-merkanzija meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 148(2) u (3) tal-Kodiċi u fl-Artikolu 117 ta' dan ir-Regolament;

(b) il-merkanzija tiġi ddikjarata għal proċedura doganali jew tiġi riesportata mhux iktar tard minn tliet ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha jew mhux iktar tard minn sitt ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha fil-każ ta' destinatarju awtorizzat kif imsemmi fl-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux jeħtieġu li l-merkanzija tiġi eżaminata skont l-Artikolu 140(2) tal-Kodiċi.

▼M3

Meta l-post diġà jkun awtorizzat għall-fini tat-tħaddim tal-faċilitajiet ta' ħażna temporanja, dik l-approvazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa.

2. Post li mhuwiex faċilità ta' ħażna temporanja jista' jiġi approvat għall-ħażna temporanja tal-merkanzija meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 148(2) u (3) tal-Kodiċi u fl-Artikolu 117 ta' dan ir-Regolament;

(b) il-merkanzija tiġi ddikjarata għal proċedura doganali jew tiġi riesportata mhux iktar tard minn tliet ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha jew mhux iktar tard minn sitt ijiem wara l-preżentazzjoni tagħha fil-każ ta' destinatarju awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jkunux jeħtieġu li l-merkanzija tiġi eżaminata skont l-Artikolu 140(2) tal-Kodiċi.

▼B

Artikolu 116

Rekords

(Artikolu 148(4) tal-Kodiċi)

1. Ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 148(4) tal-Kodiċi jinkludu l-informazzjoni u d-dettalji li ġejjin:

(a) referenza għad-dikjarazzjoni ta' ħażna temporanja rilevanti għall-oġġetti maħżuna u referenza għat-tmiem korrispondenti tal-ħażna temporanja;

(b) id-data u d-dettalji li jidentifikaw id-dokumenti doganali li jikkonċernaw l-oġġetti maħżuna u kwalunkwe document ieħor relatat mal-ħażna temporanja tal-oġġetti;

(c) dettalji speċifiċi, in-numri ta' identifikazzjoni, in-numru u t-tip ta' pakketti, il-kwantità u d-deskrizzjoni kummerċjali jew teknika regolari tal-oġġetti u, fejn rilevanti, il-marki ta' identifikazzjoni tal-kontejner li huma neċessarji sabiex jiġu identifikati l-oġġetti;

(d) il-post tal-oġġetti u d-dettalji ta' kwalunkwe moviment ta' oġġetti;

(e) l-istatus doganali tal-oġġetti;

(f) id-dettalji dwar it-tipi ta' tqandil imsemmija fl-Artikolu 147(2) tal-Kodiċi;

▼B

(g) rigward il-moviment ta’ oġġetti f’ħażna temporanja bejn il-faċilitajiet ta’ ħażna temporanja li jinsabu fi Stati Membri differenti, id-dettalji dwar il-wasla tal-oġġetti fil-faċilitajiet ta’ ħażna temporanja ta’ destinazzjoni.

Meta r-rekords ma jkunux jagħmlu parti mill-kontijiet ewlenin għall-finijiet doganali, ir-rekords jirreferu għall-kontijiet ewlenin għal finijiet doganali.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrinunzjaw ir-rekwiżit għal parti mill-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 meta dan ma jaffettwax b’mod negattiv is-superviżjoni u l-kontrolli doganali tal-oġġetti. Madankollu, fil-każ tal-moviment liberu tal-merkanzija bejn faċilitajiet ta’ ħżin temporanji, din ir-rinunzja ma għandhiex tkun applikabbli.

Artikolu 117

Bejgħ bl-imnut

(Artikolu 148(1) tal-Kodiċi)

Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta’ faċilitajiet ta’ ħażna temporanja msemmija fl-Artikolu 148 tal-Kodiċi jingħataw bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-faċilitajiet ta’ ħażna temporanja ma jintużawx għall-finijiet ta’ bejgħ bl-imnut;

(b) meta l-oġġetti maħżuna jippreżentaw periklu jew aktarx li jħassru oġġetti oħrajn jew jirrikjedu faċilitajiet speċjali għal raġunijiet oħra, il-faċilitajiet ta’ ħażna temporanja jkunu mgħammra b’tagħmir speċjali biex jaħżnuhom;

(c) il-faċilitajiet ta’ ħażna temporanja huma mħaddma b’mod esklussiv mid-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Artikolu 118

Każijiet oħrajn ta’ moviment ta’ oġġetti f’ħażna temporanja

(Artikolu 148(5)(c) tal-Kodiċi)

B’konformità mal-Artikolu 148(5)(c) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw il-moviment ta’ oġġetti f’ħażna temporanja bejn faċilitajiet differenti ta’ ħażna temporanja li jkunu koperti minn awtorizzazzjonijiet differenti sabiex iħaddmu faċilitajiet ta’ ħażna temporanja diment li d-detenturi ta’ dawk l-awtorizzazzjonijiet ikunu AEOC.

▼B

TITOLU V

REGOLI ĠENERALI DWAR STATUS DOGANALI, TQEGĦID TA' MERKANZIJA TAĦT PROĊEDURA DOGANALI, VERIFIKA, RILAXX U TNEĦĦIJA TAL-MERKANZIJA

KAPITOLU 1

Status doganali tal-merkanzija

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 119

Preżunzjoni ta' status doganali

(Artikoli 153(1) u 155(2) tal-Kodiċi)

1. Il-preżunzjoni ta' status doganali ta' merkanzija tal-Unjoni ma tapplikax għall-merkanzija li ġejja:

(a) merkanzija mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni li hija taħt superviżjoni doganali sabiex jiġi ddeterminat l-istatus doganali tagħha;

(b) merkanzija f'ħażna temporanja;

(c) merkanzija mqiegħda taħt xi waħda mill-proċeduri speċjali bl-eċċezzjoni tat-tranżitu intern, l-ipproċessar passiv u l-proċeduri ta' użu finali;

(d) prodotti tas-sajd fil-baħar maqbuda minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni barra t-territorju doganali tal-Unjoni, f'ilmijiet li mhumiex l-ibħra territorjali ta' pajjiż terz li jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 129;

(e) merkanzija miksuba mill-prodotti msemmija fil-punt (d) abbord dak il-bastiment jew vapur fabbrika tal-Unjoni, li fil-produzzjoni tagħhom setgħu ntużaw prodotti oħra li jkollhom l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni li jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 129;

(f) prodotti tas-sajd fil-baħar u prodotti oħra meħuda jew maqbuda minn bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' pajjiż terz fit-territorju doganali tal-Unjoni.

2. Il-merkanzija tal-Unjoni tista' timxi, mingħajr ma tkun soġġetta għal proċedura doganali, minn punt għall-ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u temporanjament 'il barra minn dak it-territorju mingħajr tibdil tal-istatus doganali tagħha fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-merkanzija tinġarr bl-ajru u tkun ġiet mgħobbija jew trażbordata f'ajruport tal-Unjoni għal konsenja lil ajruport ieħor tal-Unjoni, sakemm tinġarr taħt il-kopertura ta' dokument uniku tat-trasport maħruġ fi Stat Membru;

(b) meta l-merkanzija tinġarr bil-baħar u tkun ġiet ittrasportata bejn portijiet tal-Unjoni minn servizz regolari tat-trasport marittimu skont l-Artikolu 120;

▼B

(c) meta l-merkanzija tinġarr bil-ferrovija u tkun ġiet ittrasportata permezz ta' pajjiż terz li huwa parti kontraenti għall-Konvenzjoni dwar proċedura ta' tranżitu komuni taħt il-kopertura ta' dokument uniku tat-trasport maħruġ fi Stat Membru u din il-possibbiltà tkun prevista fi ftehim internazzjonali.

3. Il-merkanzija tal-Unjoni tista' timxi, mingħajr ma tkun soġġetta għal proċedura doganali, minn punt għall-ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u temporanjament 'il barra minn dak it-territorju mingħajr tibdil tal-istatus doganali tagħha fil-każijiet li ġejjin sakemm tingħata prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni:

(a) merkanzija li tkun inġabet minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u temporanjament titlaq minn dak it-territorju bil-baħar jew bl-ajru;

(b) merkanzija li tkun inġabet minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni minn territorju barra t-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma tkun trażbordata, u tinġarr taħt il-kopertura ta' dokument uniku tat-trasport maħruġ fi Stat Membru;

(c) merkanzija li tkun inġabet minn punt għal ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni minn territorju barra t-territorju doganali tal-Unjoni u kienet trażbordata barra t-territorju doganali tal-Unjoni fuq mezz ta' trasport li ma jkunx dak fuq fejn kienet inizjalment mgħobbija bil-ħruġ ta' dokument ġdid tat-trasport, li jkopri ġarr mit-territorju barra t-territorju doganali tal-Unjoni, sakemm id-dokument il-ġdid ikollu miegħu kopja tad-dokument oriġinali uniku tat-trasport;

(d) vetturi tat-triq bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru li jkunu telqu b'mod temporanju u reġgħu daħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(e) ippakkjar, palits u tagħmir ieħor simili, eskluż kontejners, li jappartjenu għal persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni li huma użati għat-trasport ta' merkanzija li tkun telqet b'mod temporanju u reġgħet daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(f) merkanzija f'bagalji li jinġarru minn passiġġieri li ma tkunx maħsuba għall-użu kummerċjali u tkun telqet b'mod temporanju u reġgħet daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Taqsima 2

Servizz regolari tat-trasport martittimu għal finijiet doganali

Artikolu 120

Awtorizzazzjoni biex jiġu stabbiliti servizzi regolari tat-trasport marittimu

(Artikolu 155(2) tal-Kodiċi)

1. Tista' tingħata awtorizzazzjoni mill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni lil kumpanija tat-tbaħħir għall-finijiet ta' servizzi regolari tat-trasport marittimu biex jtingħata dritt li tittrasporta merkanzija tal-Unjoni minn punt għall-ieħor fit-territorju doganali tal-Unjoni u temporanjament barra minn dak it-territorju mingħajr bidla fl-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

▼B

2. Awtorizzazzjoni għandha tingħata biss meta:

(a) il-kumpanija tat-tbaħħir tkun stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) tissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 39(a) tal-Kodiċi;

(c) timpenja ruħha li tikkomunika mal-awtorità doganali kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 121(1) wara li tinħareġ l-awtorizzazzjoni; u

(d) timpenja ruħha li ma tagħmilx waqfiet fir-rotot tas-servizz regolari tat-trasport marittimu fi kwalunkwe port f'territorju barra t-territorju doganali tal-Unjoni jew fi kwalunkwe żona libera f'port tal-Unjoni, u li ma tagħmilx trażbordi ta' merkanzija fuq il-baħar.

3. Il-kumpaniji tat-tbaħħir ingħataw awtorizzazzjoni skont dan l-Artikolu għandhom jipprovdu s-servizz regolari tat-trasport marittimu stabbilit fih.

Is-servizz regolari tat-trasport marittimu għandu jiġi pprovdut permezz ta' bastimenti rreġistrati għal dak il-għan skont l-Artikolu 121.

Artikolu 121

Reġistrazzjoni tal-bastimenti u l-portijiet

(Artikoli 22(4) u 155(2) tal-Kodiċi)

1. Il-kumpanija tat-tbaħħir awtorizzata biex tistabbilixxi servizzi regolari tat-trasport marittimu għall-finijiet tal-Artikolu 119(2)(b) għandha tirreġistra l-bastimenti li beħsiebha tuża u l-portijiet li beħsiebha tieqaf fihom għall-finijiet ta' dak is-servizz billi tikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni:

(a) l-ismijiet tal-bastimenti assenjati għas-servizz regolari tat-trasport marittimu;

(b) il-port fejn il-bastiment jibda l-operat tiegħu bħala servizz regolari tat-trasport marittimu;

(c) il-portijiet ta' waqfa;

2. Ir-reġistrazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xogħol wara dak tar-reġistrazzjoni mill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni.

3. Il-kumpanija tat-tbaħħir awtorizzata biex tistabbilixxi servizzi regolari tat-trasport marittimu għall-finijiet tal-Artikolu 119(2)(b) għandha tinnotifika kwalunkwe modifika għall-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 u d-data u l-ħin ta' meta dik il-modifika jkollha effett lill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni.

▼B

Artikolu 122

Ċirkostanzi mhux previsti matul it-trasport permezz ta' servizzi regolari tat-trasport marittimu

(Artikoli 153(1) u 155(2) tal-Kodiċi)

Meta bastiment irreġistrat lil servizz regolari tat-trasport marittimu għall-finijiet tal-Artikolu 119(2)(b) bħala riżultat ta' ċirkostanzi mhux previsti jittrażborda merkanzija fuq il-baħar, jieqaf jew jgħabbi jew iħott merkanzija f'port barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, f'port li ma jkunx parti mis-servizz regolari tat-trasport marittimu jew f'żona ħielsa ta' port tal-Unjoni, l-istatus doganali ta' dik il-merkanzija m'għandux jinbidel sakemm it-tagħbija jew il-ħatt ma jkunx sar f'dawk il-postijiet.

Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom raġuni biex jiddubitaw jekk il-merkanzija ssodisfatx dawk il-kundizzjonijiet, għandha tingħata prova tal-istatus doganali ta' dik il-merkanzija.

▼M1

Artikolu 122a

Sistema ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar l-RSS

(l-Artikolu 155(2) tal-Kodiċi)

1. Sad-data tal-iskjerament tas-sistema ta' Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-KDU msemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom, bl-użu ta' sistema elettronika ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar is-servizzi regolari tat-trasport marittimu, jaħżnu u jkollhom aċċess għall-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dejta tal-applikazzjonijiet;

(b) l-awtorizzazzjonijiet għal servizzi regolari tat-trasport marittimu u, fejn applikabbli, l-emendar jew ir-revoka tagħhom;

(c) l-ismijiet tal-portijiet tal-waqfa u l-ismijiet tal-bastimenti assenjati għas-servizz;

(d) kull informazzjoni rilevanti oħra.

2. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li lilu tkun saret l-applikazzjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati mis-servizz tat-trasport marittimu permezz tas-sistema elettronika ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar is-servizzi regolari tat-trasport marittimu msemmija fil-paragrafu 1.

3. Jekk l-awtoritajiet doganali nnotifikati jirrifjutaw l-applikazzjoni, din għandha tiġi kkomunikata permezz tas-sistema elettronika ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar is-servizzi regolari tat-trasport marittimu msemmija fil-paragrafu 1.

4. Is-sistema elettronika ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar is-servizzi regolari tat-trasport marittimu msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintuża biex taħżen l-awtorizzazzjoni u biex tinnotifika lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri kkonċernati mis-servizz tat-trasport marittimu li l-awtorizzazzjoni nħarġet.

▼M1

5. Meta awtorizzazzjoni tiġi rrevokata mill-awtorità doganali li lilha tkun saret l-applikazzjoni jew fuq talba tal-kumpanija tat-tbaħħir, dik l-awtorità doganali għandha tinnotifika r-revoka lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri kkonċernati mis-servizz tat-trasport marittimu bl-użu tas-sistema elettronika ta' komunikazzjoni u informazzjoni dwar is-servizzi regolari tat-trasport marittimu msemmija fil-paragrafu 1.

▼B

Taqsima 3

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni

Subtaqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 123

Perjodu ta' validità ta' T2L, T2LF jew manifest tal-merkanzija doganali

(Artikolu 22(5) tal-Kodiċi)

Il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni fil-forma ta' T2L, T2LF jew manifest tal-merkanzija doganali għandha tkun valida għal 90 jum mid-data tar-reġistrazzjoni jew fejn, skont l-Artikolu 128, ma jkun hemm ebda obbligu biex il-manifest tal-merkanzija doganali jiġi rreġistrat, mid-data tal-istabbiliment tagħha. Fuq talba tal-persuna kkonċernata, u għal raġunijiet ġustifikati, l-uffiċċju doganali tista' tistabbilixxi perjodu itwal ta' validità tal-prova.

Artikolu 124

Mezzi ta' komunikazzjoni tal-MRN ta' T2L, T2LF jew manifest tal-merkanzija doganali

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

L-MRN ta' T2L, T2LF jew manifest tal-merkanzija doganali jista' jiġi sottomess permezz ta' kwalunkwe mezz differenti mit-tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta li ġejjin:

(a) barkowd;

(b) dokument ta' reġistrazzjoni tal-istatus;

(c) mezzi oħra kif permess mill-awtorità doganali ta' riċeviment.

▼M1

Sad-data tal-iskjerament tas-sistema ta' Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-KDU msemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika.

▼M3

Artikolu 124a

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni permezz ta' dokument "T2L" jew "T2LF"

(l-Artikoli 6(2), 6(3)(a) u 153(2) tal-Kodiċi)

▼M1

Sad-data tal-iskjerament tas-sistema tal-PoUS imsemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE u meta jintuża dokument "T2L" jew "T2LF" stampat, għandu japplika dan li ġej:

(a) Il-persuna kkonċernata għandha ddaħħal "T2L" jew "T2LF" fis-subdiviżjoni fuq il-lemin tal-kaxxa 1 tal-formola u "T2Lbis" jew "T2LFbis" fis-subdiviżjoni fuq il-lemin tal-kaxxa 1 ta' kwalunkwe folja ta' kontinwazzjoni użata.

(b) L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe persuna tuża listi ta' tagħbija li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti kollha, meta dawk il-persuni:

— huma stabbiliti fl-Unjoni;

— joħorġu regolarment il-prova tal-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni jew li l-awtoritajiet doganali tagħhom jafu li huma jistgħu jissodisfaw l-obbligi legali għall-użu ta' dawk il-provi;

— ma kkommettew ebda reat serju jew ripetut kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali;

(c) L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) għandhom jingħataw biss meta:

— l-awtoritajiet doganali jkunu f'pożizzjoni li jissorveljaw il-proċedura u jwettqu kontrolli mingħajr sforz amministrattiv sproporzjonat għall-ħtiġijiet tal-persuna kkonċernata, u

— il-persuna kkonċernata żżomm rekords li jippermettu lill-awtoritajiet doganali jwettqu kontrolli effettivi;

(d) Dokument "T2L" jew "T2LF" għandu jitfassal f'dokument oriġinali wieħed.

(e) Fil-każ ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet doganali, din għandha tinkludi dawn illi ġejjin li, safejn possibbli, għandhom jidhru fil-kaxxa "Ċ". Uffiċċju tat-"tluq":

— fil-każ tad-dokumenti "T2L" jew "T2LF", l-isem u t-timbru tal-uffiċċju kompetenti, il-firma ta' uffiċjal ta' dak l-uffiċċju, id-data tal-approvazzjoni u n-numru tar-reġistrazzjoni jew in-numru tad-dikjarazzjoni tad-dispaċċ, meta dan ikun meħtieġ;

— fil-każ tal-folji ta' kontinwazzjoni jew il-listi tat-tagħbija, in-numru li jidher fuq id-dokument "T2L" jew "T2LF", li għandu jiddaħħal permezz ta' timbru li jinkludi l-isem tal-uffiċċju kompetenti jew inkella bl-idejn; meta dan jiddaħħal bl-idejn, huwa għandu jkun akkumpanjat mit-timbru uffiċjali tal-imsemmi uffiċċju.

▼M1

Id-dokumenti għandhom jiġu rritornati lill-persuna kkonċernata.

▼B

Subtaqsima 2

Provi sottomessi b'mezzi oħra differenti mit-tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta

Artikolu 125

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni għal vjaġġaturi li mhumiex operaturi ekonomiċi

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Vjaġġatur, li mhuwiex operatur ekonomiku, jista' jagħmel talba bil-miktub għal prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni.

Artikolu 126

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni permezz tal-produzzjoni ta' fattura jew dokument tat-trasport

(Artikoli 6(2) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)

1. Il-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni li l-valur tagħha ma jaqbiżx EUR 15 000 tista' tiġi sottomessa minn kwalunkwe waħda minn dawn il-mezzi li ġejjin għajr tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta:

(a) fattura relatata mal-merkanzija;

(b) dokument tat-trasport relatat mal-merkanzija.

2. Il-fattura jew dokument ta' trasport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi mill-inqas l-isem sħiħ u l-indirizz tal-konsenjant, jew tal-persuna kkonċernata fejn ma jkunx hemm konsenjant, l-uffiċċju doganali kompetenti, in-numru ta' pakketti u t-tipi, marki u numri ta' referenza tal-pakketti, deskrizzjoni tal-merkanzija, il-massa grossa tal-merkanzija (kg), il-valur tal-merkanzija u, fejn meħtieġ, in-numri tal-kontejners.

Il-konsenjant, jew il-persuna kkonċernata fejn ma jkunx hemm konsenjant, għandu jidentifika l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni billi jindika l-kodiċi "T2L" jew "T2LF", kif xieraq, akkumpanjat bil-firma tiegħu fil-fattura jew id-dokument tat-trasport.

▼M1

3. Sad-data tal-iskjerament tas-sistema tal-PoUS imsemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, fil-każ ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet doganali, l-approvazzjoni għandha tinkludi l-isem u t-timbru tal-uffiċċju doganali kompetenti, il-firma ta' uffiċjal ta' dak l-uffiċċju, id-data tal-approvazzjoni u n-numru tar-reġistrazzjoni jew in-numru tad-dikjarazzjoni tad-dispaċċ, meta tkun meħtieġa dikjarazzjoni bħal din.

▼M3

Artikolu 126a

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni permezz tal-produzzjoni ta' manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir

(l-Artikoli 6(2) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)

▼M1

1. Sad-data tal-iskjerament tas-sistema tal-PoUS imsemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz sħiħ tal-kumpanija tat-tbaħħir;

(b) l-isem tal-bastiment;

(c) il-post u d-data tat-tagħbija tal-oġġetti;

(d) il-post tal-ħatt tal-oġġetti.

Il-manifest għandu jinkludi wkoll, għal kull kunsinna:

(e) ir-referenza għall-polza ta' kargu jew għal dokument kummerċjali ieħor;

(f) in-numru, id-deskrizzjoni, il-marki u n-numri ta' referenza tal-pakketti;

(g) id-deskrizzjoni kummerċjali normali tal-oġġetti f'biżżejjed dettall biex ikunu jistgħu jiġu identifikati;

(h) il-massa grossa f'kilogrammi;

(i) in-numri tal-identifikazzjoni tal-kontenitur, fejn applikabbli; u

(j) l-indikazzjonijiet li ġejjin għall-istatus tal-oġġetti:

— l-ittra "C" (ekwivalenti għal "T2L") għall-oġġetti li l-istatus doganali tagħhom ta' oġġetti tal-Unjoni jkun jista' jintwera,

— l-ittra "F" (ekwivalenti għal "T2LF") għall-oġġetti li l-istatus doganali tagħħhom ta' oġġetti tal-Unjoni jkun jista' jintwera, jiġi kkonsenjat lejn jew joriġina minn parti tat-territorju doganali tal-Unjoni fejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE ma japplikawx,

— l-ittra "N" għall-oġġetti l-oħra kollha.

2. Fil-każ ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet doganali, il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir għandu jinkludi l-isem u t-timbru tal-uffiċċju doganali kompetenti, il-firma ta' uffiċjal f'dak l-uffiċċju u d-data tal-approvazzjoni.

▼M7

Artikolu 127

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni f'carnets TIR jew ATA jew f'formoli 302 tan-NATO jew formoli 302 tal-UE

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi trasportata f'konformità mal-Konvenzjoni TIR, il-Konvenzjoni ATA jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul, jew koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE, il-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni tista' tiġi preżentata b'mezzi differenti minn tekniki ta' proċessar elettroniku tad-*data*.

▼B

Subtaqsima 3

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni maħruġa minn emittent awtorizzat

Artikolu 128

▼M1

L-iffaċilitar tal-ħruġ ta' mezz ta' prova minn emittent awtorizzat

▼B

(Artikolu 153(2) tal-Kodiċi)

1. Kwalunkwe persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni u li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 39(a) u (b) tal-Kodiċi tista' tkun awtorizzata li toħroġ:

(a) T2L jew T2LF mingħajr ma jkollha għalfejn titlob approvazzjoni;

(b) il-manifest tal-merkanzija doganali mingħajr ma jkollha għalfejn titlob approvazzjoni u reġistrazzjoni tal-prova mill-uffiċċju doganali kompetenti.

▼M1

2. Sad-data tal-iskjerament tas-sistema tal-PoUS imsemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, l-awtoritajiet doganali ta' kwalunkwe Stat Membru jistgħu jawtorizzaw lil kwalunkwe persuna, stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni, li tapplika biex tkun awtorizzata tistabbilixxi l-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni permezz ta' fattura jew dokument tat-trasport b'rabta mal-oġġetti bl-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni b'valur li jaqbeż il-EUR 15 000, ta' dokument "T2L" jew "T2LF" jew ta' manifest ta' kumpanija tat-tbaħħir, sabiex tuża d-dokumenti mingħajr ma jkollha bżonn tressaqhom għall-approvazzjoni lill-uffiċċju doganali kompetenti.

3. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinħarġu mill-uffiċċju doganali kompetenti fuq talba tal-persuna kkonċernata.

4. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata biss meta

▼M1

(a) il-persuna kkonċernata ma tkun ikkommettiet ebda reat serju jew ripetut kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali;

(b) l-awtoritajiet doganali kompetenti jkunu jistgħu jissorveljaw il-proċedura u jwettqu kontrolli mingħajr sforz amministrattiv sproporzjonat għall-ħtiġijiet tal-persuna kkonċernata;

(c) il-persuna kkonċernata żżomm rekords li jippermettu lill-awtoritajiet doganali jwettqu kontrolli effettivi; u

(d) il-persuna kkonċernata toħroġ regolarment il-prova tal-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni, jew li l-awtoritajiet doganali kompetenti tagħha jkunu jafu li hija tista' tissodisfa l-obbligi legali għall-użu ta' dawk il-provi.

5. Meta l-persuna kkonċernata tkun ingħatat l-istatus ta' AEO b'konformità mal-Artikolu 38 tal-Kodiċi, il-kundizzjonijiet elenkati taħt il-paragrafu 4(a) sa (c) ta' dan l-Artikolu jitqiesu bħala li ġew issodisfati.

▼M3

Artikolu ►M1 ►C4 *128a* ◄ ◄

Il-formalitajiet meta jinħarġu dokument "T2L" jew "T2LF", fattura jew dokument tat-trasport minn emittent awtorizzat

(l-Artikoli 6(2) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)

▼M1
▼C4

1. Sad-data tal-iskjerament tas-sistema tal-PoUS imsemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, l-emittent awtorizzat għandu jagħmel kopja ta' kull dokument "T2L" jew "T2LF" maħruġ. L-awtoritajiet doganali għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li taħthom il-kopja għandha tiġi ppreżentata għall- finijiet ta' kontroll u tinżamm għal mill-inqas tliet snin.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 128(2) għandha tispeċifika, b'mod partikolari:

(a) ir-responsabbiltà assenjata tal-uffiċċju doganali għall-pre-awtentikazzjoni tal-formoli "T2L" jew "T2LF" użati għat-tfassil tad-dokumenti kkonċernati, għall-finijiet tal-Artikolu 128b(1);

(b) il-mod kif l-emittent awtorizzat għandu jistabbilixxi li l-formoli ntużaw kif suppost;

(c) il-kategoriji jew il-movimenti tal-oġġetti esklużi;

(d) il-perjodu li matulu u l-mod li bih l-emittent awtorizzat għandu jinnotifika lill-uffiċċju doganali kompetenti sabiex jagħtih iċ-ċans li jwettaq kwalunkwe kontrolli meħtieġa qabel it-tluq tal-oġġetti;

▼M7

(e) li l-faċċata tad-dokumenti kummerċjali kkonċernati jew il-kaxxa "C". "Uffiċċju tat-tluq" fuq il-faċċata tal-formoli użati għall-fini tal-kompilazzjoni tad-dokument "T2L" jew "T2LF" u, fejn xieraq, il-paġni ta' kontinwazzjoni, għandhom ikunu:

▼M7

(i) ittimbrati minn qabel bit-timbru tal-uffiċċju doganali msemmi fil-punt (a) u ffirmati minn uffiċjal ta' dak l-uffiċċju; jew

(ii) ittimbrati mill-emittent awtorizzat b'timbru speċjali li jkun konformi mal-mudell fil-Parti II, Kapitolu II tal-Anness 72-04 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. Dan it-timbru jista' jiġi ttimbrat minn qabel fuq il-formoli meta l-istampar ikun fdat lil stampatur approvat għal dak il-għan. Il-kaxxi 1 u 2 u 4 sa 6 tat-timbru speċjali għandhom jimtlew bl-informazzjoni li ġejja:

— L-emblema jew kwalunkwe sinjal ieħor jew ittra oħra li jikkaratterizzaw il-pajjiż;

— L-uffiċċju doganali kompetenti;

— Id-data;

— L-emittent awtorizzat;

— In-numru tal-awtorizzazzjoni;

(f) L-emittent għandu jimla u jiffirma l-formola sa mhux aktar tard minn meta ssir il-kunsinna tal-merkanzija. Huwa għandu jimla wkoll fil-kaxxa "D". Kontroll mill-"uffiċċju tat-tluq" tad-dokument "T2L" jew "T2LF", jew fi spazju identifikabbli b'mod ċar fuq id-dokument kummerċjali użat, l-isem tal-uffiċċju doganali kompetenti, id-data tat-tlestija tad-dokument, flimkien ma' waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:

— Одобрен издател

— Emisor autorizado

— Schválený vydavatel

— Autoriseret udsteder

— Zugelassener Aussteller

— Volitatud väljastaja

— Εγκεκριμένος εκδότης

— Authorised issuer

— Emetteur agréé

— Ovlaštenog izdavatelja

— Emittente autorizzato

— Atzītais izdevējs

— Įgaliotasis išdavėjas

— Engedélyes kibocsátó

— Emittent awtorizzat

— Toegelaten afgever

▼M7

— Upoważnionego wystawcę

— Emissor autorizado

— Emitent autorizat

— Schválený vystaviteľ

— Pooblaščeni izdajatelj

— Valtuutettu antaja

— Godkänd utfärdare.

▼C4

Artikolu 128b

Faċilitazzjonijiet għal emittent awtorizzat

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

1. Sad-data tal-iskjerament tas-sistema tal-PoUS imsemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, l-emittent awtorizzat jista' jkun awtorizzat biex ma jiffirmax id-dokumenti "T2L" jew "T2LF" jew id-dokumenti kummerċjali użati li jkollhom it-timbru speċjali msemmi fl-Artikolu 128a(2)(e)(ii) jitfasslu permezz ta' sistema elettronika jew awtomatika għall-ipproċessar tad-dejta. Awtorizzazzjoni bħal din għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-emittent awtorizzat ikun preċedentement ta lil dawk l-awtoritajiet impenn bil-miktub li jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu għall-konsegwenzi legali li jirriżultaw mid-dokumenti "T2L" jew "T2LF" jew mid-dokumenti kummerċjali kollha maħruġa li jkollhom it-timbru speċjali.

2. Id-dokumenti "T2L" jew "T2LF" jew id-dokumenti kummerċjali mfasslin b'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jinkludu, minflok il-firma tal-emittent awtorizzat, waħda mill-approvazzjonijiet li ġejjin:

— Dispensa de firma

— Fritaget for underskrift

— Freistellung von der Unterschriftsleistung

— Δεν απαιτείται υπογραφή

— Signature waived

— Dispense de signature

— Dispensa dalla firma

— Van ondertekening vrijgesteld

— Dispensada a assinatura

— Vapautettu allekirjoituksesta

— Befriad från underskrift

— Podpis se nevyžaduje

— Allkirjanõudest loobutud

— Derīgs bez paraksta

— Leista nepasirašyti

▼C4

— Aláírás alól mentesítve

— Firma mhux meħtieġa

— Zwolniony ze składania podpisu

— Opustitev podpisa

— Oslobodenie od podpisu

— Освободен от подпис

— Dispensă de semnătură

— Oslobođeno potpisa.

Artikolu 128c

Awtorizzazzjoni għat-tfassil tal-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir wara t-tluq

(l-Artikolu 153(2) tal-Kodiċi)

Sad-data tal-iskjerament tas-sistema tal-PoUS imsemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-kumpaniji tat-tbaħħir biex ma jfasslux il-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir imsemmi fl-Artikolu 199(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447 li jservi biex juri l-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-jum wara t-tluq tal-bastiment u, fi kwalunkwe każ, qabel il-wasla tiegħu fil-port tad-destinazzjoni.

▼M3

Artikolu ►M1 ►C4 *128d* ◄ ◄

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu awtorizzati għat-tfassil tal-manifest tal-kumpanija tat-tbaħħir wara t-tluq

(l-Artikoli 6(3)(a) u 153(2) tal-Kodiċi)

▼M7

1. L-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 128c għandha tingħata biss lil kumpanniji ta' trasport internazzjonali bil-baħar li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M1
▼C4

(a) huma stabbiliti fl-Unjoni;

(b) joħorġu regolarment il-prova tal-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni jew li l-awtoritajiet doganali tagħhom jafu li huma jistgħu jissodisfaw l-obbligi legali għall-użu ta' dawk il-provi;

(c) ma kkommettew ebda reat serju jew ripetut kontra l-leġiżlazzjoni doganali jew fiskali;

(d) jużaw is-sistemi tal-iskambju elettroniku tad-dejta sabiex jittrasmettu informazzjoni bejn il-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(e) joperaw għadd sinifikanti ta' vjaġġi bejn l-Istati Membri fuq rotot rikonoxxuti.

2. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jingħataw biss meta:

▼C4

(a) l-awtoritajiet doganali jkunu f'pożizzjoni li jissorveljaw il-proċedura u jwettqu kontrolli mingħajr sforz amministrattiv sproporzjonat għall-ħtiġijiet tal-persuna kkonċernata, u

(b) il-persuni kkonċernati jżommu rekords li jippermettu lill-awtoritajiet doganali jwettqu kontrolli effettivi.

3. Meta l-persuna kkonċernata jkollha ċertifikat ta' AEO msemmi fl-Artikolu 38(2)a tal-Kodiċi, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1(c) u 2(b) ta' dan l-Artikolu għandhom jitqiesu li ġew issodisfati.

4. Malli jirċievu applikazzjoni, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fejn hija stabbilita l-kumpanija tat-tbaħħir għandhom jinnotifikaw b'dik l-applikazzjoni lill-Istati Membri l-oħrajn li fit-territorji rispettivi tagħhom jinsabu l-portijiet tat-tluq u tad-destinazzjoni maħsuba.

Jekk ma tasal ebda oġġezzjoni fi żmien 60 jum mid-data tan-notifika, l-awtoritajiet doganali għandhom jawtorizzaw l-użu tal-proċedura ssimplifikata deskritta fl-Artikolu 128c.

Din l-awtorizzazzjoni għandha tkun valida fl-Istati Membri kkonċernati u għandha tapplika biss għall-operazzjonijiet ta' trasport bejn il-portijiet li għalihom tirreferi.

5. Is-simplifikazzjoni għandha tiġi applikata kif ġej:

(a) il-manifest għall-port tat-tluq għandu jintbagħat permezz ta' sistema elettronika għall-iskambju tad-dejta lill-port tad-destinazzjoni;

(b) il-kumpanija tat-tbaħħir għandha ddaħħal fil-manifest l-informazzjoni indikata fl-Artikolu 126a;

(c) il-manifest trażmess bi skambju ta' dejta elettronika (manifest ta' skambju ta' dejta) għandu jkun ippreżentat lill-awtoritajiet doganali fil-port tat-tluq mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol li jiġi wara t-tluq tal-bastiment u f'kull każ qabel ma jasal fil-port ta' destinazzjoni. L-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu verżjoni stampata tal-manifest tal-iskambju ta' dejta li għandu jiġi ppreżentat meta ma jkollhomx aċċess għal sistema ta' informazzjoni kif approvat mill-awtoritajiet doganali li jkun fih il-manifest ta' skambju tad-dejta;

(d) il-manifest ta' skambju tad-dejta għandu jkun ippreżentat lill-awtoritajiet doganali fil-port tad-destinazzjoni. L-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu verżjoni stampata tal-manifest tal-iskambju tad-dejta li għandu jiġi ppreżentat meta ma jkollhomx aċċess għal sistema ta' informazzjoni kif approvat mill-awtoritajiet doganali li jkun fih il-manifest ta' skambju tad-dejta.

6. Għandhom isiru n-notifiki li ġejjin:

(a) il-kumpanija tat-tbaħħir għandha tinnotifika lill-awtoritajiet doganali bir-reati u bl-irregolaritajiet kollha;

(b) l-awtoritajiet doganali fil-port tad-destinazzjoni għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet doganali fil-port tat-tluq u lill-awtorità li ħarġet l-awtorizzazzjoni bir-reati u l-irregolaritajiet kollha mal-ewwel opportunità.

▼B

Subtaqsima 4

Dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrigwardaw prodotti tas-sajd tal-baħar u merkanzija miksuba minn dawn il-prodotti

Artikolu 129

L-istatus doganali tal-prodotti ta' sajd tal-baħar u merkanzija miksuba minn dawn il-prodotti

(Artikolu 153(2) tal-Kodiċi)

Għall-finijiet tal-prova tal-istatus doganali tal-prodotti u l-merkanzija elenkati fl-Artikolu 119(1)(d) u (e) bħala merkanzija tal-Unjoni, għandu jiġi stabbilit li dik il-merkanzija ġiet trasportata direttament lit-territorju doganali tal-Unjoni f'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) permezz tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni li qabad il-prodotti u, fejn applikabbli, ipproċessahom;

(b) permezz tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni wara t-trażbord tal-prodotti mill-bastiment imsemmi fil-punt (a);

(c) permezz tal-vapur fabbrika tal-Unjoni li pproċessal-prodotti wara t-trażbord tagħhom mill-bastiment imsemmi fil-punt (a);

(d) permezz ta' kwalunkwe bastiment ieħor li l-prodotti u l-merkanzija msemmija ġew trażbordati fuqha mill-bastimenti msemmija fil-punti (a), (b) u (c), mingħajr ma jsir aktar tibdil;

(e) permezz ta' trasport kopert minn dokument uniku tat-trasport li jkun imħejji fil-pajjiż jew fit-territorju li ma jifformax parti mit-territorju doganali tal-Unjoni meta l-prodotti jew merkanzija kienu mniżżla l-art mill-bastimenti li hemm referenza dwarhom fil-punti (a), (b), (c) u (d).

Artikolu 130

Il-prova tal-istatus doganali tal-prodotti ta' sajd tal-baħar u merkanzija miksuba minn dawn il-prodotti

(Artikoli 6(2) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)

1. Għall-finijiet tal-prova tal-istatus doganali skont l-Artikolu 129, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-dikjarazzjoni ta' żbark, id-dikjarazzjoni tat-trażbord u d-dejta tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kif xieraq, kif meħtieġ skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]) għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-post fejn il-prodotti tas-sajd mill-baħar inqabdu li jippermetti li jiġi stabbilit li l-prodotti jew il-merkanzija jkollhom l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni skont l-Artikolu 129;

(b) il-prodotti tas-sajd fil-baħar (isem u tip) u l-massa grossa tagħhom (kg);

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

▼B

(c) it-tip ta' merkanzija miksuba mill-prodotti tas-sajd fil-baħar imsemmi fil-punt (b) deskritti b'mod li jippermetti li jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda u l-massa grossa (kg).

2. Fil-każ ta' trażbord tal-prodotti u l-merkanzija msemmija fl-Artikolu 119(1)(d) u (e) lejn bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew bastiment fabbrika tal-Unjoni (bastiment riċevitur), il-ġurnal ta' abbord tas-sajd jew id-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew bastiment fabbrika tal-Unjoni li l-prodotti u l-merkanzija huma trażbordati minnu għandhom jinkludu, flimkien mal-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1, l-isem, il-bandiera tal-istat, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-isem sħiħ tal-kaptan tal-bastiment riċevitur li l-prodotti u l-merkanzija kienu trażbordati fuqu.

Il-ġurnal ta' abbord tas-sajd jew id-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-bastiment riċevitur għandu jinkludi, flimkien mal-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1(b) u (c), l-isem, il-bandiera tal-istat, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-isem sħiħ tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew tal-bastiment fabbrika Unjoni li l-prodotti jew il-merkanzija kienu trażbordati minnu.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet doganali għandhom jaċċettaw ġurnal ta' abbord tas-sajd fuq karta, dikjarazzjoni ta' żbark jew dikjarazzjoni ta' trażbord għal bastimenti li jkollhom tul globali ta' 10 metri jew iktar imma mhux aktar minn 15-il metru.

▼M3

Artikolu 131

Trażbord

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

▼B

1. Fil-każ ta' trażbordi ta' prodotti u oġġetti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 119(1)(d) u (e) lejn bastimenti riċevituri li mhumiex bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jew vapuri ta' fabbriki tal-Unjoni, il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni għandha tiġi pprovduta permezz ta' karta stampata tad-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-bastiment riċevitur, akkompanjata minn karta stampata tal-ktieb tas-sajd, dikjarazzjoni tat-trażbord u dejta tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kif xieraq, tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jew vapur tal-fabbrika tal-Unjoni li minnu, il-prodotti jew il-merkanzija ġew ittrażbordati.

2. Fil-każ ta' trażbordi multipli, karta stampata tad-dikjarazzjonijiet trażbordati kollha għandha tintbagħat ukoll.

Artikolu 132

Prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni għal prodotti tas-sajd bil-baħar u prodotti oħrajn meħudin jew maqbuda minn bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' pajjiż terz fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Il-prova tal-istatus doganali tal-oġġetti tal-Unjoni għal prodotti tas-sajd bil-baħar u prodotti oħrajn meħudin jew maqbudin minn bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' pajjiż terz fi ħdan it-territorju doganali tal-Unjoni jista' jiġi pprovdut permezz ta' karta stampata tal-ktieb tas-sajd.

▼M3

Artikolu 133

Prodotti u merkanzija trażbordati u trasportati minn pajjiż jew territorju li ma jkunx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni

(l-Artikolu 6(2) u (3)(a) tal-Kodiċi)

1. Meta l-prodotti u l-merkanzija msemmija fl-Artikolu 119(1)(d) u (e) jiġu trażbordati u trasportati minn pajjiż jew territorju li ma jkunx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, għall-finijiet ta' prova tal-istatus doganali skont l-Artikolu 129, għandha tiġi pprovduta verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni jew tal-bastiment fabbrika tal-Unjoni, akkumpanjata minn verżjoni stampata tad-dikjarazzjoni tat-trażbord, fejn applikabbli, u fuqha, flimkien mal-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 130(1), tiġi ddikjarata l-informazzjoni li ġejja:

(a) approvazzjoni mill-awtorità doganali ta' dak il-pajjiż jew territorju;

(b) id-dati tal-wasla tal-prodotti u tal-merkanzija f'dak il-pajjiż jew territorju u tat-tluq minnu;

(c) il-mezzi tat-trasport li ntużaw għar-rikunsinna lejn it-territorju doganali tal-Unjoni;

(d) l-indirizz tal-awtorità doganali msemmija fil-punt (a).

Għall-finijiet ta' preżentazzjoni lill-awtorità doganali ta' pajjiż jew ta' territorju li ma jkunx parti mit-territorju doganali tal-Unjoni, il-verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma hemmx għalfejn tinkludi l-informazzjoni dwar il-post fejn inqabdu l-prodotti tas-sajd marittimu kif stabbilit fl-Artikolu 130(1)(a).

2. Meta jintużaw formoli jew dokumenti oħra għajr verżjoni stampata tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd għall-finijiet tal-paragrafu 1, dawk il-formoli jew dokumenti, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 1, għandhom jinkludu referenza għall-ġurnal ta' abbord tas-sajd, li permezz tagħha tkun tista' ssir l-identifikazzjoni tal-vjaġġ tas-sajd rispettiv.

▼B

KAPITOLU 2

It-tqegħid ta' merkanzija taħt proċedura doganali

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

▼M3

Artikolu 134

Dikjarazzjonijiet doganali fil-kummerċ ma' territorji fiskali speċjali

(l-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi)

1. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-kummerċ fil-merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi:

▼M3

(a) il-Kapitoli 2, 3 u 4 tat-Titolu V tal-Kodiċi;

(b) il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu VIII tal-Kodiċi;

(c) il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu V ta' dan ir-Regolament;

(d) il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu VIII ta' dan ir-Regolament.

2. Fil-kuntest tal-kummerċ fil-merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi li jseħħ fl-istess Stat Membru, l-awtoritajiet doganali ta' dak l-Istat Membru jistgħu japprovaw li dokument wieħed jista' jintuża biex jiġu ddikjarati d-dispaċċ ("dikjarazzjoni tad-dispaċċ") u l-introduzzjoni ("dikjarazzjoni tal-introduzzjoni") tal-merkanzija kkunsinnati lejn, minn jew bejn it-territorji fiskali speċjali.

3. Sad-dati tal-aġġornament tas-Sistemi tal-Importazzjoni Nazzjonali msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/578, fil-kuntest ta' kummerċ fil-merkanzija tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi li jseħħ fl-istess Stat Membru, l-awtorità doganali tal-Istat Membru kkonċernat tista' tawtorizza l-użu ta' fattura jew ta' dokument tat-trasport minflok id-dikjarazzjoni tad-dispaċċ jew tal-introduzzjoni.

▼B

Artikolu 135

Dikjarazzjoni verbalment għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera

(Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

1. Dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tista' tiġi ppreżentata bil-fomm għall-merkanzija li ġejja:

(a) merkanzija ta' natura mhux kummerċjali:

(b) merkanzija ta' natura kummerċjali li tinsab fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi sakemm dawn ma jaqbżux il-valur ta' EUR 1 000 jew massa netta ta' 1 000 kg;

(c) prodotti miksuba minn bdiewa tal-Unjoni fuq proprjetajiet li jinsabu f'pajjiż terz u prodotti tas-sajd, trobbija tal-ħut u attivitajiet tal-kaċċa, li jibbenefikaw mill-eżenzjoni tad-dazju taħt l-Artikoli 35 sa 38 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009;

(d) żrieragħ, fertilizzanti u prodotti għat-trattament tal-ħamrija u tal-uċuħ tar-raba' importati minn produtturi agrikoli f'pajjiżi terzi biex jintużaw fi proprjetajiet li jmissu ma' dawk il-pajjiżi, li jibbenefikaw minn eżenzjoni mid-dazju taħt l-Artikoli 39 u 40 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

2. Dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jistgħu jiġu ppreżentati verbalment għall-merkanzija msemmija fl-Artikolu 136 (1) sakemm il-merkanzija tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni bħala merkanzija rritornata.

▼B

Artikolu 136

Dikjarazzjoni verbalment għal dħul temporanju u riesportazzjoni

(Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

1. Dikjarazzjonijiet doganali għad-dħul temporanju jistgħu jiġu ppreżentati verbalment għall-merkanzija li ġejja:

▼M3

(a) palits, kontejners u mezzi tat-trasport, u parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għal dawk il-palits, kontejners u mezzi tat-trasport, kif imsemmija fl-Artikoli 208 sa 216;

▼B

(b) oġġetti personali u merkanzija għal finijiet sportivi msemmija fl-Artikolu 219;

(c) materjali għall-benessri tal-baħħara li jintużaw fuq bastiment involut fi traffiku marittimu internazzjonali imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 220;

(d) tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju imsemmi fl-Artikolu 222;

(e) annimali msemmija fl-Artikolu 223 sakemm ikunu maħsuba għat-transumanza jew għall-mergħa jew biex iwettqu xogħol jew trasport;

(f) tagħmir imsemmi fl-Artikolu 224(a);

(g) strumenti u apparat meħtieġa biex tabib jipprovdi assistenza lil pazjent li jistenna trapjant ta' organu li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 226(1);

(h) materjal ta' għajnuna f'każ ta' diżastru użat b'konnessjoni ma' miżuri meħuda biex jilqgħu għall-effetti ta' diżastri jew sitwazzjonijiet simili li jaffettwaw it-territorju doganali tal-Unjoni;

(i) strumenti mużikali portabbli importati temporanjament minn vjaġġaturi u maħsuba biex jintużaw bħala tagħmir professjonali;

(j) pakketti li jkunu importati mimlija u maħsuba għar-riesportazzjoni, kemm jekk vojta jew mimlija, li jkollhom marki permanenti, li ma jitħassrux, li jidentifikaw persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Unjoni;

(k) tagħmir għal-produzzjonijiet u x-xandir bir-radju jew bit-televiżjoni u vetturi speċifikament adattati għall-użu għall-finijiet ta' produzzjoni u xandir bir-radju jew bit-televiżjoni u t-tagħmir tagħhom, importati minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati stabbiliti barra t-territorju doganali tal-Unjoni u approvati mill-awtoritajiet doganali li joħorġu l-awtorizzazzjoni għal dħul temporanju ta' tali tagħmir u vetturi;

(l) merkanzija oħra, meta din tkun awtorizzata mill-awtoritajiet doganali.

2. Id-dikjarazzjonijiet ta' riesportazzjoni jistgħu jsiru verbalment meta tingħalaq proċedura ta' dħul temporanju għall-merkanzija msemmija fil-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 137

Dikjarazzjoni verbalment għall-esportazzjoni

(Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

1. Id-dikjarazzjonijiet doganali għall-esportazzjoni jistgħu jsiru verbalment għall-merkanzija li ġejja:

(a) merkanzija ta' natura mhux kummerċjali:

(b) merkanzija ta' natura kummerċjali sakemm dawn ma taqbiżx il-valur ta' EUR 1 000 jew massa netta ta' 1 000 kg;

(c) mezzi ta' trasport reġistrati fit-territorju doganali tal-Unjoni u maħsuba biex jiġu importati mill-ġdid, u parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għal dawk il-mezzi ta' trasport;

(d) annimali domestikati esportati fi żmien tat-trasferiment ta' attivitajiet agrikoli mill-Unjoni lejn pajjiż terz li jibbenefikaw minn eżenzjoni mid-dazju skont l-Artikolu 115 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009;

(e) prodotti miksuba minn produtturi agrikoli li jaħdmu fuq proprjetajiet li jinsabu fl-Unjoni, li jibbenefikaw minn eżenzjoni mid-dazju skont l-Artikoli 116, 117 u 118 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009;

(f) żrieragħ esportati minn produtturi agrikoli għal uzu fi proprjetajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi, li jibbenefikaw minn eżenzjoni mid-dazju skont l-Artikoli 119 u 120 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009;

(g) foraġġ u għalf li jakkumpanja lill-annimali matul l-esportazzjoni tagħhom u li jibbenefikaw minn eżenzjoni mid-dazju skont l-Artikolu 121 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

2. Dikjarazzjonijiet doganali għall-esportazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati verbalment għal merkanzija msemmija fl-Artikolu 136 (1) fejn dik il-merkanzija tkun maħsuba biex tiġi importata mill-ġdid.

Artikolu 138

Merkanzija meqjusa li tkun iddikjarata għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 141

(Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

Meta ma tkunx iddikkajrata permezz ta' mezzi oħra, il-merkanzija li ġejja għandha titqies li tkun iddikjarata għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 141:

(a) merkanzija ta' natura mhux kummerċjali li tkun tinsab fil-bagalji personali ta' vjaġġatur, li tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 jew bħala merkanzija rritornata;

(b) merkanzija msemmija fl-Artikolu 135(1)(c) u (d);

▼B

(c) mezzi tat-trasport li jibbenefikaw minn eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni bħala merkanzija rritornata skont l-Artikolu 203 tal-Kodiċi;

(d) strumenti mużikali portabbli importati mill-ġdid minn vjaġġaturi u li jibbenefikaw minn eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni bħala merkanzija rritornata skont l-Artikolu 203 tal-Kodiċi;

(e) merkanzija ta' korrispondenza;

▼M7

(f) sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 1 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, il-merkanzija f'kunsinna postali, li tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni skont l-Artikolu 23(1) jew l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009;

(g) sad-data li tipprečedi d-data stabbilita fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2455, il-merkanzija li l-valur intrinsiku tagħha ma jkunx ta' aktar minn EUR 22;

(h) organi u tessuti oħra tal-bniedem jew tal-annimali jew demm tal-bniedem li jkun xieraq għal trapjanti, impjantazzjonijiet jew trasfużjonijiet permanenti, f'każ ta' emerġenza;

(i) il-merkanzija koperta minn formola 302 tal-UE jew minn formola 302 tan-NATO li tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni bħala merkanzija rritornata f'konformità mal-Artikolu 203 tal-Kodiċi;

(j) skart minn bastimenti, bil-kundizzjoni li n-notifika bil-quddiem dwar l-iskart kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/883 tkun saret fis-Single Window Nazzjonali marittima jew permezz ta' kanali ta' rapportar oħrajn aċċettabbli għall-awtoritajiet kompetenti, inkluż għad-dwana.

_____

▼M2

Artikolu 139

▼M7

Merkanzija li titqies li hija ddikjarata għal dħul temporanju, tranżitu u riesportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 141

(l-Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

▼M2

1. Meta ma tkunx iddikjarata permezz ta' mezzi oħra, il-merkanzija msemmija fil-punti (a) sa (d) u fil-punt (h) u fil-punt (i) tal-Artikolu 136(1) għandha titqies li tkun iddikjarata għal dħul temporanju f'konformità mal-Artikolu 141.

2. Meta ma tkunx iddikjarata permezz ta' mezzi oħra, il-merkanzija msemmija fil-punti (a) sa (d) u fil-punt (h) u fil-punt (i) tal-Artikolu 136(1) għandha titqies li tkun iddikjarata għar-riesportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 141 bir-rilaxx tal-proċedura ta' dħul temporanju.

▼M7

3. Meta ma tkunx iddikjarata permezz ta' mezzi oħra, il-merkanzija koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE għandha titqies li hija ddikjarata għal dħul temporanju f'konformità mal-Artikolu 141.

4. Meta ma tkunx ġiet iddikjarata permezz ta' mezzi oħra, il-merkanzija koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE għandha titqies li hija ddikjarata għar-riesportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 141.

5. Meta ma tkunx ġiet iddikjarata permezz ta' mezzi oħra, il-merkanzija koperta minn formola 302 tal-UE għandha titqies li hija ddikjarata għal tranżitu f'konformità mal-Artikolu 141.

▼B

Artikolu 140

Merkanzija meqjusa li għandha tiġi ddikjarata għall-esportazzjoni skont l-Artikolu 141

(Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

1. Meta ma tkunx iddikkajrata permezz ta' mezzi oħra, il-merkanzija li ġejja għandha titqies li tkun iddikjarata għall-esportazzjoni skont l-Artikolu 141

(a) merkanzija msemmija fl-Artikolu 137;

(b) strumenti mużikali portabbli ta' vjaġġaturi;

▼M7

(c) oġġetti ta' korrispondenza;

(d) merkanzija f'kunsinna postali jew express li l-valur tagħha ma jkunx ta' aktar minn EUR 1 000 u li mhix soġġetta għad-dazju fuq l-esportazzjoni;

(e) organi u tessuti oħra tal-bniedem jew tal-annimali jew demm tal-bniedem li jkun xieraq għal trapjanti, impjantazzjonijiet jew trasfużjonijiet permanenti, f'każ ta' emerġenza;

(f) merkanzija koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE.

▼B

2. Meta merkanzija tintbagħat Heligoland, il-merkanzija għandha titqies li tkun iddikjarata għall-esportazzjoni skont l-Artikolu 141:

Artikolu 141

▼M7

Atti meqjusa bħala dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni

(l-Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

1. Fir-rigward ta' merkanzija msemmija fl-Artikoli 138(a) sa (d) u (h), 139 u 140(1), kwalunkwe wieħed mill-atti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala dikjarazzjoni doganali:

▼B

(a) meta tgħaddi mill-passaġġ l-aħdar jew "xejn x'jiġi ddikjarat" f'uffiċċju doganali fejn tkun qed tintuża sistema ta' żewġ passaġġi,

(b) meta tgħaddi minn uffiċċju doganali li ma joperax is-sistema b'żewġ kanali;

(c) meta titwaħħal tikketta "xejn x'jiġi ddikjarat" jew disk ta' dikjarazzjoni doganali mal-windscreen ta' vetturi tal-passiġġieri meta dan huwa previst fid-dispożizzjonijiet nazzjonali;

▼M2

(d) l-att uniku tal-qsim tal-fruntiera tat-territorju doganali tal-Unjoni tal-merkanzija fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(i) fejn tkun tapplika eżenzjoni mill-obbligu li titwassal merkanzija lejn il-post xieraq f'konformità mar-regoli speċjali msemmija fl-Artikolu 135(5) tal-Kodiċi;

(ii) fejn il-merkanzija hija meqjusa bħala ddikjarata għar-riesportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 139(2) ta' dan ir-Regolament;

(iii) fejn il-merkanzija hija meqjusa bħala ddikjarata għall-esportazzjoni f'konformità mal-Artikolu 140(1) ta' dan ir-Regolament;

▼M7

(iv) meta l-mezz tat-trasport kif imsemmi fl-Artikolu 212 jitqies li ġie ddikjarat għal dħul temporanju f'konformità mal-Artikolu 139(1) ta' dan ir-Regolament;

(v) meta l-mezzi tat-trasport mhux tal-Unjoni li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 203 tal-Kodiċi jiġu trasportati fit-territorju doganali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 138(c) ta' dan ir-Regolament.

▼B

2. Merkanzija ta' korrispondenza għandha titqies li tkun iddikjarata għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera permezz tad-dħul tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Merkanzija ta' korrispondenza għandha titqies li tkun iddikjarata għall-esportazzjoni u r-riesportazzjoni permezz tal-ħruġ tagħha mit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼M7

3. Sad-data stabbilita f'konformità mal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 għall-użu tal-ħarġa 1 tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, il-merkanzija f'kunsinna postali tista' tiġi ddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera permezz tal-preżentazzjoni tagħha liddwana skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi diment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet doganali jkunu aċċettaw l-użu ta' dan l-att u d-*data* provduta mill-operatur postali;

(b) il-VAT ma tiġix iddikjarata taħt l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, Kapitolu 6, Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi terzi jew minn territorji terzi, u lanqas bl-użu ta' arranġamenti speċjali għal dikjarazzjoni u ħlas ta' VAT fuq l-importazzjoni stabbiliti fit-Titolu XII, Kapitolu 7 ta' dik id-Direttiva;

▼M7

(c) il-merkanzija tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23(1) jew l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009;

(d) il-kunsinna tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni CN22 jew b'dikjarazzjoni CN23.

4. Il-merkanzija f'kunsinna postali b'valur ta' mhux aktar minn EUR 1 000 li ma tkunx soġġetta għal dazju fuq l-esportazzjoni, għandha titqies li hija ddikjarata għall-esportazzjoni abbażi tal-ħruġ tagħha mit-territorju doganali tal-Unjoni.

4a. Il-merkanzija f'kunsinna express li l-valur tagħha ma jkunx ta' aktar minn EUR 1 000 u li mhix soġġetta għal dazju fuq l-esportazzjoni għandha titqies li hija ddikjarata għall-esportazzjoni permezz tal-preżentazzjoni tagħha lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ, diment li d-*data* fid-dokument tat-trasport u/jew fil-fattura tkun disponibbli u aċċettata mill-awtoritajiet doganali.

▼M6

5. Sad-data ta' qabel id-data stabbilita fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 ([1]), il-merkanzija li l-valur intrinsiku tagħha ma jaqbiżx EUR 22 għandha titqies li tkun iddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera permezz tal-preżentazzjoni tagħha lid-dwana skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi sakemm id-data meħtieġa tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali.

▼M7

6. Il-merkanzija li tkun se tiġi trasportata jew użata fil-kuntest ta' attivitajiet militari koperta minn formola 302 tan-NATO għandha titqies li hija ddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, dħul temporanju, esportazzjoni jew riesportazzjoni permezz tal-preżentazzjoni tagħha lid-dwana skont l-Artikolu 139 jew l-Artikolu 267(2) tal-Kodiċi, rispettivament, diment li d-*data* mniżżla fil-formola 302 tan-NATO tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali u tkun disponibbli għalihom.

Din il-formola tista' tiġi preżentata b'mezzi differenti minn tekniki ta' proċessar elettroniku tad-*data*.

7. Il-merkanzija li tkun se tiġi trasportata jew użata fil-kuntest ta' attivitajiet militari koperta minn formola 302 tal-UE għandha titqies li hija ddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, dħul temporanju, tranżitu, esportazzjoni jew riesportazzjoni permezz tal-preżentazzjoni tagħha lid-Dwana skont l-Artikolu 139 jew l-Artikolu 267(2) tal-Kodiċi, rispettivament, diment li d-*data* mniżżla fl-Anness 52-01 tiġi aċċettata mill-awtoritajiet doganali u tkun disponibbli għalihom.

Din il-formola tista' tiġi preżentata b'mezzi differenti minn tekniki ta' proċessar elettroniku tad-*data*.

8. L-iskart minn bastimenti għandu jitqies li huwa ddikjarat għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera permezz tal-preżentazzjoni tiegħu lid-dwana skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi, bil-kundizzjoni li n-notifika bil-quddiem dwar l-iskart kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/883 tkun saret fis-Single Window Nazzjonali marittima jew permezz ta' kanali ta' rapportar oħrajn aċċettabbli għall-awtoritajiet kompetenti, inkluż għad-dwana.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).

▼B

Artikolu 142

Merkanzija li ma tistax tiġi ddikjarata verbalment jew skont l-Artikolu 141

(Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

Artikoli 135 sa 140 m'għandhomx japplikaw għal dawn li ġejjin:

(a) merkanzija li fir-rigward tagħha jkunu saru formalitajiet bl-iskop li jinkisbu rifużjonijiet jew vantaġġi finanzjarji fuq l-esportazzjoni taħt il-politika agrikola komuni;

▼M7

(b) merkanzija li fir-rigward tagħha ssir applikazzjoni għall-ħlas lura tad-dazju jew ta' imposti oħra sakemm din l-applikazzjoni ma tikkonċernax l-invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija soġġetta għal eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23(1) jew l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009;

(c) merkanzija li hija soġġetta għal projbizzjonijiet u restrizzjonijiet, għajr għal:

(i) merkanzija trasportata jew użata koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE;

(ii) skart minn bastimenti

(d) merkanzija li hija soġġetta għal kwalunkwe formalità speċjali oħra prevista fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li l-awtoritajiet doganali huma meħtieġa li japplikaw, għajr għal merkanzija trasportata jew użata koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE.

▼B

Artikolu 143

Dikjarazzjonijiet doganali stampati

(Artikolu 158(2) tal-Kodiċi)

Il-vjaġġaturi jistgħu jippreżentaw dikjarazzjoni doganali stampata fir-rigward ta' merkanzija li tinġarr minnhom.

▼M7

Artikolu 143 a

Dikjarazzjoni għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' kunsinni ta' valur baxx

(l-Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

1. Mid-data stabbilita fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2017/2455, persuna tista' tiddikjara għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera kunsinna li tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23(1) jew l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 abbażi tas-sett tad-*data* speċifiku msemmi fl-Anness B, bil-kundizzjoni li l-merkanzija f'dik il-kunsinna ma tkunx soġġetta għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet.;

▼M6

(2) B'deroga mill-paragrafu 1, is-sett ta' *data* speċifiku għall-kunsinni ta' valur baxx ma għandux jintuża għal dawn li ġejjin:

▼M6

(a) rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija li l-importazzjoni tagħha hija eżentata mill-VAT skont il-punt (d) tal-Artikolu 143(1) tad-Direttiva 2006/112/KE u, fejn ikun xieraq, ittrasportata taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/118/KE;

(b) importazzjoni mill-ġdid b'rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija li l-importazzjoni tagħha hija eżentata mill-VAT skont il-punt (d) tal-Artikolu 143(1) tad-Direttiva 2006/112/KE u, fejn ikun xieraq, ittrasportata taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/118/KE.

▼M7

3. Sad-dati tal-aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li d-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu trid tkun soġġetta għar-rekwiżiti tad-*data* stabbiliti fl-Anness 9 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/341.

Artikolu 144

Dikjarazzjoni doganali għal merkanzija f'kunsinni postali

(l-Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

1. Operatur postali jista' jippreżenta dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera li jkun fiha s-sett imnaqqas tad-*data* msemmi fil-kolonna H6 tal-Anness B fir-rigward ta' merkanzija f'kunsinna postali meta l-merkanzija tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-valur tagħha ma jkunx ta' aktar minn EUR 1 000;

(b) ma tkunx soġġetta għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet.

2. Sad-dati tal-aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li d-dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ta' merkanzija f'kunsinni postali għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 143a ta' dan ir-Regolament għandha titqies li ġiet ippreżentata u aċċettata permezz tal-preżentazzjoni tagħha lid-dwana, diment li l-merkanzija tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni CN22 jew dikjarazzjoni CN23.

▼B

Taqsima 2

Dikjarazzjonijiet doganali simplifikati

Artikolu 145

Kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' użu regolari ta' dikjarazzjonijiet doganali simplifikati

(Artikolu 166(2) tal-Kodiċi)

1. Awtorizzazzjoni biex il-merkanzija titqiegħed regolarment taħt proċedura doganali abbażi ta' dikjarazzjoni simplifikata skont l-Artikolu 166(2) tal-Kodiċi għandha tingħata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) l-applikant jissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 39(a) tal-Kodiċi;

(b) fejn applikabbli, l-applikant ikollu proċeduri sodisfaċenti fis-seħħ għall-ġestjoni ta' liċenzji u awtorizzazzjonijiet mogħtija skont miżuri ta' politika kummerċjali jew fir-rigward ta' negozju fi prodotti agrikoli.

(c) l-applikant jiżgura li l-impjegati rilevanti jkollhom struzzjonijiet biex jinfurmaw lill-awtoritajiet doganali kull meta jinstabu diffikultajiet ta' konformità u jistabbilixxi proċeduri biex l-awtoritajiet doganali jiġu infurmati dwar dawn id-diffikultajiet;

(d) fejn applikabbli, l-applikant ikollu proċeduri sodisfaċenti fis-seħħ għall-ġestjoni tal-liċenzji ta' importazzjoni u ta' esportazzjoni marbutin ma' projbizzjonijiet u restrizzjonijiet, inklużi miżuri biex jiddistingwu merkanzija suġġetta għall-projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet minn merkanzija oħra u biex jiżguraw konformità ma' dawk il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet.

2. L-AEOCs għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 1, sakemm ir-rekords tagħhom ikunu xierqa għall-finijiet tat-tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura doganali fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni simplifikata.

▼M7

Artikolu 146

Dikjarazzjoni supplimentari

(l-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi)

1. Meta l-awtoritajiet doganali jkollhom idaħħlu l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jew tad-dazju fuq l-esportazzjoni li jitħallas fil-kontijiet f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 105(1) tal-Kodiċi, il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni supplimentari msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi, meta dik id-dikjarazzjoni tkun ta' natura ġenerali, għandu jkun ta' 10 ijiem mir-rilaxx tal-merkanzija.

2. Meta ssir entrata fil-kontijiet f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 105(1) tal-Kodiċi jew fejn ma jiġġarrab l-ebda dejn doganali u d-dikjarazzjoni supplimentari tkun ta' natura perjodika jew rikapitulattiva, il-perjodu ta' żmien kopert mid-dikjarazzjoni supplimentari ma għandux ikun ta' aktar minn xahar kalendarju.

3. Il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni supplimentari ta' natura perjodika jew rikapitulattiva għandu jkun ta' 10 ijiem mid-data li fiha jintemm il-perjodu ta' żmien kopert mid-dikjarazzjoni supplimentari.

3a. Meta ma jiġġarrab l-ebda dejn doganali, il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni supplimentari ma jistax ikun ta' aktar minn 30 jum mid-data tar-rilaxx tal-merkanzija.

3b. L-awtoritajiet doganali għandhom, f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, jippermettu limitu ta' żmien itwal għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni supplimentari msemmija fil-paragrafu 1, 3 jew 3a. Dak il-limitu ta' żmien ma għandux ikun ta' aktar minn 120 jum mid-data tar-rilaxx tal-merkanzija. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali debitament ġustifikati relatati mal-valur doganali tal-merkanzija, dak il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż aktar, iżda ma jistax ikun ta' aktar minn sentejn mid-data tar-rilaxx tal-merkanzija.

▼M7

4. Sad-dati rispettivi tal-użu tal-AES u tal-aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni rilevanti msemmija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2151 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 105(1) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu limiti ta' żmien differenti minn dawk speċifikati fil-paragrafi 1 sa 3b ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 147

Limitu ta' żmien biex id-dikjarant ikollu pussess tad-dokumenti ta' sostenn fil-każ ta' dikjarazzjonijiet supplimentari

(l-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi)

Id-dokumenti ta' sostenn li kienu neqsin meta d-dikjarazzjoni simplifikata kienet ippreżentata għandhom ikunu fil-pussess tad-dikjarant fit-terminu ta' żmien għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni supplimentari f'konformità mal-Artikolu 146(1), (3), (3a), (3b) jew (4).

▼B

Taqsima 3

Dispożizzjonijiet li japplikaw għad-dikjarazzjonijiet doganali kollha

Artikolu 148

Invalidazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali wara r-rilaxx tal-merkanzija

(Artikolu 174(2) tal-Kodiċi)

1. Meta jiġi stabbilit li l-merkanzija tkun ġiet iddikjarata bi żball għal proċedura doganali li taħtha jsir dejn doganali fuq l-importazzjoni minflok tiġi ddikjarata għal proċedura doganali oħra, id-dikjarazzjoni doganali għandha tiġi invalidata wara li l-merkanzija tkun ġiet rilaxxata, fuq applikazzjoni motivata mid-dikjarant, jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-applikazzjoni ssir fi żmien 90 jum mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni;

(b) il-merkanzija ma tkunx ġiet użata b'mod inkompatibbli mal-proċedura doganali li taħtha kienet tiġi ddikjarata li kieku ma seħħx l-iżball;

(c) fiż-żmien tad-dikjarazzjoni żbaljata, il-kundizzjonijiet kienu sodisfatti għal tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura doganali li taħtha kienet tiġi ddikjarata li kieku ma seħħx l-iżball;

(d) tkun ġiet ippreżentata dikjarazzjoni doganali għall-proċedura doganali li taħtha l-merkanzija kienet tiġi ddikjarata kieku ma seħħx l-iżball.

2. Meta jkun stabbilit li l-merkanzija tkun ġiet iddikjarata bi żball minflok merkanzija oħra, għal proċedura doganali li għaliha jsir dejn doganali fuq l-importazzjoni, id-dikjarazzjoni doganali għandha tiġi invalidata wara li tkun ġiet rilaxxata l-merkanzija, fuq applikazzjoni motivata mid-dikjarant, jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

▼B

(a) l-applikazzjoni ssir fi żmien 90 jum mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni;

(b) il-merkanzija ddikjarata ħażin tkun intużat biss kif awtorizzat fl-istat oriġinali tagħha u ġiet restawrata għall-istat oriġinali tagħha;

(c) l-istess uffiċċju doganali jkun kompetenti fir-rigward tal-merkanzija ddikjarata ħażin u tal-merkanzija li d-dikjarant kellu l-ħsieb li jiddikjara;

(d) il-merkanzija jkollha tiġi ddikjarata għall-istess proċedura doganali bħal dik dikjarata ħażin.

3. Meta l-merkanzija li tkun ġiet mibjugħa permezz ta' kuntratt mill-bogħod kif iddefinit fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] tkun ġiet rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera u tiġi rritornata, id-dikjarazzjoni doganali għandha tiġi invalidata wara li l-merkanzija tiġi rilaxxati, fuq applikazzjoni motivata mid-dikjarant, jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) l-applikazzjoni ssir fi żmien 90 jum mid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali;

(b) il-merkanzija tkun ġiet esportata bil-għan li tiġi rritornata fl-indirizz tal-fornitur oriġinali jew xi indirizz ieħor indikat minn dak il-fornitur.

4. Minbarra fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3, id-dikjarazzjonijiet doganali għandhom jiġu invalidati wara li l-merkanzija tkun ġiet rilaxxata, fuq applikazzjoni motivata mid-dikjarant, fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-merkanzija tkun ġiet rilaxxata għall-esportazzjoni, riesportazzjoni jew ipproċessar passiv u ma tkunx telqet mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) meta l-merkanzija tal-Unjoni tkun ġiet iddikjarata bi żball għal proċedura doganali applikabbli għal merkanzija mhux tal-Unjoni, u tkun ingħatat prova tal-istatus doganali tagħha bħala merkanzija tal-Unjoni wara permezz ta' T2L, T2LF jew manifest tal-merkanzija doganali;

(c) meta l-merkanzija tkun ġiet iddikjarata ħażin taħt iktar minn dikjarazzjoni doganali waħda;

(d) meta awtorizzazzjoni b'effett retroattiv tingħata skont l-Artikolu 211(2) tal-Kodiċi;

[1] Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

▼B

(e) meta merkanzija tal-Unjoni tkun tqiegħdet taħt il-proċedura ta' ħażna doganali skont l-Artikolu 237(2) tal-Kodiċi u ma tkunx tista' titqiegħed iktar taħt dik il-proċedura skont l-Artikolu 237(2) tal-Kodiċi.

5. Dikjarazzjoni doganali fir-rigward ta' merkanzija li tkun suġġetti għal dazju fuq l-esportazzjoni, għal applikazzjoni għal ħlas lura ta' dazju fuq l-importazzjoni, għal rifużjonijiet jew ammonti oħrajn għall-esportazzjoni jew għal miżuri speċjali oħra fuq l-esportazzjoni, tista' tiġi invalidata biss skont il-paragrafu 4(a) jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

(a) id-dikjarant jipprovdi evidenza lill-uffiċju doganali ta' esportazzjoni jew, fil-każ ta' pproċessar passiv, lill-uffiċċju doganali ta' tqegħid, li l-merkanzija ma tkunx telqet mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) meta d-dikjarazzjoni doganali tkun stampata, id-dikjarant jirritorna, lill-uffiċċju doganali ta' esportazzjoni jew, fil-każ ta' pproċessar passiv, lill-uffiċċju doganali ta' tqegħid, l-kopji kollha tad-dikjarazzjoni doganali, flimkien ma' kwalunkwe dokumenti oħra maħruġa lilu mal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni;

(c) id-dikjarant jipprovdi evidenza lill-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni li kwalunkwe rifużjonijiet u ammonti oħra jew vantaġġi oħra mogħtija fuq l-esportazzjoni għall-merkanzija in kwistjoni jkunu tħallsu lura jew li jkunu ttieħdu l-miżuri neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti biex jassiguraw li ma jitħallsux, u

(d) id-dikjarant jikkonforma ma' kwalunkwe obbligu ieħor li huwa marbut bih fir-rigward tal-merkanzija;

(e) kwalunkwe aġġustamenti magħmul fuq il-liċenzja ta' esportazzjoni ppreżentati b'sostenn tad-dikjarazzjoni doganali huma kkanċellati.

Taqsima 4

Simplifikazzjonijiet oħra

Artikolu 149

Kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għal żdoganar ċentralizzat

(Artikolu 179(1) tal-Kodiċi)

1. Sabiex l-iżdoganar ċentralizzat ikun awtorizzat skont l-Artikolu 179 tal-Kodiċi, l-applikazzjonijiet għall-iżdoganar ċentralizzat għandhom jappartjenu għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa;

(b) magażinaġġ doganali;

(c) dħul temporanju;

(d) użu finali:

(e) proċessar attiv;

(f) proċessar passiv;

(g) esportazzjoni;

(h) riesportazzjoni.

▼B

2. Meta d-dikjarazzjoni doganali tieħu l-forma ta' entrata fir-rekords tad-dikjarant, l-iżdoganar ċentralizzat jista' jiġi awtorizzat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150.

Artikolu 150

Kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għad-dħul fir-rekords tad-dikjarant

(Artikolu 182(1) tal-Kodiċi)

1. Awtorizzazzjoni biex tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali fil-forma ta' dħul fir-rekords tad-dikjarant għandha tingħata fejn l-applikanti juru li huma jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 39(a), (b) u (d) tal-Kodiċi..

2. Sabiex tingħata awtorizzazzjoni biex tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali fil-forma ta' dħul fir-rekords tad-dikjarant skont l-Artikolu 182(1) tal-Kodiċi, l-applikazzjoni għandha tappartjeni għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) rilaxx għal ċirkolazzjoni libera;

(b) magażinaġġ doganali;

(c) dħul temporanju;

(d) użu finali:

(e) proċessar attiv;

(f) proċessar passiv;

(g) esportazzjoni u riesportazzjoni.

3. Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tikkonċerna rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tingħata għal dawn li ġejjin:

▼M7

(a) rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija li hija eżentata mill-VAT f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 143(1) tad-Direttiva 2006/112/KE u, fejn ikun xieraq, sospensjoni tad-dazju tas-sisa f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/118/KE;

(b) importazzjoni mill-ġdid b'rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' merkanzija li hija eżentata mill-VAT f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 143(1) tad-Direttiva 2006/112/KE u, fejn ikun xieraq, sospensjoni tad-dazju tas-sisa f'konformità mal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2008/118/KE.

▼B

4. Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tikkonċerna esportazzjoni u riesportazzjoni, awtorizzazzjoni għandha tingħata biss fejn iżżewġ kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) jitneħħa l-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq, b'konformità mal-Artikolu 263(2) tal-Kodiċi;

(b) l-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni jkun ukoll l-uffiċċju doganali tal-ħruġ jew l-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni u l-uffiċċju doganali tal-ħruġ ikunu għamlu arranġamenti biex jiżguraw li l-merkanzija tkun soġġetta għal sorveljanza doganali mal-ħruġ.

5. Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tikkonċerna esportazzjoni u riesportazzjoni, l-esportazzjoni ta' merkanzija li tkun suġġetta għas-sisa ma tkunx permessa, sakemm l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2008/118/KE ma jkunx applikabbli.

▼B

6. Awtorizzazzjoni għad-dħul fir-rekords tad-dikjarant m'għandhiex tingħata meta l-applikazzjoni tikkonċerna proċedura li għaliha jkun meħtieġ skambju standardizzat ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali skont l-Artikolu 181 sakemm l-awtoritajiet doganali ma jaqblux li jintużaw mezzi oħra ta' skambju elettroniku tal-informazzjoni.

Artikolu 151

Kundizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għall-awtoevalwazzjoni

(Artikolu 185(1) tal-Kodiċi)

Meta applikant imsemmi fl-Artikolu 185(2) tal-Kodiċi jkun detentur ta' awtorizzazzjoni għal dħul fir-rekords tad-dikjarant, awtoevalwazzjoni għandha tkun awtorizzata bil-kundizzjoni li l-applikazzjoni għall-awtoevalwazzjoni tappartjeni għall-proċeduri doganali msemmija fl-Artikolu 150(2) jew għar-riesportazzjoni.

Artikolu 152

Formalitajiet doganali u kontrolli taħt awtoevalwazzjoni

(Artikolu 185(1) tal-Kodiċi)

Id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet għal awtoevalwazzjoni jistgħu jkunu awtorizzati li jwettqu kontrolli, taħt superviżjoni doganali, ta' konformità mal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet kif speċifikati fl-awtorizzazzjoni.

KAPITOLU 3

Rilaxx ta' merkanzija

Artikolu 153

Rilaxx mhux kundizzjonali fuq l-għoti ta' garanzija

(Artikolu 195(2) tal-Kodiċi)

Meta, qabel ir-rilaxx ta' merkanzija li tkun is-suġġett ta' talba għal għoti ta' kwota tariffarja, il-kwota tat-tariffa in kwistjoni ma tkunx ikkunsidrata kritika, ir-rilaxx tal-merkanzija m'għandux ikun jiddependi fuq l-għoti ta' garanzija fir-rigward ta' dik il-merkanzija.

Artikolu 154

Notifika tar-rilaxx tal-merkanzija

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

1. Meta d-dikjarazzjoni għal proċedura doganali jew riesportazzjoni tkun ippreżentata permezz ta' mezzi oħra li mhumiex tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta, l-awtoritajiet doganali jistgħu, għall-finijiet ta' notifika lid-dikjarant dwar ir-rilaxx tal-merkanzija, jużaw mezzi oħra li mhumiex tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

▼B

2. Meta l-merkanzija kienet f'ħażna temporanja qabel ir-rilaxx tagħha, u l-awtoritajiet doganali jkollhom jinfurmaw lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tħaddim tal-faċilitajiet ta' ħażna temporanja rilevanti tar-rilaxx tal-merkanzija, l-informazzjoni tista' tingħata permezz ta' mezzi oħra li mhumiex tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta.

TITOLU VI

RILAXX GĦAĊ-ĊIRKOLAZZJONI LIBERA U EŻENZJONI MID-DAZJU TAL-IMPORTAZZJONI

KAPITOLU 1

Rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera

Artikolu 155

Awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' ċertifikati għall-użin tal-banana

(Artikolu 163(3) tal-Kodiċi)

L-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu awtorizzazzjoni għat-tfassil ta' dokumenti ta' sostenn għal dikjarazzjonijiet doganali standard li jiċċertifikaw l-użin tal-banana friska li taqa' taħt il-kodiċi NM 0803 90 10 suġġetti għal dazju fuq l-importazzjoni ("ċertifikati għall-użin tal-banana") jekk l-applikant għal tali awtorizzazzjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 39(a) tal-Kodiċi;

(b) ikun involut fl-importazzjoni, il-ġarr, il-ħażna jew l-immaniġġjar ta' banana friski li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0803 90 10 suġġetti għal dazju fuq l-importazzjoni;

(c) jipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa tat-twettiq xieraq tal-użin;

(d) jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu apparat ta' użin xieraq;

(e) iżomm rekords li jippermettu lill-awtoritajiet doganali jwettqu l-kontrolli neċessarji.

Artikolu 156

Terminu preskritt

(Artikolu 22(3) tal-Kodiċi)

Deċiżjoni dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 155 għandha tittieħed mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 30 jum mid-data tal-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni.

Artikolu 157

Mezzi ta' komunikazzjoni taċ-ċertifikat tal-użin tal-banana

(Artikoli 6(2)(a) u 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Iċ-ċertifikati tal-użin tal-banana jistgħu jitfasslu u jiġu sottomessi permezz ta' mezzi differenti minn tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta

▼B

KAPITOLU 2

Eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni

Taqsima 1

Merkanzija rritornata

Artikolu 158

Merkanzija kkunsidrata rritornata fl-istat li kienet esportata fih

(Artikolu 203(5) tal-Kodiċi)

1. Il-merkanzija għandha tiġi kkunsidrata rritornata fl-istat li kienet esportata fih, meta wara li tkun ġiet esportata mit-territorju doganali tal-Unjoni, ma tkunx irċeviet trattament jew ġestjoni ieħor ħlief dik ta' bidla fid-dehra tagħha jew meħtieġa sabiex tissewwa, tiġi rrestawrata għal kundizzjoni tajba jew tinżamm fi stat tajjeb.

2. Il-merkanzija għandha tiġi kkunsidrata rritornata fl-istat li kienet esportata fih, meta wara li tkun ġiet esportata mit-territorju doganali tal-Unjoni, tkun irċeviet trattament jew ġestjoni ieħor li mhuex dak ta' bidla fid-dehra tagħha jew meħtieġa sabiex tissewwa, tiġi rrestawrata għal kundizzjoni tajba jew tinżamm fi stat tajjeb imma jkun sara evidenti li wara li jkun inbeda tali trattament jew ġestjoni, dak it-trattament jew ġestjoni ma jkunx adattat għall-użu maħsub tal-merkanzija.

3. Meta l-merkanzija msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 ikun sarilha trattament jew ġestjoni li jagħmilha suġġetta għal dazju fuq l-importazzjoni li kieku ġiet imqiegħda taħt il-proċedura ta' proċessar passiv, dik il-merkanzija għandha titqies li ġiet irritornata fl-istat li kienet fih meta ġiet esportata biss fuq il-kundizzjoni li dak it-trattament jew ġestjoni, inkluż l-inkorporazzjoni ta' parts tal-bdil, ma jaqbiżx dak li huwa strettament neċessarju biex il-merkanzija tkun tista' tintuża bl-istess mod bħal fil-ħin tal-esportazzjoni mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Artikolu 159

Merkanzija li fl-esportazzjoni bbenefikat minn miżuri stabbiliti taħt il-politika agrikola komuni

(Artikolu 204 tal-Kodiċi)

1. Merkanzija rritornata li fuq l-esportazzjoni bbenefikat mill-miżuri stabbiliti taħt il-politika agrikola komuni għandha tkun eliġibbli għal eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin kollha jiġu sodisfatti:

(a) ir-rifużjonijiet jew ammonti oħra mħallsa taħt dawk il-miżuri jkunu ġew imħallsa lura, ikunu ttieħdu l-passi neċessarji mill-awtoritajiet kompetenti biex iżommu somom li għandhom jitħallsu taħt il-miżuri fir-rigward ta' dik il-merkanzija, jew il-vantaġġi finanzjarji mogħtija l-oħra jkunu ġew ikkanċellati;

▼B

(b) il-merkanzija kienet f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(i) ma setgħetx titqiegħed fis-suq fil-pajjiż li ntbagħtet fih;

(ii) ġiet irritornata mid-destinatarju minħabba li kienet difettuża jew mhux kuntrattwali;

(iii) kienet importata mill-ġdid fit-territorju doganali tal-Unjoni għax ma setgħetx tintuża għall-finijiet li kienet maħsuba għalihom minħabba ċirkostanzi oħra li ma kinux fil-kontroll tal-esportatur;

(c) il-merkanzija tkun iddikjarata għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fit-territorju doganali tal-Unjoni fi żmien 12-il xahar mid-data tat-tlestija tal-formalitajiet doganali relatati mal-esportazzjoni tagħhom jew wara fejn dan ikun permess mill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru ta' importazzjoni mill-ġdid f'ċirkostanzi debitament ġustifikati.

2. Iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1(b)(iii) għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) merkanzija ritornata lura fit-territorju doganali tal-Unjoni wara ħsara li tiġri qabel il-konsenja lid-destinatarju, kemm fil-merkanzija nnifisha kif ukoll fil-mezzi tat-trasport li tinġarr fuqhom;

(b) merkanzija oriġinarjament esportata biex tiġi kkonsmata jew mibjugħa f'fiera kummerċjali jew manifestazzjoni simili u li ma tkunx hekk ġiet ikkonsmata jew mibjugħa;

(c) merkanzija li ma setgħetx tiġi kkonsenjata lid-destinatarju minħabba xi inkapaċità fiżika jew legali tiegħu u li minħabba fiha ma jkunx jista' jonora l-kuntratt li bih il-merkanzija tkun ġiet esportata;

(d) merkanzija li, minħabba disturbi naturali, politiċi jew soċjali, ma setgħetx tiġi kkonsenjata lil destinatarju tagħha jew li waslitlu wara d-data tal-konsenja kuntrattwali;

(e) frott u ħaxix, koperti mill-organizzazzjoni tas-suq komuni għal dawk il-prodotti, esportati u mibgħuta għall-bejgħ fuq konsenja, imma li ma kinux mibjugħa fis-suq tal-pajjiż tad-destinazzjoni.

Artikolu 160

Mezzi ta' komunikazzjoni ta' folja ta' informazzjoni INF 3

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Dokument li jiċċertifika li l-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni jkunu ġew imwettqa ("folja ta' informazzjoni INF 3") jista' jiġi kkomunikat permezz ta' mezzi oħra minbarra tekniki ta' pproċessar ta' dejta elettronika.

▼B

TITOLU VII

PROĊEDURI SPEĊJALI

KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Taqsima 1

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni

Artikolu 161

Applikant stabbilit barra mit-territorju doganali tal-Unjoni

(Artikolu 211(3)(a) tal-Kodiċi)

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 211(3)(a) tal-Kodiċi, l-awtoritajiet doganali jistgħu f'każijiet okkażjonali, meta jikkunsidraw li huwa ġġustifikat, jagħtu awtorizzazzjoni għall-proċedura tal-użu finali jew il-proċedura ta' pproċessar attiv lil persuni stabbiliti barra t-territorju doganali tal-Unjoni.

Artikolu 162

Post fejn tiġi sottomessa applikazzjoni meta l-applikant ikun stabbilit barra t-territorju doganali tal-Unjoni

(Artikolu 22(1) tal-Kodiċi)

1. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi, meta l-applikant għal awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura tal-użu finali jkun stabbilit barra t-territorju doganali tal-Unjoni, l-awtorità doganali kompetenti għandha tkun dik tal-post fejn il-merkanzija għandha tintuża l-ewwel.

2. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi, meta l-applikant għal awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura tal-ipproċessar attiv ikun stabbilit barra t-territorju doganali tal-Unjoni, l-awtorità doganali kompetenti għandha tkun dik tal-post fejn il-merkanzija għandha tiġi pproċessata l-ewwel.

Artikolu 163

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni bbażata fuq dikjarazzjoni doganali

(Artikoli 6(1), 6(2), 6(3)(a) u 211(1) tal-Kodiċi)

1. Dikjarazzjoni doganali għandha, sakemm tkun supplimentata minn elementi addizzjonali tad-dejta kif stipulati fl-Anness A, tiġi kkunsidrata applikazzjoni għal awtorizzazzjoni fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-merkanzija jkollha titqiegħed taħt il-proċedura tad-dħul temporanju, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jeħtiġux applikazzjoni formali fil-każijiet koperti mill-Artikolu 236(b);

(b) meta l-merkanzija jkollha titqiegħed taħt il-proċedura tal-użu finali u l-applikant ikun beħsiebu li jassenja l-merkanzija kompletament għall-użu finali preskritt;

▼B

(c) meta merkanzija barra dik elenkata fl-Anness 71-02 jkollha titqiegħed taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv;

(d) meta merkanzija barra dik elenkata fl-Anness 71-02 jkollha titqiegħed taħt il-proċedura ta' pproċessar passiv;

(e) meta awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' pproċessar passiv tkun ingħatat u prodotti ta' sostituzzjoni jkollhom jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera permezz tas-sistema ta' skambju standard, li mhuwiex kopert minn dik l-awtorizzazzjoni;

(f) meta l-prodotti pproċessati jkollhom jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa wara l-ipproċessar passiv u l-operazzjoni ta' pproċessar tikkonċerna merkanzija ta' natura mhux kummerċjali;

▼M7

(g) meta merkanzija elenkata fl-Anness 71-02 li l-valur doganali tagħha ma jkunx ta' aktar minn EUR 150 000 tkun diġà mqiegħda jew tkun se titqiegħed taħt il-proċedura ta' proċessar attiv u tkun trid tiġi meqruda taħt superviżjoni doganali minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati.

▼B

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni simplifikata;

(b) żdoganar ċentralizzat;

(c) entrata fir-rekords tad-dikjarant;

(d) meta ssir applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li ma tkunx dik għal dħul temporanzju li tinvolvi iktar minn Stat Membru wieħed;

(e) meta l-użu ta' merkanzija ekwivalenti jkun applikat bi qbil mal-Artikolu 223 tal-Kodiċi;

(f) meta l-awtorità doganali kompetenti tinforma lid-dikjarant li jkun meħtieġ eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi skont l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi;

▼M7

———————

▼B

(h) meta ssir applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni retroattiva skont l-Artikolu 211(2) tal-Kodiċi, ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(e) jew (f) ta' dan l-Artikolu.

3. Meta l-awtoritajiet doganali jikkunsidraw li t-tqegħid ta' mezz tat-trasport jew parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għal mezzi tat-trasport taħt il-proċedura tad-dħul temporanju jkun iwassal għal riskju serju ta' nuqqas ta' konformità ma' wieħed mill-obbligi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni doganali, id-dikjarazzjoni doganali msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhiex issir verbalment jew skont l-Artikolu 141. F'dak il-każ l-awtoritajiet doganali għandhom jinfurmaw lid-dikjarant b'dan mingħajr dewmien wara l-preżentazzjoni tal-merkanzija lid-dwana.

4. L-obbligu li jiġu pprovduti elementi tad-dejta addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux japplika f'każijiet li jinvolvu kwalunkwe wieħed minn dawn it-tipi ta' dikjarazzjonijiet li ġejjin:

(a) dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera magħmula verbalment skont l-Artikolu 135;

(b) dikjarazzjonijiet doganali għad-dħul temporanju jew dikjarazzjonijiet għar-riesportazzjoni magħmula verbalment skont l-Artikolu 136;

▼B

(c) dikjarazzjonijiet doganali għad-dħul temporanju jew dikjarazzjonijiet għar-riesportazzjoni skont l-Artikolu 139 meqjusa li jkunu saru skont l-Artikolu 141..

5. Carnets ATA u CPD għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għal dħul temporanju meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-carnet ikun inħareġ f'parti kontraenti għall-Konvenzjoni ATA jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul u approvat u garantit minn assoċjazzjoni li tifforma parti minn katina ta' garanzija kif iddefinit fl-Artikolu 1(d) tal-Anness A għall-Konvenzjoni ta' Istanbul.

(b) il-carnet jirrigwarda merkanzija u użi koperti mill-Konvenzjoni li jkun inħareġ taħthom;

(c) il-carnet ikun iċċertifikat mill-awtoritajiet doganali;

(d) il-carnet jkun validu tul it-territorju doganali kollu tal-Komunità.

Artikolu 164

Applikazzjoni għal tiġdid jew emenda ta' awtorizzazzjoni

(Artikolu 6(3) tal-Kodiċi)

L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li applikazzjoni għat-tiġdid jew emenda ta' awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 211(1) tal-Kodiċi tiġi sottomessa bil-miktub.

Artikolu 165

Dokument ta' sostenn għal dikjarazzjoni doganali verbalment għal dħul temporanju

(Artikoli 6(2), 6(3)(a) u 211(1) tal-Kodiċi)

Meta dikjarazzjoni doganali verbalment hija kkunsidrata bħala applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal dħul temporanju skont 163, id-dikjarant għandu jippreżenta dokument ta' sostenn kif stipulat fl-Anness 71-01.

Taqsima 2

It-teħid ta' deċiżjoni dwar l-applikazzjoni

Artikolu 166

L-eżaminazzjoni tal-kundizzjonijiet ekonomiċi

(Artikolu 211(3) u (4) tal-Kodiċi)

1. Il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 211(4)(b) tal-Kodiċi ma għandhiex tapplika għal awtorizzazzjonijiet għal ipproċessar attiv ħlief f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-kalkolu tal-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jsir skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi, teżisti evidenza li l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni x'aktarx li jiġu affettwati b'mod negattiv u l-każ ma jkunx kopert bl-Artikolu 167(1)(a) sa (f);

▼M7

(b) meta l-kalkolu tal-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jsir f konformità mal-Artikolu 85 tal-Kodiċi, il-merkanzija maħsuba biex titqiegħed taħt il-proċedura ta' proċessar attiv tkun soġġetta għal miżura ta' politika agrikola jew kummerċjali, jekk din tkun iddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera u l-każ ma jkunx kopert mill-Artikolu 167(1) (h), (i), (m) jew (p);

▼B

(c) meta l-kalkolu tal-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jsir skont l-Artikolu 85 tal-Kodiċi, il-merkanzija maħsuba biex titqiegħed taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv tkun suġġetta għal miżura ta' politika agrikola jew kummerċjali, dazju provviżorju jew definittiv antidumping, dazju kompensatorju, miżura ta' salvagwardja jew dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet jekk dawn kienu ddikjarati għal rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, teżisti evidenza li l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni x'aktarx li jiġu affettwati b'mod negattiv; u l-każ ma jkunx kopert minn Artikolu 167(1)(g) sa (s);

2. Il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 211(4)(b) tal-Kodiċi ma għandhiex tapplika għal awtorizzazzjonijiet għall-ipproċessar passiv ħlief jekk tkun teżisti evidenza li l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni ta' merkanzija elenkata fl-Anness 71-02 x'aktarx li tkun affettwata b'mod negattiv u l-merkanzija ma tkunx maħsuba biex tiġi msewwija.

Artikolu 167

Każijiet fejn il-kundizzjonijiet ekonomiċi jitqiesu li ntlaħqu għal ipproċessar intern

(Artikolu 211(5) tal-Kodiċi)

1. Il-kundizzjonijiet ekonomiċi għall-ipproċessar attiv għandhom ikunu meqjusa li ġew sodisfatti meta l-applikazzjoni tikkonċerna kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ipproċessar ta' merkanzija mhux elenkata fl-Anness 71-02;

(b) tiswija;

(c) l-ipproċessar ta' merkanzija b'mod dirett jew indirett imqiegħed għad-dispożizzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni, imwettaq skont l-ispeċifikazzjonijiet f'isem persuna stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, ġeneralment bi ħlas tal-ispejjeż tal-ipproċessar biss;

(d) l-ipproċessar tal-qamħ durum f'għaġin;

(e) it-tqegħid ta' merkanzija taħt proċessar attiv fil-limiti tal-kwantità determinata fuq il-bażi ta' bilanċ skont l-Artikolu 18 Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

([1]) Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti prodotti li jirriżultaw mill- ipproċessar tal-prodotti agrikoli u jħassar r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1216/2009 u (KE) Nru 614/2009 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 1).

▼B

(f) l-ipproċessar ta' merkanzija li tkun elenkata fl-Anness 71-02, fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(i) nuqqas ta' disponibbiltà ta' merkanzija prodotta fl-Unjoni li jkollha l-istess kodiċi NM bi 8 ċifri, l-istess kwalità kummerċjali u karatteristiċi tekniċi bħall-merkanzija maħsuba biex tiġi importata għall-operazzjonijiet ta' pproċessar previsti;

(ii) differenzi fil-prezz bejn il-merkanzija prodotta fl-Unjoni u dik maħsuba biex tiġi importata, fejn il-merkanzija paragunabbli ma tistax tintuża minħabba li l-prezz tagħha ma jirrendix l-operazzjoni kummerċjali proposta ekonomikament vijabbli;

(iii) obbligazzjonijiet kuntrattwali fejn il-merkanzija paragunabbli ma tikkonformax mal-ħtiġijiet kuntrattwali tax-xerrej minn pajjiż terz tal-prodotti pproċessati, jew fejn, skont il-kuntratt, il-prodotti ipproċessati għandhom ikunu miksuba mill-merkanzija maħsuba biex titqiegħed taħt l-ipproċessar attiv sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet rigward il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali jew kummerċjali;

(iv) il-valur aggregat tal-oġġetti li għandhom jitqiegħdu fil-proċedura ta' pproċessar għal kull applikant u sena kalendarja u għal kull kodiċi NM ta' tmien ċifri ma jaqbiżx il-EUR 150 000;

(g) l-ipproċessar ta' merkanzija biex tiġi żgurata l-konformità tagħha mal-ħtiġijiet tekniċi għar-rilaxx tagħha għaċ-ċirkolazzjoni libera;

(h) l-ipproċessar ta' merkanzija ta' natura mhux kummerċjali;

(i) l-ipproċessar ta' merkanzija miksuba taħt awtorizzazzjoni preċedenti, li l-ħruġ tagħha kien soġġett għal eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi;

(j) l-ipproċessar ta' frazzjonijiet solidi u fluwidi ta' żejt tal-palm, żejt tal-coconut, frazzjonijiet fluwidi taż-żejt tal-coconut, żejt tal-qlub tal-palm, frazzjonijiet fluwidi taż-żejt tal-qlub tal-palm, żejt tal-babassu jew żejt ir-riġnu fi prodotti li mhumiex maħsuba għas-settur tal-ikel;

▼M7

(k) l-ipproċessar fi prodotti li jkunu maħsuba li jiġu inkorporati jew użati f'inġenji tal-ajru li għalihom tkun inħarġet Formola 1 tal-EASA jew ċertifikat ekwivalenti kif imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2018/580 ([1]);

▼B

(l) l-ipproċessar fi prodotti li jibbenefikaw mis-sospensjoni awtonoma tad-dazju fuq l-importazzjoni fuq ċerti armamenti u tagħmir militari skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 150/2003 ([2]);

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/581 tas-16 ta' April 2018 li temporanjament jissospendi d-dazji awtonomi tat-Tariffa Doganali Komuni fuq ċertu tip ta' prodotti maħsuba li jiġu inkorporati jew użati f'inġenji tal-ajru, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1147/2002 (ĠU L 98, 18.4.2018, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 150/2003 tal-21 ta' Jannar 2003 li jissospendi d-dazji fuq l-importazzjoni fuq ċerti armamenti u apparat militari (ĠU L 25, 30.1.2003, p. 1).

▼B

(m) l-ipproċessar ta' merkanzija f'kampjuni;

(n) l-ipproċessar ta' kwalunkwe tip elettroniku ta' komponenti, parts, assemblaġġi jew kwalunkwe materjal ieħor fi prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni;

(o) l-ipproċessar ta' merkanzija li taqa' taħt il-kodiċijiet NM 2707 jew 2710 fi prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 2707, 2710 jew 2902;

(p) it-tnaqqis għal skart u fdal, il-qerda, l-irkupru ta' partijiet jew komponenti;

(q) denaturazzjoni;

(r) il-forom komuni ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 220 tal-Kodiċi,

(s) il-valur aggregat tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv għal kull applikant u sena kalendarja għal kull kodiċi NM bi tmien ċifri, ma jaqbiżx EUR 150 000 fir-rigward ta' merkanzija li hija koperti bl-Anness 71-02 u EUR 300 000 għal prodotti oħrajn, għajr meta l-merkanzija intenzjonata li titqiegħed taħt proċedura ta' pproċessar attiv tkun soġġetta għal dazju provviżorju jew definittiv anti-dumping, dazju kompensatorju, miżura ta' salvagwardja jew dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet li kieku dawn ġew iddikjarati għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera.

2. In-nuqqas ta' disponibbiltà msemmija fil-paragrafu 1(f)(i) għandha tkopri kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) in-nuqqas totali ta' produzzjoni ta' merkanzija paragunabbli fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' kwantità suffiċjenti ta' dik il-merkanzija sabiex jiġu mwettqa l-operazzjonijiet ta' pproċessar maħsuba;

(c) merkanzija paragunabbli tal-Unjoni ma tistax issir disponibbli għall-applikant fil-ħin għall-operazzjoni kummerċjali proposta li għandha titwettaq, minkejja li t-talba tkun saret fil-ħin.

▼M7

_____

▼B

Artikolu 169

Awtorizzazzjoni għall-użu ta' merkanzija ekwivalenti

(Artikoli 223(1) u (2) u 223(3)(c) tal-Kodiċi)

1. Jekk l-użu tal-merkanzija ekwivalenti tkunx sistematika jew le m'għandux ikun rilevanti għall-finijiet ta' għoti ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 223(2) tal-Kodiċi.

2. L-użu ta' merkanzija ekwivalenti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 223(1) tal-Kodiċi m'għandux jiġi awtorizzat meta l-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura speċjali tkun suġġetta għal dazju proviżjonali jew definittiv anti-dumping, ta' kontrobilanċ, ta' salvagwardja jew dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet jekk dawn kienu ddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera.

▼B

3. L-użu ta' merkanzija ekwivalenti kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 223(1) tal-Kodiċi m'għandux jiġi awtorizzat meta l-merkanzija pproċessata mhux tal-Unjoni minflok il-merkanzija tal-Unjoni mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar passiv tkun suġġetta għal dazju proviżjonali jew definittiv antidumping, kompensatorju, ta' salvagwardja jew addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet jekk din tkun iddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

4. L-użu ta' merkanzija ekwivalenti taħt ħażna doganali ma għandux ikun awtorizzati meta l-merkanzija mhux tal-Unjoni mqiegħda taħt il-proċedura ta' ħażna doganali tkun dik imsemmija fl-Anness 71-02.

5. L-użu ta' merkanzija ekwivalenti m'għandux jiġi awtorizzat għal merkanzija jew prodotti li jkunu ġew mibdula ġenetikament jew li jkollhom elementi li jkunu għaddew minn bidla ġenetika.

6. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 223(1) tal-Kodiċi, din li ġejja għandha titqies bħala merkanzija ekwivalenti għall-ipproċessar attiv:

(a) merkanzija fi stadju aktar avvanzat tal-manifattura mill-merkanzija mhux tal-Unjoni mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv meta l-parti essenzjali tal-ipproċessar fir-rigward ta' din il-merkanzija ekwivalenti titwettaq fl-impriża tad-detentur tal-awtorizzazzjoni jew fl-impriża fejn l-operazzjoni tkun qiegħda titwettaq għan-nom tiegħu;

(b) fil-każ ta' tiswija, merkanzija ġdida minflok merkanzija użata jew merkanzija f'kundizzjoni aħjar mill-merkanzija mhux tal-Unjoni mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv;

(c) merkanzija b'karatteristiċi tekniċi simili għall-merkanzija li tkun qed tissostitwixxi sakemm ikollha l-istess kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda bi tmien numri u l-istess kwalità kummerċjali.

7. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 223(1) tal-Kodiċi, għal merkanzija msemmija fl-Anness 71-04 għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali stabbiliti f'dak l-Anness.

8. Fil-każ ta' dħul temporanju, merkanzija ekwivalenti tista' tintuża biss meta l-awtorizzazzjoni għad-dħul temporanju, b'eżenzjoni totali minn dazju fuq l-importazzjoni tingħata skont l-Artikoli 208-211.

Artikolu 170

Prodotti pproċessati jew merkanzija mqiegħda taħt proċessar attiv IM/EX

(Artikolu 211(1) tal-Kodiċi)

1. L-awtorizzazzjoni għall-ipproċessar attiv IM/EX għandha, fuq talba mill-applikant, tispeċifika li l-prodotti pproċessati jew il-merkanzija mqiegħda taħt dak l-ipproċessar attiv IM/EX li ma ġietx

▼B

iddikjarata għal proċedura doganali sussegwenti jew riesportata meta jiskadi l-perjodu għar-rilaxx titqies bħala li jkunu ġiet rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera fid-data ta' skadenza tal-perjodu għar-rilaxx.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika sakemm il-prodotti jew merkanzija jkunu suġġetti għal miżuri projbittivi jew restrittivi.

Artikolu 171

Terminu preskritt biex tittieħed deċiżjoni dwar applikazzjoni għal awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 211(1) tal-Kodiċi

(Artikolu 22(3) tal-Kodiċi)

1. Meta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi tinvolvi Stat Membru wieħed biss, għandha tittieħed deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni, permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 30 jum mid-data ta' aċċettazzjoni tal-applikazzjoni.

Meta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 211(1)(b) tal-Kodiċi tinvolvi Stat Membru wieħed biss, għandha tittieħed deċiżjoni dwar dik l-applikazzjoni, permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 22(3) tal-Kodiċi, mingħajr dewmien u mhux aktar tard minn 60 jum mid-data ta' aċċettazzjoni tal-applikazzjoni.

2. Meta l-kundizzjonijiet ekonomiċi jkollhom jiġu eżaminati skont l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi, it-terminu preskritt imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi estiż għal sena mid-data li fiha l-fajl ġie trażmess lill-Kummissjoni.

L-awtoritajiet doganali għandhom jinformaw lill-applikant, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni, dwar il-ħtieġa li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet ekonomiċi u, jekk l-awtorizzazzjoni ma tkunx għadha ġiet maħruġa, dwar l-estensjoni tal-limitu taż-żmien skont l-ewwel subparagrafu.

Artikolu 172

Effett retroattiv

(Artikolu 22(4) tal-Kodiċi)

1. Meta l-awtoritajiet doganali jagħtu awtorizzazzjoni b'effett retroattiv skont l-Artikolu 211(2) tal-Kodiċi, l-awtorizzazzjoni għandha tidħol fis-seħħ mhux iktar kmieni mid-data ta' aċċettazzjoni tal-applikazzjoni.

2. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tidħol fis-seħħ mhux iktar kmieni minn sena, fil-każ ta' merkanzija koperta minn Anness 71-02 tliet xhur, qabel id-data ta' aċċettazzjoni tal-applikazzjoni.

3. Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna tiġdid ta' awtorizazzjoni tal-istess tip ta' operazzjoni u merkanzija, tista' tingħata awtorizazzjoni b'effett retroattiv mid-data tal-iskadenza tal-awtorizzazzjoni oriġinali.

▼B

Meta, skont l-Artikolu 211(6) tal-Kodiċi, eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi huwa meħtieġ b'konnessjoni ma' tiġdid ta' awtorizzazzjoni għall-istess tip ta' operazzjoni u merkanzija, awtorizzazzjoni b'effett retroattiv għandha tidħol fis-seħħ mhux iktar kmieni mid-data li fiha tkun saret il-konklużjoni dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi.

Artikolu 173

Validità ta' awtorizzazzjoni

(Artikolu 22(5) tal-Kodiċi)

1. Fejn tingħata awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi, il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni m'għandux jaqbeż ħames snin mid-data li fiha l-awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ

2. Il-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jaqbeż tliet snin meta l-awtorizzazzjoni tikkonċerna merkanzija msemmija fl-Anness 71-02.

Artikolu 174

Terminu preskritt għar-rilaxx ta' proċedura speċjali

(Artikolu 215(4) tal-Kodiċi)

1. Fuq it-talba tad-detentur tal-proċedura, it-terminu preskritt għar-rilaxx speċifikat f'awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 211(1) tal-Kodiċi jista' jiġi estiż mill-awtoritajiet doganali, anke wara li t-terminu preskritt stabbilit oriġinarjament ikun skada.

2. Meta t-terminu preskritt għar-rilaxx jiskadi f'data speċifika għall-merkanzija kollha mqiegħda taħt il-proċedura f'perjodu partikolari, l-awtoritajiet doganali jistgħu jistabbilixxu fl-awtorizzazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi li t-terminu preskritt għar-rilaxx jiġi awtomatikament estiż għall-merkanzija kollha li tkun għadha taħt il-proċedura f'dik id-data. L-awtoritajiet doganali jistgħu jiddeċiedu li jtemmu l-estensjoni awtomatika tat-terminu preskritt fir-rigward ta' ftit mill-merkanzija jew il-merkanzija kollha mqiegħda taħt il-proċedura.

Artikolu 175

Dokument ta' rilaxx

(Artikoli 6(2), 6(3)(a) u 211(1) tal-Kodiċi)

1. L-awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' pproċessar attiv IM/EX, ipproċessar attiv EX/IM mingħajr l-użu ta' skambju standardizzat ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 176, jew l-użu finali għandhom jistipulaw li d-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jippreżenta d-dokument ta' rilaxx lill-uffiċċju doganali ta' sorveljanza fi żmien 30 jum wara l-iskadenza tat-terminu preskritt għar-rilaxx.

Madankollu, l-uffiċċju doganali ta' sorveljanza jista' jirrinunzja l-obbligu li jippreżenta dokument ta' rilaxx fejn iqis li mhuwiex neċessarju.

▼B

2. Fuq it-talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet doganali jistgħu jestendu l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għal 60 jum. F'każijiet eċċezzjonali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jestendu l-perjodu anke jekk dan ikun skada.

3. Id-dokument ta' rilaxx għandu jkun fih id-dettalji elenkati fl-Anness 71-06, sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor mill-uffiċċju doganali ta' sorveljanza.

4. Meta prodotti pproċessati jew merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura attiva IM/EX ikunu meqjusa li ġew rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 170(1), dak il-fatt għandu jkun iddikjarat fid-dokument ta' rilaxx.

5. Meta l-awtorizzazzjoni għall-ipproċessar attiv IM/EX tispeċifika li prodotti pproċessati jew il-merkanzija mqiegħda taħt dik il-proċedura għandhom jitqiesu li jkunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fid-data ta' skadenza tal-perjodu ta' rilaxx, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jippreżenta d-dokument ta' rilaxx lill-uffiċċju doganali ta' sorveljanza kif imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.

6. L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu li d-dokument ta' rilaxx jiġi ppreżentat b'mezzi differenti li mhumiex tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

Artikolu 176

Skambju standardizzat ta' informazzjoni u obbligi tad-detentur ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura ta' pproċessar

(Artikolu 211(1) tal-Kodiċi)

1. L-awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' pproċessar attiv EX/IM jew ipproċessar passiv EX/IM li jinvolvu Stat Membru wieħed jew aktar u awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' pproċessar attiv IM/EX jew ipproċessar passiv IM/EX li jinvolvu aktar minn Stat Membru wieħed għandhom jistabbilixxu l-obbligi li ġejjin:

(a) użu tal-iskambju standardizzat ta' informazzjoni (INF) kif imsemmi fl-Artikolu 181, sakemm l-awtoritajiet doganali ma jaqblux fuq mezzi oħrajn ta' skambju elettroniku ta' informazzjoni;

(b) id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jipprovdi lill-uffiċċju doganali ta' sorveljanza b'informazzjoni kif imsemmi fit-Taqsima A tal-Anness 71-05;

(c) meta d-dikjarazzjonijiet jew notifiki li ġejjin jiġu ippreżentati, għandhom jirreferu għan-numru INF rilevanti:

(i) dikjarazzjoni doganali għal ipproċessar attiv;

(ii) dikjarazzjoni ta' esportazzjoni għal ipproċessar attiv EX/IM jew ipproċessar passiv;

(iii) dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera wara pproċessar passiv;

(iv) dikjarazzjonijiet doganali għar-rilaxx tal-proċedura ta' pproċessar;

(v) dikjarazzjonijiet ta' riesportazzjoni jew notifiki ta' riesportazzjoni.

2. L-awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' pproċessar attiv IM/EX li jinvolvu Stat Membru wieħed biss għandhom jistabbilixxu li, fuq talba tal-uffiċċju doganali ta' sorveljanza, id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jipprovdi lil dak l-uffiċċju doganali informazzjoni suffiċjenti

▼B

dwar il-merkanzija li ġiet imqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv li tippermetti lill-uffiċċju doganali ta' sorveljanza biex jikkalkula l-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi.

▼M7

Artikolu 177

Ħżin ta' merkanzija tal-Unjoni flimkien ma' merkanzija mhux tal-Unjoni f'faċilità ta' ħżin

(l-Artikolu 211(1) tal-Kodiċi)

1. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tkun maħżuna flimkien ma' merkanzija mhux tal-Unjoni f'faċilità ta' ħżin għall-ħażna doganali u jkun impossibbli jew ikun possibbli biss bi spejjeż sproporzjonati li dejjem jiġi identifikat kull tip ta' merkanzija (ħżin komuni), l-awtorizzazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 211(1)(b) tal-Kodiċi għandha tistabbilixxi li s-segregazzjoni kontabilistika għandha ssir fir-rigward ta' kull tip ta' merkanzija, status doganali u, fejn xieraq, oriġini tal-merkanzija.

2. Il-merkanzija tal-Unjoni maħżuna flimkien ma' merkanzija mhux tal-Unjoni f'faċilità ta' ħżin kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tikkondividi l-istess kodiċi NM bi tmien ċifri, l-istess kwalità kummerċjali u l-istess karatteristiċi tekniċi.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, merkanzija mhux tal-Unjoni li , fiż-żmien meta tkun se tiġi maħżuna flimkien ma' merkanzija tal-Unjoni, tkun soġġetta għal dazju anti-dumping provviżorju jew definittiv, għal dazju kompensatorju, għal miżura ta' salvagwardja jew għal dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet jekk tkun iddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, ma għandhiex titqies li għandha l-istess kwalità kummerċjali bħall-merkanzija tal-Unjoni.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika meta l-merkanzija mhux tal-Unjoni tinħażen flimkien ma' merkanzija tal-Unjoni li tkun ġiet iddikjarata preċedentement bħala merkanzija mhux tal-Unjoni għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera u li għaliha jkunu tħallsu d-dazji msemmija fil-paragrafu 3.

▼M3

Artikolu 177a

Ħażna mħallta ta' prodotti soġġetti għal superviżjoni doganali taħt l-użu aħħari

(l-Artikolu 211(1) tal-Kodiċi)

L-awtorizzazzjoni għall-użu aħħari kif imsemmi fl-Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi għandha tistabbilixxi l-mezzi u l-metodi ta' identifikazzjoni u ta' superviżjoni doganali għall-ħażna mħallta ta' prodotti soġġetti għal superviżjoni doganali li jaqgħu taħt il-Kapitoli 27 u 29 tan-Nomenklatura Maqgħuda jew ta' dawn il-prodotti bi żjut minerali (petroleum) mhux raffinati li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 2709 00.

Meta l-prodotti msemmija fl-ewwel paragrafu ma jaqgħux fl-istess kodiċi tan-NM bi tmien ċifri, jew ma jkollhomx l-istess kwalità kummerċjali u l-istess karatteristiki tekniċi u fiżiċi, il-ħażna mħallta tista' titħalla biss meta t-taħlita sħiħa trid tgħaddi minn wieħed mit-trattamenti msemmija fin-Nota Addizzjonali 5 tal-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Maqgħuda.

▼B

Taqsima 3

Dispożizzjonijiet oħra

Artikolu 178

Rekords

(Artikoli 211(1) u 214(1) tal-Kodiċi)

1. Ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 214(1) tal-Kodiċi għandu jkun fihom dan li ġej:

(a) fejn xieraq, ir-referenza għall-awtorizzazzjoni meħtieġa għat-tqegħid tal-merkanzija taħt proċedura speċjali;

(b) l-MRN jew, fejn dan ma jeżistix, kwalunkwe numru jew kodiċi ieħor li jidentifika d-dikjarazzjonijiet doganali li permezz tiegħu l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura speċjali u, meta l-proċedura tkun ġiet rilaxxata skont l-Artikolu 215(1) tal-Kodiċi, informazzjoni dwar il-mod kif il-proċedura tkun ġiet rilaxxata;

(c) dejta li tippermetti mingħajr dubju l-identifikazzjoni ta' dokumenti doganali li ma jkunux dikjarazzjonijiet doganali, ta' kwalunkwe dokumenti oħra rilevanti għat-tqegħid ta' merkanzija taħt proċedura speċjali u ta' kwalunkwe dokumenti oħra rilevanti għar-rilaxx korrispondenti tal-proċedura;

(d) dettalji ta' marki, numri ta' identifikazzjoni, numru u tip ta' pakketti, il-kwantità u d-deskrizzjoni kummerċjali jew teknika normali tal-merkanzija u, fejn rilevanti, il-marki ta' identifikazzjoni tal-kontejner meħtieġa biex tiġi identifikata l-merkanzija;

(e) post tal-merkanzija u informazzjoni dwar kwalunkwe moviment tagħha;

(f) status doganali tal-merkanzija;

(g) dettalji ta' forom normali ta' ġestjoni u, fejn applikabbli, il-klassifikazzjoni tariffarja l-ġdida li tirriżulta minn dawk il-forom normali ta' ġestjoni;

(h) dettalji ta' dħul temporanju jew użu finali;

(i) dettalji ta' pproċessar attiv jew passiv inkluża informazzjoni dwar in-natura tal-ipproċessar;

(j) meta japplika l-Artikolu 86(1) tal-Kodiċi, l-ispejjeż għall-ħażna jew forom normali ta' ġestjoni;

(k) ir-rata tal-produzzjoni jew il-metodu ta' kalkolu tagħha, fejn xieraq;

(l) dettalji li jippermettu li sorveljanza doganali u kontrolli tal-użu ta' merkanzija ekwivalenti skont l-Artikolu 223 tal-Kodiċi;

(m) meta segregazzjoni tal-kontabilità tkun meħtieġa, informazzjoni dwar it-tip ta' merkanzija, l-istatus doganali u, fejn xieraq, l-oriġini tal-merkanzija;

(n) fil-każijiet ta' dħul temporanju msemmi fl-Artikolu 238, id-dettalji meħtieġa minn dak l-Artikolu;

(o) fil-każijiet ta' pproċessar attiv imsemmi fl-Artikolu 241, id-dettalji meħtieġa minn dik l-Artikolu;

▼B

(p) fejn xieraq, dettalji ta' kwalunkwe trasferiment ta' drittijiet u obbligi skont l-Artikolu 218 tal-Kodiċi;

(q) meta r-rekords ma jkunux parti mill-kontijiet ewlenin għall-finijiet doganali, referenza għal dawk il-kontijiet ewlenin għall-kontijiet doganali;

(r) informazzjoni addizzjonali għal każijiet speċjali, fuq it-talba tal-awtoritajiet doganali għal raġunijiet ġustifikati.

2. Fil-każ ta' żoni ħielsa, ir-rekords għandhom, flimkien mal-informazzjoni pprovduta fil-paragrafu 1, jinkludu dan li ġej:

(a) dettalji li jidentifikaw id-dokumenti tat-trasport għall-merkanzija li tidħol jew toħroġ miż-żoni ħielsa;

(b) dettalji dwar l-użu jew il-konsum ta' merkanzija li r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew dħul temporanju tagħha ma jinvolvix applikazzjoni ta' dazju fuq l-importazzjoni jew miżuri stabbiliti taħt il-politika agrikola komuni u kummerċjali skont l-Artikolu 247(2) tal-Kodiċi.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrinunzjaw il-ħtieġa għal ftit mill-informazzjoni prevista fil-paragrafi 1 u 2, fejn dan ma jaffettwax ħażin is-sorveljanza doganali u kontrolli tal-użu ta' proċedura speċjali.

4. Fil-każ ta' dħul temporanju, ir-rekords għandhom jinżammu biss jekk ikun meħtieġ mill-awtoritajiet doganali.

Artikolu 179

Moviment ta' merkanzija bejn postijiet differenti fit-territorju doganali tal-Unjoni

(Artikolu 219 tal-Kodiċi)

1. Il-moviment ta' merkanzija mqiegħda taħt proċessar attiv, dħul temporanju jew użu finali jista' jsir bejn postijiet differenti fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr formalitajiet doganali barra minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 178(1)(e).

2. Il-moviment ta' merkanzija mqiegħda taħt ipproċessar passiv jista' jsir fit-territorju doganali tal-Unjoni mill-uffiċċju doganali tat-tqegħid għall-uffiċċju doganali tal-ħruġ.

3. Il-moviment tal-merkanzija mqiegħda taħt ħażna doganali jista' jseħħ fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr formalitajiet doganali minbarra minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 178(1)(e) kif ġej:

(a) bejn faċilitajiet ta' ħażna differenti nominate fl-istess awtorizzazzjoni;

(b) mill-uffiċċju doganali tat-tqegħid għall-faċilitajiet ta' ħażna; jew

(c) mill-faċilitajiet ta' ħażna lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ jew kwalunkwe uffiċċju doganali indikat fl-awtorizzazzjoni għal proċedura speċjali kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 211(1) tal-Kodiċi, li għandu s-setgħa li jirrilaxxa l-merkanzija għal proċedura doganali sussegwenti jew li jirċievi d-dikjarazzjoni ta' ri-esportazzjoni għall-għanijiet ta' twettiq tal-proċedura speċjali.

Il-movimenti taħt ħażna doganali għandhom jintemmu fi żmien 30 jum wara li l-merkanzija tkun ġiet imneħħija mill-maħżen doganali.

▼B

Fuq it-talba tad-detentur tal-proċedura, l-awtoritajiet doganali jistgħu jestendu l-perjodu ta' 30 jum.

4. Meta l-merkanzija tiġi ttrasportata taħt ħażna doganali mill-faċilitajiet ta' ħażna lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ, ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 214(1) tal-Kodiċi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-ħruġ tal-merkanzija f'100 jum wara li l-merkanzija tkun tneħħiet mill-maħżen doganali.

Fuq it-talba tad-detentur tal-proċedura, l-awtoritajiet doganali jistgħu jestendu l-perjodu ta' 100 jum.

Artikolu 180

Forom notmali ta' ġestjoni

(Artikolu 220 tal-Kodiċi)

Il-formoli normali ta' ġestjoni stipulati fl-Artikolu 220 tal-Kodiċi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness 71-03.

Artikolu 181

Skambju standardizzat ta' informazzjoni

(Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

1. L-uffiċċju doganali ta' sorveljanza għandu jagħmel l-elementi tad-dejta rilevanti stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness 71-05 disponibbli fis-sistema elettronika stabbilita skont l-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi għall-finijiet ta' skambju standardizzat ta' informazzjoni (INF), għal:

(a) ipproċessar attiv EX/IM jew ipproċessar passiv EX/IM li jinvolvi Stat Membru wieħed jew aktar minn wieħed;

(b) ipproċessar attiv IM/EX jew ipproċessar passiv IM/EX li jinvolvi aktar minn Stat Membru wieħed;

2. Meta l-awtorità doganali responsabbli kif imsemmija fl-Artikolu 101(1) tal-Kodiċi tkun talbet skambju standardizzat ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali fir-rigward ta' merkanzija mqiegħda taħt ipproċessar attiv IM/EX li tinvolvi Stat Membru wieħed biss, l-uffiċċju doganali ta' sorveljanza għandu jagħmel l-elementi tad-dejta rilevanti stabbiliti fit-Taqsima B tal-Anness 71-05 disponibbli fis-sistema elettronika stabbilita skont l-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi għall-finijiet tal-INF.

3. Meta dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni jew notifika ta' riesportazzjoni tirreferi għal xi INF, l-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jagħmlu l-elementi tad-dejta speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness 71-05 disponibbli fis-sistema elettronika stabbilita skont l-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi għall-finijiet tal-INF.

4. L-awtoritajiet doganali għandhom jiżvelaw informazzjoni aġġornata dwar l-INF lid-detentur tal-awtorizzazzjoni fuq talba tiegħu.

▼M1

5. Sad-dati tal-iskjerament tal-Folji ta' Informazzjoni tal-KDU (INF) għas-sistema ta' Proċeduri Speċjali msemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jistgħu jintużaw mezzi oħrajn għajr it-tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

▼B

Artikolu 182

Status doganali tal-annimali mwielda minn annimali mqiegħda taħt proċedura speċjali

(Artikolu 153(3) tal-Kodiċi)

Meta l-valur totali ta' annimali, imwielda fit-territorju doganali tal-Unjoni minn annimali suġġetti għal dikjarazzjoni doganali waħda u mqiegħda taħt il-proċedura ta' ħażna, proċedura ta' dħul temporanju jew il-proċedura ta' pproċessar attiv, jaqbeż EUR 100, dawk l-annimali għandhom jitqiesu li jkunu merkanzija mhux tal-Unjoni u għandhom jitqiegħdu taħt l-istess proċedura bħall-annimali li twieldu minn għandhom.

Artikolu 183

Rinunzja mill-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni supplimentari

(Artikolu 167(2)(b) tal-Kodiċi)

L-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni supplimentari għandu jiġi rinunzjat għal merkanzija li tkun ġiet rilaxxata għalihom proċedura speċjali differenti minn dik tat-tranżitu billi jitqiegħdu taħt proċedura speċjali sussegwenti differenti minn dik tat-tranżitu sakemm il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) id-detentur tal-awtorizzazzjoni tal-ewwel proċedura speċjali u ta' dik sussegwenti huwa l-istess persuna;

(b) id-dikjarazzjoni doganali għall-ewwel proċedura speċjali ġiet ippreżentata fil-formola standard, jew id-dikjarant ikun ippreżenta dikjarazzjoni supplimentari skont l-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 167(1) tal-Kodiċi fir-rigward tal-ewwel proċedura speċjali;

(c) l-ewwel proċedura speċjali hija rilaxxata permezz tat-tqegħid ta' merkanzija taħt proċedura speċjali sussegwenti differenti minn ipproċessar għall-użu finali jew ipproċessar attiv, wara l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali fil-forma ta' entrata fir-rekords tad-dikjarant.

KAPITOLU 2

It-tranżitu

Taqsima 1

Proċedura ta' tranżitu estern u intern

Artikolu 184

Mezzi ta' komunikazzjoni tal-MRN ta' operazzjoni ta' tranżitu u tal-MRN ta' operazzjoni TIR lill-awtoritajiet doganali

(Artikolu 6(3) tal-Kodiċi)

L-MRN ta' dikjarazzjoni ta' tranżitu jew ta' operazzjoni TIR jista' jiġi sottomess lill-awtoritajiet doganali permezz ta' kwalunkwe mezz li ġej li jkun differenti mit-tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta:

(a) barkowd;

(b) dokument ta' akkumpanjament ta' tranżitu;

▼B

(c) dokument ta’ akkumpanjament ta’ tranżitu/sigurtà;

(d) fil-każ ta’ operazzjoni TIR, carnet TIR;

(e) mezzi oħra kif permess mill-awtorità doganali ta’ riċeviment.

▼M1

Sad-dati tal-aġġornament tas-Sistema Ġdida ta' Transitu Kompjuterizzata msemmija fl-Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE, l-MRN ta' dikjarazzjoni ta' tranżitu għandha tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali bil-mezzi msemmija fil-punti (b) u (c) tal-ewwel paragrafu.

▼B

Artikolu 185

Dokument ta’ akkumpanjament ta’ tranżitu u dokument ta’ akkumpanjament ta’ tranżitu/sigurtà

(Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

Ir-rekwiżiti komuni tad-dejta għad-dokument ta' akkumpanjament tat-tranżitu u, jekk meħtieġ, għal-Lista ta' merkanzija, u għad-dokument ta' akkumpanjament tat-tranżitu/sigurtà u l-lista ta' merkanzija ta' Tranżitu/Sigurtà huma stabbiliti fl-Anness B-02.

Artikolu 186

Applikazzjonijiet għall-istatus ta’ destinatarju awtorizzat għal operazzjonijiet TIR

(Artikolu 22(1) it-tielet subparagrafu tal-Kodiċi)

Għall-finijiet tal-operazzjonijiet TIR, l-applikazzjonijiet għall-istatus ta’ destinatarju awtorizzat imsemmija fl-Artikolu 230 tal-Kodiċi għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni fl-Istat Membru fejn se jiġu tterminati l-operazzjonijiet TIR tal-applikant.

Artikolu 187

Awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta’ destinatarju awtorizzat għall-operazzjonijiet TIR

(Artikolu 230 tal-Kodiċi)

1. L-istatus ta’ destinatarju awtorizzat stabbilit fl-Artikolu 230 tal-Kodiċi għandu jingħata lill-applikanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant ikun stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) l-applikant jiddikjara li se jirċievi regolarment merkanzija ttrasportata taħt operazzjoni TIR;

(c) l-applikant jissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 39(a), (b) u (d) tal-Kodiċi;

2. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw biss jekk l-awtorità doganali tqis li se tkun tista’ tissorvelja l-operazzjonijiet TIR u twettaq kontrolli mingħajr sforz amministrattiv sproporzjonat għall-ħtiġiet tal-persuna kkonċernata.

3. L-awtorizzazzjoni dwar l-istatus ta’ destinatarju awtorizzat għandha tapplika għal operazzjonijiet TIR li se jiġu tterminati fl-Istat Membru fejn ingħatat l-awtorizzazzjoni, fil-post jew postijiet f’dak l-Istat Membru speċifikat fl-awtorizzazzjoni.

▼B

Taqsima 2

Proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni estern u intern

Artikolu 188

Territorji fiskali speċjali

(Artikolu 1(3) tal-Kodiċi)

1. Fejn oġġetti tal-Unjoni jiġu ttrasportati minn territorju fiskali speċjali għal parti oħra mit-territorju doganali tal-Unjoni, li mhijiex territorju fiskali speċjali, u dak it-trasport jintemm f'post li jinsab barra l-Istat Membru li daħlet minnu f'dik il-parti tat-territorju doganali tal-Unjoni, dawk l-oġġetti tal-Unjoni għandhom jitmexxew taħt il-proċedura interna ta' tranżitu tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 227 tal-Kodiċi.

2. F'sitwazzjonijiet għajr dawk koperti mill-paragrafu 1, il-proċedura interna ta' tranżitu tal-Unjoni tista' tintuża għal merkanzija tal-Unjoni ttrasportata bejn territorju fiskali speċjali u parti oħra tat-territorju doganali tal-Unjoni.

▼M3

Artikolu 189

Applikazzjoni tal-proċedura ta' tranżitu estern f'każijiet speċifiċi

(l-Artikolu 226(2) tal-Kodiċi)

1. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata lejn pajjiż terz li jkun parti kontraenti għall-Konvenzjoni dwar proċedura ta' tranżitu komuni jew meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata u tgħaddi minn pajjiż ta' tranżitu komuni wieħed jew iktar u japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar proċedura komuni ta' tranżitu, il-merkanzija għandha titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 226(2) tal-Kodiċi fil-każijiet li ġejjin:

(a) il-merkanzija tal-Unjoni tkun għaddiet mill-formalitajiet tal-esportazzjoni doganali bl-għan li jingħataw rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi skont il-politika agrikola komuni;

(b) il-merkanzija tal-Unjoni tkun ġiet minn ħażniet ta' intervent, tkun soġġetta għal miżuri ta' kontroll fir-rigward tal-użu jew tad-destinazzjoni tagħha, u tkun għaddiet mill-formalitajiet doganali dwar l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi skont il-politika agrikola komuni;

(c) il-merkanzija tal-Unjoni tkun eliġibbli għal ħlas lura jew remissjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 118(1) tal-Kodiċi.

2. Il-merkanzija tal-Unjoni li tkun eliġibbli għall-ħlas lura jew għar-remissjoni tad-dazju fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 118(1) tal-Kodiċi tista' titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikoli 118(4) u 226(2) tal-Kodiċi.

▼M3

3. Meta l-merkanzija tal-Unjoni tiġi esportata lejn pajjiż terz u tiġi trasportata fit-territorju doganali tal-Unjoni taħt operazzjoni TIR jew taħt proċedura ta' tranżitu skont il-Konvenzjoni ATA jew il-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-merkanzija għandha titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 226(2) tal-Kodiċi.

4. Meta tiġi esportata l-merkanzija msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/118/KE li jkollha l-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni, dik il-merkanzija tista' titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu estern imsemmija fl-Artikolu 226(2) tal-Kodiċi.

▼B

Artikolu 190

Irċevuta approvata mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

(Artikolu 6(3) tal-Kodiċi)

L-irċevuta approvata mill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fuq talba tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija u l-informazzjoni meħtieġa minn dak l-uffiċċju għandu jkun fiha d-dejta msemmija fl-Anness 72-03.

Artikolu 191

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar awtorizzazzjonijiet ta' simplifikazzjonijiet

(Artikolu 233(4) tal-Kodiċi)

1. L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 233(4) tal-Kodiċi għandhom jingħataw lill-applikanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-applikant ikun stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) l-applikant jiddikjara li jkun se juża regolarment l-arranġamenti tat-tranżitu tal-Unjoni;

(c) l-applikant jissodisfa l-kriterju stabbilit fl-Artikolu 39(a), (b) u (d) tal-Kodiċi;

2. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jingħataw biss jekk l-awtorità doganali tqis li se tkun tista' tissorvelja l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni u twettaq kontrolli mingħajr sforz amministrattiv sproporzjonat għall-ħtiġiet tal-persuna kkonċernata.

Artikolu 192

Applikazzjonijiet għall-istatus ta' ►C3 kunsinnatur ◄ awtorizzat għat-tqegħid ta' merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

(l-Artikolu 22(1) it-tielet subparagrafu tal-Kodiċi)

Għall-finijiet tat-tqegħid ta' merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, l-applikazzjonijiet għall-istatus ta' ►C3 kunsinnatur ◄ awtorizzat imsemmija fl-Artikolu 233(4)(a) tal-Kodiċi għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni fl-Istat Membru fejn l-operazzjonijiet ta' tranżitu tal-Unjoni tal-applikant huma ppjanati li jibdew.

▼M3

Artikolu 193

L-awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat biex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

(l-Artikolu 233(4)(a) tal-Kodiċi)

▼B

L-istatus ta' ►C3 kunsinnatur ◄ awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 233(4)(a) tal-Kodiċi għandu jingħata biss lil applikanti li jkunu awtorizzati skont l-Artikolu 89(5) tal-Kodiċi biex jipprovdu garanzija komprensiva jew biex jużaw rinunzja tal-garanzija skont l-Artikolu 95(2) tal-Kodiċi.

Artikolu 194

Applikazzjonijiet għall-istatus ta' destinatarju awtorizzat biex jirċievi merkanzija ttrasportata skont il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

(l-Artikolu 22(1) it-tielet subparagrafu tal-Kodiċi)

Għall-finijiet ta' riċeviment ta' merkanzija ttrasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, l-applikazzjonijiet għall-istatus ta' destinatarju awtorizzat imsemmija fl-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu d-deċiżjoni fl-Istat Membru fejn l-operazzjonijiet ta' tranżitu tal-Unjoni tal-applikant hija mistennija li tintemm.

▼M3

Artikolu 195

Awtorizzazzjonijiet għall-istatus ta' destinatarju awtorizzat biex jirċievi l-merkanzija trasportata taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

(l-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi)

▼B

L-istatus ta' destinatarju awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi għandu jingħata biss lill-applikanti li jiddikjaraw li se jirċievu regolarment merkanzija li tkun tqiegħdet taħt proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Artikolu 196

Irċevuta maħruġa mid-destinatarju awtorizzat

(l-Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

L-irċevuta maħruġa mid-destinatarju awtorizzat lit-trasportatur malkonsenja tal-merkanzija u l-informazzjoni meħtieġa għandha tinkludi d-dejta msemmija fl-Anness 72-03.

▼M3

Artikolu 197

Awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali

(l-Artikolu 233(4)(c) tal-Kodiċi)

▼B

1. L-awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 233(4)(c) tal-Kodiċi għall-użu ta' siġilli speċjali fuq mezzi tat-trasport, kontejners jew pakketti

▼B

użati għall-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għandhom jingħataw meta l-awtoritajiet doganali japprovaw is-siġilli stabbiliti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

2. L-awtorità doganali għandha taċċetta, fil-kuntest tal-awtorizzazzjoni, siġilli speċjali li ġew approvati mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru ieħor sakemm ma jkollhomx informazzjoni li s-siġill partikolari mhuwiex adattat għal skopijiet doganali.

▼M3

Artikolu 197a

Applikazzjonijiet għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali

(it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi)'

Meta kunsinnatur awtorizzat jew operatur ekonomiku li japplika għall-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat imsemmi fl-Artikolu 233(4)(a) tal-Kodiċi japplika għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali, kif imsemmi fl-Artikolu 233(4)(c) tal-Kodiċi, l-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa lill-awtorità doganali kompetenti biex tieħu deċiżjoni fl-Istat Membru fejn ikunu ppjanati li jibdew l-operazzjonijiet ta' tranżitu tal-Unjoni tal-kunsinnatur awtorizzat.

▼B

Artikolu 198

Awtorizzazzjoni għall-użu ta' dikjarazzjoni ta' tranżitu b'rekwiżiti mnaqqsa ta' dejta

(l-Artikolu 233(4)(d) tal-Kodiċi)

L-awtorizzazzjonijiet skont l-Artikolu 233(4)(d) tal-Kodiċi għall-użu ta' dikjarazzjoni doganali b'rekwiżiti mnaqqsa ta' dejta biex titqiegħed merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni għandha tingħata għal:

(a) trasport ta' merkanzija bil-ferrovija;

(b) trasport ta' merkanzija bl-ajru u bil-baħar fejn dokument tat-trasport elettroniku ma jintużax bħala dikjarazzjoni ta' transitu.

Artikolu 199

Awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' dokument ta' trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu għat-trasport bl-ajru

(Artikolu 233(4)(e) tal-Kodiċi)

Għall-finijiet tat-trasport bl-ajru, l-awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' dokument ta' trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu biex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni skont l-Artikolu 233(4)(e) tal-Kodiċi għandhom jingħataw biss meta:

(a) l-applikant jopera numru sinifikanti ta' titjiriet bejn ajruporti tal-Unjoni;

▼B

(b) l-applikant juri li se jkun jista' tiżgura li d-dettalji tad-dokument tat-trasport elettroniku jkunu disponibbli lill-uffiċċju doganali tat-tluq fl-ajruport tat-tluq u lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fl-ajruport tad-destinazzjoni u li dawk id-dettalji jkunu l-istess fl-uffiċċju doganali tat-tluq u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

Artikolu 200

Awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' dokument ta' trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu għat-trasport marittimu

(Artikolu 233(4)(e) tal-Kodiċi)

Għall-finijiet tat-trasport marittimu, l-awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' dokument ta' trasport elettroniku bħala dikjarazzjoni ta' tranżitu biex il-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni skont l-Artikolu 233(4)(e) tal-Kodiċi għandhom jingħataw biss meta:

(a) l-applikant jopera numru sinifikanti ta' vjaġġi bejn portijiet tal-Unjoni;

(b) l-applikant juri li se jkun jista' tiżgura li d-dettalji tad-dokument tat-trasport elettroniku jkunu disponibbli lill-uffiċċju doganali tat-tluq fil-port tat-tluq u lill-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni fil-port tad-destinazzjoni u li dawk id-dettalji jkunu l-istess fl-uffiċċju doganali tat-tluq u l-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni.

KAPITOLU 3

Ħażna doganali

Artikolu 201

Bejgħ bl-imnut

(Artikolu 211(1)(b) tal-Kodiċi)

L-awtorizzazzjonijiet għall-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin għall-ħażna doganali tal-merkanzija għandhom jingħataw bil-kundizzjoni li l-faċilitajiet ta' ħażna ma jintużawx għall-iskop ta' bejgħ bl-imnut, sakemm il-merkanzija ma tinbiegħx bl-imnut fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) b'eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni għal vjaġġaturi lejn jew minn pajjiżi jew territorji barra t-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) b'eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni lil membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

(c) b'eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni lil forzi tan-NATO;

(d) b'eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni taħt arranġamenti diplomatiċi jew konsulari;

(e) mill-bogħod, inkluż permezz tal-Internet.

▼B

Artikolu 202

Faċilitajiet ta' ħażna mgħammra b'mod speċjali

(Artikolu 211(1)(b) tal-Kodiċi)

Meta l-merkanzija tkun ta' perikolu jew x'aktarx li tagħmel ħsara lill-merkanzija l-oħra jew teħtieġ faċilitajiet speċjali għal raġunijiet oħrajn, l-awtorizzazzjonijiet għall-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin għall-ħażna doganali tal-merkanzija jistgħu jispeċifikaw li l-merkanzija tista' tinħażen biss f'faċilitajiet ta' ħażna mgħammrin apposta biex jirċevuhom.

Artikolu 203

Tip ta' faċilitajiet ta' ħażna

(Artikolu 211(1)(b) tal-Kodiċi)

L-awtorizzazzjonijiet għall-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin għall-ħażna doganali ta' merkanzija għandhom jispeċifikaw liema tipi ta' mħażen doganali li ġejjin għandhom jintużaw taħt kull awtorizzazzjoni:

(a) maħżen doganali ta' ħżin pubbliku tat-tip I;

(b) maħżen doganali ta' ħżin pubbliku tat-tip II;

(c) maħżen doganali privat.

KAPITOLU 4

Użu speċifiku

Taqsima 1

Dħul temporanju

Subtaqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 204

Dispożizzjonijiet ġenerali

(Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi)

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, l-awtorizzazzjonijiet għall-użu tal-proċedura ta' dħul temporanju għandhom jingħataw bil-kundizzjoni li l-istat tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura jibqa' l-istess.

Madankollu, tiswijiet u manutenzjoni, li jinkludu tiswijiet estensivi u aġġustamenti jew miżuri biex jippreservaw il-merkanzija jew biex jiżguraw il-konformità tagħha mal-ħtiġiet tekniċi għall-użu tagħha skont il-proċedura għandhom ikunu ammissibbli.

▼B

Artikolu 205

Post għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni

(Artikolu 22(1) tal-Kodiċi)

1. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi, applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal dħul temporanju għandha tiġi sottomessa lill-awtorità doganali kompetenti għall-post fejn il-merkanzija li għandha tintuża l-ewwel.

2. Permezz ta' deroga mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi, meta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għal dħul temporanju ssir permezz ta' dikjarazzjoni doganali verbalment skont l-Artikolu 136, att skont l-Artikolu 139 jew carnet ATA jew CPD skont l-Artikolu 63, din għandha ssir fil-post fejn il-merkanzija tiġi ppreżentata u ddikjarata għal dħul temporanju.

Artikolu 206

Dħul temporanju b'eżenzjoni parzjali mid-dazju fuq l-importazzjoni

(Artikoli 211(1) u 250(2)(d) tal-Kodiċi)

1. L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dħul temporanju b'eżenzjoni parzjali mid-dazju fuq l-importazzjoni għandha tingħata fir-rigward ta' merkanzija li ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha rilevanti għall-eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni stabbilit fl-Artikoli 209 sa 216 u l-Artikoli 219 sa 236..

2. L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dħul temporanju b'eżenzjoni parzjali mid-dazju fuq l-importazzjoni m'għandhiex tingħata għal merkanzija konsumabbli.

3. L-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' dħul temporanju b'eżenzjoni parzjali mid-dazji fuq l-importazzjoni għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni dovuti skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 252(1) tal-Kodiċi għandu jitħallas meta l-proċedura tkun ġiet rilaxxata.

Subtaqsima 2

Mezzi tat-trasport, palits u kontejners inklużi l-aċċessorji u t-tagħmir tagħhom

Artikolu 207

Dispożizzjonijiet ġenerali

(Artikolu 211(3) tal-Kodiċi)

Eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni tista' tingħata għal merkanzija kif imsemmi fl-Artikoli 208 sa 211 u l-Artikolu 213 wkoll meta l-applikant u d-detentur tal-proċedura jkunu stabbiliti ġewwa t-territorju doganali tal-Unjoni.

▼M3

Meta f'din is-Subtaqsima jissemma użu kummerċjali ta' mezz tat-trasport, dan għandu jfisser l-użu ta' mezz tat-trasport għat-trasport ta' persuni għal remunerazzjoni jew l-użu ta' mezz tat-trasport għat-trasport industrijali jew kummerċjali tal-merkanzija, kemm jekk għal remunerazzjoni u kemm jekk le. L-użu privat ta' mezz tat-trasport għandu jfisser l-użu ta' mezz tat-trasport għajr wieħed kummerċjali.

▼B

Artikolu 208

Palits

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Eżenzjoni totali mid-dazji fuq l-importazzjoni għandha tingħata għall-palits.

Artikolu 209

Parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għall-palits;

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-parts tal-bdil, l-aċċessorji u t-tagħmir għall-palits meta jiġu importati temporanjament biex jiġu riesportati separatament jew bħala parti minn palits.

Artikolu 210

Kontejners

(Artikoli 18(2) u 250(2)(d) tal-Kodiċi)

1. Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazji fuq l-importazzjoni għal kontejners meta jkunu ġew immarkati b'mod permanenti f'post xieraq u li jidher ċar bl-informazzjoni kollha li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tas-sid jew l-operatur, li tista' ssir jew b'ismu sħiħ jew b'identifikazzjoni stabbilita, bl-esklużjoni ta' simboli bħal ma huma emblemi jew bnadar;

(b) il-marki ta' identifikazzjoni u n-numri tal-kontenitur, mogħtija mis-sid jew operatur;

(c) il-piż tat-tara tal-kontenitur, inkluż l-apparat tagħha li jkun imwaħħal b'mod permanenti.

Fil-każ ta' kontejners tal-merkanzija meqjusa għall-użu marittimu, jew fil-każ ta' kwalunkwe kontenitur ieħor li jutilizza l-prefiss standard tal-ISO li jikkonsisti f'erba' ittri kbar li jispiċċaw b'U, l-identfikazzjoni tas-sid jew tal-operatur prinċipali u n-numru tas-serje tal-kontejner u d-diġit ta' kontroll tal-kontenitur għandhom ikunu konformi mal-Istandard Internazzjonali ISO 6346 u l-annessi tiegħu.

2. Meta l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ssir skont l-Artikolu 163(1), il-kontejners għandhom ikunu mmonitorjati minn persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni jew minn persuna stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni li tkun rappreżentata fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Dik il-persuna għandha, fuq talba, tipprovdi informazzjoni dettaljata lill-awtoritajiet doganali dwar il-movimenti ta' kull kontejner mogħti dħul temporanju li tinkludi d-dati u l-postijiet ta' dħul u rilaxx tagħha.

▼B

Artikolu 211

Parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għall-kontejners;

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-parts tal-bdil, l-aċċessorji u t-tagħmir għall-kontejners meta jiġu importati temporanjament biex jiġu riesportati separatament jew bħala parti minn kontejners.

Artikolu 212

Kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjoni totali minn dazju fuq l-importazzjoni għall-mezzi tat-trasport

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu l-espressjoni "mezz tat-trasport" għandha tinkludi parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir normali li jakkumpanjaw il-mezz tat-trasport.

▼M3

2. Meta l-mezzi tat-trasport jiġu ddikjarati verbalment għal dħul temporanju skont l-Artikolu 136(1) jew permezz ta' att ieħor skont l-Artikolu 139(1), flimkien mal-Artikolu 141(1), l-awtorizzazzjoni għal dħul temporanju għandha tingħata lill-persuna li jkollha l-kontroll fiżiku tal-merkanzija fil-mument tar-rilaxx tal-merkanzija għall-proċedura ta' dħul temporanju sakemm dik il-persuna ma taġixxix f'isem persuna oħra. Jekk dan ikun il-każ, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata lill-persuna tal-aħħar.

▼B

3. Għandha tingħata eżenzjoni totali għal mezzi tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bl-ajru, bil-baħar u fl-ilmijiet navigabbli interni meta dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu reġistrati barra t-territorju doganali tal-Unjoni fl-isem ta' persuna stabbilita barra dak it-territorju jew, meta l-mezz tat-trasport ma jkunx reġistrat, ikunu jappartjenu lil persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) ikunu użati minn persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 214, 215 u 216.

Meta dawk il-mezzi tat-trasport jintużaw privatament minn persuna terza stabbilita barra t-territorju doganali tal-Unjoni, għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni sakemm dik il-persuna tkun awtorizzata bil-miktub debitament mid-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Artikolu 213

Parta tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għal mezzi tat-trasport mhux tal-Unjoni

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-parts tal-bdil, l-aċċessorji u t-tagħmir għall-mezzi tat-trasport meta jiġu importati temporanjament biex jiġu riesportati separatament jew bħala parti minn mezzi tat-trasport.

▼B

Artikolu 214

Kundizzjonijiet għall-għoti ta' eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni lil persuni stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni

(Artikolu 250(2) tal-Kodiċi)

Persuni stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni meta kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun sodisfatta:

(a) fil-każ ta' mezzi ta' trasport bil-ferrovija, dawn jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' tali persuni skont ftehim fejn kull persuna tista' tuża l-vetturi ferrovjarji l-oħra fi ħdan il-qafas ta' dak il-ftehim;

(b) fil-każ ta' mezzi tat-trasport tat-triq reġistrati fit-territorju doganali tal-Unjoni, trejler jitwaħħal mal-mezzi tat-trasport;

(c) il-mezzi tat-trasport jintużaw b'rabta ma' sitwazzjoni ta' emerġenza;

(d) il-mezzi tat-trasport jintużaw minn kumpannija ta' kiri professjonali għall-iskop ta' riesportazzjoni.

Artikolu 215

Użu ta' mezzi tat-trasport minn persuni fiżiċi li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

1. Persuni fiżiċi li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni fir-rigward ta' mezzi ta' trasport li jużaw privatament u okkażjonalment, fuq talba tad-detentur tar-reġistrazzjoni, sakemm dak id-detentur tar-reġistrazzjoni jkun fit-territorju doganali tal-Unjoni fil-mument tal-użu.

2. Persuni fiżiċi li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni fir-rigward ta' mezzi tat-trasport li jkunu krew taħt kuntratt bil-miktub u użaw privatament għal wieħed mill-iskopijiet li ġejjin:

(a) biex jirritornaw lejn il-post ta' residenza tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) biex jitilqu mit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼M3

2a. Persuni fiżiċi li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni fir-rigward ta' mezzi tat-trasport li jkunu krew b'kuntratt bil-miktub konkluż ma' servizz professjonali tal-kiri tal-karozzi u li jużaw privatament.

▼B

3. Persuni fiżiċi li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni għandhom jibbenefikaw minn eżenzjoni totali mid-dazji fuq l-importazzjoni fir-rigward ta' mezzi tat-trasport li jużaw kummerċjalment jew privatament sakemm ikunu impjegati mis-sid, il-kerrej jew il-lokatarju tal-mezz tat-trasport u sakemm dak l-impjegatur ikun stabbilit barra minn dak it-territorju doganali.

▼B

L-użu privat tal-mezz tat-trasport għandu jiġi permess għal vjaġġi bejn il-post tax-xogħol u l-post tar-residenza tal-impjegat jew bl-iskop li jiġi mwettaq kompitu professjonali tal-impjegat kif stipulat fil-kuntratt ta' impjieg.

Fuq talba tal-awtoritajiet doganali, il-persuna li tuża l-mezz ta' trasport għandha tippreżenta kopja tal-kuntratt tax-xogħol.

▼M3

_____

▼B

Artikolu 216

Eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni fir-rigward ta' mezzi tat-trasport f'każijiet oħra

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

1. Għandha tingħata eżenzjoni totali meta mezzi tat-trasport għandhom jiġu rreġistrati taħt serje temporanja fit-territorju doganali tal-Unjoni, bil-għan li tiġi riesportata fl-isem ta' waħda mill-persuni li ġejjin:

(a) persuna stabbilita barra dak it-territorju;

(b) persuna fiżika li għandha r-residenza abitwali tagħha ġewwa dak it-territorju meta dik il-persuna tkun qed tipprepara t-trasferiment tar-residenza normali għal post barra dak it-territorju.

2. Tista' tingħata eżenzjoni totali mid-dazji fuq l-importazzjoni f'każijiet eċċezzjonali meta l-mezzi tat-trasport jkunu użati kummerċjalment għal perjodu limitat minn persuni stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Artikolu 217

Termini preskritti għar-rilaxx tal-proċedura ta' dħul temporanju fil-każ ta' mezzi tat-trasport u kontejners

(Artikolu 215(4) tal-Kodiċi)

Ir-rilaxx tal-proċedura ta' dħul temportanju fil-każ ta' mezzi tat-trasport u kontejners għandu jseħħ fit-termini preskritti li ġejjin minn meta l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura:

(a) għal mezzi tat-trasport bil-ferrovija: 12-il xahar;

(b) għal mezzi tat-trasport użati kummerċjalment minbarra trasport bil-ferrovija: il-ħin meħtieġ biex jitwettqu operazzjonijiet tat-trasport;

(c) għal mezzi tat-trasport bit-triq użati privatament:

(i) minn studenti: il-perjodu li jibqgħu fit-territorju doganali tal-Unjoni għall-unika raġuni biex iwettqu l-istudju tagħhom;

(ii) minn persuni li jwettqu assenjazzjonijiet ta' tul speċifikat: il-perjodu li jibqgħu fit-territorju doganali tal-Unjoni għall-unika raġuni li jwettqu l-assenjazzjoni tagħhom;

▼B

(iii) f'każijiet oħrajn, li jinkludu annimali bis-sarġ jew miżbuda u l-vetturi miġbuda minnhom: 6 xhur;

(d) għal mezzi tat-trasport bl-ajru użati privatament: s 6 xhur;

(e) għal mezzi tat-trasport bil-baħar u passaġġi fuq l-ilma intern użati privatament: 18-il xahar;

(f) għal kontejners, it-tagħmir u l-aċċessorji tagħhom: l2-il xahar.

Artikolu 218

Termini preskritti għar-riesportazzjoni fil-każ ta' servizzi ta' kiri professjonali

(Artikoli 211(1) u 215(4) tal-Kodiċi)

1. Meta mezz tat-trasport ikun ġie importat temporanjament fl-Unjoni b'eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni skont l-Artikolu 212, u ġie rritornat għal servizz ta' kiri professjonali stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni, ir-riesportazzjoni li tirrilaxxa l-proċedura ta' dħul temporanju għandha titwettaq fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul tal-mezzi tat-trasport fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Meta l-mezz tat-trasport jerġa' jinkera mis-servizz ta' kiri professjonali lil persuna stabbilita barra dak it-territorju jew lil persuni fiżiċi li jkollhom ir-residenza abitwali tagħhom fit-territorju doganali tal-Unjoni, ir-riesportazzjoni li tirrilaxxa l-proċedura ta' dħul temporanju għandha titwettaq fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul tal-mezzi tat-trasport fit-territorju doganali tal-Unjoni u fi żmien tliet ġimgħat mill-konklużjoni tal-kuntratt fuq il-kiri mill-ġdid.

Id-data tad-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha titqies bħala d-data tal-konklużjoni tal-kuntratt tal-kiri li taħtu l-mezz tat-trasport ġie użat fil-mument tad-dħul f'dak it-territorju doganali, sakemm ma tkunx ingħatat prova tad-data attwali tad-dħul.

2. Awtorizzazzjoni għad-dħul temporanju ta' mezz tat-trasport kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-mezzi tat-trasport ma jintużawx għal skopijiet oħra minbarra riesportazzjoni.

3. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 215(2), il-mezzi tat-trasport għandhom, fi żmien tliet ġimgħat mill-konklużjoni tal-kuntratt tal-kiri jew tal-kiri mill-ġdid, jintbagħtu lura lejn is-servizz tal-kiri stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni meta l-mezz tat-trasport jintuża mill-persuna fiżika biex tirritorna lejn il-post tar-residenza tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni, jew jiġu riesportati meta l-mezz tat-trasport jintuża minnha biex titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼M3

4. Fil-każ imsemmi fl-Artikolu 215(2a), il-mezzi tat-trasport għandhom jiġu riesportati fi żmien tmint ijiem minn mindu jkunu tqiegħdu taħt il-proċedura ta' dħul temporanju.

▼B

Subtaqsima 3

Merkanzija oħra li mhix mezz tat-trasport, palits u kontejners

Artikolu 219

Effetti personali u merkanzija għal finijiet sportivi importata minn vjaġġaturi;

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni fir-rigward ta' merkanzija importata minn vjaġġaturi residenti barra t-territorju doganali tal-Unjoni meta xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin tkun sodisfatta:

(a) il-merkanzija tkun effetti personali raġonevolment meħtieġa għall-vjaġġ;

(b) il-merkanzija tkun maħsuba biex tintuża għal finijiet sportivi.

Artikolu 220

Materjal għall-benessri tal-baħħara

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal materjali għall-benessri tal-baħħara fil-każijiet li ġejjin:

(a) jintużaw fuq bastiment involut f'traffiku marittimu internazzjonali;

(b) jinħattu minn dak il-bastiment u temporanjament użati max-xatt mill-ekwipaġġ;

(c) ikunu użati mill-ekwipaġġ ta' dak il-bastiment fi stabbilimenti kulturali jew soċjali amministrati minn organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qligħ jew f'postijiet ta' adorazzjoni fejn jinżammu regolarment servizzi għall-vjaġġaturi.

▼M7

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 221

Materjal ta' għajnuna f'każ ta' diżastru;

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal materjal ta' għajnuna f'każ ta' diżastru meta jintuża b'konnessjoni ma' miżuri meħuda biex jilqgħu għall-effetti ta' diżastri jew sitwazzjonijiet simili li jaffettwaw it-territorju doganali tal-Unjoni;

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 222

Tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazji fuq l-importazzjoni għal tagħmir mediku, kiruġiku u tal-laboratorju li jintbagħat b'self fuq it-talba ta' sptar jew istituzzjoni medika oħra li jkollha ħtieġa urġenti ta' dak it-tagħmir biex tikkumpensa għal inadekwatezza tal-faċilitajiet tagħha stess u fejn hu maħsub għal għanijiet ta' djanjosi u terapewtiċi. L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Artikolu 223

Annimali

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal annimali li jappartjenu lil persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Unjoni.

▼M3

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 224

Merkanzija għal użu f'żoni mal-fruntieri

(Artikolu 250(2) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-merkanzija li ġejja maħsuba biex tintuża f'żoni mal-fruntieri:

(a) tagħmir li jappartjeni u jiġi użat minn persuni stabbiliti f'żona mal-fruntiera ta' pajjiż terz li tmiss ma' żona mal-fruntiera fl-Unjoni fejn il-merkanzija għandha tintuża;

(b) merkanzija użata għal proġetti għall-bini, it-tiswija jew il-manutenzjoni ta' infrastruttura f'dik iż-żona mal-fruntiera fl-Unjoni taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi.

▼M7

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni għall-merkanzija msemmija fil-punt (b).

▼B

Artikolu 225

Midja li tinkorpora ħoss, immaġni jew dejta u materjal pubbliċitarju

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandna tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-merkanzija li ġejja:

▼B

(a) mezzi li jinkorporaw ħoss, immaġni jew dejta pprovduta mingħajr ħlas u użata għall-finijiet ta' wiri qabel kummerċjalizzazzjoni, produzzjoni ta' sound track, doppjar jew riproduzzjoni;

(b) materjal użat b'mod esklussiv għal skopijiet pubbliċitarji, li jinkludi mezz tat-trasport mgħammar apposta għal dawk l-iskopijiet.

Artikolu 226

Tagħmir professjonali

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

1. Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għat-tagħmir professjonali li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jkun jappartjeni lil persuni stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) ikun importat minn persuna stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni jew minn impjegat tas-sid stabbilit fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) jintuża mill-importatur jew taħt is-sorveljanza tiegħu, minbarra f'każijiet ta' koproduzzjonijiet audjoviżivi.

2. Minkejja l-paragrafu 1, għandha tingħata eżenzjoni totali minn dazju fuq l-importazzjoni għal strumenti mużikali portabbli importati temporanjament minn vjaġġaturi sabiex jintużaw bħala tagħmir professjonali. Il-vjaġġaturi jistgħu jkunu residenti ġewwa jew barra t-territorju doganali tal-Unjoni.

3. M'għandhiex tingħata eżenzjoni totali fir-rigward ta' tagħmir professjonali li għandu jintuża għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-manifattura industrijali tal-merkanzija;

(b) l-ippakkjar industrijali tal-merkanzija;

(c) l-isfruttar tar-riżorsi naturali;

(d) il-kostruzzjoni, it-tiswija jew il-manutenzjoni ta' bini;

(e) il-ġarr ta' ħamrija u proġetti simili.

Il-punti (c), (d) u (e) m'għandhomx japplikaw għal għodda tal-idejn.

Artikolu 227

Materjal pedagoġiku u tagħmir xjentifiku

(Artikolu 250(2) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal materjal pedagoġiku u tagħmir xjentifiku meta l-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) ikun jappartjeni lil persuni stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

▼B

(b) ikun importat minn stabbilimenti xjentifiċi, ta' tagħlim jew taħriġ vokazzjonali pubbliċi jew privati mhux għall-profitt, u jintuża esklussivament għal tagħlim, taħriġ vokazzjonali jew riċerka xjentifika taħt ir-responsabbiltà tal-istabbiliment tal-importazzjoni;

(c) ikun importat f'numri raġonevoli, b'kunsiderazzjoni għall-għan tal-importazzjoni;

(d) ma jintużax għal għanijiet purament kummerċjali.

▼M7

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 228

Imballaġġi

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandna tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-merkanzija li ġejja:

(a) imballaġġi importati mimlija u maħsuba għal riesportazzjoni, kemm jekk vojta jew mimlija;

(b) imballaġġi importati vojta u maħsuba għal riesportazzjoni mimlijin.

▼M3

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 229

Forom, fundituri, blokok, disinji, tpinġijiet, strumenti ta' kejl, verifika u ttestjar u oġġetti simili oħra

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal forom, fundituri, blokok, disinji, tpinġijiet, strumenti ta' kejl, verifika u ttestjar u oġġetti simili oħra fejn il-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

(a) ikun jappartjeni lil persuni stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) ikunu użati fil-manifattura minn persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni u iktar minn 50 % tal-produzzjoni li tirriżulta mill-użu tagħhom tiġi esportata.

▼M7

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 230

Għodod u strumenti speċjali

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal għodod u strumenti speċjali meta l-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

▼B

(a) ikun jappartjeni lil persuni stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) isiru disponibbli għal persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni għall-manifattura ta' merkanzija u iktar minn 50 % tal-prodotti li tirriżulta minnhom tiġi esportata.

▼M7

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 231

Merkanzija użata biex jitwettqu testijiet jew suġġetta għal testijiet

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-merkanzija fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) tkun suġġetta għal testijiet, esperimenti jew wirjiet;

(b) tkun suġġetti għal test ta' aċċettazzjoni sodisfaċenti previst f'kuntratt tal-bejgħ;

(c) tkun użati biex jitwettqu testijiet, esperimenti jew wirjiet mingħajr qligħ finanzjarju.

▼M3

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 232

Kampjuni

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal kampjuni użati biss għal wiri jew dimostrazzjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni sakemm il-kwantità tal-kampjuni tkun raġonevoli meta jitqies dan l-użu.

▼M3

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 233

Mezzi ta' sostituzzjoni ta' produzzjoni

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal mezzi ta' sostituzzjoni ta' produzzjoni li jsiru disponibbli temporanjament għal konsumaturi minn fornitur jew dak li jsewwihom sakemm issir il-konsenja jew tiswija ta' merkanzija simili.

▼M3

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 234

Merkanzija għal avvenimenti jew bejgħ f'ċerti sitwazzjonijiet

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

1. Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-merkanzija li tkun se tiġi eżibita jew użata f'avveniment pubbliku mhux purament organizzat għall-bejgħ kummerċjali tal-merkanzija, jew miksuba f'dawk l-avvenimenti minn merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' dħul temporanju.

F'każijiet eċċezzjonali, l-awtoritajiet doganali jistgħu jagħtu eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-merkanzija li tkun se tiġi eżibita jew użata f'avvenimenti oħra, jew miksuba f'dawk l-avvenimenti oħra minn merkanzija mqiegħda taħt proċedura ta' dħul temporanju.

2. Għandha tingħata eżenzjoni totali għal merkanzija kkonsenjata mis-sid għal spezzjoni lil persuna fl-Unjoni li jkollha d-dritt li tixtriha wara l-ispezzjoni.

3. Għandna tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal dawn li ġejjin:

(a) xogħlijiet tal-arti, oġġetti ta' kollezzjoni u antikitajiet kif definit fl-Anness IX għad-Direttiva 2006/112/KE, importati għall-finijiet ta' eżibizzjoni, bil-ħsieb ta' possibbiltà ta' bejgħ;

(b) merkanzija barra dik manifatturata ġdida importata bil-ħsieb tal-bejgħ tagħha permezz ta' rkant.

▼M3

4. L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 235

Parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir li jintużaw għal tiswija u manutenzjoni, inkluż xogħol estensiv, aġġustamenti u preservazzjoni, ta' merkanzija mqiegħda taħt proċedura ta' dħul temporanju.

▼M3

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼M7

Artikolu 235 a

Merkanzija li tkun se tiġi trasportata jew użata fil-kuntest ta' attivitajiet militari

(l-Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Għandha tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għall-merkanzija li tkun se tiġi trasportata jew użata fil-kuntest ta' attivitajiet militari koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE.

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 236

Merkanzija oħra

(Artikolu 250(2)(d) tal-Kodiċi)

Tista' tingħata eżenzjoni totali mid-dazju fuq l-importazzjoni għal merkanzija minbarra dik imsemmija fl-Artikoli 208 sa 216 u 219 sa 235 jew li ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet ta' dawk l-Artikoli, f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-merkanzija tkun importata okkażjonalment għal perjodu li ma jaqbiżx tliet xhur;

(b) il-merkanzija tkun importata f'sitwazzjonijiet partikolari li ma jkollhomx effett ekonomiku fl-Unjoni.

▼M3

L-applikant u d-detentur tal-proċedura jistgħu jiġu stabbiliti fit-territorju doganali tal-Unjoni fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt (b).

▼B

Artikolu 237

Limiti ta' żmien speċjali għal rilaxx

(Artikolu 215(4) tal-Kodiċi)

1. Għall-merkanzija msemmija fl-Artikoli 231(c), 233 u 234(2), it-terminu preskritt għar-rilaxx għandu jkun 6 xhur minn meta l-merkanzija titqiegħed taħt proċedura ta' dħul temporanju.

2. Għall-annimali msemmija fl-Artikolu 223, it-terminu preskritt għar-rilaxx m'għandux ikun iqsar minn 12-il xahar minn meta l-annimali jitqiegħdu taħt il-proċedura ta' dħul temporanju.

▼M7

3. Għall-merkanzija msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 235a, il-limitu ta' żmien għar-rilaxx għandu jkun ta' 24 xahar minn meta l-merkanzija titqiegħed taħt il-proċedura ta' dħul temporanju, sakemm ma jiġix stabbilit limitu ta' żmien itwal permezz ta' ftehimiet internazzjonali .

▼B

Subtaqsima 4

Tħaddim tal-proċedura

Artikolu 238

Dettalji li għandhom jiġu inklużi fid-dikjarazzjoni doganali

(Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

1. Meta merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' dħul temporanju titqiegħed sussegwentement taħt proċedura doganali li tippermetti li l-proċedura ta' dħul temporanja tiġi rilaxxata skont l-Artikolu 215(1) tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni doganali għall-proċedura doganali sussegwenti minbarra carnet ATA/CPD għandha tinkludi l-indikazzjoni "TA" u n-numru ta' awtorizzazzjoni rilevanti, jekk applikabbli.

2. Meta merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' dħul temporanju tiġi riesportata skont l-Artikolu 270(1) tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni minbarra l-carnet ATA/CPD għandu jkun fiha d-dettalji msemmija fil-paragrafu 1.

Taqsima 2

Użu finali

Artikolu 239

Obbligi tad-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' użu finali

(Artikolu 211(1)(a) tal-Kodiċi)

Awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura ta' użu finali għandha tingħata bil-kundizzjoni li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jintrabat li jissodisfa waħda mill-obbligi li ġejjin:

(a) li juża l-merkanzija għall-finijiet stabbiliti għall-applikazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazju jew tar-rata mnaqqsa ta' dazju;

(b) li jittrasferixxi l-obbligu kif imsemmi fil-punt (a) lil persuna oħra taħt il-kondizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet doganali.

KAPITOLU 5

Ipproċessar

Artikolu 240

Awtorizzazzjoni

(Artikolu 211 tal-Kodiċi)

1. Awtorizzazzjoni għal proċedura tal-ipproċessar għandha tispeċifika l-miżuri biex jiġi stabbilit wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) li l-prodotti pproċessati irriżultaw mill-ipproċessar ta' merkanzija mqiegħda taħt proċedura ta' pproċessar;

▼B

(b) li l-kundizzjonijiet għall-użu ta' merkanzija ekwivalenti skont l-Artikolu 223 tal-Kodiċi jew is-sistema standard ta' skambju skont l-Artikolu 261 tal-Kodiċi jiġu sodisfatti.

2. Tista' tingħata awtorizzazzjoni għal proċessar attiv għall-aċċessorji tal-produzzjoni fis-sens tal-Artikolu 5(37)(e) tal-Kodiċi, bl-eċċezzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) karburanti u sorsi tal-enerġija differenti minn dawk meħtieġa għall-ittestjar ta' prodotti pproċessati jew għall-kxif ta' difetti fil-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura li teħtieġ tiswija;

(b) lubrikanti differenti minn dawk meħtieġa għall-ittestjar, aġġustament jew irtirar ta' prodotti pproċessati;

(c) tagħmir u għodod.

3. Għandha tingħata awtorizzazzjoni għal ipproċessar attiv biss meta l-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) il-merkanzija ma tkunx tista' tiġi ekonomikament irrestawrata wara l-ipproċessar għad-deskrizzjoni jew stat li kienet fih meta tqiegħdet taħt il-proċedura;

(b) l-użu tal-proċedura ma jistax jirriżulta f'ċirkomvenzjoni mir-regoli rigward oriġini u restrizzjonijiet kwantitattivi applikabbli għal merkanzija importata;

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-ammont tad-dazju fuq l-importazzjoni jkun iddeterminat skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi.

Artikolu 241

Dettalji li għandhom jiġu inklużi fid-dikjarazzjoni doganali għall-ipproċessar attiv

(Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

1. Meta merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv jew il-prodotti pproċessati li jirriżultaw jitqiegħdu sussegwentement taħt proċedura doganali li tippermetti li l-proċedura ta' pproċessar attiv tiġi rilaxxata skont l-Artikolu 215(1) tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni doganali għall-proċedura doganali sussegwenti minbarra carnet ATA/CPD għandu jkun fiha l-indikazzjoni "IP" u n-numru ta' awtorizzazzjoni rilevanti jew numru INF.

Meta merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv tkun suġġetta għal miżuri ta' politika kummerċjali speċifiċi u dawn il-miżuri jibqgħu jkunu applikabbli fi żmien meta l-merkanzija, kemm jekk fil-forma ta' prodotti pproċessati jew le, titqiegħed taħt proċedura doganali sussegwenti, id-dikjarazzjoni doganali għall-proċedura doganali sussegwenti għandu jkun fiha d-dettalji msemmija fl-ewwel subparagrafu kif ukoll l-indikazzjoni "C P M".

▼B

2. Meta merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' pproċessar attiv ikollha tiġi riesportata skont l-Artikolu 270(1) tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni għandu jkun fiha d-dettalji msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 242

Ipproċessar passiv IM/EX

(Artikolu 211(1) tal-Kodiċi)

1. Fil-każ ta' pproċessar passiv IM/EX, l-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika t-terminu preskritt li fih il-merkanzija tal-Unjoni, li hija sostitwita minn merkanzija ekwivalenti, titqiegħed taħt ipproċessar passiv. Dak it-terminu preskritt ma għandux jaqbeż sitt xhur.

Fuq it-talba tad-detentur tal-awtorizzazzjoni, it-terminu preskritt jista' jiġi estiż anke wara l-iskadenza tiegħu, sakemm it-terminu preskritt totali ma jaqbiżx sena.

2. Fil-każ ta' importazzjoni minn qabel ta' prodotti pproċessati, għandha tingħata garanzija li tkopri l-ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni li tkun pagabbli jekk il-merkanzija sostitwita tal-Unjoni ma titqiegħedx taħt ipproċessar passiv skont il-paragrafu 1.

Artikolu 243

Tiswija taħt ipproċessar passiv

(Artikolu 211(1) tal-Kodiċi)

Meta l-proċedura ta' pproċessar passiv tintalab għal tiswija, il-merkanzija ta' esportazzjoni temporanja għandha tkun tista' tiġi msewwija u l-proċedura m'għandhiex tintuża biex titjieb il-prestazzjoni teknika tal-merkanzija.

TITOLU VIII

MERKANZIJA MAHRUĠA MIT-TERRITORJU DOGANALI TAL-UNJONI

KAPITOLU 1

Formalitajiet qabel il-ħruġ ta' merkanzija

Artikolu 244

Terminu preskritt għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet qabel it-tluq

(Artikolu 263(1) tal-Kodiċi)

1. Id-dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq imsemmija fl-Artikolu 263 tal-Kodiċi għandha tkun ippreżentata fl-uffiċċju doganali kompetenti fil-limiti ta' żmien li ġejjin:

▼B

(a) fil-każ ta' traffiku marittimu:

(i) għal movimenti tal-merkanzija f'kontejners li ma jkunux dawk imsemmija fil-punti (ii) u (iii), mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel il-merkanzija tiġi mgħobbija fuq il-bastiment li se toħroġ mit-territorju doganali tal-Unjoni fuqu;

(ii) għal movimenti tal-merkanzija f'kontejners bejn it-territorju doganali tal-Unjoni u Greenland, il-Gżejjer Faeroe, l-Iżlanda jew portijiet fuq il-Baħar Baltiku, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar l-Iswed jew il-Mediterran u l-portijiet kollha tal-Marokk, mhux aktar tard minn sagħtejn qabel it-tluq minn port fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(iii) għal movimenti tal-merkanzija f'kontejners bejn id-dipartimenti Franċiżi barranin, l-Azores, Madeira jew il-Gżejjer Kanarji u territorju barra t-territorju doganali tal-Unjoni, fejn il-vjaġġ ikun twil inqas minn 24 siegħa, mhux aktar tard minn sagħtejn qabel it-tluq minn port fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(iv) għal movimenti li ma jinvolvux merkanzija f'kontejners, mhux aktar tard sagħtejn qabel it-tluq minn port fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) fil-każ ta' traffiku bl-ajru, mill-inqas 30 minuta qabel it-tluq minn ajruport fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) fil-każ ta' traffiku bit-triq u fuq l-ilmijiet interni, mhux aktar tard minn siegħa qabel il-merkanzija titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(d) fil-każ ta' traffiku ferrovjarju:

(i) meta l-vjaġġ bil-ferrovija mill-aħħar stazzjon ta' formazzjoni tal-ferrovija sal-uffiċċju doganali tal-ħruġ idum inqas minn sagħtejn, mhux aktar tard minn siegħa qabel il-wasla tal-merkanzija fil-post li l-uffiċċju doganali tal-ħruġ huwa kompetenti għalih;

(ii) fil-każijiet l-oħra kollha, mhux iktar tard minn sagħtejn qabel il-merkanzija jkollha titlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni.

2. Minkejja l-paragrafu 1, meta d-dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq tikkonċerna merkanzija li għaliha tintalab rifużjoni skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 [1], għandha tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali kompetenti mhux aktar tard milli fil-ħin tat-tagħbija tal-merkanzija skont l-Artikolu 5(7) ta' dak ir-Regolament.

3. Fis-sitwazzjonijiet li ġejjin, it-terminu preskritt għall-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq għandu jkun dak applikabbli għall-mezz attiv tat-trasport użat biex jitlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni:

(a) meta l-merkanzija tkun waslet fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ fuq mezz ieħor tat-trasport li ġiet trasferita minnu qabel telqet mit-territorju doganali tal-Unjoni (it-trasport intermodali);

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 612/2009 tas-7 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli (ĠU L 186, 17.7.2009, p. 1).

▼B

(b) meta l-merkanzija tkun waslet fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ fuq mezz tat-trasport li huwa nnifsu trasportat fuq mezz attiv ta' trasport meta jitlaq mit-territorju doganali tal-Unjoni (trasport ikkombinat).

4. It-termini preskritti msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' forza maġġuri.

Artikolu 245

Rinunzja mill-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq

(Artikolu 263(2)(b) tal-Kodiċi)

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali skont l-Artikolu 158(1) tal-Kodiċi jew dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni skont l-Artikolu 270(1) tal-Kodiċi, il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq għandha tkun rinunzjata għall-merkanzija li ġejja:

(a) enerġija elettrika;

(b) merkanzija li toħroġ permezz ta' pipeline;

(c) oġġetti ta' korrispondenza;

(d) merkanzija ttrasportata skont ir-regoli tal-atti tal-Unjoni Postali Universali;

(e) effetti tad-dar kif definit fl-Artikolu 2(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 sakemm dawn ma jinġarrux taħt kuntratt tat-trasport;

(f) merkanzija li tinsab fil-bagalji personali tal-vjaġġaturi;

(g) merkanzija msemmija fl-Artikolu 140(1) bl-eċċezzjoni, meta jinġarru taħt kuntratt ta' trasport, ta':

(i) palits, parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għall-palits;

(ii) kontejners, parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għall-kontejners;

(iii) mezzi tat-trasport, parts tal-bdil, aċċessorji u tagħmir għall-mezzi tat-trasport;

(h) merkanzija koperta minn carnets ATA u CPD;

▼M7

(i) merkanzija trasportata jew użata fil-kuntest ta' attivitajiet militari koperta minn formola 302 tan-NATO jew minn formola 302 tal-UE;

▼B

(j) merkanzija li tinġarr abbord bastimenti li jivvjaġġaw bejn portijiet tal-Unjoni mingħajr ebda waqfiet fi kwalunkwe port barra t-territorju doganali tal-Unjoni;

(k) merkanzija li tinġarr abbord inġenji tal-ajru li jiċċaqilqu bejn ajruporti tal-Unjoni mingħajr ebda waqfiet fi kwalunkwe ajruport barra t-territorju doganali tal-Unjoni;

▼B

(l) armamenti u tagħmir militari maħruġa barra mit-territorju doganali tal-Unjoni mill-awtoritajiet responsabbli għad-difiża militari ta' Stat Membru, fi trasport militari jew trasport operat għall-użu esklussiv tal-awtoritajiet militari;

(m) il-merkanzija li ġejja maħruġa mit-territorju doganali tal-Unjoni direttament lejn installazzjonijiet offshore operati minn persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Unjoni:

(i) merkanzija li għandha tintuża għall-kostruzzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni jew il-konverżjoni tal-installazzjonijiet offshore;

(ii) merkanzija li għandha tintuża sabiex twaħħal jew tgħammar l-installazzjonijiet offshore;

(iii) pprovvisti li għandhom jintużaw jew jiġu kkunsmati fuq l-installazzjonijiet offshore;

(n) merkanzija li tikkwalifika għal eżenzjoni skont il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar relazzjonijiet diplomatiċi tat-18 ta' April 1961, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar relazzjonijiet konsulari tal-24 ta' April 1963, konvenzjonijiet konsulari oħra jew il-Konvenzjoni ta' New York tas-16 ta' Diċembru 1969 dwar missjonijiet speċjali.

(o) merkanzija li hi pprovduta għal inkorporazzjoni bħala parti jew aċċessorji f'bastimenti u inġenji tal-ajru u għat-tħaddim tal-magni, u tagħmir oħra ta' bastimenti u inġenji tal-ajru, kif ukoll oġġetti tal-ikel u oġġetti oħra li għandhom jiġu kkonsmati jew mibjugħa abbord;

▼M7

(p) merkanzija mibgħuta mit-territorju doganali tal-Unjoni minn Ceuta u Melilla, Ġibiltà, Heligoland, ir-Repubblika ta' San Marino, l-Istat tal-Belt tal-Vatikan jew il-muniċipalità ta' Livigno.

▼B

2. Il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq għandha tiġi rinunzjata għal merkanzija fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta bastiment li jittrasporta l-merkanzija bejn il-portijiet tal-Unjoni jkun mistenni li jżur port barra t-territorju doganali tal-Unjoni u l-merkanzija jkollha tibqa' mgħobbija abbord il-bastiment waqt iż-żjara fil-port barra t-territorju doganali tal-Unjoni;

(b) meta inġenju tal-ajru li jittrasporta l-merkanzija bejn ajruporti tal-Unjoni jkun mistenni li jżur ajruport barra mit-territorju doganali tal-Unjoni u l-merkanzija għandha tibqa' mgħobbija abbord l-inġenju tal-ajru matul iż-żjara fl-ajruport barra t-territorju doganali tal-Unjoni;

(c) meta, f'port jew ajruport, il-merkanzija ma tiġix żbarkata mill-mezz tat-trasport li ġarrha fit-territorju doganali tal-Unjoni u li se jġorrha 'l barra minn dak it-territorju;

▼B

(d) meta l-merkanzija ġiet mgħobbija f'port jew ajruport preċedenti fit-territorju doganali tal-Unjoni fejn kienet iddepożitata dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq jew kienet applikabbli rinunzja mill-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' qabel it-tluq u tibqa' fuq il-mezz tat-trasport li se jġorrha barra mit-territorju doganali tal-Unjoni;

(e) meta l-merkanzija f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt il-proċedura f'żona libera tiġi trażbordata mill-mezz ta' trasport li wasslitha f'dik il-faċilità temporanja ta' ħażna jew żona libera taħt is-sorveljanza tal-istess uffiċċju doganali fuq bastiment, ajruplan jew ferrovija li se toħodha barra minn dik il-faċilità temporanja tal-Unjoni, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfati:

(i) it-trażbord isir fi żmien 14-il jum mill-preżentazzjoni tal-merkanzija skont l-Artikoli 144 jew 245 tal-Kodiċi jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, f'perjodu ta' żmien itwal awtorizzat mill-awtoritajiet doganali fejn il-perjodu ta' 14-il jum ma jkunx biżżejjed biex jittratta dawk iċ-ċirkostanzi;

(ii) l-informazzjoni dwar il-merkanzija tkun disponibbli għall-awtoritajiet doganali;

(iii) id-destinazzjoni tal-merkanzija u d-destinatarju ma jinbidlux, sa fejn jaf it-trasportatur;

(f) meta l-merkanzija ddaħħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni iżda ġiet miċħuda mill-awtorità doganali kompetenti u ġiet immedjatamentirritornata lura lejn il-pajjiż ta' esportazzjoni.

KAPITOLU 2

Formalitajiet mal-ħruġ ta' merkanzija

Artikolu 246

Mezzi għall-iskambju ta' informazzjoni f'każijiet ta' preżentazzjoni tal-merkanzija fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Meta merkanzija tiġi ppreżentata fl-uffiċċju doganali tal-ħruġ skont l-Artikolu 267(2) tal-Kodiċi mezzi għall-iskambju ta' informazzjoni li ma jkunux tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta jistgħu jintużaw għal dawn li ġejjin:

(a) l-identifikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni;

(b) komunikazzjonijiet dwar diskrepanzi bejn merkanzija ddikjarata u rilaxxata għall-proċedura ta' esportazzjoni u l-merkanzija ppreżentata.

Artikolu 247

Mezzi biex tiġi pprovduta evidenza li l-merkanzija telqet mit-territorju doganali tal-Unjoni

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni tal-ħruġ tal-merkanzija, tista' tiġi pprovduta evidenza li l-merkanzija telqet mit-territorju doganali tal-Unjoni lill-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni permezz ta' mezzi oħra li ma jkunux tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-dejta.

▼B

KAPITOLU 3

Esportazzjoni u riesportazzjoni

Artikolu 248

Invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali jew tad-dikjarazzjoni tar-riesportazzjoni

(Artikolu 174 tal-Kodiċi)

1. Meta jkun hemm diskrepanza fin-natura tal-merkanzija rilaxxata għall-esportazzjoni, ir-riesportazzjoni jew l-ipproċessar passiv mqabbla ma' dik ippreżentata lill-uffiċċju doganali tal-ħruġ, l-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni għandu jinvalida d-dikjarazzjoni kkonċernata.

2. Meta, wara perjodu ta' 150 jum mid-data tar-rilaxx tal-merkanzija għall-proċedura ta' esportazzjoni, il-proċedura ta' pproċessar passiv jew riesportazzjoni, l-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni ma jkun irċieva la tagħrif dwar il-ħruġ tal-merkanzija u lanqas evidenza li l-merkanzija telqet mit-territorju doganali tal-Unjoni, dak l-uffiċċju jista' jinvalida d-dikjarazzjoni kkonċernata.

▼M7

3. Meta l-uffiċċju doganali tal-esportazzjoni jiġi infurmat, f'konformità mal-Artikolu 340 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, li l-merkanzija ma tkunx ittieħdet barra mit-territorju doganali tal-Unjoni, dan għandu jinvalida immedjatament id-dikjarazzjoni kkonċernata u, fejn xieraq, għandu jinvalida immedjatament iċ-ċertifikazzjoni rilevanti tal-ħruġ ta' merkanzija li tkun saret skont l-Artikolu 334(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

▼B

Artikolu 249

Mezzi għall-preżentazzjoni retrospettiva ta' dikjarazzjoni ta' esportazzjoni jew ta' riesportazzjoni

(Artikolu 6(3)(a) tal-Kodiċi)

Meta kienet meħtieġa dikjarazzjoni ta' esportazzjoni jew ta' riesportazzjoni imma l-merkanzija nħarġet mit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr din id-dikjarazzjoni, jinta' jintuża mezz ta' skambju ta' informazzjoni differenti mit-tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta għall-preżentazzjoni retrospettiva ta' dik id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni jew ta' riesportazzjoni.

TITOLU IX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 250

Rivalutazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet li diġà jkunu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2016

1. Awtorizzazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jew ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jkunu għadhom validi fl-1 ta' Mejju 2016 u li ma jkollhomx perjodu limitat ta' validità għandhom jerġgħu jiġu vvalutati.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-awtorizzazzjonijiet li ġejjin mhumiex soġġetti għal rivalutazzjoni:

▼B

(a) awtorizzazzjonijiet għall-esportaturi sabiex jagħmlu dikjarazzjonijiet ta' fatturi kif imsemmi fl-Artikoli 97v u 117 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93;

(b) awtorizzazzjonijiet għall-immaniġġjar ta' materjali li jużaw il-metodu ta' segregazzjoni kontabilistika kif imsemmi fl-Artikolu 88 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

Artikolu 251

Il-validità ta' awtorizzazzjonijiet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2016

1. Awtorizzazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 jew ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jkunu validi fl-1 ta' Mejju 2016 jibqgħu validi kif ġej:

(a) għal awtorizzazzjonijiet li għandhom perjodu limitat ta' validità, sa tmiem dak il-perjodu jew l-1 ta' Mejju 2019, skont liema minnhom jiġi l-ewwel;

(b) għall-awtorizzazzjonijiet kollha l-oħrajn, sakemm l-awtorizzazzjoni tiġi rivalutata b'konformità mal-Artikolu 250(1).

2. B'deroga mill-ewwel paragrafu, l-awtorizzazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 250(2)(a) u (b) għandhom jibqgħu validi sakemm jiġu rtirati mill-awtoritajiet doganali minn min ikunu ngħataw.

Artikolu 252

Validità ta' deċiżjonijiet dwar informazzjoni vinkolanti diġà fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2016

Deċiżjonijiet relatati ma' informazzjoni vinkolanti diġà fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2016 jibqgħu validi għall-perjodu stabbilit f'dawk id-deċiżjonijiet. Deċiżjoni bħal din għandha, mill-1 ta' Mejju 2016, tkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet doganali u fuq id-detentur tad-deċiżjoni.

Artikolu 253

Validità ta' deċiżjonijiet li jagħtu differiment ta' pagament diġà fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2016

Deċiżjoni li jagħtu differiment ta' pagament li jkunu ttieħdu b'konformità mal-Artikolu 224 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 li jkunu validi fl-1 ta' Mejju 2016 jibqgħu validi kif ġej::

(a) meta d-deċiżjoni tkun ingħatat għall-użu tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 226(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, din għandha tibqa' valida mingħajr limitu ta' żmien;

(b) meta d-deċiżjoni tkun ingħatat wara li tintuża waħda mill-proċeduri msemmija fl-Artikolu 226(b) jew (c) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, din għandha tibqa' valida sar-rivalutazzjoni tal-awtorizzazzjoni biex tintuża garanzija komprensiva li hija marbuta magħha.

▼B

Artikolu 254

Użu ta' awtorizzazzjonijiet u deċiżjonijiet diġà fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2016

Meta deċiżjoni jew awtorizzazzjoni tibqa' valida wara l-1 ta' Mejju 2016 b'konformità mal-Artikoli 251 sa 253, mill-1 ta' Mejju 2016 il-kundizzjonijiet li bihom tiġi applikata dik id-deċiżjoni jew awtorizzazzjoni għandhom ikunu dawk stipulati fid-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Kodiċi, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]) u dan ir-Regolament kif stabbilit fit-tabella ta' korrispondenza stabbilita fl-Anness 90.

Artikolu 255

Dispożizzjonijiet transitorji dwar l-użu ta' siġilli

Siġilli doganali u siġilli ta' tip speċjali konformi mal-Anness 46a għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jistgħu jkomplu jintużaw sakemm jispiċċa l-istokk jew sal-1 ta' Mejju 2019, skont liema minnhom jiġi l-ewwel.

Artikolu 256

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (Ara paġna 558 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

WERREJ

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ANNESS A	Rekwiżiti komuni tad-dejta għall-applikazzjonijiet u għad-deċiżjonijiet
ANNESS B	Rekwiżiti komuni tad-dejta għal dikjarazzjonijiet, notifiki u prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni
ANNESS B-01	Dikjarazzjonijiet standard stampati – Noti u formoli li għandhom jintużaw
ANNESS B-02	Dokument ta' akkumpanjament fit-tranżitu
ANNESS B-03	Lista tal-merkanzija
ANNESS B-04	Dokument ta' Akkumpanjament fit-Tranżitu/ta' Sigurtà ("TSAD")
ANNESS B-05	Lista ta' oġġetti fit-Tranżitu/ta' Sigurtà ("TSLoI")
ANNESS 12-01	Rekwiżiti komuni ta' dejta għar-reġistrazzjoni ta' operaturi ekonomiċi u persuni oħra

TITOLU II

FATTURI LI ABBAŻI TAGĦHOM JIĠU APPLIKATI D-DAZJI FUQ L-IMPORTAZZJONI JEW FUQ L-ESPORTAZZJONI U MIŻURI OHRAJN FIR-RIGWARD TA' KUMMERĊ TA' MERKANZIJA

ANNESS 22-01	Noti introduttorji u lista ta' operazzjonijiet ta' pproċessar jew ħidma sostanzjali li jagħtu oriġini mhux preferenzjali
ANNESS 22-02	Applikazzjoni għal ċertifikat ta' informazzjoni INF 4 u Ċertifikat ta' informazzjoni INF 4
ANNESS 22-03	Noti introduttorji u lista tal-operazzjonijiet tax-xogħol jew l-ipproċessar li jipprovdu l-istatus tal-oriġini
ANNESS 22-04	Materjali eskluż minn akkumulazzjoni reġjonali
ANNESS 22-05	Xogħol eskluż mill-akkumulazzjoni reġjonali tal-GSP (prodotti tessili)
ANNESS 22-11	Noti introduttorji u lista tax-xogħol jew l-ipproċessar li jridu jsiru fuq materjali mhux oriġinanti sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb l-istatus oriġinanti

▼C1

_____

▼B

TITOLU III

DEJN U GARANZIJI DOGANALI

ANNESS 32-01	Impenn tal-garanti – Garanzija individwali
ANNESS 32-02	Impenn tal-garanti – Garanzija individwali fil-forma ta' vawċers
ANNESS 32-03	Impenn tal-garanti – Garanzija komprensiva
ANNESS 32-04	Notifika lill-garanti tan-nuqqas ta' rilaxx ta' proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

▼B

ANNESS 32-05 Notifika lill-garanti tar-responsabbiltà għad-dejn fi proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni

ANNESS 33-01 Talba għal pagament lill-assoċjazzjoni garanti għad-dejn fi proċedura ta' tranżitu fil-kuntest ta' carnet tal-ATA/e-ATA

ANNESS 33-02 Notifika lill-garanti tar-responsabbiltà għad-dejn fi proċedura ta' tranżitu fil-kuntest ta' carnet tas-CPD

ANNESS 33-03 Mudell tal-memo ta' informazzjoni dwar il-pretensjoni għall-ħlas lill-assoċjazzjoni garanti tad-dejn fi proċedura ta' tranżitu skont il-carnet ATA/e-ATA

ANNESS 33-04 Il-formola tat-taxxa għall-kalkolu tad-dazji u t-taxxi li jirriżultaw mill-pretensjoni għall-ħlas lill-assoċjazzjoni-jiet garanti tad-dejn fi proċedura ta' tranżitu skont il-carnet ATA/e-ATA

ANNESS 33-05 Mudell ta' rilaxx li jindika li nbdew proċedimenti ta' talba fir-rigward tal-assoċjazzjoni garanti fl-istat membru fejn jiġi mġarrab id-dejn doganali fi proċedura ta' tranżitu fil-kuntest ta' carnet tal-ATA/e-ATA

ANNESS 33-06 Talba għal tagħrif supplimentari meta l-prodotti jkunu jinsabu fi stat membru ieħor

ANNESS 33-07 Remissjoni/ripagament

TITOLU IV

L-OĠĠETTI MDAĦĦLA FIT-TERRITORJU DOGANALI TAL-UNJONI

Ebda Anness

TITOLU V

REGOLI ĠENERALI DWAR STATUS DOGANALI, TQEGĦID TA' MERKANZIJA TAĦT PROĊEDURA DOGANALI, VERIFIKA, RILAXX U TNEĦĦIJA TAL-MERKANZIJA

ANNESS 52-01 Formola 302 tal-UE

TITOLU VI

RILAXX GĦAĊ-ĊIRKOLAZZJONI LIBERA U EŻENZJONI MID-DAZJU TAL-IMPORTAZZJONI

ANNESS 61-01 Ċertifikati tal-użin tal-banana – rekwiżiti tad-dejta

ANNESS 62-01 Skeda tal-informazzjoni inf 3 – rekwiżiti tad-dejta

TITOLU VII

PROĊEDURI SPEĊJALI

ANNESS 71-01 Dokument ta' sostenn fejn il-merkanzija tiġi ddikjarata bil-fomm għal aċċettazzjoni temporanja

▼B

ANNESS 71-02	Merkanzija u prodotti sensittivi
ANNESS 71-03	Lista ta' forom abitwali ta' maniġġ permessi
ANNESS 71-04	Dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw oġġetti ekwivalenti
ANNESS 71-05	Skambju standardizzat tal-informazzjoni (INF)
ANNESS 71-06	Informazzjoni li trid tiġi pprovduta fil-polza għar-rilaxx
ANNESS 72-03	TC 11 – Irċevuta

TITOLU VIII

MERKANZIJA MAHRUĠA MIT-TERRITORJU DOGANALI TAL-UNJONI

Ebda Anness

TITOLU IX

ANNESS 90	It-tabella ta' korrispondenza msemmija fl-artikolu 254

▼B

ANNESS A

REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦALL-APPLIKAZZJONIJIET U GĦAD-DEĊIŻJONIJIET

Noti introduttorji għat-tabelli dwar ir-rekwiżiti tad-dejta għall-applikazzjonijiet u għad-deċiżjonijiet

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

1. Id-dispożizzjonijiet inklużi f'dawn in-noti huma applikabbli għat-Titoli kollha ta' dan l-Anness.

2. It-tabelli dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fit-Titolu I sat-Titolu XXI jinkludu l-elementi kollha tad-dejta meħtieġa għall-applikazzjonijiet u għad-deċiżjonijiet trattati f'dan l-Anness.

3. Il-formati, il-kodiċijiet u, jekk applikabbli, l-istruttura tar-rekwiżiti tad-dejta deskritti f'dan l-Anness huma speċifikati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([1]) li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' whud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li huwa adottat skont l-Artikolu 8(1)(a) tal-Kodiċi.

4. Ir-rekwiżiti tad-dejta definiti f'dan l-Anness għandhom japplikaw għall-applikazzjonijiet u għad-deċiżjonijiet li jsiru permezz ta' teknika elettronika tal-ipproċessar tad-dejta kif ukoll għal applikazzjonijiet u deċiżjonijiet stampati.

5. L-elementi tad-dejta li jistgħu jingħataw għal diversi applikazzjonijiet u deċiżjonijiet huma stabbiliti fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta tal-Kapitolu 1, it-Titolu I ta' dan l-Anness.

6. L-elementi tad-dejta speċifiċi għal ċerti tipi ta' applikazzjonijiet u deċiżjonijiet huma stabbiliti fit-Titolu II sat-Titolu XXI ta' dan l-Anness.

7. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kull element tad-dejta kif inhuma deskritti fil-Kapitolu 2 tat-Titolu I sa XXI ta' dan l-Anness japplikaw mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-element tad-dejta kif definit fit-tabelli dwar ir-rekwiżiti tad-dejta. Pereżempju, l-E.D. 5/8, Identifikazzjoni tal-merkanzija, huwa mmarkat bħala mandatorju (status "A") fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta mogħtija fil-Kapitolu 1 tat-Titolu I ta' dan l-Anness għall-awtorizzazzjonijiet tal-ipproċessar attiv (il-kolonna 8a) u tal-ipproċessar passiv (il-kolonna 8b); madankollu, din l-informazzjoni m'għandhiex timtela fil-każ tal-ipproċessar attiv jew passiv b'merkanzija ekwivalenti u tal-ipproċessar passiv bis-sistema ta' skambju standard, kif deskritt fil-Kapitolu 2 tat-Titolu I ta' dan l-Anness.

8. Sakemm ma jiġix indikat mod ieħor bl-immarkar li jappartjeni għall-element tad-dejta kkonċernat, l-elementi tad-dejta elenkati fit-tabella rispettiva dwar ir-rekwiżiti tad-dejta jistgħu jintużaw kemm għall-finijiet tal-applikazzjonijiet kif ukoll għall-finijiet tad-deċiżjonijiet.

9. L-istatus elenkat hawn taħt fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta m'għandu l-ebda effett fuq il-fatt li ċerta dejta tingħata biss meta ċ-ċirkostanzi jkunu jitolbu hekk. Per eżempju, l-E.D. 5/6, merkanzija ekwivalenti, għandu jintuża biss jekk jintalab l-użu ta' merkanzija ekwivalenti skont l-Artikolu 223 tal-Kodiċi.

10. Fil-każ li ssir l-applikazzjoni għall-użu ta' proċedura speċjali minbarra ta' tranżitu skont l-Artikolu 163, minbarra r-rekwiżiti tad-dejta tad-dikjarazzjoni doganali għandu jingħata wkoll is-sett tad-dejta ddefinit fil-kolonna 8f tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fit-Titolu I ta' dan l-Anness, kif previst fis-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I, tal-Anness B fir-rigward tal-proċedura kkonċernata.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' whud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 (Ara paġna 558 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

TITOLU I I

Applikazzjonijiet u deċiżjonijiet

KAPITOLU 1

Didaskalija tat-tabella

Kolonni	Tip ta' Applikazzjoni/Deċiżjoni	Referenza ġuridika	Nru tat-titolu tar-rekwiżiti speċifiċi tad-dejta
In-numru tal-ordni tal-E.D.	Numru tal-ordni tal-element tad-dejta (ED)		
Isem tal-E.D.	Isem tal-element tad-dejta konċernat.		
Deċiżjonijiet relatati ma' informazzjoni vinkolanti			
1a	Applikazzjoni u deċiżjoni relatati ma' informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi (deċiżjoni BTI)	Artikolu 33 tal-Kodiċi	Titolu II
1b	Applikazzjoni u deċiżjoni relatati ma' informazzjoni vinkolanti dwar l-oriġini (deċiżjoni BOI)	Artikolu 33 tal-Kodiċi	Titolu III
Operatur ekonomiku awtorizzat			
2	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat	Artikolu 38 tal-Kodiċi	Titolu IV
Valutazzjoni Doganali			
3	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għas-simplifikazzjoni tad-determinazzjoni tal-ammonti li huma parti mill-valur doganali tal-merkanzija	Artikolu 73 tal-kodiċi'	Titolu V
Garanzija komprensiva u pagament differit			
4a	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-provvediment ta' garanzija komprensiva inkluż il-possibilità ta' tnaqqis jew ta' rinunzja.	Artikolu 95 tal-Kodiċi	Titolu VI
4b	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għal differiment tal-pagament tad-dazju pagabbli, sakemm il-permess ma jingħatax fir-rigward ta' operazzjoni unika.	Artikolu 110 tal-Kodiċi	Titolu VII
4c	Applikazzjoni u deċiżjoni dwar il-ħlas lura jew irremissjoni ta' ammonti tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni.	Artikolu 116 tal-Kodiċi	Titolu VIII
Formalitajiet marbuta mal-wasla tal-merkanzija			
5	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' ħażna temporanja.	Artikolu 148 tal-Kodiċi	Titolu IX
Status doganali tal-merkanzija			
6a	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istabbiliment ta' servizzi regolari ta' trasport marittimu	*Artikolu 120*	Titolu X
6b	Awtorizzazzjoni għall-istatus ta' emittent awtorizzat	*Artikolu 128*	Titolu XI

▼B

Kolonni	Tip ta' Applikazzjoni/Deċiżjoni	Referenza ġuridika	Nru tat-titolu tar-rekwiżiti speċifiċi tad-dejta
	Formalitajiet Doganali		
7a	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' dikjarazzjoni ssimplifikata	Artikolu 166 (2) tal-Kodiċi	Titolu XII
7b	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għal ikklerjar ċentralizzat	Artikolu 179 tal-Kodiċi	Titolu XIII
7c	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni biex dikjarazzjoni doganali ssir permezz ta' dħul ta' dejta fir-rekords tad-dikjarant, inkluż għall-proċedura ta' esportazzjoni	Artikolu 182 tal-Kodiċi	Titolu XIV
7d	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għal awtovalutazzjoni	Artikolu 185 tal-Kodiċi	Titolu XV
7e	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta' piżatur awtorizzat tal-banana	*Artikolu 155*	Titolu XVI
	Proċeduri speċjali		
8a	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċessar attiv	Artikolu 211 (1)a) tal-Kodiċi	Titolu XVII
8b	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura tal-ipproċessar passiv	Artikolu 211 (1)a) tal-Kodiċi	Titolu XVIII
8c	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura ta' użu aħħari	Artikolu 211 (1)a) tal-Kodiċi	([1])
8d	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' ammissjoni temporanja proċedura	Artikolu 211 (1)a) tal-Kodiċi	([1])
8e	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-operazzjoni ta' faċilitajiet ta' ħżin għall-proċedura tal-ħażna doganali tal-merkanzija	Artikolu 211 (1)b) tal-Kodiċi	Titolu XIX
8f	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' aċċettazzjoni temporanja, użu aħħari, proċessar attiv jew proċessar passiv f'sitwazzjonijiet fejn japplika l-Artikolu 163	Artikolu 211(1)a) tal-Kodiċi u Artikolu 163	([1])
	Tranżitu		
9a	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta' destinatarju awtorizzat għal operazzjoni TIR	Artikolu 230 tal-Kodiċi	([1])
9b	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat għat-tranżitu tal-Unjoni	Artikolu 233 (4)a) tal-Kodiċi	Titolu XX

▼B

Kolonni	Tip ta’ Applikazzjoni/Deċiżjoni	Referenza ġuridika	Nru tat-titolu tar-rekwiżiti speċifiċi tad-dejta
9c	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta’ destinatarju awtorizzat għat-tranżitu tal-Unjoni	Artikolu 233 (4)b) tal-Kodiċi	([1])
9d	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta’ siġilli ta’ tip speċjali	Artikolu 233 (4)c) tal-Kodiċi	Titolu XXI
9e	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta’ dikjarazzjoni tat-tranżitu b’sett tad-dejta mnaqqas	Artikolu 233 (4)d) tal-Kodiċi	([1])
9f	Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta’ dokument elettroniku tat-trasport bħala dikjarazzjoni doganali	Artikolu 233 (4)e) tal-Kodiċi	-

([1]) Mhix meħtieġa dejta speċifika

Simboli fiċ-ċelloli

Simbolu	Deskrizzjoni tas-simbolu
A	Obbligatorju: dejta meħtieġa minn kull Stat Membru.
B	Fakultattiv għall-Istati Membri: dejta li l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jdaħħlux.
C	Fakultattiv għall-applikant: dejta li l-applikant jista’ jiddeċiedi li jagħti iżda li ma tistax tintalab mill-Istati Membri.

Gruppi ta’ dejta

Grupp	Titolu tal-grupp
Grupp 1	Informazzjoni fl-applikazzjoni/deċiżjoni
Grupp 2	Referenzi ta’ dokumenti ta’ evidenza, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet
Grupp 3	Partijiet
Grupp 4	Dati, żminijiet, perjodi u postijiet
Grupp 5	Identifikazzjoni tal-merkanzija:
Grupp 6	Kundizzjonijiet u termini
Grupp 7	Attivitajiet u proċeduri
Grupp 8	Oħrajn

Immarkar

Tip ta’ mmarkar	Deskrizzjoni tal-immarkar
[*]	Dan l-element tad-dejta jintuża biss għall-applikazzjoni konċernata.
[+]	Dan l-element tad-dejta jintuża biss għad-deċiżjoni konċernata

▼B

Tabella dwar ir-rekwiżiti ta' dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	1a	1b	2	3	4a	4b	4c	5	6a	6b	7a	7b	7c	7d	7e	8a	8b	8c	8d	8e	8f	9a	9b	9c	9d	9e	9f
Grupp 1 – Informazzjoni fl-Applikazzjoni/Deċiżjoni																												
1/1	Tip ta' kodiċi tal-applikazzjoni/ deċiżjoni	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		A	A	A	A	A	A
1/2	Firma/awtentifikazzjoni	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		A	A	A	A	A	A
1/3	Tip ta' applikazzjoni			A [*]	A [*]	A [*]	A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]
1/4	Validità ġeografika –Unjoni					A	A		A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		A	A	A	A		A
1/5	Validità ġeografika – Pajjiżi ta' tranżitu komuni					A [1]																						A
1/6	Numru ta' referenza tad-deċiżjoni	A [+]	A [+]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]		A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]	A [2]
1/7	Awtorità doganali li tieħu deċiżjonijiet	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]		A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]
Grupp 2 – Referenzi ta' dokumenti ta' evidenza, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet																												
2/1	Applikazzjonijiet u deċiżjonijiet oħra relatati ma' informazzjoni vinkolanti	A [*]	A																									
2/2	Deċiżjonijiet relatati ma' informazzjoni vinkolanti maħruġa għal detenturi oħra Detenturi	A [*]	A																									

▼B

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	1a	1b	2	3	4a	4b	4c	5	6a	6b	7a	7b	7c	7d	7e	8a	8b	8c	8d	8e	8f	9a	9b	9c	9d	9e	9f
2/3	Proċeduri ġuridiċi jew amministrattivi pendenti jew mogħtija	A [*]	A [*]																									
2/4	Dokumenti mehmużin	A [*]	A [*]	A [*]	A	A	A	A [3]	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		A	A	A	A	A	A
2/5	Numru ta' identifikazzjoni tal-faċilità ta' ħżin								A [+]												A [+]							
	Grupp 3 – Partijiet																											
3/1	Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]		A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]
3/2	Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' identifikazzjoni	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		A	A	A	A	A	A
3/3	Rappreżentant	A [*] [4]	A [*] [4]		A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]		A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]	A [4]
3/4	Identifikazzjoni rappreżentattiva	A [*]	A [*]		A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		A	A	A	A	A	A
3/5	Isem u dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli għall-affarijiet doganali			A [*]	A [*] [5]	A [*] [5]				A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]		A [*] [5]							A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]
3/6	Persuna ta' kuntatt responsabbli mill-applikazzjoni	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	C [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]

▼B

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	1a	1b	2	3	4a	4b	4c	5	6a	6b	7a	7b	7c	7d	7e	8a	8b	8c	8d	8e	8f	9a	9b	9c	9d	9e	9f
3/7	Persuna inkarigata mill-applikant kumpanija jew kontroll eżerċitat fuq l-immaniġġjar tagħha			A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]				A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]		A [*] [5]							A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]
3/8	Sid il-merkanzija																			A		A [6]						
	Grupp 4 – Dati, żminijiet, perjodi u postijiet																											
4/1	Post	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]		A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]	A [7]
4/2	Dejta	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A	A		A	A	A	A	A	A
4/3	Post fejn il-kontijiet ewlenin għall-finijiet doganali huma miżmuma jew aċċessibbli	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]		A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]		A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5] [8]					A [*] [5]	A [*] [5]	A [*] [5]
4/4	Post fejn jinżammu r-rekords				A [*]	A [*]	A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*] [9]	A [*]	A [*] [9]	A [*]	A [*] [8]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]
4/5	L-ewwel post tal-użu jew tal-ipproċessar																A [*] [10]		A [*] [10]	A [*] [10]		A [*] [10]						
4/6	[Rikjest] Dejta tal-bidu tad-deċiżjoni	A [+]	A [+]	A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]		C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]		C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]	C [*] A [+]

▼B

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	1a	1b	2	3	4a	4b	4c	5	6a	6b	7a	7b	7c	7d	7e	8a	8b	8c	8d	8e	8f	9a	9b	9c	9d	9e	9f
4/7	Dejta ta' skadenza tad-deċiżjoni	A [+]	A [+]		A												A [+]	A [+]	A [+]	A [+]								
4/8	Post tal-merkanzija							A [*] [11]					A	A	A	A							A	A	A			
4/9	Post(ijiet) tal-ipproċessar/l-użu																A	A	A	A		A						
4/10	Uffiċċju(i) doganali ta' kollokament																A	A	A	A	A							
4/11	Uffiċċju(i) doganali ta' rilaxx																A	A	A	A	A	A						
4/12	Uffiċċju doganali ta' garanzija					A [+]	A		A								A	A [12]	A	A	A							
4/13	Uffiċċju doganali ta' superviżjoni								A [+]			A [+]	A [+]	A [+]	A [+]		A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]						
4/14	Uffiċċju(i) doganali ta' destinazzjoni																						C [*] A [+]		C [*] A [+]			A
4/15	Uffiċċju(i) doganali ta' tluq																							C [*] A [+]				A
4/16	Limitu ta' żmien										A [+]		A [+]	A [+] [13]									A [+]	A [+]	A [+]			
4/17	Perjodu għar-rilaxx																A	A	A	A		A						

▼B

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	1a	1b	2	3	4a	4b	4c	5	6a	6b	7a	7b	7c	7d	7e	8a	8b	8c	8d	8e	8f	9a	9b	9c	9d	9e	9f
4/18	Dokument tar-rilaxx																A [+] [14]		A [+]			A [+] [15]						
	Grupp 5 – Identifikazzjoni ta' merkanzija																											
5/1	Kodiċi tal-prodott bażiku	C [*] A [+]	A		A			A [*]					A	A	A		A	A	A	A	C [*]							
5/2	Deskrizzjoni tal-merkanzija	A	A		A		B	A [*]	A			A	A	A	A		A	A	A	A	A							
5/3	Kwantità tal-merkanzija	A [+]						A [*]					A		A		A	A	A	A								
5/4	Valur tal-merkanzija						B										A	A	A	A								
5/5	Rata ta' rendiment																A	A	A			A [16]						
5/6	Merkanzija ekwivalenti																A	A	A	A	A							
5/7	Prodotti pproċessati																A	A	A			A [17]						
5/8	Identifikazzjoni ta' merkanzija																A	A	A	A	A	A						
5/9	Katergoriji eskluži jew movement ta' merkanzija																						A [+]	A [+]	A [+]			
	Grupp 6 – Kondizzjonijiet u termini																											
6/1	Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet											A [*]	A	A	A													

▼B

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	1a	1b	2	3	4a	4b	4c	5	6a	6b	7a	7b	7c	7d	7e	8a	8b	8c	8d	8e	8f	9a	9b	9c	9d	9e	9f
6/2	Kundizzjonijiet ekonomiċi																A	A				A [17]						
6/3	Rimarki ġenerali	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]		A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]	A [+]
Grupp 7 – Attivitajiet u proċeduri																												
7/1	Tip ta' tranżazzjoni	A [*]	A																									
7/2	Tip ta' proċeduri doganali					A	A					A	A	A	A													
7/3	Tip ta' dikjarazzjoni												A		A													
7/4	Numru ta' operazzjonijiet					B [*]						A [*]	A [*]	A [*]	A [*]								A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]
7/5	Dettalji tal-attivitajiet ippjanati												A				A	A	A	A	A	A						
Grupp 8 – Oħrajn																												
8/1	Tip ta' kontijiet ewlenin għall-finijiet doganali					A [*]			A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*] [8]					A [*]	A [*]	A [*]
8/2	Tip ta' rekords					A [*]			A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*] [8]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]
8/3	Aċċess għad-dejta													A														A
8/4	Kampjuni eċċ.	A [*]	A																									

▼B

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	1a	1b	2	3	4a	4b	4c	5	6a	6b	7a	7b	7c	7d	7e	8a	8b	8c	8d	8e	8f	9a	9b	9c	9d	9e	9f
8/5	Informazzjoni addizzjonali	C [*]	C [*]		C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]	C [*]
8/6	Garanzija						A		A								A [18]	A [12]	A	A	A							
8/7	Ammont tal-garanzija								A								A [18]	A [12]	A	A	A							
8/8	Trasferiment ta’ drittijiet u obbligi																A	A	A	A	A							
8/9	Kliem ewlieni	A [+]	A [+]																									
8/10	Dettalji dwar il-faċilitajiet tal-ħżin								A												A							
8/11	Ħżin ta’ merkanzija tal-Unjoni								A												A							
8/12	Kunsens għall-pubblikazzjoni tal-lista ta’ detenturi ta’ awtorizzazzjoni			A [*]	A [*]	A [*]	A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]		A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]	A [*]
8/13	Kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni b’konformità mal-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi																A					A [19]						

▼B

Noti

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-noti
[1]	Dan l-element tad-dejta jiġi kkompletat biss f'każijiet fejn l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi pprovduta garanzija komprensiva se tintuża għat-tqegħid tal-merkanzija skont il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.
[2]	Dan l-element tad-dejta se jintuża biss fl-applikazzjoni għal emenda, tiġdid jew revoka tad-deċiżjoni.
[3]	Mingħajr ħsara għal kwalunkwe dispożizzjoni speċifika adottata skont il-politika agrikola komuni, applikazzjoni għal merkanzija li fir-rigward tagħha tkun inħarġet liċenzja tal-importazzjoni jew esportazzjoni meta saret id-dikjarazzjoni doganali rilevanti, tiġi appoġġjata minn ċertifikazzjoni mill-awtoritajiet responsabbli għall-ħruġ ta' tali liċenzji li jattestaw li ttieħdu l-passi neċessarji sabiex jiġu kkanċellati dawk l-effetti. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija hawn fuq mhix meħtieġa, meta: (a) l-awtorità doganali li lilha tiġi sottomessal-applikazzjoni tkun ħarġet il-liċenzja hija stess; (b) il-bażi tal-applikazzjoni huwa żball li ma għandu ebda effett fuq l-attribuzzjoni tal-liċenzja. Id-dispożizzjonijiet tal-liċenzja għandhom japplikaw ukoll fil-każ ta' riesportazzjoni, it-tqegħid ta' merkanzija f'maħżen doganali jew f'żona ħielsa, jew il-qerda tal-merkanzija.
[4]	Din l-informazzjoni hija obbligatorja biss fil-każijiet meta n-numru EORI tal-persuna mhux meħtieġ. Meta n-numru EORI jiġi pprovdut, ma għandhomx jiġu pprovduti l-isem u l-indirizz sakemm ma tintużax applikazzjoni jew deċiżjoni stampata.
[5]	Din l-informazzjoni ma tiġix ipprovduta jekk l-applikant huwa operatur ekonomiku awtorizzat.
[6]	Din l-informazzjoni tiġi pprovduta biss jekk l-applikazzjoni hija relatata mal-użu tal-ammissjoni temporanja, u l-informazzjoni hija meħtieġa skont il-liġi doganali.
[7]	Din l-informazzjoni tintuża biss fil-każ ta' applikazzjoni stampata.
[8]	Jekk hija l-intenzjoni li jintuża maħżen doganali pubbliku tat-tip II, dan l-element tad-dejta ma jintużax.
[9]	Din l-informazzjoni mhix meħtieġa meta japplika l-Artikolu 162.
[10]	►**M3** Din l-informazzjoni tiġi pprovduta biss għall-finijiet tal-applikazzjonijiet li ġejjin: (a) applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċessar attiv jew proċeduri ta' użu aħħari fejn l-applikant huwa stabbilit barra mit-territorju doganali tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 162; (b) applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni għal dħul temporanju kif imsemmi fl-Artikolu 205. ◄
[11]	Din l-informazzjoni tista' ma tiġix ipprovduta fil-każijiet fejn il-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni tirrevoka l-obbligu li tiġi ppreżentata l-merkanzija.
[12]	Fil-każ tal-applikazzjoni għall-użu ta' proċedura tal-ipproċessar passiv, l-element tad-dejta ma jintużax sakemm ma tiġix applikata importazzjoni preċedenti ta' prodotti ta' sostituzzjoni jew prodotti pproċessati.
[13]	Din l-informazzjoni tiġi pprovduta fid-deċiżjoni, fil-każ li detentur tal-awtorizzazzjoni mhuwiex eżentat mill-obbligu li jippreżenta l-merkanzija.
[14]	►**M3** Din l-informazzjoni tiġi pprovduta fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċessar attiv EX/IM mingħajr l-użu tal-iskambju standardizzat ta' informazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 176, u fil-każ ta' awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċessar attiv IM/EX. ◄

▼B

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-noti
[15]	►M3 Din l-informazzjoni tintuża biss fil-każ ta' awtorizzazzjoni relatata mal-użu ta' pproċessar attiv IM/EX jew użu aħħari. ◄
[16]	Din l-informazzjoni tiġi pprovduta biss fil-każ li l-applikazzjoni hija relatata mal-użu tal-ipproċessar attiv jew passiv jew użu aħħari, u l-użu aħħari jinvolvi l-ipproċessar ta' merkanzija.
[17]	Din l-informazzjoni tintuża biss fil-każ li l-applikazzjoni hija relatata mal-użu ta' proċessar attiv/passiv.
[18]	Fil-każ ta' applikazzjoni għall-użu ta' proċedura EX/IM ta' pproċessar attiv, dan l-element tad-dejta ma jintużax sakemm mhumiex applikabbli d-dazji tal-esportazzjoni.
[19]	Din l-informazzjoni tintuża biss fil-każ li l-applikazzjoni hija relatata mal-użu ta' pproċessar attiv.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti tad-dejta

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

Grupp 1 – Informazzjoni fl-Applikazzjoni/Deċiżjoni

1/1. Tip ta' kodiċi tal-Applikazzjoni/Deċiżjoni

Il-kolonni kollha tat-tabella rilevanti użati:

Applikazzjoni:

Meta tuża l-kodiċijiet rilevanti, indika liema awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ġiet applikata għaliha.

Deċiżjoni:

Meta tuża l-kodiċijiet, indika t-tip ta' awtorizzazzjoni jew deċiżjoni.

1/2. Firma/awtentifikazzjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Applikazzjoni:

Applikazzjonijiet stampati għandhom jiġu ffirmati mill-persuna li tippreżenta l-applikazzjoni. Il-firmatarju għandu jżid il-kariga tiegħu.

Applikazzjonijiet li jsiru permezz ta' teknika elettronika tal-ipproċessar tad-dejta għandhom jiġu awtentikati mill-persuna li tippreżenta l-applikazzjoni (l-applikant jew ir-rappreżentant).

Fil-każ li applikazzjoni tiġi sottomessa permezz tal-interfaċċa armonizzata tal-UE għall-kummerċjanti definita mill-Kummissjoni u l-Istati Membri fi ftehim ma' xulxin, l-applikazzjoni tiġi kkunsidrata bħala waħda awtentikata.

Deċiżjoni:

Firma tad-deċiżjonijiet stampati jew awtentifikazzjoni b'mod ieħor tad-deċiżjonijiet li ssir permezz ta' teknika elettronika tal-ipproċessar tad-dejta mill-persuna li tieħu d-deċiżjoni dwar l-għoti tal-awtorizzazzjoni, dwar informazzjoni vinkolanti jew dwar il-ħlas lura jew ir-remissjoni tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni.

Kolonna 1a tat-tabella:

Jekk l-applikant ikollu referenza, tista' tiġi inserita hawn.

Kolonna 2 tat-tabella:

Il-firmatarju għandu dejjem ikun il-persuna li tirrappreżenta l-applikant b'mod ġenerali.

▼B

1/3. Tip ta' applikazzjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, indika t-tip ta' applikazzjoni. Fil-każ ta' applikazzjoni għal emenda jew, jekk applikabbli għal awtorizzazzjoni mġedda, indika wkoll in-numru xieraq tad-deċiżjoni f'E.D. 1/6 Numru ta' referenza tad-deċiżjoni.

1/4. Validità ġeografika - Unjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 26 tal-Kodiċi, indika fejn l-effett tad-deċiżjoni huwa limitat għal Stat Membru wieħed jew aktar, billi ssemmi espliċitament l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i).

1/5. Validità ġeografika – Pajjiżi komuni ta' tranżitu

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indika l-pajjiżi komuni ta' tranżitu fejn tista' tintuża l-awtorizzazzjoni.

1/6. Numru ta' referenza tad-deċiżjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Referenza unika mogħtija mill-awtorità doganali kompetenti lid-deċiżjoni.

1/7. Awtorità doganali li tieħu d-deċiżjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

In-numru tal-identifikazzjoni jew l-isem u l-indirizz tal-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjoni.

Kolonna tat-tabella 1b:

In-numru tal-identifikazzjoni jew il-firma u l-isem tal-awtorità doganali tal-Istat Membru li tkun ħarġet id-deċiżjoni.

Kolonna tat-tabella 2:

Awtentifikazzjoni u isem tal-amministrazzjoni doganali tal-Istat Membru. L-isem tal-amministrazzjoni doganali tal-Istat Membru jista' jissemma' fuq livell reġjonali, jekk l-istruttura organizzattiva tal-amministrazzjoni doganali tirrikjedi dan.

Grupp 2 – Referenzi ta' dokumenti ta' appoġġ, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet

2/1. Applikazzjonijiet u deċiżjonijiet oħra marbuta ma' informazzjoni vinkolanti miżmuma

Kolonna 1a tat-tabella:

Indika (iva/le), jekk l-applikant ikunx applika għal jew irċieva deċiżjoni BTI għal merkanzija identika jew simili fl-Unjoni għal dawk deskritti taħt E.D. 5/2 Deskrizzjoni tal-merkanzija f'dan it-Titolu u f'E.D. II/3 Denominazzjoni kummerċjali u informazzjoni addizzjonali fit-Titolu II. Jekk iva, l-informazzjoni li ġejja għandha timtela wkoll:

Pajjiż tal-applikazzjoni: il-pajjiż fejn ġiet ippreżentata l-applikazzjoni

Post tal-applikazzjoni: il-post fejn ġiet ippreżentata l-applikazzjoni

Data tal-applikazzjoni: id-data li fiha l-awtorità doganali kompetenti msemmija fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 22 (1) tal-Kodiċi tkun irċeviet l-applikazzjoni.

Numru ta' referenza tad-deċiżjoni BTI: in-numru ta' referenza tad-deċiżjoni BTI li l-applikant ikun diġà rċieva. Din il-parti hija obbligatorja jekk l-applikant ikun irċieva deċiżjonijiet BTI wara l-applikazzjoni tiegħu.

Data tal-bidu tad-deċiżjoni: Id-data li fiha tibda l-validità tad-deċiżjoni BTI.

▼B

Kodiċi tal-prodott bażiku il-kodiċi tan-nomenklatura indikat fuq id-deċiżjoni BTI.

Kolonna 1b tat-tabella:

Indika jekk l-applikant ikunx applika għal jew irċieva deċiżjoni BOI u/jew BTI għal merkanzija jew materjali identiċi jew simili għal dawk imsemmija taħt E.D. 5/1 Kodiċi tal-prodott bażiku u taħt E.D. 5/2. Deskrizzjoni tal-merkanzija f'dan it-Titolu jew taħt E.D. III/3 fit-Titolu III; billi tagħti d-dettalji rilevanti. Jekk iva, għandu jingħata wkoll in-numru ta' referenza tad-deċiżjoni BOI u/jew BTI konċernata.

2/2. Deċiżjonijiet marbuta ma' informazzjoni vinkolanti maħruġa lil Detenturi oħra

Kolonna 1a tat-tabella:

Indika jekk l-applikant huwiex konxju jew le minn deċiżjonijiet BTI maħruġa lil detenturi oħra għal merkanzija identika jew simili għal dawk deskritti taħt E.D. 5/2 Deskrizzjoni tal-merkanzija f'dan it-Titolu u taħt E.D. II/3 Denominazzjoni kummerċjali u informazzjoni addizzjonali fit-Titolu II. Informazzjoni dwar deċiżjonijiet BTI eżistenti tista' tiġi konsultata fil-bażi tad-dejta EBTI pubblika li hija aċċessibbli fuq l-Internet.

Jekk iva, l-elementi addizzjonali li ġejjin huma fakultattivi:

Numru ta' referenza tad-deċiżjoni BTI: in-numru ta' referenza tad-deċiżjoni BTI li l-applikant jaf bih

Dejta tal-bidu tad-deċiżjoni: Id-dejta li fiha tibda l-validità tad-deċiżjoni BTI.

Kodiċi tal-Prodott Bażiku: il-kodiċi tan-nomenklatura indikat fuq id-deċiżjoni BTI.

Kolonna 1b tat-tabella:

Indika jekk, safejn jaf l-applikant, tkunx diġà saret applikazzjoni jew inħarġet deċiżjoni BOI u/jew BTI għal merkanzija identika jew simili fl-Unjoni.

Jekk iva, l-elementi addizzjonali li ġejjin huma fakultattivi:

Numru ta' referenza tad-deċiżjoni BOI u/jew BTI: in-numru ta' referenza tad-deċiżjoni BOI u/jew BTI li l-applikant ikun jaf

Data tal-bidu tad-deċiżjoni: Id-data li fiha tibda l-validità tad-deċiżjoni BOI u/jew BTI.

Kodiċi tal-Prodott bażiku: il-kodiċi tan-nomenklatura ndikat fuq id-deċiżjoni BOI u/jew BTI.

2/3. Proċeduri ġuridiċi jew amministrattivi pendenti jew mogħtija

Kolonna 1a tat-tabella:

Indika jekk l-applikant jafx b'xi proċedura legali jew amministrattiva dwar klassifikazzjoni tariffarja pendenti mal-Unjoni, jew b'sentenza tal-qorti dwar klassifikazzjoni tariffarja li diġà ngħatat fl-Unjoni, relatata mal-merkanzija deskritta taħt E.D. 5/2. Deskrizzjoni tal-merkanzija u taħt E.D. II/3 Denominazzjoni kummerċjali u informazzjoni addizzjonali fit-Titolu II. Jekk iva, l-elementi addizzjonali li ġejjin huma fakultattivi:

▼B

Daħħal l-isem u l-indirizz tal-qorti, in-numru ta' referenza tal-kawża pendenti u/jew tas-sentenza, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

Kolonna 1b tat-tabella:

Indika jekk, safejn jaf l-applikant il-merkanzija deskritta f'E.D. 5/1. Kodiċi tal-prodott bażiku u f'E.D. 5/2. Deskrizzjoni tal-merkanzija f'dan it-Titolu, jew f'E.D. III/3 Kundizzjonijiet li jippermettu d-determinazzjoni tal-oriġini fit-Titolu III hijiex soġġetta għal xi proċedura legali jew amministrattiva dwar l-oriġini pendenti mal-Unjoni jew sentenza tal-qorti dwar l-oriġini li diġà ngħatat fl-Unjoni.

Daħħal l-isem u l-indirizz tal-qorti, in-numru ta' referenza tal-kawża pendenti u/jew tas-sentenza, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

2/4. Dokumenti mehmuża

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Agħti informazzjoni dwar it-tip u, jekk applikabbli, in-numru ta' identifikazzjoni u/jew id-data tal-ħruġ tad-dokument(i) mehmuż(a) mal-applikazzjoni jew mad-deċiżjoni. Indika wkoll l-għadd totali ta' dokumenti mehmuża.

Jekk id-dokument fih il-kontinwazzjoni tal-informazzjoni pprovduta x'imkien ieħor fl-applikazzjoni jew fid-deċiżjoni, indika referenza għall-element tad-dejta konċernat.

2/5. Numru ta' identifikazzjoni tal-faċilità ta' ħżin

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Jekk applikabbli, daħħal kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni allokat mill-awtorità doganali li tkun ħadet id-deċiżjoni lill-faċilità ta' ħżin.

Grupp 3 – Partijiet

3/1. Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew tad-deċiżjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Applikazzjoni:

L-applikant huwa l-persuna li tapplika għand l-awtoritajiet doganali għal deċiżjoni.

Daħħal l-isem u l-indirizz tal-persuna konċernata.

Deċiżjoni:

Id-detentur tad-deċiżjoni huwa l-persuna li lilha tkun inħarġet id-deċiżjoni.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni huwa l-persuna li lilha tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni

3/2. Identifikazzjoni tal-Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew tad-deċiżjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Applikazzjoni:

L-applikant huwa l-persuna li tapplika għand l-awtoritajiet doganali għal deċiżjoni.

▼B

Daħħal in-Numru ta' Reġistrazzjoni u ta' Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (numru EORI), tal-persuna konċernata, kif previst fl-Artikolu 1(18).

Fil-każ ta' applikazzjoni li ssir permezz ta' teknika elettronika tal-ipproċessar taddejta, għandu dejjem jingħata n-numru EORI tal-applikant.

Deċiżjoni:

Id-detentur tad-deċiżjoni huwa l-persuna li lilha tkun inħarġet id-deċiżjoni.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni huwa l-persuna li lilha tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni.

3/3. Rappreżentant

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Jekk l-applikant indikat f'E.D. 3/1 Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew tad-deċiżjoni jew f'E.D. 3/1a Identifikazzjoni tal-Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew tad-deċiżjoni jkun rappreżentat, agħti informazzjoni rilevanti dwar irrappreżentant.

Jekk ikun meħtieġ skont l-Artikolu 19(2) tal-Kodiċi, agħti kopja ta' kuntratt relevanti, prokura jew kwalunkwe dokument ieħor li jipprovdi evidenza talgħoti tas-setgħa għall-istatus ta' rappreżentant doganali.

3/4. Identifikazzjoni tar-rappreżentant

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Jekk l-applikant indikat f'E.D. 3/1 Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew tad-deċiżjoni jew f'E.D. 3/2 Identifikazzjoni tal-Applikant/Detentur tal-awtorizzazzjoni jew tad-deċiżjoni jkun rappreżentat, daħħal in-numru EORI tar-rappreżentant.

Jekk mitlub mill-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet b'konformità mal-Artikolu 19(2) tal-Kodiċi, ipprovdi kopja tal-kuntratt rilevanti, prokura jew kwalunkwe dokument ieħor li jipprovdi evidenza tal-għoti tas-setgħa għal status ta' rappreżentant doganali.

3/5. L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli għal kwistjonijiet doganali

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

L-informazzjoni ta' kuntatt, inkluż in-numru tal-fax, jekk applikabbli, tal-persuna konċernata, li tista' tintuża għal aktar kuntatt u komunikazzjoni dwar kwistjonijiet doganali.

3/6. Persuna ta' kuntatt responsabbli għall-applikazzjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Il-persuna ta' kuntatt għandha tkun responsabbli biex iżżomm kuntatt mad-dwana rigward l-applikazzjoni.

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss, jekk il-persuna tkun differenti millpersuna responsabbli għal kwistjonijiet doganali kif previst f'E.D. 3/5 L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna responsabbli għal kwistjonijiet doganali.

Daħħal l-isem tal-persuna ta' kuntatt u kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin: in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-e-mail (preferibbilment kaxxa postali funzjonali) u, jekk applikabbli, in-numru tal-fax.

▼B

3/7. Persuna responsabbli għall-kumpanija applikanti jew li teżerċita kontroll fuq il-ġestjoni tagħha

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Għall-finijiet tal-Artikolu 39(a) tal-Kodiċi, daħħal l-isem(ismijiet) u d-dettalji sħaħ tal-persuna(i) konċernata(i) skont l-istabbiliment/forma legali tal-kumpanija applikanti, b'mod partikolari: id-direttur/maniġer tal-kumpanija, id-diretturi tal-bord u l-membri tal-bord, jekk ikun hemm. Id-dettalji għandhom jinkludu: l-isem u l-indirizz sħiħ, id-dejta tat-twelid u n-Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali.

3/8. Sid tal-merkanzija

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Fejn applikabbli skont l-Artikolu rilevanti, daħħal l-isem u l-indirizz tas-sid il-merkanzija mhux tal-Unjoni li se titqiegħed taħt l-aċċettazzjoni temporanja, kif deskritt f'E.D. 5/1. Kodiċi tal-prodott bażiku u f'E.D. 5/2. Deskrizzjoni tal-merkanzija.

Grupp 4 – Dati, żminijiet, perjodi u postijiet

4/1. Post

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Applikazzjoni:

Post fejn l-applikazzjoni ġiet iffirmata jew awtentikata b'mod ieħor.

Deċiżjoni:

Post fejn tkun ittieħdet l-awtorizzazzjoni jew id-deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti dwar l-oriġini jew dwar ir-remissjoni jew il-ħlas lura tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni.

4/2. Data

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Applikazzjoni:

Data li fiha l-applikant ikun iffirma jew awtentika b'mod ieħor l-applikazzjoni.

Deċiżjoni:

Id-data li fiha tkun ittieħdet l-awtorizzazzjoni jew id-deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti dwar l-oriġini jew dwar ir-remissjoni jew il-ħlas lura tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni

4/3. Post fejn il-kontijiet prinċipali għall-finijiet doganali huma miżmuma jew aċċessibbli

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

▼M3

Il-kontijiet prinċipali għall-finijiet doganali kif imsemmija fit-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi huma dawk il-kontijiet li għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet doganali bħala l-kontijiet prinċipali għal finijiet doganali li jippermettu lill-awtoritajiet doganali li jissorveljaw u jimmonitorjaw l-attivitajiet kollha koperti mill-awtorizzazzjoni jew mid-deċiżjoni kkonċernata. Il-materjal kummerċjali, fiskali jew kontabilistiku ieħor eżistenti tal-applikant jista' jiġi aċċettat bħala kontijiet prinċipali għall-finijiet doganali jekk jiffaċilita kontrolli abbażi ta' verifika.

▼B

Daħħal l-indirizz sħiħ tal-post, inkluż l-Istat Membru fejn il-kontijiet prinċipali huma maħsuba jinżammu jew huma maħsuba jkunu aċċessibbli. L-UN/LOCODE jista' jissostitwixxi l-indirizz, jekk jipprovdi identifikazzjoni mhux ambigwa tal-post ikkonċernat.

▼B

Kolonna 1a u 1b tat-tabella:

Fil-każ ta' informazzjoni vinkolanti, għandha tingħata informazzjoni biss meta l-pajjiż ikun differenti mill-informazzjoni mogħtija għall-identifikazzjoni tal-applikant.

4/4. Post fejn jinżammu r-rekords

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Daħħal l-indirizz sħiħ tal-post(ijiet) inkluż l-Istat(i) Membru(i) fejn jinżammu jew fejn huma maħsuba jinżammu r-rekords tal-applikant. L-UN/LOCODE jista' jissostitwixxi l-indirizz, jekk jipprovdi identifikazzjoni mhux ambigwa tal-post ikkonċernat.

Din l-informazzjoni hija meħtieġa biex jiġi identifikat il-post tar-rekords li jappartjenu għall-merkanzija li tinsab fl-indirizz mogħti f'E.D. 4/8. Il-post fejn qiegħda l-merkanzija.

4/5. L-ewwel post ta' użu jew ta' ipproċessar

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-indirizz tal-post ikkonċernat.

4/6. [[Mitluba] Data tal-bidu tad-deċiżjoni

Kolonna 1a u 1b tat-tabella:

Id-data li fiha tibda l-validità tad-deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti.

Kolonna 2 tat-tabella:

Indika l-jum, ix-xahar u s-sena, skont l-Artikolu 29.

Kolonna 3; 4a; 5; 6a; 6b; 7a to 7e, 8a to 8e u 9a sa 9f tat-tabella:

Applikazzjoni:

L-applikant jista' jitlob li l-validità tal-awtorizzazzjoni tibda f'jum speċifiku. Madankollu din id-data għandha tieħu kont tal-iskadenzi speċifikati fl-Artikolu 22(2) u (3) tal-Kodiċi u d-data mitluba ma tistax tkun aktar kmieni mid-data ndikata fl-Artikolu 22(4) tal-Kodiċi.

Deċiżjoni:

Id-data li fiha l-awtorizzazzjoni tidħol fis-seħħ.

Kolonna 4b tat-tabella:

Applikazzjoni:

L-applikant jista' jitlob li l-validità tal-awtorizzazzjoni tibda f'jum speċifiku. Madankollu din id-data għandha tieħu kont tal-iskadenzi speċifikati fl-Artikolu 22(2) u (3) tal-Kodiċi u d-data mitluba ma tistax tkun aktar kmieni mid-data indikata fl-Artikolu 22(4) tal-Kodiċi.

Deċiżjoni:

Id-data tal-bidu tal-ewwel perjodu operazzjonali stabbilit mill-awtorità għall-finijiet tal-kalkolu tal-limitu ta' żmien differit għall-ħlas.

4/7. Data ta' skadenza tad-deċiżjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Id-data li fiha tintemm il-validità tal-awtorizzazzjoni jew tad-deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti.

▼B

4/8. Il-post fejn tinsab il-merkanzija

Kolonna 4c tat-tabella:

Daħħal l-isem u l-indirizz tal-post ikkonċernat, inkluż il-kodiċi postali, jekk applikabbli. F'każ li l-applikazzjoni tiġi ppreżentata permezz ta' teknika elettronika tal-ipproċessar tad-dejta, il-kodiċi rilevanti jista' jissostitwixxi l-indirizz, jekk jipprovdi identifikazzjoni mhux ambigwa tal-post ikkonċernat.

Kolonna 7e tat-tabella:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-identifikatur tal-post fejn isir l-ippeżar tal-banana.

Kolonni 7b sa 7d tat-tabella:

▼M3

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-identifikatur tal-post jew tal-postijiet fejn tista' tinsab il-merkanzija meta titqiegħed taħt proċedura doganali.

▼B

Kolonna 9a tat-tabella:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-identifikatur tal-post(ijiet) fejn il-merkanzija se tiġi riċevuta taħt il-proċedura TIR.

Kolonna 9b tat-tabella:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-identifikatur tal-post(ijiet) fejn il-merkanzija se titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Kolonna 9c tat-tabella:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal l-identifikatur tal-post(ijiet) fejn il-merkanzija se tiġi riċevuta taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

4/9. Il-post(ijiet) ta' ipproċessar jew ta' użu

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, indika l-indirizz tal-post(ijiet) ikkonċernat(i).

4/10. Uffiċċju(i) doganali tar-rilaxx

▼M3

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella użati:

Indika l-uffiċċju/i doganali suġġerit(i) ta' kollokament, kif definit fl-Artikolu 1(17).

▼B

4/11. Uffiċċju(i) doganali tar-rilaxx

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indika l-uffiċċju(i) doganali suġġerit(i).

4/12. Uffiċċju doganali tal-garanzija

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indika l-uffiċċju doganali konċernat.

4/13. Uffiċċju doganali ta' superviżjoni:

▼M3

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella użati:

Indika l-uffiċċju doganali sorveljanti kompetenti, kif definit fl-Artikolu 1(36).

▼B

4/14. Uffiċċju(i) doganali tad-destinazzjoni

Kolonni 9a u 9c tat-tabella:

Indika l-uffiċċju(i) doganali tad-destinazzjoni responsabbli għall-post fejn il-merkanzija tiġi riċevuta mid-destinatarju awtorizzat.

Kolonna 9f tat-tabella:

Indika l-uffiċċju(i) doganali tad-destinazzjoni kompetenti għall-ajruport(i)/port(i-jiet) tad-destinazzjoni.

4/15. Uffiċċju(i) doganali tat-tluq

Kolonna 9b tat-tabella:

Indika l-uffiċċju(i) doganali tat-tluq responsabbli għall-post fejn il-merkanzija se titqiegħed taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Kolonna 9f tat-tabella:

Indika l-uffiċċju(i) doganali tat-tluq kompetenti għall-ajruport(i)/port(ijiet) tat-tluq.

4/16. Limitu ta' żmien

Kolonna 6b tat-tabella:

Indika l-limitu ta' żmien f'minuti li fih l-uffiċċju doganali jista' jwettaq kontrolli qabel it-tluq tal-merkanzija.

Kolonna 7b tat-tabella:

Indika l-limitu ta' żmien f'minuti li fih l-uffiċċju doganali tal-preżentazzjoni għandu jinforma lill-uffiċċju doganali sorveljanti bl-intenzjoni tiegħu li jwettaq kontroll qabel il-merkanzija suppost tiġi rilaxxata.

Kolonna 7c tat-tabella:

Indika l-limitu ta' żmien f'minuti li fih l-uffiċċju doganali jista' jindika l-intenzjoni tiegħu li jwettaq kontroll qabel il-merkanzija suppost tiġi rilaxxata.

Kolonni 9a u 9c tat-tabella:

Indika l-limitu ta' żmien f'minuti li fih id-destinatarju awtorizzat għandu jirċievi l-awtorizzazzjoni għall-ħatt.

Kolonna 9b tat-tabella:

Indika l-limitu ta' żmien f'minuti disponibbli għall-uffiċċju doganali tat-tluq wara li l-kunsinnatur awtorizzat jippreżenta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu li fih din l-awtorità tista' twettaq kwalunkwe kontroll meħtieġ qabel ir-rilaxx u t-tluq tal-merkanzija.

4/17. Perjodu għar-rilaxx

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Daħħal il-perjodu stmat espress f'xhur meħtieġ biex jitwettqu l-operazzjonijiet jew biex jintuża fil-proċedura doganali speċjali mitluba.

Indika jekk l-estensjoni awtomatika tal-perjodu għar-rilaxx skont l-Artikolu 174(2) hijiex applikabbli.

Kolonna 8a tat-tabella:

Fl-awtorizzazzjoni l-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet tista' tispeċifika li l-perjodu ta' rilaxx jintemm fl-aħħar jum tax-xahar/trimestru/semestru sussegwenti wara x-xahar/trimestru/semestru li matulu jkun beda l-perjodu ta' rilaxx.

▼B

4/18. Dokument ta’ rilaxx

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indika, jekk l-użu tad-dokument ta’ rilaxx huwiex neċessarju.

Jekk iva, daħħal l-iskadenza kif previst fl-Artikolu 175 (1) li fiha d-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jipprovdi d-dokument ta’ rilaxx lill-uffiċċju doganali sorveljanti.

Jekk applikabbli, speċifika l-kontenut tad-dokument ta’ rilaxx, skont l-Artikolu 175(3)

Grupp 5 – Identifikazzjoni ta’ merkanzija

5/1. Kodiċi tal-prodott bażiku

Kolonna 1a tat-tabella:

Applikazzjoni:

Indika l-kodiċi tan-nomenklatura doganali li taħtha l-applikant jistenna li l-merkanzija tiġi klassifikata.

Deċiżjoni:

Il-kodiċi tan-nomenklatura doganali, li taħtha l-merkanzija għandha tiġi klassifikata fin-nomenklatura doganali.

Kolonna 1b tat-tabella:

Applikazzjoni:

L-intestatura/sottointestatura (kodiċi tan-nomenklatura doganali) li taħtha l-merkanzija tiġi klassifikata fejn għandu jingħata livell suffiċjenti ta’ dettall li jippermetti li tiġi identifikata r-regola għad-determinazzjoni tal-oriġini. Fejn l-applikant għall-BOI ikun id-detentur ta’ BTI għall-istess merkanzija, indika l-kodiċi bi 8-numri tan-Nomenklatura Magħquda.

Deċiżjoni:

L-intestatura/sottointestatura jew il-kodiċi bi 8-numri tan-Nomenklatura Magħquda kif indikat fl-applikazzjoni.

Kolonna 3 tat-tabella:

Daħħal il-kodiċi bi 8-numri tan-Nomenklatura Magħquda tal-merkanzija.

Kolonna 4c tat-tabella:

Daħħal il-kodiċi bi 8 ċifri tan-Nomenklatura Magħquda, il-kodiċi TARIC u, jekk applikabbli, il-kodiċi(jiet) addizzjonali TARIC u l-kodiċi(jiet) addizzjonali nazzjonali tal-merkanzija konċernata.

▼M3

Kolonni 7b sa 7d tat-tabella:

▼B

Daħħal tal-anqas l-ewwel 4 numri tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda tal-merkanzija konċernata.

Kolonni 8a u 8b tat-tabella:

Indika l-ewwel 4 numri tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda tal-merkanzija li se titqiegħed taħt il-proċedura tal-ipproċessar attiv jew passiv.

Il-kodiċi bi 8-numri tan-Nomenklatura Magħquda għandu jingħata meta:

se tintuża merkanzija ekwivalenti jew is-sistema ta’ skambju standard,

il-merkanzija tkun koperta mill-Anness 71-02,

▼B

il-merkanzija ma tkunx koperta mill-Anness 71-02 u jintuża l-kodiċi 22 kundizzjoni ekonomika (regola deminimis).

Kolonna 8c tat-tabella:

(1) Jekk l-applikazzjoni tittratta merkanzija li se titqiegħed taħt il-proċedura speċjali minbarra dawk taħt (2) hawn taħt, daħħal – fejn ikun xieraq – il-kodiċi bi 8-numri tan-Nomenklatura Magħquda (l-ewwel sottodiviżjoni), il-Kodiċi TARIC (it-tieni sottodiviżjoni) u, jekk applikabbli, il-kodiċi addizzjonali TARIC (it-tielet sottodiviżjoni).

(2) Jekk l-applikazzjoni tittratta merkanzija taħt id-dispożizzjonijiet speċjali (Parti A u B) li jinsabu fl-ewwel Parti, id-Dispożizzjonijiet Preliminari, is-Sezzjoni II tan-Nomenklatura Magħquda (prodotti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew tal-produzzjoni/inġenji tal-ajru ċivili u merkanzija għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili), m'hemmx bżonn jingħataw il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda.

Kolonna 8d tat-tabella:

Indika l-ewwel 4 numri tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda tal-merkanzija li għandha titqiegħed taħt il-proċedura ta' ammissjoni temporanja.

Kolonna 8e tat-tabella:

Indika l-ewwel 4 numri tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda tal-merkanzija li għandha titqiegħed taħt il-proċedura ta' ħażna doganali.

Jekk l-applikazzjoni tkun tkopri għadd ta' oġġetti minn merkanzija differenti, l-element tad-dejta jista' ma jimteliex. F'dan il-każ, iddeskrivi n-natura tal-merkanzija li se tiġi maħżuna fil-faċilità ta' ħżin konċernata f'E.D. 5/2. Deskrizzjoni tal-merkanzija

Fejn tintuża merkanzija ekwivalenti taħt il-proċedura tal-ħażna doganali, għandu jingħata l-kodiċi bi 8-numri tan-Nomenklatura Magħquda.

5/2. Deskrizzjoni tal-merkanzija

Kolonna 1a tat-tabella:

Applikazzjoni:

Deskrizzjoni dettaljata tal-merkanzija li tippermetti l-identifikazzjoni tagħha u d-determinazzjoni tal-klassifika tagħha fin-nomenklatura doganali. Din għandha tinkludi wkoll dettalji tal-kompożizzjoni tal-merkanzija u kwalunkwe metodu ta' eżami użat għad-determinazzjoni tagħha fejn il-klassifika tiddependi fuqha. Kwalunkwe dettall li l-applikant iqis li huwa kunfidenzjali għandu jiddaħħal f'E.D. II/3 Denominazzjoni kummerċjali u informazzjoni addizzjonali tat-Titolu II.

Deċiżjoni:

Deskrizzjoni tal-merkanzija f'biżżejjed dettall li tippermetti r-rikonoxximent tagħha mingħajr ebda dubju u li tippermetti li l-merkanzija deskritta fid-deċiżjoni BTI tiġi faċilment relatata mal-merkanzija ppreżentata għall-approvazzjoni doganali. M'għandu jkun fiha ebda dettall li fl-applikazzjoni BTI l-applikant ikun immarka bħala kunfidenzjali.

Kolonna 1b tat-tabella:

Applikazzjoni:

Deskrizzjoni dettaljata tal-merkanzija li tippermetti l-identifikazzjoni tagħha.

▼B

Deċiżjoni:

Deskrizzjoni tal-merkanzija f'biżżejjed dettall li tippermetti r-rikonoxximent tagħha mingħajr ebda dubju u li tippermetti li l-merkanzija deskritta fid-deċiżjoni BOI tiġi faċilment relatata mal-merkanzija ppreżentata.

Kolonna 3 tat-tabella:

Indika d-deskrizzjoni kummerċjali tal-merkanzija.

Kolonna 4c tat-tabella:

Indika d-deskrizzjoni kummerċjali tas-soltu tal-merkanzija jew id-deskrizzjoni tariffarja tagħha. Id-deskrizzjoni għandha tikkorrispondi ma' dik użata fid-dikjarazzjoni doganali msemmija f'E.D. VIII/1 Titolu għall-irkupru.

Iddikjara n-numru, it-tip, il-marki u n-numri ta' identifikazzjoni tal-pakketti. Fil-każ ta' merkanzija mhux ippakkjata, iddikjara l-għadd ta' merkanzija jew indika 'fi kwantità kbira'.

Kolonni 7a sa 7d u 8d tat-tabella:

Indika d-deskrizzjoni kummerċjali u/jew teknika tal-merkanzija. Id-deskrizzjoni kummerċjali u/jew teknika għandha tkun ċara u dettaljata biżżejjed biex tippermetti li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Kolonni 8a u 8b tat-tabella:

Indika d-deskrizzjoni kummerċjali u/jew teknika tal-merkanzija.

Id-deskrizzjoni kummerċjali u/jew teknika għandha tkun ċara u dettaljata biżżejjed biex tippermetti li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni. Fejn ikun ippjanat li tintuża merkanzija ekwivalenti jew is-sistema ta' skambju standard, agħti dettalji dwar il-kwalità kummerċjali u l-karatteristiċi tekniċi tal-merkanzija.

Kolonna 8c tat-tabella:

Indika d-deskrizzjoni kummerċjali u/jew teknika tal-merkanzija. Id-deskrizzjoni kummerċjali u/jew teknika għandha tkun ċara u dettaljata biżżejjed biex tippermetti li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Jekk l-applikazzjoni tittratta merkanzija taħt id-dispożizzjonijiet speċjali (Parti A u B) li jinsabu fl-ewwel Parti, id-Dispożizzjonijiet Preliminari, is-Sezzjoni II tan-Nomenklatura Magħquda (prodotti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għal pjattaformi għat-tħaffir jew tal-produzzjoni/inġenji tal-ajru ċivili u merkanzija għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili), l-applikant għandu jiddikjara per eżempju: "Inġenji tal-ajru ċivili u partijiet minnhom/dispożizzjonijiet speċjali, parti B tan-Nomenklatura Magħquda".

Kolonni 5 u 8e tat-tabella:

Indika tal-anqas jekk il-merkanzija hijiex merkanzija agrikola u/jew industrijali.

5/3. Kwantità ta' merkanzija

Kolonna 1a tat-tabella:

Dan l-element tad-dejta għandu jintuża biss f'każijiet fejn ikun ingħata perjodu ta' użu estiż, u li jindika l-kwantità tal-merkanzija li tista' tiġi kklerjata mid-dwana taħt il-kopertura ta' dak il-perjodu ta' użu estiż, u l-unitajiet tagħha. L-unitajiet għandhom jiġu espressi f'unitajiet supplimentari skont it-tifsira tan-Nomenklatura Magħquda (Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87).

▼B

Kolonna 4c tat-tabella:

Daħħal il-kwantità netta tal-merkanzija espressa f'unitajiet supplimentari skont it-tifsira tan-Nomenklatura Magħquda (Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87).

Kolonni 7b u 7d tat-tabella:

Daħħal il-kwantità stmata tal-merkanzija li se titqiegħed taħt proċedura doganali permezz tas-simplifikazzjoni pprovduta, fuq bażi mensili.

Kolonni 8a sa 8d tat-tabella:

Daħħal il-kwantità totali stmata tal-merkanzija intenzjonata li titqiegħed taħt proċedura speċjali matul il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni.

Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna merkanzija taħt id-dispożizzjonijiet speċjali (parti A u B) inklużi fl-ewwel Parti, id-Dispożizzjonijiet Preliminari, it-Taqsima II tan-Nomenklatura Magħquda (merkanzija għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u bastimenti oħra u għall-pjattaformi/inġenji tal-ajru għad-drilling jew produzzjoni u merkanzija għall-użu f'inġenji tal-ajru ċivili), mhux neċessarju li tagħti dettalji dwar il-kwantità tal-merkanzija.

5/4. Valur tal-merkanzija

Kolonna 4b tat-tabella:

Agħti informazzjoni dwar il-valur stmat ta' merkanzija maħsuba li se tkun koperta mill-awtorizzazzjoni.

▼M3

Kolonni 8a sa 8d tat-tabella:

▼B

Daħħal il-valur massimu stmat f'Euro tal-merkanzija maħsuba biex titqiegħed taħt il-proċedura speċjali. Il-valur jista' jiġi addizzjonalment indikat f'munita oħra minbarra l-Euro.

▼M3

_____

▼B

5/5. Rata ta' rendiment

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indika r-rata ta' rendiment stmata jew ir-rata medja ta' rendiment stmata, jew fejn xieraq, il-metodu għad-determinazzjoni ta' din ir-rata.

5/6. Merkanzija ekwivalenti

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Merkanzija ekwivalenti tikkonsisti f'merkanzija tal-Unjoni li tiġi maħżuna, użata jew ipproċessata minflok ma titqiegħed taħt proċedura speċjali minbarra ta' tranżitu.

Applikazzjoni:

Fejn ikun ippjanat li tintuża merkanzija ekwivalenti, iddikjara l-kodiċi bi 8-numri tan-Nomenklatura Magħquda, il-kwalità kummerċjali u l-karatteristiċi tekniċi tal-merkanzija ekwivalenti biex tippermetti lill-awtoritajiet doganali jagħmlu t-tqabbil meħtieġ bejn il-merkanzija ekwivalenti u l-merkanzija li tkun qed tissostitwixxi.

Il-kodiċi rilevanti previsti għal E.D. 5/8. Identifikazzjoni tal-merkanzija jista' jintuża biex jiġu suġġeriti miżuri ta' appoġġ, li jistgħu jkunu utli għal dan it-tqabbil.

▼B

Indika jekk il-merkanzija mhux tal-Unjoni hijiex se tkun soġġetta għal dazju antidumping, dazju kompensatorju, dazju ta' salvagwardja jew xi dazju addizzjonali b'riżultat ta' sospensjoni ta' konċessjonijiet, jekk dawn kienu ġew iddikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa.

Awtorizzazzjoni:

Speċifika l-miżuri biex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-merkanzija ekwivalenti huma ssodisfati.

Kolonna 8a tat-tabella:

Jekk il-merkanzija ekwivalenti tkun fi stadju aktar avvanzat ta' manifattura jew tkun f'kundizzjoni aħjar mill-merkanzija tal-Unjoni (fil-każ ta' tiswija), daħħal iddettalji rilevanti.

5/7. Prodotti pproċessati

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Daħħal id-dettalji tal-prodotti proċessati b'riżultat tal-operazzjonijiet, billi tindika l-prodott ipproċessat prinċipali u l-prodotti pproċessati sekondarji li huma prodotti sekondarji tal-operazzjoni ta' proċessar minbarra l-prodott ipproċessat prinċipali, kif ikun xieraq.

Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u Deskrizzjoni: in-noti marbuta ma' E.D. 5/1. Kodiċi tal-prodott bażiku u 5/2. Deskrizzjoni tal-merkanzija għandhom ikunu applikabbli.

5/8. Identifikazzjoni ta' merkanzija

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Daħħal il-miżuri ta' identifikazzjoni maħsuba billi tal-anqas tuża wieħed millkodiċijiet rilevanti.

Kolonni 8a; 8b u 8e tat-tabella:

Din l-informazzjoni m'għandhiex timtela fil-każ tal-proċedura tal-ħażna doganali, proċessar attiv jew proċessar passiv b'merkanzija ekwivalenti. Minflok għandu jintuża E.D. 5/6. Merkanzija ekwivalenti.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata fil-każ ta' proċessar passiv b'sistema ta' skambju standard. Minflok għandu jimtela E.D. XVIII/2 Prodotti sostituti fit-Titolu XVIII.

5/9. Kategoriji jew movimenti ta' merkanzija eskluži

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

▼M3

Speċifika l-movimenti, jew inkella – bl-użu tal-ewwel 6 ċifri tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda – l-oġġetti tal-merkanzija li huma eskluži mis-simplifikazzjoni.

▼B

Grupp 6 – Kundizzjonijiet u termini

6/1. Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indikazzjoni ta' kwalunkwe projbizzjoni u restrizzjoni fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni li huma applikabbli għall-merkanzija u/jew għall-proċedura konċernata fl-Istat(i) Membru(i) ta' preżentazzjoni.

Speċifika l-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għall-kontrolli jew għallformalitajiet li għandhom jitwettqu qabel ir-rilaxx tal-merkanzija.

▼B

6/2. Kundizzjonijiet ekonomiċi

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Il-proċedura tal-ipproċessar attiv jew passiv tista' tintuża biss meta l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni mhumiex se jkunu affettwati ħażin minn awtorizzazzjoni għal proċedura ta' proċessar (kundizzjonijiet ekonomiċi).

Fil-maġġoranza tal-każijiet m'hemmx bżonn isir eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi. Madankollu, f'ċerti każijiet dan l-eżami għandu jsir fil-livell tal-Unjoni.

Tal-anqas għandu jintuża wieħed mill-kodiċijiet rilevanti definiti għall-kundizzjonijiet ekonomiċi għal kull kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda li ġie indikat f'E.D. 5/1. Il-kodiċi tal-prodott bażiku. L-applikant jista' jipprovdi aktar dettalji, b'mod partikolari, fejn ikun meħtieġ li jsir eżami tal-kundizzjonijiet ekonomiċi.

6/3. Rimarki ġenerali

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Informazzjoni ġenerali dwar l-obbligi u/jew il-formalitajiet b'riżultat tal-awtorizzazzjoni.

Obbligi li jinħolqu permezz tal-awtorizzazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-obbligu li l-awtorità li tieħu d-deċiżjonijiet tiġi informata bi kwalunkwe bidla fil-fatti u l-kundizzjonijiet sottostanti kif previst fl-Artikolu 23 (2) tal-Kodiċi.

L-awtorità doganali li tieħu deċiżjonijiet tispeċifika d-dettalji relatati mad-dritt tal-appell b'konformità mal-Artikolu 44 tal-Kodiċi.

Kolonna 4c tat-tabella:

Indika d-dettalji ta' kwalunkwe rekwiżit li għalih il-merkanzija tibqa soġġetta sal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni.

Jekk applikabbli, id-deċiżjoni għandu jkun fiha avviż li jinforma lid-detentur tad-deċiżjoni li għandu jagħti l-oriġinal tad-deċiżjoni lill-uffiċċju doganali ta' implimentazzjoni tal-għażla tiegħu meta jippreżenta l-merkanzija.

Kolonni 7a u 7c tat-tabella:

L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika li l-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni supplimentari għandu jiġi rinunzjat fil-każijiet deskritti fl-Artikolu 167(2) tal-Kodiċi.

L-obbligu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni supplimentari jista' jiġi rinunzjat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 167(3) ikunu ssodisfati.

Kolonni 8a u 8b tat-tabella:

Awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' proċessar attiv EX/IM jew IM/EX jew ta' proċessar passiv EX/IM jew IM/EX li jinvolvu Stat Membru wieħed jew iktar u awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' pproċessar attiv IM/EX jew ipproċessar passiv IM/EX li jinvolvu Stat Membru wieħed jew iktar jinkludu l-obbligi previsti fl-Artikolu 176(1).

Awtorizzazzjonijiet għall-użu ta' proċessar attiv IM/EX li jinvolvu Stat Membru wieħed jinkludu l-obbligu previst fl-Artikolu 175(5).

Speċifika jekk il-prodotti proċessati jew il-merkanzija mqiegħda għall-proċedura tal-ipproċessar attiv IM/EX għandhomx jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera skont l-Artikolu 170(1).

▼B

Kolonni 9a u 9c tat-tabella:

Speċifika jekk hemmx il-ħtieġa ta' xi azzjoni qabel id-destinatarju awtorizzat jista' jiddisponi mill-merkanzija riċevuta.

Indika l-miżuri operattivi u ta' kontroll li magħhom id-destinatarju awtorizzat għandu jkun konformi. Jekk applikabbli, indika kwalunkwe kundizzjoni speċifika relatata mal-arranġamenti ta' tranżitu li jsiru barra mis-sigħat normali ta' xogħol tal-uffiċċju(i) doganali tad-destinazzjoni.

Kolonna 9b tat-tabella:

Speċifika li l-kunsinnatur awtorizzat għandu jippreżenta dikjarazzjoni tat-tranżitu fl-uffiċċju doganali tat-tluq qabel ir-rilaxx tal-merkanzija.

Indika l-miżuri operattivi u ta' kontroll li magħhom il-kunsinnatur awtorizzat għandu jkun konformi. Jekk applikabbli, indika kwalunkwe kundizzjoni speċifika relatata mal-arranġamenti ta' tranżitu li jsiru barra mis-sigħat normali ta' xogħol tal-uffiċċju(i) doganali tat-tluq.

Kolonna 9d tat-tabella:

Speċifika li l-prattiki relatati mas-sigurtà stabbiliti fl-Anness A tal-ISO 17712 japplikaw għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali:

Iddeskrivi d-dettalji ta' kontroll u ta' żamma xierqa ta' rekords li jikkonċernaw is-siġilli qabel l-applikazzjoni u l-użu tagħhom.

Iddeskrivi l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu, jekk tiġi osservata xi anomalija jew tbagħbis.

Speċifika t-trattament tas-siġilli wara l-użu.

L-utent ta' siġilli ta' tip speċjali m'għandux jerġa jordna, jerġa juża jew jiddupplika n-numri jew l-identifikaturi uniċi tas-siġill, sakemm ma jiġix awtorizzat mill-awtorità doganali.

Kolonna 9f tat-tabella:

Indika l-miżuri operattivi u ta' kontroll li magħhom id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun konformi.

Group 7 – Attivitajiet u proċeduri

7/1. Tip ta' tranżazzjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indika (iva/le) jekk l-applikazzjoni hijiex marbuta ma' transazzjoni ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni billi tispeċifika t-tranżazzjoni prevista li għaliha d-deċiżjoni BTI jew BOI hija maħsuba tintuża. Għandu jiġi speċifikat it-tip tal-proċedura speċjali.

7/2. Tip ta' proċeduri doganali

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

▼M3

Bl-użu tal-kodiċijiet tal-Unjoni rilevanti, indika jekk l-awtorizzazzjoni hix maħsuba li tintuża għall-proċeduri doganali jew għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħżin. Fejn applikabbli, daħħal in-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni, jekk dan ma jkunx jista' jinkiseb minn informazzjoni oħra fl-applikazzjoni. Jekk l-awtorizzazzjoni għadha ma ngħatatx, indika n-numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni.

▼B

7/3. Tip ta' dikjarazzjonijiet

All relevant table columns used:

Indika t-tip ta' dikjarazzjoni doganali (standard, simplifikata jew entrata fir-rekords tad-dikjarant) li l-applikant jixtieq juża. Għal dikjarazzjonijiet simplifikati, indika n-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni, jekk dan ma jkunx jista jinkiseb minn informazzjoni oħra fl-applikazzjoni. Fil-każ li l-awtorizzazzjoni għal dikjarazzjoni ssimplifikata tkun għadha ma ngħatatx, indika n-numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni kkonċernata. Għal entrata fir-rekords, indika n-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni jekk dan ma jkunx jista' jinkiseb minn informazzjoni oħra fl-applikazzjoni. Fil-każ li l-awtorizzazzjoni għal entrata fir-rekords tkun għadha ma ngħatatx, indika n-numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni kkonċernata.

7/4. Għadd ta' operazzjonijiet (kunsinni)

Kolonna 4a tat-tabella:

Fejn il-garanzija komprensiva tkun se tintuża biex tkopri dejn doganali eżistenti jew biex il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura speċjali, indika l-għadd ta' kunsinni relatati mal-perjodu riċenti ta' 12-il xahar.

Kolonni 6b; 7a, 7c u 7d tat-tabella:

Daħħal stima ta' kemm-il darba fix-xahar l-applikant se juża s-simplifikazzjoni.

Kolonna 7b tat-tabella:

Daħħal stima ta' kemm-il darba fix-xahar u għal kull Stat Membru ta' preżentazzjoni l-applikant se juża s-simplifikazzjoni.

Kolonna 9a tat-tabella:

Ipprovdi stima ta' kemm-il darba fix-xahar l-applikant se jirċievi merkanzija taħt l-operazzjoni TIR.

Kolonna 9b tat-tabella:

Ipprovdi stima ta' kemm-il darba fix-xahar l-applikant se jibgħat merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Kolonna 9c tat-tabella:

Ipprovdi stima ta' kemm-il darba fix-xahar l-applikant se jirċievi merkanzija taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Kolonni 9d sa 9f tat-tabella:

Ipprovdi stima ta' kemm-il darba fix-xahar l-applikant se juża l-arranġamenti ta' tranżitu tal-Unjoni.

7/5. Dettalji tal-attivitajiet ippjanati

Kolonni tat-tabella 8a; 8b; 8c; 8e u 8f:

Iddeskrivi n-natura tal-attivitajiet ippjanati jew tal-użu (eż. dettalji tal-operazzjonijiet taħt kuntratt ta' proċessar tax-xogħol jew it-tip ta' forom abitwali ta' immaniġġjar taħt proċessar attiv) li se jsiru fuq il-merkanzija fil-qafas tal-proċedura speċjali.

Jekk l-applikant ikun jixtieq iwettaq l-ipproċessar tal-merkanzija taħt proċedura tal-ipproċessar attiv jew ta' użu aħħari f'maħżen doganali, skont l-Artikolu 241 tal-Kodiċi, għandu jipprovdi d-dettalji rilevanti.

▼B

Fejn xieraq, indika l-isem, l-indirizz u l-funzjoni ta' persuni oħra involuti.

Forom abitwali ta' immaniġġjar jippermettu li merkanzija li titqiegħed taħt il-proċedura tal-ħażna doganali jew taħt proċedura ta' proċessar tiġi ppreservata, tiġi mtejba l-apparenza jew il-kwalità kummerċjabbli tagħha jew tiġi mħejjija għal distribuzzjoni jew bejgħ. Meta jkun maħsub li jitwettqu forom abitwali ta' mmaniġġjar taħt proċessar attiv jew passiv għandha ssir referenza għall-punt(i) rilevanti tal-Anness 71-03.

Kolonna 7b tat-tabella:

Agħti ħarsa ġenerali lejn it-tranżazzjonijiet/operazzjonijiet tan-negozju u l-moviment tal-merkanzija taħt ikklerjar ċentralizzat.

Kolonna 8d tat-tabella:

Iddeskrivi n-natura tal-pjan użat għall-merkanzija sabiex titqiegħed taħt proċedura ta' ammissjoni temporanja.

Indika l-Artikolu rilevanti li għandu japplika sabiex tibbenfika minn ħelsien totali mid-dazju tal-importazzjoni.

Meta l-benefiċċju mill-ħelsien totali mid-dazju tal-importazzjoni jiġi applikat b'konformità mal-Artikoli 229 jew 230, agħti d-deskrizzjoni u l-kwantitajiet tal-merkanzija li għandha tiġi prodotta.

Grupp 8 - Oħrajn

8/1. Tip ta' kontijiet prinċipali

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Speċifika t-tip ta' kontijiet prinċipali billi tagħti dettalji dwar is-sistema maħsuba biex tintuża, inkluż is-softwer.

8/2. Tip ta' rekords

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Speċifika t-tip ta' rekords billi tagħti dettalji dwar is-sistema maħsuba biex tintuża, inkluż is-software.

Ir-rekords għandhom jagħtu lok biex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jissuperviżjonaw il-proċedura konċernata, b'mod partikulari fejn tidħol l-identifikazzjoni tal-merkanzija li jgħaddu minn dik il-proċedura, l-istatus doganali tagħhom u ċ-ċaqliq tagħhom.

8/3. Aċċess għad-dejta

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Speċifika l-mezzi kif id-dettalji tad-dikjarazzjoni doganali jew tat-tranżitu huma disponibbli għall-awtoritajiet doganali.

8/4. Kampjuni eċċ.

Kolonna 1a tat-tabella:

Indika (iva/le) jekk hemmx xi kampjuni, ritratti, pjanti, katalogi jew dokumenti oħra disponibbli mehmuża bħala annessi li jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet doganali jiddeterminaw il-klassifikazzjoni korretta tal-merkanzija fin-nomenklatura doganali.

Jekk ikun hemm kampjun, għandu jiġi indikat jekk dan għandux jiġi ritornat jew le.

▼B

Kolonna 1b tat-tabella:

Indika kwalunkwe kampjun, ritratt, pjanta, katalogu jew dokument ieħor disponibbli dwar il-kompożizzjoni tal-merkanzija u tal-materjali komponenti tagħha u li jistgħu jgħinu fid-deskrizzjoni tal-proċess ta' manifattura jew tal-ipproċessar li minnu l-materjali jkunu għaddew.

8/5. Informazzjoni addizzjonali

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Daħħal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, jekk titqies utli.

8/6. Garanzija

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella użati:

Indika jekk hemmx bżonn ta' garanzija għall-awtorizzazzjoni konċernata. Jekk iva, daħħal in-Numru ta' Referenza tal-Garanzija tal-garanzija provduta fir-rigward tal-awtorizzazzjoni konċernata.

8/7. Ammont tal-garanzija

Il-kolonni rilevanti kollha tat-tabella użati:

Introduċi l-ammont tal-garanzija individwali jew, fil-każ ta' garanzija komprensiva, l-ammont ekwivalenti għall-parti tal-ammont ta' referenza allokat għall-awtorizzazzjoni speċifika għal ħżin temporanju jew proċedura speċjali.

8/8. Transferiment tad-drittijiet u l-obbligi

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Applikazzjoni:

Meta tiġi applikata awtorizzazzjoni għat-trasferiment ta' drittijiet u obbligi bejn detenturi tal-proċedura skont l-Artikolu 218 tal-Kodiċi, agħti informazzjoni dwar iċ-ċessjonarju u l-formalitajiet tat-trasferiment suġġeriti. Din it-talba tista' wkoll tiġi preżentata lill-awtorità doganali kompetenti fi stadju aktar tard, ladarba l-applikazzjoni tkun ġiet aċċettata u tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni għal proċedura speċjali.

Awtorizzazzjoni:

Speċifika l-kundizzjonijiet li taħthom jista' jsir it-trasferiment tad-drittijiet u tal-obbligi. Jekk it-talba għat-trasferiment tad-drittijiet u tal-obbligi tiġi rifjutata, speċifika r-raġunijiet għar-rifjut.

8/9. Kliem ewlieni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indikazzjoni tal-kliem ewlieni rilevanti, li permezz tiegħu l-awtoritajiet doganali fl-Istat Membru emittenti jkunu indiċjaw id-deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti. Dan l-indiċjar (billi jiżdied kliem ewlieni) jiffaċilita l-identifikazzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti marbuta ma' informazzjoni vinkolanti maħruġa minn awtoritajiet doganali fi Stati Membri oħra.

8/10. Dettalji dwar il-faċilitajiet ta' ħżin

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Agħti informazzjoni dwar il-post jew dwar kwalunkwe lokazzjoni oħra għal ħażna temporanja jew għall-proċedura tal-ħażna doganali li hija maħsuba biex tintuża bħala faċilità ta' ħżin.

Din l-informazzjoni tista' tinkludi dettalji dwar il-karatteristiċi fiżiċi tal-faċilitajiet, it-tagħmir użat għall-attivitajiet ta' ħżin u, fil-każ ta' faċilitajiet ta' ħżin li jkunu mgħammra apposta, informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi verifikata l-konformità mal-Artikoli 117(b) u 202 rispettivament.

▼B

8/11. Ħżin tal- merkanzija tal-Unjoni

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indika (‘iva/le’) jekk huwiex ippjanat li l-merkanzija tal-Unjoni tiġi maħżuna f’maħżen doganali jew f’faċilità ta’ ħażna temporanja.

Talba għall-ħżin tal-merkanzija tal-Unjoni tista’ wkoll tiġi ppreżentata lill-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet fi stadju aktar tard ladarba l-applikazzjoni tkun ġiet aċċettata u tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni għall-operat ta’ faċilitajiet ta’ ħżin.

Kolonna 8e tat-tabella:

Awtorizzazzjoni:

Jekk ikun hemm l-intenzjoni li l-merkanzija tal-Unjoni tiġi maħżuna f’faċilità ta’ ħżin għall-proċedura tal-ħażna doganali, u jkunu japplikaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 177, speċifika r-regoli għas-segregazzjoni tal-kontabbiltà.

8/12. Kunsens għall-pubblikazzjoni fil-lista ta’ detenturi awtorizzati

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Indika (iva/le) jekk l-applikant jaqbilx li fil-lista pubblika ta’ detenturi ta’ awtorizzazzjoni jiżvela d-dettalji segwenti tal-awtorizzazzjoni li huwa/hija jkun/tkun qed j/tapplika għaliha:

Detentur tal-awtorizzazzjoni

Tip ta’ awtorizzazzjoni:

Data tad-dħul fis-seħħ jew, jekk applikabbli, il-perjodu ta’ validità

Stat Membru tal-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet

Uffiċċju doganali kompetenti/ta’ superviżjoni

8/13. Kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi

Il-kolonni kollha rilevanti tat-tabella użati:

Applikazzjoni:

Indika (‘iva/le’) jekk l-applikant jixtieqx jikkalkula d-dazju tal-importazzjoni skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi.

Jekk it-tweġiba tkun ‘le’, għandu jiġi applikat l-Artikolu 85 tal-Kodiċi, li jfisser, li l-kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jsir abbażi tal-klassifikazzjoni tariffarja, il-valur doganali, il-kwantità, in-natura u l-oriġini tal-merkanzija meta jkun ġie sostnut id-dejn doganali fir-rigward tagħhom.

Deċiżjonijiet:

Fil-każ li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkun jixtieq jikkalkula d-dazju tal-importazzjoni skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi, l-awtorizzazzjoni għall-ipproċessar attiv għandha tipprevedi li l-prodotti proċessati rilevanti ma jistgħux jiġu importati direttament jew indirettament mid-detentur tal-awtorizzazzjoni u jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fi żmien perjodu ta’ sena wara r-riesportazzjoni tagħhom. Madankollu, jekk l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jiġi determinat skont l-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi, il-prodotti proċessati jistgħu jiġu importati direttament jew indirettament mid-detentur tal-awtorizzazzjoni u jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera fi żmien perjodu ta’ sena wara r-riesportazzjoni tagħhom.

▼B

TITOLU I II

Applikazzjoni u deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għad-deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem id-E.D.	Status
II/1.	Ħruġ mill-ġdid ta' deċiżjoni BTI	A [*]
II/2.	Nomenklatura doganali	A [*]
II/3.	Denominazzjoni kummerċjali u informazzjoni addizzjonali	C [*] A [+]
II/4.	Ġustifikazzjoni għall-klassifikazzjoni talmerkanzija	A [+]
II/5.	Materjal ipprovdut mill-applikant li abbażi tiegħu tkun inħarġet id-deċiżjoni BTI	A [+]
II/6.	Stampi:	B
II/7.	Dejta tal-applikazzjoni	A [+]
II/8.	Dejta tal-għeluq tal-użu estiż	A [+]
II/9.	Raġuni għal invalidazzjoni	A [+]
II/10.	Numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni	A [+]

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondu mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għad-deċiżjoni marbuta ma' Informazzjoni Vinkolanti dwar it-Tariffi

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

II/1. Ħruġ mill-ġdid ta' deċiżjoni BTI

Indika (iva/le), jekk l-applikazzjoni tikkonċernax il-ħruġ mill-ġdid ta' deċiżjoni BTI. Jekk iva, ipprovdi d-dettalji rilevanti.

II/2. Nomenklatura doganali

Indika f'liema nomenklatura l-merkanzija għandha tiġi klassifikata, billi ddaħħal "x" f'kaxxa waħda biss.

In-nomenklaturi elenkati huma dawn li ġejjin:

— in-Nomenklatura Magħquda (NM), li tiddetermina l-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fl-Unjoni f'livell ta' 8-numri;

— TARIC, li jikkonsisti mid-disa' u mill-għaxar numri addizzjonali li jirriflettu miżuri tariffarji u mhux tariffarji fl-Unjoni, bħal sospensjonijiet tariffarji, kwoti tariffarji, dazji antidumping, eċċ., u jista' jikkonsisti wkoll minn kodiċi addizzjonali TARIC u kodiċi addizzjonali nazzjonali mill-11-il numru 'l quddiem;

▼B

— in-nomenklatura ta’ rifużjoni, li tirreferi għan-nomenklatura għal prodotti agrikoli għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni.

Jekk in-nomenklatura ma tkunx waħda minn dawk elenkati, speċifika n-nomenklatura konċernata.

II/3. Denominazzjoni kummerċjali u informazzjoni addizzjonali

Applikazzjoni:

Indika kwalunkwe dettall li l-applikant jixtieq li jiġi trattat bħala kunfidenzjali, inkluż il-marka kummerċjali u n-numru tal-mudell tal-merkanzija.

F’ċerti każijiet, inklużi dawk fejn jiġu provduti kampjuni, l-amministrazzjoni konċernata tista’ tieħu ritratti (eż. tal-kampjuni provduti) jew titlob laboratorju għal analiżi. L-applikant għandu jiddikjara b’mod ċar, jekk dawn ir-ritratti, ir-riżultati tal-analiżi eċċ. kollha kemm huma jew parzjalment għandhomx jiġu trattati bħala kunfidenzjali. Kull informazzjoni bħal din, li ma tkunx intiża bħala kunfidenzjali, se tiġi ppubblikata fuq id-database pubblika EBTI u se tkun aċċessibbli fuq l-Internet.

Deċiżjoni:

Dan l-ispazju għad-dejta għandu jkun fih id-dettalji kollha li l-applikant ikun immarka bħala kunfidenzjali fl-applikazzjoni BTI kif ukoll kwalunkwe informazzjoni miżjuda mill-awtoritajiet doganali fl-Istat Membru emittenti li dawn l-awtoritajiet iqisu bħala kunfidenzjali.

II/4. Ġustifikazzjoni għall-klassifikazzjoni tal-merkanzija

Indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-atti jew tal-miżuri li abbażi tagħhom il-merkanzija tkun ġiet ikklassifikata fin-nomenklatura doganali indikata taħt l-element tad-dejta 5/1 Kodiċi tal-prodott bażiku fit-Titolu I.

II/5. Materjal ipprovdut mill-applikant li abbażi tiegħu tkun inħarġet id-deċiżjoni BTI

Indikazzjoni, dwar jekk id-deċiżjoni BTI tkunx inħarġet abbażi ta’ deskrizzjoni, fuljetti, ritratti, kampjuni jew dokumenti oħra provduti mill-applikant.

II/6. Stampi:

Fejn ikun xieraq, kwalunkwe stampa relatata mal-merkanzija li qed tiġi klassifikata.

II/7. Data tal-applikazzjoni

Data li fiha l-awtorità doganali kompetenti msemmija fit-3 sottoparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi tkun irċeviet l-applikazzjoni.

II/8. Data tal-għeluq tal-użu estiż

F’każijiet biss fejn ikun ingħata perjodu ta’ użu estiż, indika d-data tal-għeluq tal-perjodu ta’ żmien li matulu d-deċiżjoni BTI tista’ tibqa tintuża.

II/9. Raġuni għal invalidazzjoni

F’każijiet biss fejn id-deċiżjoni BTI tiġi invalidata qabel it-tmiem normali tal-validità tagħha, indika r-raġuni għall-invalidazzjoni billi ddaħħal il-kodiċi rilevanti.

II/10. Numru ta’ reġistrazzjoni tal-applikazzjoni

Referenza unika tal-applikazzjoni aċċettata, assenjata mill-awtorità doganali kompetenti.

▼B

TITOLU I III

Applikazzjoni u deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti dwar l-oriġini

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għad-deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti dwar l-oriġini

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Numru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
III/1.	Bażi legali	A [*]
III/2.	Kompożizzjoni tal-merkanzija	A
III/3.	Informazzjoni li tippermetti d-determinazzjoni tal-oriġini	A [*]
III/4.	Indika liema informazzjoni għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali	A
III/5.	Pajjiż ta' oriġini u l-qafas legali	A [+]
III/6.	Ġustifikazzjoni għall-istima tal-oriġini	A [+]
III/7.	Prezz mill-fabbrika	A
III/8.	Materjal użat, pajjiż ta' oriġini, kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u valur	A [+]
III/9.	Deskrizzjoni tal-ipproċessar meħtieġ sabiex tinkiseb l-oriġini	A [+]
III/10.	Lingwa	A [+]

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall- applikazzjoni u għad-deċiżjoni marbuta ma' informazzjoni vinkolanti dwar l-oriġini

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

III/1. Bażi ġuridiku

Indika l-bażi legali applikabbli, għall-finijiet tal-Artikoli 59 u 64 tal-Kodiċi.

III/2. Kompożizzjoni tal-merkanzija

Indika l-kompożizzjoni tal-merkanzija u kwalunkwe metodu ta' eżami użat biex din tiġi determinata u l-prezz tagħha mill-fabbrika, kif ikun meħtieġ.

III/3. Informazzjoni li tippermetti d-determinazzjoni tal-oriġini

Aġħti informazzjoni li tippermetti d-determinazzjoni tal-oriġini, il-materjal użat u l-oriġini tiegħu, il-klassifikazzjoni tariffarja, il-valuri korrispondenti u deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi (regoli dwar tibdil fl-intestatura tariffarja, il-valur miżjud,

▼B

deskrizzjoni tal-operazzjoni jew tal-proċess, jew kwalunkwe regola speċifika oħra) li tippermetti li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet relatati mad-determinazzjoni tal-oriġini. B'mod partikolari, tissemma' r-regola eżatta tal-oriġini applikata u l-oriġini prevista għall-merkanzija.

III/4. Indika liema dejta għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali

Applikazzjoni:

L-applikant jista' jindika kwalunkwe dettall li għandu jiġi trattat bħala kunfidenzjali.

Ladarba tinħareġ id-deċiżjoni, kwalunkwe informazzjoni fl-applikazzjoni li ma tkunx ġiet indikata bħala kunfidenzjali, tista' ssir aċċessibbli fuq l-Internet.

Deċiżjoni:

Id-dettalji li l-applikant ikun indika bħala kunfidenzjali fl-applikazzjoni BOI, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni miżjuda mill-awtoritajiet doganali fl-Istat Membru emittenti li dawn l-awtoritajiet iqisu bħala kunfidenzjali għandha tiġi mmarkata bħala tali fid-deċiżjoni.

Kwalunkwe informazzjoni, li ma tiġix indikata bħala kunfidenzjali fid-deċiżjoni, tista' ssir aċċessibbli fuq l-Internet.

III/5. Pajjiż ta' oriġini u l-qafas legali

Il-pajjiż tal-oriġini kif determinat mill-awtorità doganali għall-merkanzija li għaliha tkun inħarġet id-deċiżjoni u indikazzjoni tal-qafas legali (mhux preferenzjali/preferenzjali; referenza għall-ftehim, konvenzjoni, deċiżjoni, regolament; oħrajn).

F'każ li l-oriġini preferenzjali ma tkunx tista' tiġi determinata għall-merkanzija konċernata, fid-deċiżjoni BOI għandu jissemma t-terminu "mhux ta' oriġini" u indikazzjoni tal-qafas legali.

III/6. Ġustifikazzjoni għall-istima tal-oriġini

Ġustifikazzjoni għall-istima tal-oriġini mill-awtorità doganali (merkanzija miksuba għalkollox, l-aħħar trasformazzjoni sostanzjali, xogħol jew ipproċessar biżżejjed, akkumulazzjoni ta' oriġini, oħrajn).

III/7. Prezz mill-fabbrika

Jekk ikun meħtieġ għad-determinazzjoni tal-oriġini, huwa element tad-dejta obbligatorju.

III/8. Materjal użat, pajjiż ta' oriġini, kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda u valur

Jekk ikun meħtieġ għad-determinazzjoni tal-oriġini, huwa element tad-dejta obbligatorju.

III/9. Deskrizzjoni tal-ipproċessar meħtieġ sabiex tinkiseb l-oriġini

Jekk ikun meħtieġ għad-determinazzjoni tal-oriġini, huwa element tad-dejta obbligatorju.

III/10. Lingwa

Indikazzjoni tal-lingwa li fiha tinħareġ il-BOI.

▼B

TITOLU I IV

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
IV/1.	Status legali tal-applikant	A [*]
IV/2.	Data ta' stabbiliment	A [*]
IV/3.	Rwol(i) tal-applikant fil-katina internazzjonali tal-provvista	A [*]
IV/4.	L-Istati Membri fejn jitwettqu l-attivitajiet relatati mad-dwana:	A [*]
IV/5.	Informazzjoni dwar il-qsim tal-fruntieri:	A [*]
IV/6.	►M3 Simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet li diġà ngħataw, ċertifikati ta' sigurtà u ta' sikurezza maħruġa abbażi ta' konvenzjonijiet internazzjonali, ta' Standard Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, jew ta' Standard Ewropew ta' korp Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jew ċertifikati li jagħtu status ekwivalenti għal dak ta' AEO maħruġa f'pajjiżi terzi u rikonoxxuta fi ftehim. ◄	A [*]
IV/7.	Kunsens għall-iskambju tal-informazzjoni fl-awtorizzazzjoni AEO sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistemi stabbiliti fi ftehimiet/arranġamenti internazzjonali ma' pajjiżi terzi marbuta mar-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat u ma' miżuri relatati mas-sigurtà.	A [*]
IV/8.	Stabbiliment ta' Negozju Permanenti (PBE)	A
IV/9.	Uffiċċju(i) fejn id-dokumentazzjoni doganali hija miżmuma u aċċessibbli	A [*]
IV/10.	Post fejn isiru l-attivitajiet loġistiċi ġenerali ta' ġestjoni	A [*]
IV/11.	Attivitajiet kummerċjali	A [*]

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

▼B

Rekwiżiti tad-dejta

IV/1. Status ġuridiku tal-aplikant

L-istatus legali kif imsemmi fid-dokument ta' stabbiliment.

IV/2. Dejta ta' stabbiliment

B'numri – il-jum, ix-xahar u s-sena ta' stabbiliment.

IV/3. Rwol(i) tal-applikant fil-katina internazzjonali tal-provvista

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, indika r-rwol tal-applikant fil-katina tal-provvista.

IV/4. L-Istati Membri fejn jitwettqu l-attivitajiet relatati mad-dwana:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-pajjiż. Fil-każ li l-applikant ikun jopera faċilità ta' ħżin jew ikollu postijiet oħra fi Stat Membru ieħor, daħħal l-indirizz(i) u t-tip(i) ta' faċilità(jiet) ukoll.

IV/5. Informazzjoni dwar il-qsim tal-fruntieri:

Daħal in-numru(i) ta' referenza tal-uffiċċju(i) doganali użat(i) b'mod regolari għall-qsim tal-fruntieri. Fil-każ li l-applikant ikun rappreżentant doganali, ipprovdi n-numru(i) ta' referenza tal-uffiċċju(i) doganali użat(i) b'mod regolari minn dan ir-rappreżentant doganali għall-qsim tal-fruntieri.

▼M3

IV/6. Simplifikazzjonijiet u faċilitazzjonijiet li diġà ngħataw, ċertifikati ta' sigurtà u ta' sikurezza maħruġa abbażi ta' konvenzjonijiet internazzjonali, ta' Standard Internazzjonali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, jew ta' Standard Ewropew ta' korp Ewropew għall-Istandardizzazzjoni jew ċertifikati li jagħtu status ekwivalenti għal dak ta' AEO maħruġa f'pajjiżi terzi u rikonoxxuta fi ftehim

▼B

F'każ ta' simplifikazzjonijiet li ngħataw diġà, indika t-tip ta' simplifikazzjoni, il-proċedura doganali rilevanti, u n-numru ta' awtorizzazzjoni. F'każ ta' faċilitazzjonijiet li diġà ngħataw, indika t-tip ta' faċilitazzjoni u n-numru taċ-ċertifikat. Fil-każ ta' approvazzjonijiet bħala aġent regolat jew bħala kunsinnatur magħruf, indika l-approvazzjoni mogħtija: aġent regolat jew kunsinnatur magħruf u indika n-numru tal-approvazzjoni. Fil-każ li l-applikant ikun id-detentur ta' ċertifikat ekwivalenti għal AEO maħruġ f'pajjiż terz, indika n-numru ta' dak iċ-ċertifikat u l-pajjiż emittenti.

IV/7. Kunsens għall-iskambju tal-informazzjoni fl-awtorizzazzjoni AEO sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistemi stabbiliti fi ftehimiet/arranġamenti internazzjonali ma' pajjiżi terzi marbuta mar-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat u ma' miżuri relatati mas-sigurtà

Indika (iva/le) jekk l-applikant huwiex lest li jaqbel li jiskambja l-informazzjoni fl-awtorizzazzjoni AEO sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistemi stabbiliti fi ftehimiet/arranġamenti internazzjonali ma' pajjiżi terzi marbuta mar-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat u ma' miżuri relatati mas-sigurtà.

Jekk it-tweġiba tkun iva, l-applikant għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dwar l-isem u l-indirizz transliterat tal-kumpanija.

IV/8. Stabbiliment ta' Negozju Permanenti (PBE)

Fil-każ li l-applikazzjoni tiġi preżentata skont l-Artikolu 26 (2), għandhom jingħataw l-ismijiet sħaħ u n-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-PBE(s).

▼B

IV/9. Uffiċċju(i) fejn id-dokumentazzjoni doganali hija miżmuma u aċċessibbli

Daħħal l-indirizz sħiħ tal-uffiċċju(i) rilevanti. Fil-każ li jkun hemm uffiċċju ieħor responsabbli biex jipprovdi d-dokumentazzjoni kollha relatata mad-dwana li jkun differenti minn dak fejn din tinżamm, daħħal l-indirizz sħiħ tiegħu ukoll.

IV/10. Post fejn isiru l-attivitajiet loġistiċi ġenerali ta' ġestjoni

Dan l-element tad-dejta għandu jintuża biss, fejn l-awtorità doganali kompetenti ma tkunx tista' tiġi determinata skont it-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 22(1) tal-Kodiċi. F'każijiet bħal dawn, daħħal l-indirizz sħiħ tal-post rilevanti.

IV/11. Attivitajiet kummerċjali

Daħħal informazzjoni dwar l-attività kummerċjali tal-applikant.

TITOLU I V

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għas-simplifikazzjoni tad-determinazzjoni tal-ammonti li huma parti mill-valur doganali tal-merkanzija

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għas-simplifikazzjoni tad-determinazzjoni tal-ammonti li huma parti mill-valur doganali tal-merkanzija

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-Ordni tal-E.D	Isem tal-E.D.	Status
V/1.	Suġġett u natura tas-simplifikazzjoni	A

L-istatus indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall- applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għas-simplifikazzjoni tad-determinazzjoni tal- ammonti li huma parti mill-valur doganali tal-merkanzija

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

V/1. Is-suġġett u n-natura tas-simplifikazzjoni

▼M3

Indika fuq liema elementi li għandhom jiżdiedu jew jiġu mnaqqsa mill-prezz skont l-Artikoli 71 u 72 tal-Kodiċi jew fuq liema elementi li jiffurmaw parti mill-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas skont l-Artikolu 70(2) tal-Kodiċi, tapplika s-simplifikazzjoni (eż. Assists, Royalties, spejjeż tat-trasport eċċ.) segwit minn referenza għall-metodu ta' kalkolu użat għad-determinazzjoni tal-ammonti rispettivi.

▼B

TITOLU I VI

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-għoti ta' garanzija komprensiva, inkluż tnaqqis jew rinunzja possibbli

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-għoti ta' garanzija komprensiva, inkluż tnaqqis jew rinunzja possibbli

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-Ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
VI/1.	Ammont ta' dazju u spejjeż oħra	A [*]
VI/2.	Perjodu medju bejn it-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura u t-twettiq tal-proċedura	A [*]
VI/3.	Livell ta' garanzija	A
VI/4.	Forma tal-garanzija	C [*]
VI/5.	Ammont ta' referenza	A
VI/6.	Limitu ta' żmien għall-ħlas	A

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall- applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-għoti ta' garanzija komprensiva, inkluż tnaqqis jew rinunzja possibbli

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

VI/1. Ammont ta' dazju u spejjeż oħra

Indika l-ogħla ammont ta' dazju u spejjeż oħra applikabbli fuq kwalunkwe kunsinna unika, relatati mal-perjodu riċenti ta' 12-il xahar. Jekk din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli, indika l-ogħla ammont probabbli ta' dazju u spejjeż oħra applikabbli fuq kwalunkwe kunsinna unika fil-perjodu ta' 12-il xahar li jmiss.

VI/2. Perjodu medju bejn it-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura u t-twettiq tal-proċedura

▼M3

Indika l-perjodu medju, ikkalkolat abbażi tal-perjodu riċenti ta' 12-il xahar, bejn it-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura doganali u t-twettiq tal-proċedura, jew inkella, fejn applikabbli, bejn it-tqegħid tal-merkanzija fi ħżin temporanju u t-tmiem tal-ħżin temporanju. Din l-informazzjoni tingħata biss fejn il-garanzija komprensiva tkun se tintuża biex il-merkanzija titqiegħed taħt proċedura speċjali jew għall-operat ta' faċilità ta' ħżin temporanju.

▼B

VI/3. Livell ta' garanzija

Indika jekk il-livell tal-garanzija li għandha tkopri d-dejn doganali eżistenti u, fejn applikabbli, imposti oħra huwiex ta' 100 % jew ta' 30 % tal-parti rilevanti tal-ammont ta' referenza u/jew jekk il-livell tal-garanzija li għandha tkopri d-dejn doganali potenzjali u, fejn applikabbli, imposti oħra huwiex ta' 100 %, 50 %, 30 % jew ta' 0 % tal-parti rilevanti tal-ammont ta' referenza.

L-awtorità doganali ta' awtorizzazzjoni tista' tipprovdi kummenti, jekk applikabbli.

▼B

VI/4. Forma tal-garanzija

Indika l-forma li l-garanzija se tieħu.

Fil-każ li l-garanzija tingħata fil-forma ta' impriża, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tar-rappreżentanti tal-garanti.

Fejn il-garanzija tkun valida f'aktar minn Stat Membru wieħed, indika l-isem u l-indirizz sħiħ tar-rappreżentanti tal-garanti fl-Istat Membru l-ieħor.

VI/5. Ammont ta' referenza

Applikazzjoni:

Agħti informazzjoni dwar l-ammont ta' referenza li jkopri l-operazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet jew il-proċeduri kollha tal-applikant, skont l-Artikolu 89(5) tal-Kodiċi.

Awtorizzazzjoni:

Daħħal l-ammont ta' referenza li jkopri l-operazzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet jew proċeduri kollha tad-detentur tal-awtorizzazzjoni, skont l-Artikolu 89(5) tal-Kodiċi.

Jekk l-ammont ta' referenza stabbilit mill-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet huwa differenti minn dak indikat fl-applikazzjoni, iġġustifika r-raġunijiet għad-differenza.

VI/6. Limitu ta' żmien għall-ħlas

Fejn il-garanzija komprensiva tingħata biex tkopri d-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni pagabbli f'każ ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni libera jew għal użu aħħari, indika, jekk il-garanzija hijiex se tkopri:

Perjodu normali qabel il-ħlas jiġifieri massimu ta' għaxart ijiem wara n-notifika lid-debitur tad-dejn doganali b'konformità mal-Artikolu 108 tal-Kodiċi

Pagament differit

TITOLU I VII

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għal differiment tal-pagament tad-dazju pagabbli, sakemm il-permess ma jingħatax fir-rigward ta' operazzjoni unika

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għal differiment tal-pagament tad-dazju pagabbli, sakemm il-permess ma jingħatax fir-rigward ta' operazzjoni unika

Tabella tar-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
VII/1.	Tip ta' differiment ta' pagament	A

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, il-Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta dwar differiment tal-pagament tad-dazju pagabbli, sakemm il-permess ma jingħatax fir-rigward ta' operazzjoni unika

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

▼B

Rekwiżiti tad-dejta

VII/1. Tip ta' differiment ta' pagament

Indika l-mod li bih l-applikant jixtieq japplika d-differiment tal-pagament tad-dazju pagabbli.

L-Artikolu 110(b) tal-Kodiċi, jiġifieri globalment fir-rigward ta' kull ammont ta' dazju tal-importazzjoni u esportazzjoni li jkun iddaħħal fil-kontijiet b'konformità mal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 105(1) matul perjodu fiss li ma jaqbiżx 31 ġurnata

Artikolu 110(c) tal-Kodiċi, jiġifieri globalment fir-rigward tal-ammonti kollha tad-dazju tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni li jiffurmaw entrata waħda b'konformità mat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 105(1)

TITOLU I VIII

Applikazzjoni u deċiżjoni għall-ħlas lura jew għar-remissjoni tal-ammonti tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għad-deċiżjoni għall-ħlas lura jew għar-remissjoni tal-ammonti tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tad-DE	Isem id-DE	Status
VIII/1.	Titolu għall-irkupru	A
VIII/2.	Uffiċċju doganali fejn ġie notifikat id-dejn doganali	A
VIII/3.	Uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn tinsab il-merkanzija	A
VIII/4.	Kummenti tal-uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn tinsab il-merkanzija	A [+]
VIII/5	Proċedura doganali (talba għat-twettiq minn qabel tal-formalitajiet)	A
VIII/6.	Valur doganali	A
VIII/7.	L-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li għandu jitħallas lura jew jinħafer	A
VIII/8.	Tip ta' dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni	A
VIII/9.	Bażi legali	A
VIII/10	L-użu jew id-destinazzjoni tal-merkanzija	A [+]
VIII/11	Limitu ta' żmien għat-twettiq tal-formalitajiet	A [+]
VIII/12	Dikjarazzjoni tal-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet	A [+]
VIII/13	Deskrizzjoni tar-raġunijiet għar-ripagament jew remmissjoni	A
VIII/14	Dettalji tal-bank u tal-kont	A [*]

▼B

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, il-Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall- applikazzjoni u għad-deċiżjoni għall-ħlas lura jew għar-remissjoni tal-ammonti tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

VIII/1. Titolu għall-irkupru

Daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni doganali, jew referenza għal xi dokument ieħor li ta lok għan-notifika tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni, li l-ħlas lura jew ir-remissjoni tiegħu qiegħed jintalab.

VIII/2. Uffiċċju doganali fejn ġie notifikat id-dejn doganali

Daħħal l-identifikatur tal-uffiċċju doganali fejn ġie notifikat id-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li għalih tirreferi l-applikazzjoni.

Fil-każ ta' applikazzjoni stampata, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ, inkluż il-kodiċi postali, jekk ikun hemm, tal-uffiċċju doganali konċernat.

VIII/3. Uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn tinsab il-merkanzija

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss jekk tkun differenti mill-uffiċċju doganali indikat f'E.D. VIII Uffiċċju doganali fejn ġie notifikat id-dejn doganali.

Daħħal l-identifikatur tal-uffiċċju doganali konċernat.

Fil-każ ta' applikazzjoni stampata, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ, inkluż il-kodiċi postali, jekk ikun hemm, tal-uffiċċju doganali konċernat.

VIII/4. Kummenti tal-uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn tinsab il-merkanzija

Dan l-element tad-dejta għandu jimtela f'każijiet, fejn il-ħlas lura jew ir-remissjoni tkun soġġetta għall-qerda, għall-abbandun lill-Istat, jew għat-tqegħid taħt proċedura speċjali jew taħt proċedura ta' esportazzjoni ta' oġġett, iżda l-formalitajiet korrispondenti jimtlew biss għal parti jew komponent wieħed jew aktar ta' dak l-oġġett.

F'dan il-każ, daħħal il-kwantità, in-natura u l-valur tal-merkanzija li se tibqa' fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Fejn il-merkanzija tkun se tiġi kunsinnata lil karità, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ, inkluż il-kodiċi postali, jekk ikun hemm, tal-entità konċernata.

VIII/5. Proċedura doganali (talba għat-twettiq minn qabel tal-formalitajiet)

Ħlief fil-każijiet imsemmija fl-ewwel sottoparagrafu (a) tal-Artikolu 116(1), daħħal il-kodiċi relevanti tal-proċedura doganali li taħtha l-applikant jixtieq iqiegħed il-merkanzija.

Fejn il-proċedura doganali tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni, daħħal l-identifikatur tal-awtorizzazzjoni konċernata.

▼B

Indika jekk huwiex qed jintalab it-twettiq minn qabel tal-formalitajiet.

VIII/6. Valur doganali

Indika l-valur doganali tal-merkanzija.

VIII/7. Ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li għandu jitħallas lura jew jinħafer

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti għall-munita nazzjonali, daħħal l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li għandu jitħallas lura jew jinħafer.

VIII/8. Tip ta' dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal it-tip ta' dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni li għandu jitħallas lura jew jinħafer.

VIII/9. Bażi legali

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal il-bażi legali tal-applikazzjoni għall-ħlas lura jew għar-remissjoni tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni.

VIII/10. L-użu jew id-destinazzjoni tal-merkanzija

Daħħal informazzjoni dwar kif il-merkanzija tista' tintuża jew id-destinazzjoni fejn tista' tintbagħat, skont il-possibiltajiet disponibbli fil-każ partikolari taħt il-Kodiċi u fejn ikun xieraq abbażi ta' awtorizzazzjoni speċifika mill-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet.

VIII/11. Limitu ta' żmien għat-twettiq tal-formalitajiet

Indika f'jiem, il-limitu ta' żmien għat-twettiq tal-formalitajiet li għalihom il-ħlas lura jew ir-remissjoni tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni huma soġġetti.

VIII/12. Dikjarazzjoni tad-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet

Jekk applikabbli, l-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet tindika li d-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni mhuwiex se jitħallas lura jew jinħafer sakemm l-uffiċċju doganali ta' implimentazzjoni ikun informa lill-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet li l-formalitajiet li għalihom il-ħlas lura jew ir-remissjoni huma soġġetti jkunu twettqu.

VIII/13. Deskrizzjoni tar-raġunijiet għar-remmissjoni jew il-ħlas lura

Applikazzjoni:

Deskrizzjoni dettaljata tal-ġustifikazzjoni li tifforma l-bażi tat-talba għal remissjoni jew għal ħlas lura tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni.

Dan l-element tad-dejta irid jimtela fil-każijiet kollha fejn l-information ma tkunx tista' tiġi derivata minn x'imkien ieħor fl-applikazzjoni.

Deċiżjoni:

Meta r-raġunijiet għall-ħlas lura jew ir-remmissjoni tad-dazju tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni huma differenti għad-deċiżjoni minn dawk tal-applikazzjoni, deskrizzjoni ddettaljata tal-ġustifikazzjoni li tifforma l-bażi tad-deċiżjoni.

VIII/14. Dettalji tal-bank u tal-kont

Jekk applikabbli, daħħal id-dettalji tal-kont bankarju fejn jitħallas lura jew jiġi rimess id-dazju tal-importazzjoni jew l-esportazzjoni.

▼B

TITOLU I IX

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħażna temporanja

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħażna temporanja

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
IX/1	Moviment ta' merkanzija	A

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, il-Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħażna temporanja

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

IX/1. Moviment ta' merkanzija

Indika l-bażi legali għall-moviment tal-merkanzija.

Indika l-indirizz tal-faċilità jew tal-faċilitajiet tad-destinazzjoni ta' ħażna temporanja.

Jekk ikun ippjanat li l-moviment tal-merkanzija jsir skont l-Artikolu 148(5)(c) tal-Kodiċi, daħħal in-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni li se jopera l-faċilità jew il-faċilitajiet tad-destinazzjoni ta' ħażna temporanja.

TITOLU I X

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għal servizz regolari tat-trasport marittimu

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għal servizz regolari tat-trasport marittimu

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-Ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
X/1	Stat(i) Membru(i) konċernat(i) bis-servizz regolari tat-trasport marittimu	A
X/2	Isem tal-bastiment	C[*]
X/3	Portijiet tal-waqfa,	C[*]
X/4	Impriża	A [*]

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

▼B

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni ta' servizz regolari tat-trasport marittimu

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

X/1. Stat(i) Membru(i) konċernat(i) mis-servizz regolari tat-trasport marittimu

Indika l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) involut(i) jew potenzjalment involut(i).

X/2. L-isem tal-bastimenti

Daħħal l-informazzjoni rilevanti dwar il-bastimenti assenjati għas-servizz regolari tat-trasport marittimu.

X/3. Portijiet tal-waqfa,

Daħħal ir-referenza għall-uffiċċji doganali responsabbli għall-portijiet tal-waqfa tal-bastimenti assenjati jew previsti li se jkunu assenjati għas-servizz regolari tat-trasport marittimu.

X/4. Impriża

Indika (iva/le) jekk l-applikant jintrabatx:

— li jikkomunika lill-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 121(1) u

— li fuq ir-rotot tas-servizzi regolari tat-trasport marittimu, ma jsir ebda waqfien f'xi port f'territorju barra mit-territorju doganali tal-Unjoni jew f'xi żona ħielsa f'port tal-Unjoni, u li ma jsir ebda trażbord ta' merkanzija fuq il-baħar

TITOLU I XI

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta' emittent awtorizzat

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' emittent awtorizzat

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tad-DE	Isem id-DE	Status
XI/1	Uffiċċju doganali responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni	A [+]

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, il-Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' emittent awtorizzat

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

▼B

Rekwiżiti tad-dejta

XI/1. Uffiċċju doganali responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni

Indika l-uffiċċju doganali li lilu l-emittent awtorizzat għandu jgħaddi l-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni għall-fini tar-reġistrazzjoni tiegħu.

TITOLU I XII

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' ►C3 dikjarazzjoni ssimplifikata ◄

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' dikjarazzjoni ssimplifikata

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
XII/1.	Limitu taż-żmien għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni supplimentari	A [+]
XII/2.	Sottokuntrattur	A [1][2]
XII/3.	Identifikazzjoni tas-sottokuntrattur	A [2]

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, il-Kapitolu 1.

Noti

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
[1]	Din l-informazzjoni hija obbligatorja biss fil-każijiet fejn in-numru EORI tas-sottokuntrattur ma jkunx disponibbli. Fejn jingħata n-numru EORI, m'għandux jingħata l-isem u l-indirizz.
[2]	Din l-informazzjoni tista' tintuża biss għal proċeduri ta' esportazzjoni meta d-dikjarazzjoni doganali se tiġi ppreżentata mis-sottokuntrattur.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' dikjarazzjoni simplifikata

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

XII/1. Limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni supplimentari

Jekk applikabbli, l-awtorità doganali awtorizzanti tiddetermina l-limitu ta' żmien rispettiv espress f'jiem.

XII/2. Sottokuntrattur

Jekk applikabbli, daħħal l-isem u l-indirizz tas-sottokuntrattur.

XII/3. Identifikazzjoni tas-sottokuntrattur

Daħħal in-numru EORI tal-persuna konċernata.

▼B

TITOLU I XIII

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għal ikklerjar ċentralizzat

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għal ikklerjar ċentralizzat

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem l-E.D.	Status
XIII/1	Kumpaniji involuti fl-awtorizzazzjoni fi Stati Membri oħra	A [1]
XIII/2	Identifikazzjoni tal-kumpaniji involuti fl-awtorizzazzjoni fi Stati Membri oħra	A
XIII/3	Uffiċċju(i) doganali ta' preżentazzjoni	A
XIII/4	Identifikazzjoni tal-awtoritajiet tal-VAT, tas-sisa u tal-istatistika	C [*] A [+]
XIII/5	Metodu tal-ħlas tal-VAT	A[+]
XIII/6	Rappreżentant fiskali	A ►M3 —— ◄
XIII/7	Identifikazzjoni tar-rappreżentant fiskali	A
XIII/8	Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant fiskali	A
XIII/9	Persuna responsabbli għall-formalitajiet tas-sisa	A [1]
XIII/10	Persuna responsabbli għall-identifikazzjoni tal-formalitajiet tas-sisa	A

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, il-Kapitolu 1.

Noti

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
[1]	Din l-informazzjoni hija obbligatorja biss fil-każijiet fejn in-numru EORI tal-persuna konċernata ma jkunx disponibbli. Fejn jingħata n-numru EORI, m'għandux jingħata l-isem u l-indirizz.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għal ikklerjar ċentralizzat

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

▼B

Rekwiżiti tad-dejta

XIII/1. Kumpaniji involuti fl-awtorizzazzjoni fi Stati Membri oħra

Jekk applikabbli, daħħal l-isem u l-indirizz tal-kumpaniji konċernati.

XIII/2. Identifikazzjoni tal-kumpaniji involuti fl-awtorizzazzjoni fi Stati Membri oħra

Jekk applikabbli, daħħal in-numru EORI tal-kumpaniji konċernati.

XIII/3. Uffiċċju(i) doganali ta' preżentazzjoni

Indika l-uffiċċju(i) doganali konċernat(i).

XIII/4. Identifikazzjoni tal-awtoritajiet tal-VAT, tas-sisa u tal-istatistika

Daħħal l-isem u l-indirizz tal-awtoritajiet tal-VAT, tas-sisa u tal-istatistika fl-Istati Membri iinvoluti fl-awtorizzazzjoni u ndikati taħt E.D. 1/4 Validità ġeografika –Unjoni.

XIII/5. Metodu tal-ħlas tal-VAT

L-Istati Membri parteċipanti għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti rispettivi tagħhom dwar is-sottomissjoni tad-dejta dwar il-VAT fuq l-importazzjoni, u jindikaw il-metodu applikabbli għall-ħlas tal-VAT.

XIII/6. Rappreżentant fiskali

Daħħal l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant fiskali tal-applikant fl-Istat Membru ta' preżentazzjoni.

XIII/7. Identifikazzjoni tar-rappreżentant fiskali

Daħħal in-numru tal-VAT tar-rappreżentant fiskali tal-applikant fl-Istat Membru ta' preżentazzjoni. Jekk ma jkun inħatar ebda rappreżentant fiskali, għandu jingħata n-numru tal-VAT tal-applikant.

XIII/8. Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant fiskali

Indika jekk l-applikant huwiex se jaġixxi f'ismu stess fi kwistjonijiet fiskali jew jekk huwiex se jaħtar rappreżentant fiskali fl-Istat Membru ta' preżentazzjoni.

XIII/9. Persuna responsabbli għall-formalitajiet tas-sisa

Daħħal l-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli għall-ħlas jew għas-sottomissjoni ta' garanzija għad-dazji tas-sisa.

XIII/10. Identifikazzjoni tal-persuna responsabbli għall-formalitajiet tas-sisa

Daħħal in-numru EORI tal-persuna konċernata, jekk din il-persuna jkollha numru EORI validu u jkun disponibbli għall-applikant.

▼B

TITOLU I XIV

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni biex issir dikjarazzjoni doganali permezz ta' dħul ta' dejta fir-rekords tad-dikjarant, inkluż għall-proċedura ta' esportazzjoni

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni biex issir dikjarazzjoni doganali permezz ta' dħul ta' dejta fir-rekords tad-dikjarant, inkluż għall-proċedura ta' esportazzjoni

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
XIV/1.	Eżenzjoni min-notifika ta' preżentazzjoni	A
XIV/2.	Eżenzjoni minn dikjarazzjoni qabel it-tluq	A
XIV/3.	Uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn il-merkanzija tkun disponibbli għal kontrolli	C [*] A [+]
XIV/4.	►**M3** Skadenza għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni supplimentari ◄	A [+]

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, il-Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni biex issir dikjarazzjoni doganali permezz ta' dħul ta' dejta fir-rekords tad-dikjarant, inkluż għall-proċedura ta' esportazzjoni

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

XIV/1. Eżenzjoni min-notifika ta' preżentazzjoni

Applikazzjoni:

Indika (iva/le) jekk in-negozjant jixtieqx jibbenefika minn eżenzjoni min-notifika tad-disponibbiltà tal-merkanzija għal kontrolli doganali. Jekk iva, speċifika r-raġunijiet.

Deċiżjoni:

Fil-każ li l-awtorizzazzjoni ma tipprovdix għall-eżenzjoni min-notifika, l-awtorità doganali awtorizzanti tistabbilixxi l-limitu taż-żmien bejn il-wasla tan-notifika u r-rilaxx tal-merkanzija.

XIV/2. Eżenzjoni minn dikjarazzjoni qabel it-tluq

▼M3

Applikazzjoni:

Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna esportazzjoni jew riesportazzjoni, agħti evidenza li l-kundizzjonijiet deskritti fl-Artikolu 263(2) tal-Kodiċi huma ssodisfati.

Awtorizzazzjoni:

Jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna esportazzjoni jew riesportazzjoni, agħti raġunijiet għala għandu japplika eżoneru skont l-Artikolu 263(2) tal-Kodiċi.

▼B

XIV/3. Uffiċċju doganali responsabbli għall-post fejn il-merkanzija tkun disponibbli għal kontrolli

Daħħal l-identifikatur tal-uffiċċju doganali konċernat.

▼M3

XIV/4. Skadenza għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni supplimentari

L-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet għandha tistabbilixxi, fl-awtorizzazzjoni, limitu ta' żmien biex id-detentur tal-awtorizzazzjoni jibgħat id-dettalji tad-dikjarazzjoni supplimentari lill-uffiċċju doganali sorveljanti.

Il-limitu ta' żmien għandu jiġi espress f'jiem.

▼B

TITOLU I XV

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għal awtovalutazzjoni

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għal awtovalutazzjoni

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tad-DE	Isem id-DE	Status
XV/1.	Identifikazzjoni tal-formalitajiet u tal-kontrolli li se jiġu delegati lill-operatur ekonomiku	A

L-istatus indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għal awtovalutazzjoni

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-Dejta

XV/1. Identifikazzjoni tal-formalitajiet u tal-kontrolli li se jiġu delegati lill-operatur ekonomiku

Indika l-kundizzjonijiet li taħthom il-kontroll tal-konformità mal-projbizzjonijiet u mar-restrizzjonijiet, kif speċifikat f'E.D. 6/1 Projbizzjonijiet u restrizzjonijiet jistgħu jitwettqu mid-detentur tal-awtorizzazzjonijiet.

TITOLU I XVI

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta' piżatur awtorizzat tal-banana

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' piżatur awtorizzat tal-banana

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
XVI/1.	Attività ekonomika	A
XVI/2.	Apparat tal-użin	A
XVI/3.	Garanziji addizzjonali	A
XVI/4.	Notifika bil-quddiem lill-awtoritajiet doganali	A

▼B

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondu għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, tal-Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' piżatur awtorizzat tal-banana

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

XVI/1. Attività ekonomika

Indika l-attività ekonomika relatata mal-kummerċ ta' banana friska.

XVI/2. Apparat tal-użin

Ipprovdi d-deskrizzjoni tal-apparat tal-użin.

XVI/3. Garanziji addizzjonali

Prova xierqa kif rikonoxxuta skont il-liġi nazzjonali li:

— jintużaw biss magni li jkunu kkalibrati sew u li jikkonformaw mal-istandards tekniċi rilevanti li jiżguraw l-istabbiliment preċiż tal-piż nett tal-banana,

— l-użin tal-banana jsir biss minn piżaturi awtorizzati f'postijiet sorveljati mill-awtoritajiet doganali,

— il-piż nett tal-banana, l-oriġini u l-imballaġġ tal-banana kif ukoll il-ħin tal-użin u l-post tal-ħatt jiġi rifless minnufih fiċ-ċertifikat tal-użin tal-banana hekk kif din tintiżen;

▼M3

— il-banana tkun intiżnet skont il-proċedura stabbilita fl-Anness 61-03 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447,

▼B

— ir-riżultati tal-użin jitniżżlu minnufih fiċ-ċertifikat tal-użin kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni

XVI/4. Notifika bil-quddiem lill-awtoritajiet doganali

Ipprovdi t-tip ta' notifika u kopja ta' notifika.

TITOLU I XVII

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura tal-ipproċessar attiv

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta' għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura tal-ipproċessar attiV

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-Ordni	Isem tal-E.D.	Status
XVII/1	Esportazzjoni antiċipata (IP EX/IM)	A
XVII/2	Rilaxx għal ċirkolazzjoni libera bl-użu tad-dokument tar-rilaxx	A

▼B

L-istatus indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta' għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura tal-ipproċessar attiv

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

XVII/1. Esportazzjoni antiċipata

Indika ('iva/le') jekk huwiex ippjanat li prodotti pproċessati miksubin minn merkanzija ekwivalenti jiġu esportati qabel ma tiġi importata l-merkanzija li jkunu qed jissostitwixxu (IP EX/IM). Jekk iva, indika l-perjodu suġġerit imfisser f'xhur li matulu l-merkanzija mhux tal-Unjoni għandha tiġi dikjarata għal proċessar attiv filwaqt li jitqies il-ħin meħtieġ għall-akkwist tal-merkanzija u t-trasport tagħha lejn l-Unjoni.

XVII/2. Rilaxx għal ċirkolazzjoni libera bl-użu tad-dokument tar-rilaxx

Indika ('iva/le') jekk il-prodotti pproċessati jew il-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura tal-ipproċessar attiv IM/EX għandhomx jitqiesu li ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera jekk ma jkunux tqiegħdu taħt proċedura doganali sussegwenti jew ikunu ġew riesportati wara l-iskadenza tal-perjodu għar-rilaxx, u d-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera titqies li ġiet ippreżentata u aċċettata u jkun ingħata permess għar-rilaxx fid-dejta ta' skadenza tal-perjodu għar-rilaxx.

TITOLU I XVIII

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura tal-ipproċessar passiv

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għal-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-użu tal-proċedura tal-ipproċessar passiv

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-ordni	Isem tal-E.D.	Status
XVIII/1	Sistema ta' skambju standard	A
XVIII/2	Prodotti sostituti	A
XVIII/3	Importazzjoni antiċipata ta' prodotti sostituti	A
XVIII/4	Importazzjoni antiċipata ta' prodotti proċessati (OP IM/EX),	A

L-istatus indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi għad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

▼B

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta' għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' proċedura tal-ipproċessar passiv

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

XVIII/1. Sistema ta' skambju standard

Applikazzjoni:

Fil-każ ta' tiswija ta' merkanzija, prodott importat (prodott ta' sostituzzjoni) jista' jissostitwixxi prodott proċessat (l-hekk imsejħa sistema ta' skambju standard).

Indika ('iva/le') jekk ikunx maħsub li tintuża s-sistema ta' skambju standard. Jekk iva, daħħal il-kodiċi rilevanti.

Awtorizzazzjoni:

Speċifika l-miżuri sabiex jiġi stabbilit li l-kundizzjonijiet għas-sistema ta' skambju standard ikunu sodisfatti.

XVIII/2. Prodotti sostituti

Fejn ikun ippjanat li tintuża s-sistema ta' skambju standard (possibbli biss f'każ ta' tiswija), iddikjara l-kodiċi bi 8-numri tan-Nomenklatura Magħquda, il-kwalità kummerċjali u l-karatteristiċi tekniċi tal-prodotti sostituti biex tippermetti lill-awtoritajiet doganali jagħmlu t-tqabbil meħtieġ bejn il-merkanzija b'esportazzjoni temporanja u l-prodotti sostituti. Għal dan it-tqabbil, uża tal-anqas wieħed mill-kodiċi rilevanti provduti fir-rigward ta' E.D. 5/8 Identifikazzjoni tal-merkanzija.

XVIII/3. Importazzjoni antiċipata ta' prodotti sostituti

Indika ('iva/le') jekk huwiex ippjanat li l-prodotti sostituti jiġux importati qabel l-esportazzjoni tal-prodotti difettużi. Jekk iva, indika l-perjodu f'jiem li matulu l-merkanzija tal-Unjoni għandha tiġi dikjarata għal proċessar passiv.

XVIII/4. Importazzjoni antiċipata ta' prodotti proċessati (OP IM/EX)

Indika ('iva/le') jekk huwiex ippjanat li prodotti proċessati miksuba minn merkanzija ekwivalenti jiġux esportati qabel il-merkanzija tal-Unjoni titqiegħed taħt proċessar passiv. Jekk iva, indika l-perjodu f'jiem li matulu l-merkanzija tal-Unjoni għandha tiġi dikjarata għal proċessar passiv filwaqt li jitqies il-ħin meħtieġ għall-akkwist tal-merkanzija tal-Unjoni u t-trasport tagħha lejn l-uffiċċju ta' esportazzjoni.

TITOLU I XIX

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħżin għall-ħażna doganali tal-merkanzija

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall awtorizzazzjoni għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħżin għall-proċedura tal-ħażna doganali tal-merkanzija

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-Ordni tad-DE	Isem id-DE	Status
XIX/1	Tneħħija temporanja	A
XIX/2	Rata ta' telf	A

▼B

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħżin għall-proċedura tal-ħażna doganali tal-merkanzija

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

XIX/1. Tneħħija temporanja

Applikazzjoni:

Indika ('iva/le') jekk huwiex ippjanat li merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' ħażna doganali titneħħa temporanjament mill-maħżen doganali. Ipprovdi d-dettalji kollha neċessarji meqjusa rilevanti għat-tneħħija temporanja tal-merkanzija.

Talba għal tneħħija temporanja tista' wkoll tiġi ppreżentata lill-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet fi stadju aktar tard ladarba l-applikazzjoni tkun ġiet aċċettata u tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni għall-operat ta' faċilitajiet ta' ħżin.

Awtorizzazzjoni:

Speċifika l-kundizzjonijiet skont liema tista' ssir it-tneħħija tal-merkanzija mqiegħda taħt il-proċedura ta' ħażna doganali. Jekk it-talba tiġi rifjutata, speċifika r-raġunijiet għar-rifjut.

XIX/2. Rata ta' telf

Agħti dettalji, fejn ikun xieraq, tar-rata(i) ta' telf.

TITOLU I XX

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat għat-tranżitu tal-unjoni

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat għat-tranżitu tal-Unjoni

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-Ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
XX/1	Miżuri ta' identifikazzjoni	A [+]
XX/2	Garanzija komprensiva	A

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-istatus ta' kunsinnatur awtorizzat għat-tranżitu tal-Unjoni

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

▼B

Rekwiżiti tad-dejta

XX/1. Miżuri ta' identifikazzjoni

Dettalji tal-miżuri ta' identifikazzjoni li għandhom jiġu applikati mill-kunsinnatur awtorizzat. Meta l-kunsinnatur awtorizzat ikun ingħata awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali b'konformità mal-Artikolu 233(4)(c) tal-Kodiċi, l-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet tista' tippreskrivi l-użu tat-tali siġilli bħala miżura ta' identifikazzjoni. In-numru ta' referenza tad-deċiżjoni għall-użu tas-siġilli ta' tip speċjali jiġi indikat.

XX/2. Garanzija komprensiva

▼M3

Applikazzjoni:

Indika n-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' garanzija komprensiva jew dwar eżenzjoni mill-garanzija. Jekk l-awtorizzazzjoni rispettiva għadha ma ngħatatx, indika n-numru ta' reġistrazzjoni tal-applikazzjoni.

Awtorizzazzjoni:

Indika n-numru ta' referenza tad-deċiżjoni dwar l-għoti ta' garanzija komprensiva jew dwar eżenzjoni mill-garanzija.

▼B

TITLE XXI

Applikazzjoni u awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali

KAPITOLU 1

Rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali

Tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

Nru tal-Ordni tal-E.D.	Isem tal-E.D.	Status
XXI/1.	Tip ta' siġill	A

L-istatus u l-immarkar indikat fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta hawn fuq jikkorrispondi mad-deskrizzjoni prevista fit-Titolu I, Kapitolu 1.

KAPITOLU 2

Noti relatati mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dejta għall-applikazzjoni u għall-awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti inklużi f'dan il-Kapitolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fil-Kapitolu 1.

Rekwiżiti tad-dejta

XXI/1. Tip ta' siġill

Applikazzjoni:

Daħħal dettalji fuq is-siġill (eż il-mudell, il-manifattur, prova ta' ċertifikazzjoni mill-korp kompetenti b'konformità mal-Istandard Internazzjonali tal-ISO Nru 17712: 2013 'Kontejners tat-trasport Siġilli Mekkaniċi'

Deċiżjoni:

Konferma mill-awtorità doganali li tieħu d-deċiżjonijiet li s-siġill jissodisfa l-karatteristiċi essenzjali u jikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa u li l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali jiġi dokumentat, jiġifieri li jkun ġie stabbilit rekord tal-awditjar u li dan ġie approvat mill-awtoritajiet kompetenti.

▼B

ANNESS B

REKWIŻITI KOMUNI TAD-DEJTA GĦAL DIKJARAZZJONIJIET, NOTIFIKI U PROVA TAL-ISTATUS DOGANALI TAL-MERKANZIJA TAL-UNJONI

TITOLU I

Rekwiżiti tad-dejta

KAPITOLU 1

Noti introduttorji għat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta

(1) Il-messaġġi ta' dikjarazzjoni fihom għadd ta' elementi tad-dejta li jintużaw uħud minnhom biss, skont il-proċedura(i) doganali kkonċernata(i).

(2) L-elementi tad-dejta li jistgħu jiġu pprovduti għal kull proċedura huma stabbiliti fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kull element tad-dejta kif inhuma deskritti fit-Titolu II japplikaw mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-elementi tad-dejta kif iddefinit fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta. Id-dispożizzjonijiet li japplikaw għas-sitwazzjonijiet kollha fejn l-element tad-dejta kkonċernat huwa mitlub huma inklużi fl-intestatura "Kolonni tat-tabella tar-rekwiżiti tad-dejta relevanti kollha użati". Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet li japplikaw għal kolonni speċifiċi tat-tabella huma inklużi f'sezzjonijiet speċifiċi li jirreferu preċiżament għal dawn il-kolonni.. Iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet jeħtieġu li jiġu kkombinati sabiex jirriflettu s-sitwazzjoni ta' kull kolonna tat-tabella.

(3) Is-simboli "A", "B" jew "C" elenkati fis-sezzjoni 3 tal-Kapitolu 2 hawn taħt m'għandhom l-ebda effett fuq il-fatt li ċerta dejta tingħabar biss meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan. Pereżempju, l-unitajiet supplimentari (status "A") għandhom jingħabru biss meta jkunu meħtieġa mit-TARIC.

(4) Is-simboli "A", "B" jew "C" iddefiniti fis-sezzjoni 3 tal-Kapitolu 2 jistgħu jiġu kkumplimentati minn kundizzjonijiet jew kjarifiki elenkati fin-noti f'qiegħ il-paġna mehmuża mat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta tas-sezzjoni 1 tal-Kapitolu 3 hawn taħt.

(5) Jekk l-Istat Membru ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali jippermetti dikjarazzjoni Doganali (kolonni serje B u H) jew dikjarazzjoni ssimplifikata (kolonni serje C u I) dawn jistgħu jinkludu merkanzija li tkun soġġetta għal kodiċijiet ta' proċedura differenti, sakemm dawn il-kodiċijiet ta' proċedura kollha jużaw l-istess sett tad-dejta kif iddefinit fis-sezzjoni 1 tal-Kapitolu 3 u jkunu jappartjenu għall-istess kolonna tal-matriċi kif iddefinit fil-Kapitolu 2. Madankollu, din il-possibbiltà m'għandhiex tintuża għal dikjarazzjonijiet doganali li jiġu ppreżentati fil-kuntest ta' kklerjar ċentralizzat skont l-Artikolu 179 tal-Kodiċi.

(6) Mingħajr ma jaffettwa b'ebda mod l-obbligi li tiġi pprovduta dejta skont dan l-Anness u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tal-Kodiċi, il-kontenut tad-dejta pprovdut lid-dwana għal rekwiżit partikolari se jkun ibbażat fuq l-informazzjoni kif inhi magħrufa mill-operatur ekonomiku li jipprovdiha fil-ħin li tiġi pprovduta lid-Dwana.

(7) Id-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ jew tad-dħul li trid tiġi ppreżentata għall-merkanzija li titlaq jew tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni jkun fiha l-informazzjoni ddettaljata fil-kolonni A1 u A2 u F1a sa F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta tas-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 3 hawn taħt, għal kull sitwazzjoni jew mod ta' trasport ikkonċernat.

(8) F'dan l-anness l-użu tal-kliem dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ u tad-dħul jirreferi rispettivament għad-dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ u tad-dħul previsti skont l-Artikoli 5(9) u 5(10) tal-Kodiċi.

▼B

[45]	Fil-każijiet li ġejjin, l-Istati Membri għandhom jirrinunzjaw l-obbligu li din l-informazzjoni tiddaħħal fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu li tiġi ppreżentata fl-uffiċċju tat-tluq fir-rigward tal-mezz tat-trasport li fuqu l-merkanzija tkun mgħobbija direttament: — meta l-mudell loġistiku ma jippermettix li jingħata dan l-element tad-dejta u d-detentur tal-proċedura ta' tranżitu jkollu l-istatus ta' operatur ekonomiku awtorizzat iċċertifikat (AEOC), u — meta l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jintraċċaw l-informazzjoni rilevanti, fejn ikun meħtieġ, mir-reġistri tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu.
[46]	M'għandhiex tintuża fil-każ ta' kunsinni postali jew bi trasportazzjoni bi stallazzjonijiet fissi tat-trasport jew tal-ferrovija.
[47]	Dan l-element tad-dejta huwa obbligatorju għal prodotti agrikoli b'rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni, sakemm ma jingħarrux permezz ta' kunsinni postali jew permezz ta' stallazzjonijiet fissi tat-trasport. [Fil-każ ta' trasport bil-posta jew bi stallazzjonijiet fissi, din l-informazzjoni mhijiex meħtieġa.]
[48]	L-Istati Membri m'għandhomx jirrikjedu din l-informazzjoni fir-rigward ta' trasport bl-ajru.
[49]	Din l-informazzjoni għandha tingħata biss fil-każ tat-tqegħid tal-merkanzija taħt il-proċedura tal-użu aħħari, jew fil-każ tal-importazzjoni antiċipata ta' prodotti pproċessati jew tal-importazzjoni antiċipata ta' prodotti sostituti.
[50]	L-Istat Membru ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni jista' jirrinunzja għall-obbligu li tingħata din l-informazzjoni fejn ikun f'pożizzjoni biex jivvalutaha b'mod korrett u jkun implimenta rutini ta' kalkolu biex jingħata riżultat kompatibbli mar-rekwiżiti statistiċi.

▼M3

[51]	Dan l-element tad-dejta għandu jintuża biss f'dikjarazzjonijiet supplimentari.

▼B

Numru tan-nota	Deskrizzjoni tan-nota
▼M6	
[52]	Din l-informazzjoni mhix meħtieġa għall-kunsinni postali.
[53]	Din l-informazzjoni mhix meħtieġa: (a) meta l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6 it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE; jew (b) meta l-merkanzija tkun ta' natura mhux kummerċjali mibgħuta minn pajjiż terz minn persuni privati lil persuni privati oħra fi Stat Membru u eżentata mill-VAT skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/79/KE (*).
[54]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa biss meta l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6 it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE.
[55]	Din l-informazzjoni hija meħtieġa biss jekk id-dikjarazzjoni tikkonċerna merkanzija msemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/79/KE tal-5 ta' Ottubru 2006 dwar eżenzjonijiet mit-taxxi applikabbli għall-importazzjoni ta' kunsinni żgħar ta' merkanzija ta' natura mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi (ĠU L 286, 17.10.2006, p. 15).

▼B

TITOLU II

Noti fir-rigward tar-rekwiżiti tad-dejta

Introduzzjoni

Id-deskrizzjonijiet u n-noti li jinsabu f'dan it-titolu japplikaw għall-elementi tad-dejta msemmija fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fis-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness.

Rekwiżiti tad-dejta

Grupp 1 – Informazzjoni fil-messaġġ (inklużi kodiċi ta' proċedura)

1/1. ***Tip ta' dikjarazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

1/2. ***Tip ta' Dikjarazzjoni Addizzjonali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

1/3. ***Tip ta' Dikjarazzjoni tat-tranżitu/Tip ta' Prova tal-istatus doganali)***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

1/4. ***Formoli***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn jintużaw id-dikjarazzjonijiet stampati, daħħal in-numru tas-subsett fir-rigward tal-għadd totali ta' subsettijiet ta' formoli u ta' formoli ta' kontinwazzjoni użati. Pereżempju, jekk ikun kemm formola waħda tat-tip "IM" u żewġ formoli tat-tip "IM/c", ikteb "1/3" fuq il-formola tat-tip "IM", "2/3" fuq l-ewwel formola tat-tip "IM/c" u "3/3" fuq it-tieni formola tat-tip "IM/c".

▼B

Fejn id-dikjarazzjoni stampata tkun magħmula minn żewġ settijiet ta' erba' kopji minflok minn sett wieħed ta' tmien kopji, iż-żewġ settijiet għandhom jiġu ttrattati bħala sett uniku sabiex jiġi stabbilit l-għadd ta' formoli.

1/5. ***Listi tat-tagħbija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn jintużaw id-dikjarazzjonijiet stampati, daħħal f'ċifri l-għadd ta' kwalunkwe lista tat-tagħbija mehmuża, jew tal-listi deskrittivi kummerċjali fejn dawn ikunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

1/6. ***Numru tal-oġġett individwali tal-merkanzija***

▼M6

Il-kolonni A1 sa A3, B1 sa B4, C1, D1, D2, E1, E2, F1a sa F1d, F2a sa F2c, F3a, F4a, F4b, F4d, F5, G4, G5, H1 sa H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

▼B

In-numru tal-oġġett individwali fir-rigward tal-għadd totali ta' merkanzija li hemm fid-dikjarazzjoni, id-dikjarazzjoni fil-qosor, in-notifika jew il-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, fejn ikun hemm aktar minn oġġett wieħed.

Il-kolonni C2 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru tal-oġġett assenjat lill-merkanzija meta tiddaħħal fir-reġistri tad-dikjarant.

Il-kolonna F4c tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru tal-oġġett assenjat lill-merkanzija li taqa' taħt is-CN23 ikkonċernat.

1/7. ***Indikatur ta' ċirkostanza speċifika)***

Il-kolonna A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika ċ-ċirkostanza speċjali li għaliha d-dikjarant qed jitlob benefiċċju.

Il-kolonni F1a sa F1d, F2a sa F2d, F3a, F3b, F4a sa F4d u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, indika s-sett tad-dejta jew il-kombinazzjoni ta' settijiet tad-dejta rispettivi tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul ippreżentati mid-dikjarant.

1/8. ***Firma/Awtentikazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Firma jew awtentikazzjoni b'mod ieħor tad-dikjarazzjoni, tan-notifika jew tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni rilevanti.

Fil-każ ta' dikjarazzjonijiet stampati, l-oriġinal tal-firma bil-miktub tal-persuna kkonċernata għandu jingħata fuq il-kopja tad-dikjarazzjoni li għandha tibqa' fl-uffiċċju tal-esportazzjoni/dispaċċ/importazzjoni, segwita mill-isem sħiħ ta' dik il-persuna. Fejn dik il-persuna ma tkunx persuna fiżika, il-firmatarju għandu jżid il-kapaċità tiegħu wara l-firma u l-isem sħiħ tiegħu.

1/9. ***Għadd totali ta' oġġetti***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-għadd totali ta' merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni jew fil-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni kkonċernata. L-oġġett ta' merkanzija huwa ddefinit bħala l-merkanzija f'dikjarazzjoni, jew fi prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni li għandha inkomuni d-dejta kollha bl-attribut "X" fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta fis-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness.

▼B

1/10. ***Proċedura***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-proċedura li għaliha l-merkanzija huma ddikjarati.

1/11. ***Proċedura addizzjonali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni jew il-kodiċi tal-proċedura addizzjonali kif previst mill-Istat Membru kkonċernat.

Grupp 2 – Referenzi ta' messaġġi, dokumenti, ċertifikati, awtorizzazzjonijiet

2/1. ***Dikjarazzjoni ssimplifikata/Dokumenti preċedenti***

Il-kolonni A1 u A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta biss jekk l-merkanzija li jitpoġġew taħt ħażna temporanja jew f'żona ħielsa jiġu esportati mill-ġdid.

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja li taħtha l-merkanzija tkun tqiegħdet.

Ir-raba' komponent tal-element tad-dejta (Identifikatur tal-oġġett individwali tal-merkanzija) għandu jirreferi għan-numri tal-oġġett individwali tal-merkanzija fid-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja li għaliha tkun ġiet ippreżentata notifika ta' riesportazzjoni. Għandu jingħata fil-każijiet kollha, fejn parti mill-merkanzija koperta mid-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja kkonċernata ma tiġix riesportata.

Il-kolonna A3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet relevanti tal-Unjoni, daħħal l-MRN tad-dikjarazzjoni għal ħżin temporanju li taħtu titpoġġa l-merkanzija.

Ir-raba' komponent tal-element tad-dejta (Identifikatur tal-oġġett individwali tal-merkanzija) għandu jirreferi għan-numri tal-partita tal-merkanzija fid-dikjarazzjoni għal ħżin temporanju li għaliha tiġi ppreżentata notifika ta' riesportazzjoni. Għandha tiġi pprovduta fil-każijiet kollha, fejn parti mill-merkanzija koperti mid-dikjarazzjoni għal ħżin temporanju ma jiġux esportati mill-ġdid.

Il-kolonni B1 sa B4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal id-data ta' referenza tad-dokumenti qabel l-esportazzjoni lejn pajjiż terz/id-dispaċċ lejn Stat Membru.

Fejn id-dikjarazzjoni tikkonċerna merkanzija riesportata, daħħal id-data ta' referenza tad-dikjarazzjoni li tkun daħħlet il-merkanzija għall-proċedura doganali preċedenti li taħtha tkun tqiegħdet il-merkanzija. L-identifikatur tal-oġġett individwali tal-merkanzija għandu jingħata biss f'każijiet fejn ikun neċessarju għall-identifikazzjoni mingħajr ambigwità tal-oġġett tal-merkanzija kkonċernat.

▼M3

Il-kolonni B1 u H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mat-tmiem tal-ħżin temporanju.

Tali dettalji għandhom jinkludu l-kwantità tat-tħassir, u l-unità ta' kejl rispettiva.

▼B

Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-każ ta' dikjarazzjoni tat-tranżitu, agħti r-referenza tal-ħażna temporanja jew tal-proċedura doganali preċedenti jew tad-dokumenti doganali korrispondenti.

▼B

Fejn, fil-każ ta’ dikjarazzjonijiet tat-tranżitu stampati, trid tiddaħħal aktar minn referenza waħda, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kodiċi rilevanti jiddaħħal f’din il-kaxxa u l-lista tar-referenzi kkonċernati takkumpanja d-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Il-kolonna E1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Jekk applikabbli, daħħal ir-referenza tad-dikjarazzjoni doganali li biha, l-merkanzija tkun ġiet rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera.

Meta l-NRM tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera tiġi pprovduta u l-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni ma jkunx jikkonċerna l-partiti kollha ta’ merkanzija tad-dikjarazzjoni doganali, daħħal in-numri tal-partiti rispettivi fid-dikjarazzjoni doganali.

▼M3

Il-kolonna E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul ippreżentata/i fir-rigward tal-merkanzija qabel il-wasla tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Fil-każ ta' merkanzija tal-Unjoni, fejn applikabbli u disponibbli għall-persuna li tippreżenta l-manifest doganali tal-merkanzija, daħħal ir-referenza tad-dikjarazzjoni doganali li biha l-merkanzija ġiet rilaxxata għal ċirkolazzjoni libera.

Fejn jingħata l-NRM tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew id-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera, u l-manifest doganali tal-merkanzija jew il-prova tal-istatus doganali ta' merkanzija tal-Unjoni ma jikkonċernawx l-oġġetti kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew tad-dikjarazzjoni doganali rispettivament, daħħal in-numri rispettivi tal-oġġett fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew fid-dikjarazzjoni doganali, fejn dawn ikunu disponibbli għall-persuna li tkun qed tippreżenta l-manifest elettroniku.

▼B

Il-kolonni G1 u G2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul relatat(i) mal-kunsinna kkonċernata taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta’ dan l-Anness.

▼M3

Il-kolonna G3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 139(4) tal-Kodiċi, daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 130 tal-Kodiċi, tad-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja jew tad-dikjarazzjoni(jiet) doganali li tkun ġiet ippreżentata/jkunu ġew ippreżentati fir-rigward tal-merkanzija.

Fil-każ li dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja tkun ġiet ippreżentata skont l-Artikolu 145(3) tal-Kodiċi, b'rabta mal-merkanzija kkonċernata, daħħal ir-referenza għal dik id-dikjarazzjoni għall-ħażna temporanja.

Fejn in-notifika tal-preżentazzjoni ma tikkonċernax l-oġġetti kollha ta' merkanzija fid-dikjarazzjoni msemmija ta' qabel, il-persuna li tippreżenta l-merkanzija għandha tipprovdi n-numru/i rilevanti tal-oġġetti attribwit(i) lill-merkanzija f'dik id-dikjarazzjoni ta' qabel.

▼B

Il-kolonna G4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 145(4) tal-Kodiċi, daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni(jiet) fil-qosor tad-dħul relatat(i) mal-kunsinna kkonċernata.

Fejn dikjarazzjoni għal ħażna temporanja tiġi ppreżentata wara t-tmiem tal-proċedura ta’ tranżitu skont l-Artikolu 145(11) tal-Kodiċi, għandu jingħata l-NRM tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

▼B

Fejn jingħata l-NRM tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu, jew, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 130 tal-Kodiċi, tad-dikjarazzjoni doganali, u d-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja ma tkunx tikkonċerna l-oġġetti individwali kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew tad-dikjarazzjoni doganali, id-dikjarant għandu jagħti n-numru(i) rilevanti tal-oġġett individwali attribwit(i) lill-oġġetti fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu jew fid-dikjarazzjoni doganali oriġinali.

Il-kolonna G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni(ijiet) għal ħażna temporanja ppreżentata(i) fir-rigward tal-oġġetti fil-post fejn ikun beda l-moviment.

Fejn l-NRM tad-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja ma jkunx jikkonċerna l-oġġetti individwali kollha tal-merkanzija tad-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja kkonċernata, il-persuna li tinnotifika l-wasla tal-oġġetti wara l-moviment taħt ħażna temporanja għandha tagħti n-numru(i) rilevanti rispettivi tal-oġġetti individwali attribwit(i) lill-oġġetti fid-dikjarazzjoni oriġinali għal ħażna temporanja.

Il-kolonni H1 sa H5, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni għal ħażna temporanja, jew referenza oħra għal xi dokument preċedenti.

L-identifikatur tal-oġġett individwali tal-merkanzija għandu jingħata biss f'każijiet fejn ikun neċessarju għall-identifikazzjoni mingħajr ambigwità tal-oġġett individwali tal-merkanzija kkonċernat.

▼M6

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

Jekk id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul u d-dikjarazzjoni doganali jiġu ppreżentati separatament, bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-NRM tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jew kwalunkwe dokument preċedenti ieħor.

▼B

2/2. ***Informazzjoni addizzjonali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, u, jekk ikun applikabbli, il-kodiċi(-jiet) previst(i) mill-Istat Membru kkonċernat.

Fejn il-liġi tal-Unjoni ma tispeċifikax il-post fejn trid tiddaħħal l-informazzjoni, dik l-informazzjoni għandha tiddaħħal fl-E.D. 2/2, Informazzjoni addizzjonali.

Il-kolonni A1 sa A3, F1a sa F1c tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn il-merkanzija tinġarr taħt polza negozjabbli tat-tagħbija li tkun "skont l-ordni, b'ġirata inbjank", u d-destinatarju ma jkunx magħruf, id-dettalji tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kodiċi rilevanti.

▼M6

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

Kwalunkwe informazzjoni pprovduta mid-dikjarant li tista' titqies utli għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-oġġett ikkonċernat.

▼B

2/3. ***Dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet, referenzi addizzjonali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

(a) L-identifikazzjoni jew in-numru ta' referenza ta' dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni jew internazzjonali li jiġu ppreżentati b'appoġġ tad-dikjarazzjoni, u referenzi addizzjonali.

▼B

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal id-dettalji meħtieġa minn kwalunkwe regola speċifika applikabbli flimkien ma' dejta ta' referenza tad-dokumenti ppreżentati b'appoġġ tad-dikjarazzjoni, u referenzi addizzjonali.

Fil-każijiet fejn id-dikjarant jew l-importatur għal dikjarazzjonijiet tal-importazzjoni jew l-esportatur għal dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni jkun id-detentur ta' deċiżjoni BTI u/jew BOI valida li tkopri l-merkanzija kkonċernata mid-dikjarazzjoni, id-dikjarant għandu jindika n-numru ta' referenza tad-deċiżjoni BTI u/jew BOI.

(b) L-identifikazzjoni jew in-numru ta' referenza ta' dokumenti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet nazzjonali ppreżentati b'appoġġ tad-dikjarazzjoni, u referenzi addizzjonali.

Il-kolonni A1, A3, F5 u G4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ir-referenza tad-dokument tat-trasport li jkopri t-trasport tal-merkanzija ġewwa jew barra mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Tinkludi l-kodiċi rilevanti għat-tip ta' dokument tat-trasport, segwit min-numru ta' identifikazzjoni tad-dokument ikkonċernat.

Meta d-dikjarazzjoni tiġi ppreżentata minn persuna oħra minflok it-trasportatur, għandu jingħata wkoll in-numru tad-dokument tat-trasport tat-trasportatur.

▼M3

Il-kolonni B1 u H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal id-dettalji relatati mat-tħassir tal-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni kkonċernata, b'rabta mal-liċenzji u ċ-ċertifikati ta' importazzjoni/esportazzjoni.

Tali dettalji għandhom jinkludu r-referenza għall-awtorità li toħroġ il-liċenzja jew iċ-ċertifikat ikkonċernat(a), il-perjodu ta' validità tal-liċenzja jew taċ-ċertifikat ikkonċernat(a), l-ammont jew il-kwantità tat-tħassir u l-unità rispettiva ta' kejl.

▼B

Il-kolonni B1 sa B4, C1, H1 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni għal ikklerjar ċentralizzat. Din l-informazzjoni trid tingħata sakemm ma tistax tiġi dderivata mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' dejta, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Il-kolonni C1 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru ta' referenza tal-awtorizzazzjoni għal dikjarazzjonijiet issimplifikati. Din l-informazzjoni trid tingħata sakemm ma tistax tiġi dderivata mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' dejta, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Il-kolonna D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Dan l-element tad-dejta jinkludi t-tip u r-referenza tad-dokument tat-trasport li jintuża bħala dikjarazzjoni tat-tranżitu.

Barra minn hekk, fih ukoll ir-referenza għan-numru rispettiv tal-awtorizzazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu. Din l-informazzjoni trid tingħata, sakemm ma tistax tiġi dderivata mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' dejta, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Il-kolonna E1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Jekk ikun applikabbli, daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-emittent awtorizzat. Din l-informazzjoni trid tingħata sakemm ma tistax tiġi dderivata mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' dejta, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

▼B

Il-kolonna E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal ir-referenza tad-dokument tat-trasport li jkopri t-trasport prospettiv tal-merkanzija ġewwa t-territorju doganali tal-Unjoni wara l-preżentazzjoni tal-manifest tal-merkanzija Doganali lid-Dwana.

Fil-każ tat-traffiku marittimu taħt kondiviżjoni tal-bastiment jew arranġament kontraenti simili, in-numru tad-dokument tat-trasport li għandu jiġi pprovdut jirreferi għad-dokument tat-trasport maħruġ mill-persuna li tkun ikkonkludiet kuntratt, u ħarġet polza tat-tagħbija jew polza tal-vjeġġ tal-merkanzija, għall-ġarr attwali tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni.

In-numru tad-dokument tat-trasport huwa alternattiva għan-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna (UCR) meta dan tal-aħħar ma jkunx disponibbli.

Jekk ikun applikabbli, daħħal in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-emittent awtorizzat. Din l-informazzjoni trid tingħata sakemm ma tistax tiġi dderivata mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' dejta, bħan-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni.

Il-kolonni F1a, F2a, F2b, F3a u F3b tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ir-referenza tad-dokument(i) tat-trasport li jkopri(u) t-trasport tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni. Jekk it-trasport tal-merkanzija jkun kopert minn żewġ dokumenti tat-trasport jew aktar jiġifieri kuntratt prinċipali tat-trasport u kuntratt fuq livell domestiku, irid jissemma kemm il-kuntratt prinċipali tat-trasport kif ukoll il-kuntratt ta' trasport domestiku korrispondenti. In-numru ta' referenza tal-polza prinċipali tat-tagħbija, tal-polza tal-kunsinna tat-tagħbija, tal-polza prinċipali tat-tagħbija bl-ajru u tal-polza domestika tat-tagħbija bl-ajru għandu jibqa' uniku għal minimu ta' tliet snin wara li jinħareġ mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati. Dan jinkludi l-kodiċi rilevanti għat-tip ta' dokument tat-trasport, segwit min-numru ta' identifikazzjoni tad-dokument ikkonċernat.

Il-kolonna F1b tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ir-referenza tal-polza prinċipali tat-tagħbija li tkopri t-trasport tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni. Tinkludi l-kodiċi rilevanti għat-tip ta' dokument tat-trasport, segwit min-numru ta' identifikazzjoni tad-dokument ikkonċernat. In-numru ta' referenza tal-polza prinċipali tat-tagħbija li jinħareġ mit-trasportatur għandu jibqa' uniku għal minimu ta' tliet snin wara li jinħareġ.

Il-kolonni F1c u F2c tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn skont l-Artikolu 112(1) l-ewwel subparagarafu u 113 (2), persuna oħra minbarra t-trasportatur tippreżenta d-dettalji tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, minbarra n-numru tal-polza domestika tat-tagħbija jew tal- polza tal-vjeġġ bl-ajru tal-merkanzija, għandu jingħata wkoll in-numru tal-polza prinċipali tat-tagħbija jew tal- polza tal-vjeġġ bl-ajru tal-merkanzija korrispondenti.

Il-kolonna F1d tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn skont l-Artikolu 112(1) it-tieni sottoparagrafu, destinatarju jippreżenta dettalji tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, irid jingħata:

(a) in-numru tal-polza tal-kunsinna tat-tagħbija korrispondenti maħruġa mit-trasportatur, jew fejn ikun applikabbli

▼B

(b) in-numru tal-polza prinċipali tat-tagħbija korrispondenti maħruġa mit-trasportatur u l-aktar polza baxxa tat-tagħbija maħruġa mill-persuna l-oħra skont l-Artikolu 112(1) l-ewwel sottoparagrafu, fil-każ fejn tinħareġ polza addizzjonali tat-tagħbija għall-istess merkanzija li hija sottostanti għall-polza prinċipali mit-trasportatur.

Il-kolonna F2d tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Għandu jingħata n-numru ta' referenza tal-polza domestika tat-tagħbija bl-ajru u tal-polza prinċipali tat-tagħbija bl-ajru, jekk dan ikun disponibbli fil-mument tal-preżentazzjoni. Alternattivament, fil-każ li r-referenza prinċipali ma tkunx disponibbli fil-mument tal-preżentazzjoni, il-persuna kkonċernata tista' tipprovdi n-numru ta' referenza tal-polza prinċipali tat-tagħbija bl-ajru separatament, u xorta qabel ma l-merkanzija tiġi mgħobbija fuq l-ajruplan. F'dan il-każ, l-informazzjoni tinkludi wkoll referenzi għall-poloz domestiċi kollha tat-tagħbija bl-ajru li jappartjenu għall-kuntratt prinċipali tat-trasport. In-numru ta' referenza tal-polza prinċipali tat-tagħbija bl-ajru u tal-polza domestika tat-tagħbija bl-ajru għandu jibqa' uniku għal minimu ta' tliet snin wara li jinħareġ mill-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

Il-kolonni F4a u F4b tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Għandha tingħata r-referenza tan-numru postali tal-polza tat-trasport bl-ajru. Tinkludi l-kodiċi rilevanti għat-tip ta' dokument tat-trasport, segwit min-numru ta' identifikazzjoni tad-dokument ikkonċernat.

Il-kolonna F4c tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru ITMATT li jikkorrispondi mas-CN 23 ikkonċernat.

Il-kolonna F4d tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru(i) ITMATT li jikkorrispondi(u) mas-CN 23(s) li jkopri(u) l-merkanzija li tinsab fir-reċipjent li fih qed jiġu ttrasportati.

Il-kolonna F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-każ ta' trasport bit-triq, din l-informazzjoni trid tingħata safejn tkun disponibbli u tista' tinkludi kemm referenzi għall-carnet tat-TIR u kif ukoll għas-CMR.

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn il-kuntratt ta' bejgħ tal-merkanzija kkonċernata jkollu numru ta' identifikazzjoni, għandu jiddaħħal dak in-numru. Jekk ikun applikabbli, daħħal ukoll id-data tal-kuntratt tal-bejgħ.

Ħlief fejn ikun essenzjali għad-determinazzjoni korretta tal-valur doganali, l-Istat Membru ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għandu jirrinunzja għall-obbligu li tingħata informazzjoni dwar id-data u n-numru tal-kuntratt tal-bejgħ,

— fejn il-valur doganali tal-merkanzija importata f'kunsinna ma jaqbiżx l-EUR 20 000 sakemm ma jkunx jikkostitwixxi kunsinna maqsuma jew kunsinni multipli mill-istess kunsinnatur lill-istess destinatarju, jew

— fejn l-importazzjoni tkun ta' natura mhux kummerċjali, jew

— fil-każ ta' traffiku kontinwu ta' merkanzija mill-istess bejjiegħ lill-istess xerrej taħt l-istess kundizzjonijiet kummerċjali.

Fejn il-valur doganali tal-merkanzija inkwistjoni ma jistax jiġi ddeterminat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-obbligu li tingħata informazzjoni dwar id-data u n-numru tal-kuntratt tal-bejgħ. F'każijiet bħal dawn id-dikjarant għandu jipprovdi jew jagħmel mezz li l-awtoritajiet doganali jiġu pprovduti b'informazzjoni oħra li tista' tintalab għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur doganali.

▼B

Il-kolonna I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn jintalab benefiċċju minn kwota tariffarja fuq baži ta' jinqeda l-ewwel min jasal l-ewwel għall-merkanzija ddikjarata fid-dikjarazzjoni ssimplifikata, id-dokumenti kollha meħtieġa għandhom jiġu ddikjarati fid-dikjarazzjoni ssimplifikata u għandhom ikunu disponibbli għad-dikjarant u għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali sabiex id-dikjarant ikun jista' jibbenefika mill-kwota tariffarja skont id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ssimplifikata.

2/4. ***Numru ta' referenza/UCR***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-entrata titratta n-numru ta' referenza kummerċjali uniku assenjat mill-persuna kkonċernata lill-kunsinna inkwistjoni. Tista' tieħu l-forma ta' kodiċijiet tad-WCO (ISO 15459) jew ekwivalenti. Jipprovdi aċċess għad-dejta kummerċjali sottostanti ta' interess għad-dwana.

▼M6

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

Din l-entrata tista' tintuża għall-indikazzjoni tal-identifikatur tat-tranżazzjoni jekk il-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6 it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE.

▼B

2/5. ***NRL***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru ta' referenza lokali (NRL) għandu jintuża. Jiġi ddefinit nazzjonalment u jiġi allokat mid-dikjarant bi ftehim mal-awtoritajiet kompetenti biex tiġi identifikata kull dikjarazzjoni individwali.

2/6. ***Pagament differit***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal, fejn applikabbli, id-data ta' referenza tal-awtorizzazzjoni inkwistjoni; hawnhekk pagament differit jista' jirreferi kemm għal pagament differit tad-dazju tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni kif ukoll għal kreditu tat-taxxa.

2/7. ***Identifikazzjoni tal-maħżen***

Il-kolonni B1 sa B4, G4 u H1 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' faċilità ta' ħżin, segwit min-numru tal-awtorizzazzjoni tal-maħżen jew tal-faċilità ta' ħażna temporanja kkonċernata.

Il-kolonna G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' faċilità ta' ħażna temporanja tad-destinazzjoni, segwit min-numru tal-awtorizzazzjoni rilevanti.

Grupp 3 – Partijiet

3/1. ***Esportatur***

▼M6

Il-kolonni B1 sa B4, C1 u E1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

▼B

L-esportatur huwa l-persuna ddefinita fl-Artikolu 1(19).

Ikteb l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna kkonċernata.

Il-kolonna D1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-kuntest ta' proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, l-esportatur huwa l-persuna li taġixxi bħala kunsinnatur.

▼B

Fil-każ ta' kunsinni f'lottijiet, fejn jintużaw dikjarazzjonijiet tat-tranżitu stampati jew provi stampati tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li jintuża l-kodiċi rilevanti, u l-lista ta' esportaturi tiġi mehmuża mad-dikjarazzjoni.

Il-kolonni H1, H3, H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-aħħar bejjiegħ tal-merkanzija qabel ma jkunu ġew importati fl-Unjoni.

Il-kolonna H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-kunsinnatur li jaġixxi bħala "esportatur" fil-kuntest ta' kummerċ ma' territorji fiskali speċjali. L-kunsinnatur huwa l-aħħar bejjiegħ tal-merkanzija qabel ma tiġi introdotta fit-territorju fiskali fejn il-merkanzija se tiġi rilaxxata.

▼M6

Il-kolonni H6 u H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fil-kuntratt tat-trasport mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

▼B

3/2. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-esportatur***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-esportatur huwa l-persuna ddefinita fl-Artikolu 1(19).

Daħħal in-numru EORI tal-persuna kkonċernata kif imsemmi fl-Artikolu 1(18).

Il-kolonni B1, B2 sa B4, C1, D1 u E1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn l-esportatur ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

▼M3

Il-kolonni H1, H3 u H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

▼B

Daħħal in-numru EORI tal-aħħar bejjiegħ tal-merkanzija qabel ma tkun ġiet importata fl-Unjoni.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

Il-kolonni H1 u H3 sa H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn ikun meħtieġ numru ta' identifikazzjoni, daħħal in-numru EORI tal-persuna kkonċernata kif imsemmi fl-Artikolu 1(18). Jekk l-esportatur ma jkunx ġie assenjat numru EORI, daħħal in-numru mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Il-kolonna H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru EORI tal-kunsinnatur li jaġixxi bħala "esportatur" fil-kuntest ta' kummerċ ma' territorji fiskali speċjali. Il-kunsinnatur huwa l-aħħar bejjiegħ tal-merkanzija qabel ma tiġi introdotta fit-territorju fiskali fejn il-merkanzija se tiġi rilaxxata.

▼B

3/3. ***Kunsinnatur– Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fil-kuntratt ta' trasport mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-kunsinnatur, kull meta n-numru EORI tiegħu ma jkunx disponibbli għad-dikjarant.

Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown tal-parti kkonċernata.

Il-kolonna F3a tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fil-polza prinċipali tat-trasport bl-ajru.

Il-kolonni F4a u F4b tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Dan l-element m'għandux għalfejn jingħata fejn jista' jiġi dedott awtomatikament mill-E.D. 7/20, Numru ta' identifikazzjoni tar-reċipjent.

3/4. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-kunsinnatur - Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fil-kuntratt tat-trasport mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

Daħħal in-numru EORI tal-kunsinnatur imsemmi fl-Artikolu 1(18) kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

3/5. ***Kunsinnatur– Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fil-kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-kunsinnatur, kull meta n-numru EORI tiegħu ma jkunx disponibbli għad-dikjarant.

Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown tal-parti kkonċernata.

Il-kolonni F1c, F2c, F2d, F3b u F4c tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fl-aktar Polza Domestika baxxa tat-tagħbija jew fl-aktar Polza Domestika baxxa tat-Tagħbija bl-Ajru. Din il-persuna għandha tkun differenti mit-trasportatur, mill-kuntrattur tat-trasportaturi, mill-konsolidatur, mill-operatur postali, jew mill-aġent doganali.

L-indirizz tal-kunsinnatur għandu jirreferi għal indirizz barra mill-Unjoni.

▼B

3/6. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-kunsinnatur - Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fil-kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

Daħħal in-numru EORI tal-kunsinnatur imsemmi fl-Artikolu 1(18) kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

3/7. ***Kunsinnatur***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fil-kuntratt tat-trasport mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-kunsinnatur, kull meta n-numru EORI tiegħu ma jkunx disponibbli għad-dikjarant.

Dan l-element għandu jingħata meta jkun differenti mid-dikjarant.

Fejn id-dejta meħtieġa għal dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ tiġi inkluża f'dikjarazzjoni doganali skont l-Artikolu 263(3) tal-Kodiċi, din l-informazzjoni tikkorrispondi għall-E.D 3/1, Esportatur, ta' dik id-dikjarazzjoni doganali.

3/8. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-kunsinnatur***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tikkunsinna l-merkanzija kif stipulat fil-kuntratt tat-trasport mill-parti li tkun qed tordna t-trasport.

Daħħal in-numru EORI tal-kunsinnatur imsemmi fl-Artikolu 1(18), kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

Dan l-element għandu jingħata meta jkun differenti mid-dikjarant.

Fejn id-dejta meħtieġa għal dikjarazzjoni fil-qosor tal-ħruġ tiġi inkluża f'dikjarazzjoni doganali skont l-Artikolu 263(3) tal-Kodiċi, din l-informazzjoni tikkorrispondi għall-E.D. 3/2, Numru ta' identifikazzjoni tal-esportatur, ta' dik id-dikjarazzjoni doganali.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

▼B

3/9. ***Destinatarju***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li effettivament tirċievi l-kunsinna.

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna(i) kkonċernata(i).

Il-kolonni A1 u A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

F'każijiet fejn ikun hemm sottokuntrattar involut, din l-informazzjoni għandha tingħata meta tkun disponibbli.

Fejn il-merkanzija tinġarr taħt polza negozjabbli tat-tagħbija li tkun "skont l-ordni, b'ġirata inbjank" u d-destinatarju ma jkunx magħruf, id-dettalji tiegħu għandhom jiġu ssostitwiti bil-kodiċi rilevanti fl-E.D. 2/2, Informazzjoni addizzjonali.

Il-kolonni B3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn merkanzija soġġeta għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jiddaħħlu f'maħżen doganali, id-destinatarju huwa l-persuna responsabbli għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew il-persuna responsabbli għall-maħżen fejn tkun miżmuma l-merkanzija.

Il-kolonni D1 u D2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-każ ta' kunsinni f'lottijiet, fejn jintużaw dikjarazzjonijiet tat-tranżitu stampati, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu li l-kodiċi rilevanti jiddaħħal f'din il-kaxxa, u l-lista ta' destinatarji tiġi mehmuża mad-dikjarazzjoni.

3/10. ***Numru ta' identifikazzjoni tad-destinatarju***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li effettivament tirċievi l-kunsinna.

Il-kolonni A1 u A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

F'każijiet fejn ikun hemm xi sottokuntrattar, din l-informazzjoni għandha tingħata meta tkun disponibbli.

Fejn il-merkanzija tinġarr taħt polza negozjabbli tat-tagħbija li tkun "skont l-ordni, b'ġirata inbjank" u d-destinatarju ma jkunx magħruf, id-dettalji tiegħu għandhom jiġu ssostitwiti bil-kodiċi rilevanti fl-E.D. 2/2, Informazzjoni addizzjonali.

Dan jieħu l-forma tan-numru EORI tad-destinatarju, kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

Il-kolonni B1, B2 sa B4, D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn ikun meħtieġ numru ta' identifikazzjoni, daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) Fejn id-destinatarju li ma jkunx operatur ekonomiku ma jkunx irreġistrat f'EORI, daħħal in-numru meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

▼B

Il-kolonni B1 u B2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

Il-kolonna B3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn merkanzija soġġetta għal rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jiddaħħlu f'maħżen doganali, id-destinatarju huwa l-persuna responsabbli għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni jew il-persuna responsabbli għall-maħżen fejn tkun miżmuma l-merkanzija.

3/11. ***Destinatarju – Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li effettivament tirċievi l-kunsinna.

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna(i) kkonċernata(i). Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown.

Il-kolonni F4a u F4b tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Dan l-element m'għandux għalfejn jingħata fejn jista' jiġi dedott awtomatikament mill-E.D 7/20, Numru ta' identifikazzjoni tar-reċipjent.

Il-kolonna F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-każ fejn id-dejta fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tiġi pprovduta fl-istess messaġġ bħad-dejta fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu, dan l-element tad-dejta m'għandux għalfejn jingħata u minflok jintuża l-E.D. 3/26, Xerrej.

3/12. ***Numru ta' identifikazzjoni tad-destinatarju - Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-parti li effettivament tirċievi l-kunsinna.

Dan l-element għandu jingħata meta jkun differenti mid-dikjarant. Fejn il-merkanzija tinġarr taħt polza negozjabbli tat-tagħbija li tkun "skont l-ordni ta' parti msemmija",

(a) f'każijiet fejn il-polza tat-tagħbija prinċipali tinħareġ mit-trasportatur, l-identità tal-kuntrattur tat-trasportaturi, tal-operatur tal-istazzjon tal-kontejners tat-trasport tal-merkanzija jew ta' xi trasportatur ieħor tista' tiġi elenkata bħala d-destinatarju.

(b) f'każijiet koperti minn polza tal-kunsinna tat-tagħbija maħruġa mit-trasportatur jew polza tat-tagħbija domestika maħruġa mill-persunsa skont l-Artikolu 112(1) l-ewwel sottoparagrafu, il-parti msemmija għall-ordni għandha tiġi rrapportata bħala d-destinatarju.

▼B

Dan jieħu l-forma tan-numru EORI tad-destinatarju, kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant. Fejn id-destinatarju ma jkunx irreġistrat f'EORI peress li ma jkunx operatur ekonomiku jew ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, daħħal in-numru rikjest mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

Il-kolonna F5 tat-tabella tar-Rekwiżiti tad-Dejta

Fil-każ fejn id-dejta fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tiġi pprovduta fl-istess messaġġ bħad-dejta fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu, dan l-element tad-dejta m'għandux għalfejn jingħata u minflok jintuża l-E.D. 3/27, Numru ta' identifikazzjoni tax-xerrej.

3/13. ***Destinatarju – Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-parti li tkun qed tirċievi l-merkanzija kif stipulat fl-aktar Polza Domestika baxxa tat-tagħbija jew fl-aktar Polza Domestika baxxa tat-tagħbija bl-Ajru.

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna(i) kkonċernata(i). Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown.

Jekk din il-persuna tkun differenti mit-trasportatur, mill-kuntrattur tat-trasportaturi, mid-(de)konsolidatur, mill-operatur postali jew mill-aġent doganali, jew mill-persuna li tippreżenta d-dettalji addizzjonali tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul skont l-Artikoli 112(1) l-ewwel u t-tieni sottoparagrafi u 113(1) u (2), dan għandu jiġi indikat fl-E.D. 3/38, Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tippreżenta d-dettalji addizzjonali tal-ENS.

Fil-każ ta' polza negozjabbli tat-tagħbija, jiġifieri "skont l-ordni, b'ġirata inbjank" u fejn id-destinatarju ma jkunx magħruf, għandha tingħata informazzjoni dwar l-aħħar sid magħruf tal-merkanzija jew dwar ir-rappreżentant tas-sid.

3/14. ***Numru ta' identifikazzjoni tad-destinatarju - Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-parti li effettivament tirċievi l-kunsinna.

Dan l-element għandu jingħata meta jkun differenti mid-dikjarant. Fejn il-merkanzija tinġarr taħt polza negozjabbli tat-tagħbija li tkun "skont l-ordni, b'ġirata inbjank", u d-destinatarju ma jkunx magħruf, għandha tingħata informazzjoni dwar l-aħħar sid magħruf tal-merkanzija jew dwar ir-rappreżentant tas-sid.

Din tieħu l-forma tan-numru EORI tad-destinatarju, kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant. Fejn id-destinatarju ma jkunx irreġistrat f'EORI peress li ma jkunx operatur ekonomiku jew ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, daħħal in-numru meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

▼B

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

3/15. ***Importatur***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-isem u l-indirizz tal-parti li tagħmel dikjarazzjoni ta' importazzjoni, jew li ssir f'isimha.

3/16. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-importatur***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru ta' identifikazzjoni tal-parti li tagħmel dikjarazzjoni ta' importazzjoni, jew li ssir f'isimha.

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna kkonċernata. Fejn l-importatur ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Fejn l-importatur ma jkunx irreġistrat f'EORI peress li ma jkunx operatur ekonomiku jew ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, daħħal in-numru meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

3/17. ***Dikjarant***

Il-kolonni B1 sa B4 u C1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ikteb l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna kkonċernata.

Jekk id-dikjarant u l-esportatur/kunsinnatur ikunu l-istess persuna, daħħal il-kodiċijiet rilevanti ddefiniti għall-E.D. 2/2, Informazzjoni addizzjonali.

▼M6

Il-kolonni H1 sa H7 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

▼B

Ikteb l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna kkonċernata.

▼M3

Jekk id-dikjarant u l-importatur ikunu l-istess persuna, daħħal il-kodiċi rilevanti ddefinit għall-E.D. 2/2 Informazzjoni addizzjonali.

▼B

3/18. ***Numru ta' identifikazzjoni tad-dikjarant***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18).

▼M6

Il-Kolonni B1 sa B4, C1, G4, H1 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*

▼B

Meta d-dikjarant ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Il-kolonni F1c, F1d, F2c, F2d, F3b, F4c u F4d tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru EORI tal-persuna li tippreżenta d-dettalji addizzjonali tal-ENS skont l-Artikoli 112 (1) l-ewwel u t-tieni sottoparagrafu u 113 (1) u (2).

▼B

3/19. ***Rappreżentant***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni hija meħtieġa, jekk ikun differenti mid-dikjarant previst fl-E.D. 3/17 Dikjarant jew fejn xieraq, l-E.D. 3/22 ►C3 Detentur tal-proċedura ta' tranżitu ◄.

3/20. ***Identifikazzjoni tar-rappreżentant***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni hija meħtieġa jekk ikun differenti mid-dikjarant previst fl-E.D. 3/18 Numru ta' identifikazzjoni tad-dikjarant jew fejn xieraq l-E.D. 3/23 ►C3 In-numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu, ◄ l-E.D. 3/30 Persuna li tippreżenta n-numru tal-identifikazzjoni tal-merkanzija lid-dwana l-E.D. 3/42 Persuna li tippreżenta l-manifest tal-merkanzija doganali Identifikazzjoni Nru, l-E.D. 3/43 Persuna li titlob prova tan-numru tal-identifikazzjoni tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni jew l-E.D. 3/44 Persuna li tinnotifika n-nru tal-identifikazzjoni tal-walsa tal-merkanzija wara moviment taħt ħżin temporanju.

Daħħal in-numru EORI tal-persuna kkonċernata, kif imsemmi fl-Artikolu 1(18).

3/21. ***Kodiċi tal-istatus tar-rappreżentant***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi rilevanti li jirrappreżenta l-istatus tar-rappreżentant.

3/22. ***Detentur tal-proċedura ta' tranżitu***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-isem (tal-persuna jew tal-kumpanija) u l-indirizz sħiħ tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu. Fejn ikun xieraq, daħħal l-isem sħiħ (tal-persuna jew tal-kumpanija) tar-rappreżentant awtorizzat li jkun qed jippreżenta d-dikjarazzjoni tat-tranżitu għan-nom tad-detentur tal-proċedura.

Fejn jintużaw dikjarazzjonijiet tat-tranżitu stampati, l-oriġinal tal-firma bil-miktub tal-persuna kkonċernata għandu jingħata fuq il-kopja tad-dikjarazzjoni stampata li għandha tibqa' fl-uffiċċju doganali tat-tluq.

3/23. ***Numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru EORI tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu, imsemmi fl-Artikolu 1(18).

Fejn id-Detentur tal-proċedura ta' tranżitu ma jkollux numru EORI, l-amministrazzjoni doganali tista' tassenjalu numru ad hoc għad-dikjarazzjoni kkonċernata.

Madanakollu, in-numru ta' identifikazzjoni tal-kummerċjant tiegħu għandu jintuża meta:

— id-Detentur tal-proċedura ta' tranżitu jkun stabbilit f'parti kontraenti għall-konvenzjoni komuni ta' tranżitu minbarra l-Unjoni;

— id-Detentur tal-proċedura ta' tranżitu jkun stabbilit f'Andorra jew f'San Marino.

▼B

3/24. ***Bejjiegħ***

Il-kolonni F1a, F1d u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-bejjiegħ huwa l-aħħar entità magħrufa mingħand min il-merkanzija tinbiegħ jew ikun hemm ftehim li tinbiegħ lix-xerrej. Jekk il-merkanzija se tiġi importata għal raġuni oħra għajr għax-xiri, għandhom jingħataw id-dettalji ta' sid il-merkanzija. Fejn in-numru EORI tal-bejjiegħ tal-merkanzija ma jkunx disponibbli, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-bejjiegħ. Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown.

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn il-bejjiegħ ikun differenti mill-persuna prevista fl-E.D. 3/1, Esportatur, daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-bejjiegħ tal-merkanzija, jekk in-numru EORI tiegħu ma jkunx disponibbli għad-dikjarant. Fil-każ li l-valur doganali ma jiġix ikkalkolat skont l-Artikolu 74 tal-Kodiċi, din l-informazzjoni għandha tingħata, jekk tkun disponibbli.

3/25. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-bejjiegħ***

Il-kolonni F1a, F1d u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-bejjiegħ huwa l-aħħar entità magħrufa mingħand min l-merkanzija tinbiegħ jew ikun hemm ftehim li tinbiegħ lix-xerrej. Jekk il-merkanzija se tiġi importata għal raġuni oħra għajr għax-xiri, għandhom jingħataw id-dettalji ta' sid il-merkanzija. Daħħal in-numru EORI tal-bejjiegħ tal-merkanzija msemmi fl-Artikolu 1(18), kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn il-bejjiegħ ikun differenti mill-persuna prevista fl-E.D. 3/1, Esportatur, daħħal in-numru EORI tal-bejjiegħ tal-merkanzija, meta dan in-numru jkun disponibbli. Fil-każ li l-valur doganali ma jiġix ikkalkolat skont l-Artikolu 74 tal-Kodiċi, din l-informazzjoni għandha tingħata, jekk tkun disponibbli.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

3/26. ***Xerrej***

Il-kolonni F1a, F1d u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ix-xerrej huwa l-aħħar entità magħrufa li lilha tinbiegħ jew hemm ftehim li tinbiegħ il-merkanzija. Jekk il-merkanzija se tiġi importata għal raġuni oħra għajr għax-xiri, għandhom jingħataw id-dettalji ta' sid il-merkanzija.

Fejn in-numru EORI tax-xerrej tal-merkanzija ma jkunx disponibbli, daħħal l-isem u l-indirizz tax-xerrej. Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown.

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn ix-xerrej ikun differenti mill-persuna pprovduta fl-E.D. 3/15 Importatur, daħħal l-isem u l-indirizz tax-xerrej tal-merkanzija fejn in-numru EORI tiegħu ma jkunx disponibbli għad-dikjarant.

▼B

Fil-każ li l-valur doganali ma jiġix ikkalkolat skont l-Artikolu 74 tal-Kodiċi, din l-informazzjoni għandha tingħata, jekk tkun disponibbli.

3/27. ***Numru ta' identifikazzjoni tax-xerrej***

Il-kolonni F1a, F1d u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ix-xerrej huwa l-aħħar entità magħrufa li lilha tinbiegħ jew hemm ftehim li tinbiegħ il-merkanzija. Jekk il-merkanzija se tiġi importata għal raġuni oħra għajr għax-xiri, għandhom jingħataw id-dettalji ta' sid il-merkanzija.

Daħħal in-numru EORI tax-xerrej tal-merkanzija, kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

Il-kolonna H1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn ix-xerrej ikun differenti mill-persuna pprovduta fl-E.D 3/16, Importatur, din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tax-xerrej tal-merkanzija, fejn dan in-numru jkun disponibbli.

Fil-każ li l-valur doganali jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 74 tal-Kodiċi, din l-informazzjoni għandha tingħata, jekk tkun disponibbli.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

3/28. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tinnotifika l-wasla***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tinnotifika l-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera.

3/29. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tinnotifika d-devjazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tinnotifika d-devjazzjoni.

3/30. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana mal-wasla tagħhom.

3/31. ***Trasportatur***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni trid tingħata f'sitwazzjonijiet fejn it-trasportatur ikun differenti mid-dikjarant. Ikteb l-isem u l-indirizz sħiħ tal-persuna kkonċernata. Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown.

▼B

3/32. ***Numru ta' identifikazzjoni tat-trasportatur***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni trid tingħata meta jkun differenti mid-dikjarant.

Fejn id-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul, jew id-dettalji tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul jiġu ppreżentati jew emendati minn persuna msemmija fit-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 127(4) tal-Kodiċi, jew f'każijiet speċifiċi jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi, għandu jingħata n-numru EORI tat-trasportatur.

In-numru EORI tat-trasportatur għandu jingħata wkoll f'sitwazzjonijiet koperti mill-Artikoli 105, 106 u 109.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant. Dak in-numru jista' jintuża wkoll kull meta t-trasportatur ikun id-dikjarant.

Il-kolonni A1 sa A3, F3a, F4a, F4b u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tat-trasportatur, kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

Il-kolonni F1a sa F1d, F2a sa F2c tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tat-trasportatur.

3/33. ***Parti li trid tiġi nnotifikata – Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-parti li trid tiġi nnotifikata mad-dħul tal-wasla tal-merkanzija, kif stabbilit fil-polza prinċipali tat-tagħbija jew fil-polza tal-vjeġġ bl-ajru tal-merkanzija bl-ajru. Din l-informazzjoni trid tingħata fejn ikun applikabbli. Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown.

Fejn il-merkanzija tinġarr taħt polza negozjabbli tat-tagħbija li tkun "skont l-ordni, b'ġirata inbjank", fejn id-destinatarju ma jissemmiex u jiddaħħal il-kodiċi rilevanti ddefinit għall-E.D. 2/2, informazzjoni addizzjonali, il-parti li trid tiġi nnotifikata għandha dejjem tiġi pprovduta.

3/34. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-parti li trid tiġi nnotifikata – Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI tal-parti li trid tiġi nnotifikata msemmi fl-Artikolu 1(18), kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

▼B

3/35. ***Parti li trid tiġi notifikata – Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-isem u l-indirizz sħiħ tal-parti li trid tiġi nnotifikata mad-dħul tal-wasla tal-merkanzija, kif stabbilit fil-polza domestika tat-tagħbija jew fil-polza domestika tat-tagħbija bl-ajru. Din l-informazzjoni trid tingħata fejn ikun applikabbli. Jista' jingħata numru ta' kuntatt tat-telefown.

Fejn il-merkanzija tinġarr taħt polza negozjabbli tat-tagħbija li tkun "skont l-ordni, b'ġirata inbjank", fejn id-destinatarju ma jissemmiex u jiddaħħal il-kodiċi rilevanti ddefinit għall-E.D 2/2, Informazzjoni addizzjonali, il-parti li trid tiġi nnotifikata għandha dejjem tiġi pprovduta.

3/36. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-parti li trid tiġi nnotifikata – Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

▼M3

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI tal-parti li trid tiġi nnotifikata msemmi fl-Artikolu 1(18), kull meta dan in-numru jkun disponibbli għad-dikjarant.

▼B

Meta jingħataw faċilitazzjonijiet fil-qafas ta' xi programm ta' sħubija kummerċjali ta' pajjiżi terzi li jkun rikonoxxut mill-Unjoni, din l-informazzjoni tista' tieħu l-forma ta' numru ta' identifikazzjoni uniku ta' pajjiż terz li jkun tpoġġa għad-dispożizzjoni tal-Unjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat. Dak in-numru jista' jintuża kull meta jkun disponibbli għad-dikjarant.

3/37. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-attur(i) addizzjonali fil-katina tal-provvista***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Numru uniku ta' identifikazzjoni assenjat lil operatur ekonomiku ta' pajjiż terz fil-qafas ta' programm ta' sħubija kummerċjali żviluppat skont il-Qafas ta' Standards li Jiżguraw u Jiffaċilitaw il-Kummerċ Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali li jkun rikonoxxut mill-Unjoni Ewropea.

L-identifikatur tal-parti kkonċernata għandu jkun ippreċedut minn kodiċi tar-rwol li jispeċifika r-rwol tiegħu fil-katina tal-provvista.

3/38. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tippreżenta d-dettalji addizzjonali tal-ENS***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI tal-persuna li tkun ħarġet kuntratt tat-trasport kif imsemmi fl-Artikolu 112(1) l-ewwel sottoparagrafu jew fejn id-destinatarju li hemm referenza għalih fl-Artikolu 112(1) it-tieni sottoparagrafu u f'113(1) u (2) (jiġifieri kuntrattur tat-trasportaturi, operatur postali, kurrier express jew destinatarju), li tippreżenta d-dettalji addizzjonali tad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul skont l-Artikoli 112 jew 113.

3/39. ***Numru ta' identifikazzjoni tad-detentur tal-awtorizzazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip tal-awtorizzazzjoni u n-numru EORI tad-detentur tal-awtorizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 1(18).

▼B

3/40. ***Numru ta' identifikazzjoni tar-referenzi fiskali addizzjonali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Meta jintuża l-kodiċi ta' proċedura 42 jew 63, għandha tiddaħħal l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 143(2) tad-Direttiva 2006/112/KE.

▼M6

Meta l-merkanzija tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera skont l-iskema speċjali għall-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata minn pajjiżi u territorji terzi stabbiliti fit-Titolu XII tal-Kapitolu 6 it-Taqsima 4 tad-Direttiva 2006/112/KE, għandu jingħata n-numru tal-VAT speċjali attribwit għall-użu ta' din l-iskema.

▼B

3/41. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana fil-każ ta' entrata fir-reġistri tad-dikjarant jew ta' dikjarazzjoni doganali li tkun ġiet ippreżentata qabel***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tippreżenta l-merkanzija lid-dwana fil-każijiet fejn id-dikjarazzjoni ssir permezz ta' entrata fir-reġistri tad-dikjarant.

3/42. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tippreżenta l-manifest tal-merkanzija doganali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tkun qed tippreżenta l-manifest tal-merkanzija doganali.

3/43. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tkun qed titlob prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tkun qed titlob prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni.

3/44. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tinnotifika l-wasla tal-merkanzija wara moviment taħt ħażna temporanja***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tinnotifika l-wasla tal-merkanzija wara l-moviment tagħhom fil-kuntest tal-ħażna temporanja.

▼M3

3/45. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tipprovdi garanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tipprovdi l-garanzija, jekk tkun differenti mid-dikjarant.

▼M3

3/46. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-persuna li tħallas id-dazju doganali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni tieħu l-forma tan-numru EORI msemmi fl-Artikolu 1(18) tal-persuna li tħallas id-dazju doganali, jekk tkun differenti mid-dikjarant.

▼B

Grupp 4 – Informazzjoni dwar il-valutazzjoni/Taxxi

4/1. ***Termini tal-kunsinna***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet u tal-intestaturi rilevanti tal-Unjoni, agħti dettalji dwar it-termini tal-kuntratt kummerċjali.

4/2. ***Metodu ta' ħlas tal-ispejjeż tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi rilevanti li jispeċifika l-metodu ta' ħlas għall-ispejjeż tat-trasport.

4/3. ***Kalkolu tat-taxxi – Tip ta' taxxa***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni u, jekk ikun applikabbli, il-kodiċi(jiet) previsti mill-Istat Membru kkonċernat, daħħal it-tipi ta' taxxa għal kull tip ta' dazju jew taxxa applikabbli għall-merkanzija kkonċernata.

4/4. ***Kalkolu tat-taxxi – Bażi tat-taxxa***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal id-dazju jew il-bażi tat-taxxa applikabbli (valur, piż jew oħrajn).

4/5. ***Kalkolu tat-taxxi – Rata tat-taxxa***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal ir-rati għal kull dazju u taxxa applikabbli.

4/6. ***Kalkolu tat-taxxi – Ammont tat-taxxa pagabbli***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-ammont għal kull dazju u taxxa applikabbli.

L-ammonti f'din il-kaxxa għandhom jingħataw fl-unità tal-munita li l-kodiċi tagħha jista' jingħata fl-E.D. 4/12 Unità tal-munita interna, jew, jekk ma jkunx hemm kodiċi bħal dan fl-E.D. 4/1, Unità tal-munita interna, fil-munita tal-Istat Membru fejn jitwettqu l-formalitajiet tal-importazzjoni.

4/7. ***Kalkolu tat-taxxi – Total***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-ammont totali ta' dazji u taxxi għall-merkanzija kkonċernata.

L-ammonti f'din il-kaxxa għandhom jingħataw fl-unità tal-munita li l-kodiċi tagħha jista' jingħata fl-E.D. 4/12 Unità tal-munita interna, jew, jekk ma jkunx hemm kodiċi bħal dan fl-E.D. 4/12 Unità tal-munita interna, fil-munita tal-Istat Membru fejn jitwettqu l-formalitajiet tal-importazzjoni.

▼B

4/8. ***Kalkolu tat-taxxi - Metodu ta' ħlas***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, indika l-metodu ta' ħlas applikat.

4/9. ***Żidiet u tnaqqis***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Għal kull tip ta' żieda jew ta' tnaqqis rilevanti għal oġġett partikulari tal-merkanzija, daħħal il-kodiċi rilevanti segwit mill-ammont korrispondenti fil-munita nazzjonali li jkun għadu ma ġiex inkluż fil-prezz tal-oġġett jew imnaqqas minnu.

4/10. ***Munita tal-fattura***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti, daħħal il-munita li fiha tkun inħarġet il-fattura kummerċjali.

Din l-informazzjoni tintuża flimkien mal-E.D. 4/11, Ammont totali fatturat, u mal-E.D 4/14, Ammont/il-prezz ta' kull oġġett individwali, fejn dan ikun meħtieġ għall-kalkolu tad-dazji tal-importazzjoni.

4/11. ***Ammont totali tal-fattura***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-prezz fatturat għall-merkanzija kollha ddikjarata fid-dikjarazzjoni mogħti fl-unità tal-munita ddikjarata fl-E.D. 4/10 Munita tal-fattura.

4/12. ***Unità tal-munita interna***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Dikjarazzjonijiet li jsiru fi Stati Membri li, matul il-perjodu tranżitorju għall-introduzzjoni tal-euro, jagħtu l-opportunità lill-operaturi ekonomiċi li jagħżlu li jużaw l-unità tal-euro għall-iffissar tad-dikjarazzjonijiet doganali tagħhom, f'din il-kaxxa għandhom jinkludu indikatur tal-unità tal-munita użata, jiġifieri l-unità nazzjonali jew l-unità tal-euro.

4/13. ***Indikaturi tal-valutazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-kombinazzjoni ta' indikaturi biex tiddikjara jekk il-valur tal-merkanzija huwiex iddeterminat minn fatturi speċifiċi.

4/14. ***Ammont/prezz ta' kull oġġett individwali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-prezz tal-merkanzija għall-oġġett individwali fid-dikjarazzjoni kkonċernat, espress fl-unità tal-munita ddikjarata fl-E.D. 4/10 Munita tal-fattura.

▼B

4/15. ***Rata tal-kambju***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Dan l-element tad-dejta fih ir-rata tal-kambju ffissata bil-quddiem permezz ta' kuntratt bejn il-partijiet ikkonċernati.

4/16. ***Metodu ta' valutazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-metodu ta' valutazzjoni użat.

4/17. ***Preferenza***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Dan l-element tad-dejta jittratta informazzjoni dwar it-trattament tariffarju tal-merkanzija. Fejn l-użu tiegħu jkun previst bħala mandatorju fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta tas-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness, għandu jintuża anke meta ma jintalab ebda trattament tariffarju preferenzjali. Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

F'intervalli regolari l-Kummissjoni se tippubblika l-lista tal-kombinazzjonijiet ta' kodiċijiet li jistgħu jintużaw, flimkien ma' eżempji u noti.

4/18. ►M6 ***Valur*** ◄

▼M6

Il-kolonna H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

▼B

Biċċa mill-kontenut, valur iddikjarat: Il-kodiċi tal-munita u l-valur monetarju ta' biċċa mill-kontenut, iddikjarati għal finijiet doganali.

▼M6

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

Il-valur intrinsiku tal-merkanzija għal kull oġġett fil-munita tal-fattura.

▼B

4/19. ►M6 **Spejjeż tat-trasport lejn id-destinazzjoni finali** ◄

▼M6

Il-kolonna H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

▼B

Oġġett individwali; posta mħallsa: Il-kodiċi tal-munita u l-ammont ta' posta mħallas minn min jibgħat il-merkanzija jew li jiġi ċċarġjat lilu.

▼M6

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

Spejjeż tat-trasport sal post tad-destinazzjoni finali fil-munita tal-fattura.

▼B

Grupp 5 – Dati/Hinijiet/Perjodi/Postijiet/Pajjiżi/Reġjuni

5/1. ***Id-data u l-ħin stmat tal-wasla fl-ewwel post tal-wasla fit-territorju doganali tal-Unjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Id-data u l-ħin lokali li fih il-mezz attiv ta' trasport ikun skedat li jasal fl-Unjoni (bl-art) fl-ewwel post fuq il-fruntiera, (bl-ajru) fl-ewwel ajruport jew (bil-baħar) fl-ewwel port. Fil-każ ta' trasport bil-baħar, din l-informazzjoni għandha tiġi llimitata għad-data tal-wasla.

▼M3

Il-kolonni G1 u G2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

▼B

Din l-informazzjoni għandha tiġi llimitata għad-data tal-wasla fl-ewwel post tal-wasla fit-territorju doganali tal-Unjoni ddikjarata fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul.

5/2. ***Id-data u l-ħin stmat tal-wasla fil-port tal-ħatt***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Id-data u l-ħin lokali skedat li fih il-bastiment huwa mistenni jasal fil-port, fejn il-merkanzija għandha tinħatt.

5/3. ***Id-data u l-ħin attwali tal-wasla fit-territorju doganali tal-Unjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Id-data u l-ħin lokali skedat li fih il-mezz attiv ta' trasport effettivament jasal fl-Unjoni (bl-art) fl-ewwel post fuq il-fruntiera, (bl-ajru) fl-ewwel ajruport jew (bil-baħar) fl-ewwel port.

5/4. ***Data tad-dikjarazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Id-data li fiha nħarġu d-dikjarazzjonijiet rispettivi u, fejn xieraq, iffirmati jew awtentikati b'mod ieħor.

5/5. ***Post tad-dikjarazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-post li fih inħarġu d-dikjarazzjonijiet stampati rispettivi.

5/6. ***Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-numru ta' referenza tal-uffiċċju fejn għandha tintemm l-operazzjoni ta' tranżitu tal-Unjoni.

5/7. ***L-uffiċċji ta' tranżitu previsti (u l-pajjiż)***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi għall-uffiċċju doganali ta' dħul previst f'kull parti kontraenti għall-konvenzjoni ta' tranżitu minbarra dak tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "pajjiż komuni ta' tranżitu mhux tal-Unjoni") li għandha tgħaddi minnu l-merkanzija u l-uffiċċju doganali ta' dħul li minnu l-merkanzija terġa tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni wara li tkun qasmet it-territorju ta' pajjiż komuni ta' tranżitu mhux tal-Unjoni, jew, fejn il-kunsinna għandha taqsam territorju li ma jkunx dak tal-Unjoni jew ta' pajjiż komuni ta' tranżitu mhux tal-Unjoni, l-uffiċċju doganali ta' ħruġ li minnu t-trasport iħalli l-Unjoni u l-uffiċċju doganali ta' dħul li minnu jerġa' jidħol fl-Unjoni.

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-numri ta' referenza tal-uffiċċji doganali kkonċernati.

▼B

5/8. ***Kodiċi tal-pajjiż tad-destinazzjoni***

Il-kolonni B1 sa B4 u C1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-pajjiż li, fil-ħin tar-rilaxx fil-proċedura doganali, ikun magħruf li l-merkanzija għandha tiġi kkunsinnata lilu.

Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-aħħar pajjiż tad-destinazzjoni tal-merkanzija.

Il-pajjiż tal-aħħar destinazzjoni magħrufa huwa ddefinit bħala l-aħħar pajjiż li, fil-mument tar-rilaxx fil-proċedura doganali, ikun magħruf li l-merkanzija għandha tiġi kkunsinnata lilu.

Il-kolonni H1, H2 u H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-kodiċi għall-Istat Membru fejn tkun tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx fil-proċedura doganali jew, fir-rigward tal-kolonna H6, f'użu domestiku.

Madankollu, meta fil-ħin li tkun qed issir id-dikjarazzjoni doganali jkun magħruf li l-merkanzija se tiġi ttrasportata lejn Stat Membru ieħor wara r-rilaxx, daħħal il-kodiċi għal dan l-aħħar Stat Membru.

Il-kolonni H3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn il-merkanzija tiġi importata bil-ħsieb li titqiegħed taħt proċedura ta' aċċettazzjoni temporanja, l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun l-Istat Membru fejn il-merkanzija se tintuża għall-ewwel darba.

Il-kolonni H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn il-merkanzija tiġi importata bil-ħsieb li titqiegħed taħt proċedura ta' pproċessar attiv, l-Istat Membru tad-destinazzjoni għandu jkun l-Istat Membru fejn issir l-ewwel attività ta' pproċessar.

5/9. ***Kodiċi tar-reġjun tad-destinazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti ddefinit mill-Istati Membri, daħħal ir-reġjun tad-destinazzjoni tal-merkanzija fl-Istat Membru kkonċernat.

5/10. ***Kodiċi tal-post ta' kunsinna –Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-każ ta' traffiku bil-baħar, daħħal il-UN/LOCODE, jew, jekk ma jkunx disponibbli, il-kodiċi tal-pajjiż segwit mill-kodiċi postali tal-post fejn issir il-kunsinna lil hinn mill-port tal-ħatt, kif stipulat fil-polza prinċipali tat-tagħbija.

Fil-każ ta' traffiku bl-ajru, daħħal id-destinazzjoni tal-merkanzija bl-użu tal-UN/LOCODE, jew, jekk ma jkunx disponibbli, il-kodiċi tal-pajjiż segwit mill-kodiċi postali tal-post, kif stipulat fil-polza prinċipali tat-tagħbija bl-ajru.

▼B

5/11. ***Kodiċi tal-post ta' kunsinna - Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-każ ta' traffiku bil-baħar, daħħal il-UN/LOCODE, jew, jekk ma jkunx disponibbli, il-kodiċi tal-pajjiż segwit mill-kodiċi postali tal-post fejn issir il-kunsinna lil hinn mill-port tal-ħatt, kif stipulat fil-polza domestika tat-tagħbija.

Fil-każ ta' traffiku bl-ajru, daħħal id-destinazzjoni tal-merkanzija bl-użu tal-UN/LOCODE, jew, jekk ma jkunx disponibbli, il-kodiċi tal-pajjiż segwit mill-kodiċi postali għall-post, kif stipulat fil-polza domestika tat-tagħbija bl-ajru.

5/12. ***Uffiċċju doganali tal-ħruġ***

Il-kolonni A1, A2 u A3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-uffiċċju doganali.

Il-kolonni B1 sa B3 u C1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-uffiċċju doganali li permezz tiegħu huwa intiż li l-merkanzija għandha tħalli t-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonna B4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal l-uffiċċju doganali li permezz tiegħu huwa intiż li l-merkanzija għandha tħalli t-territorju fiskali kkonċernat.

5/13. ***Uffiċċju(i) doganali sussegwenti tad-dħul***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni tal-uffiċċji doganali sussegwenti ta' dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Dan il-kodiċi jrid jingħata meta l-kodiċi għall-E.D. 7/4 Mezz tat-trasport mal-fruntiera, ikun 1, 4 jew 8.

5/14. ***Pajjiż tad-dispaċċ/kodiċi tal-esportazzjoni (15a)***

Il-kolonni B1 sa B4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura.

Madankollu, fejn ikun magħruf li l-merkanzija tkun inġiebet minn Stat Membru ieħor lejn l-Istat Membru li fih tkun tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali, indika dan l-Istat Membru l-ieħor, bil-kundizzjoni li

(i) il-merkanzija tkun inġiebet minn hemm sempliċiment għall-fini ta' esportazzjoni, u

(ii) l-esportatur ma jkunx stabbilit fl-Istat Membru li fih tkun tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali u

(iii) id-dħul fl-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali ma kienx akkwist ta' merkanzija jew tranżazzjoni intra-Unjoni ttrattata bħala tali kif imsemmi fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE

Madankollu, fejn il-merkanzija tiġi esportata wara proċedura ta' pproċessar attiv, indika l-Istat Membru fejn tkun saret l-aħħar attività ta' proċessar.

▼B

Il-kolonni H1, H2 sa, H5, H6 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Jekk la tkun saret tranżazzjoni kummerċjali (eż. bejgħ jew ipproċessar) u lanqas waqfa mhux relatata mat-trasport tal-merkanzija f'pajjiż intermedju, daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni biex tindika l-pajjiż minn fejn il-merkanzija kienet inizjalment mibgħuta lill-Istat Membru li fih tinsab il-merkanzija fil-ħin tar-rilaxx tagħhom fil-proċedura doganali. Jekk ikun sar tali waqfien jew tranżazzjoni kummerċjali, indika l-aħħar pajjiż intermedju.

Għall-għanijiet ta' dan ir-rekwiżit tad-dejta, waqfien sabiex tiġi permessal-konsolidazzjoni tal-merkanzija en-route għandu jiġi kkunsidrat bħala li huwa relatat mat-trasport tal-merkanzija.

5/15. ***Kodiċi tal-pajjiż ta' oriġini***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi rilevanti tal-Unjoni għall-pajjiż ta' oriġini nonpreferenzjali, kif iddefinit fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Kodiċi.

5/16. ***Kodiċi tal-pajjiż ta' oriġini preferenzjali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Jekk jintalab trattament preferenzjali abbażi tal-oriġini tal-merkanzija fl-E.D. 4/17, Preferenza, daħħal il-pajjiż ta' oriġini, kif indikat fil-prova tal-oriġini. Fejn il-prova ta' oriġini tirreferi għal grupp ta' pajjiżi, daħħal il-grupp ta' pajjiżi billi tuża l-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni.

5/17. ***Kodiċi tar-reġjun ta' oriġini***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti ddefinit mill-Istati Membri, daħħal ir-reġjun ta' dispaċċ jew ta' produzzjoni fl-Istat Membru kkonċernat tal-merkanzija inkwistjoni.

5/18. ***Kodiċi tal-pajjiżi ta' trasportazzjoni***

Il-kolonna A1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnu tgħaddi l-merkanzija bejn il-pajjiż tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija. Din tinkludi wkoll il-pajjiżi tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija tal-merkanzija. Din l-informazzjoni għandha tingħata safejn tkun magħrufa.

Il-kolonna A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Għandu jingħata biss il-pajjiż tad-destinazzjoni aħħarija.

5/19. ***Kodiċi tal-pajjiżi minn fejn jgħaddu l-mezzi tat-trasport***

Il-kolonni F1a, F1b, F2a, F2b u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnhom jgħaddi l-mezz tat-trasport bejn il-pajjiż tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija. Din tinkludi l-pajjiżi tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija tal-mezzi tat-trasport.

Il-kolonna F3a, F4a u F4b tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Għandu jingħata biss il-pajjiż tat-tluq oriġinali tal-mezz tat-trasport.

▼M3

5/20. ***Kodiċi tal-pajjiżi minn fejn tgħaddi l-kunsinna***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni f'ordni kronoloġika tal-pajjiżi li minnhom tgħaddi l-merkanzija bejn il-pajjiż tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija kif

▼M3

stipulat fl-aktar Polza Domestika baxxa tat-tagħbija, fl-aktar polza baxxa tal-vjeġġ bl-ajru tal-merkanzija jew fid-dokument tat-trasport bl-art/bil-ferrovija. Din tinkludi wkoll il-pajjiżi tat-tluq oriġinali u tad-destinazzjoni aħħarija tal-merkanzija.

▼B

5/21. ***Post tat-tagħbija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni tal-port, tal-ajruport, tat-terminal tal-merkanzija, tal-istazzjon tal-ferrovija jew ta' post ieħor fejn il-merkanzija titgħabba fuq il-mezz tat-trasport li jkun qed jintuża biex tinġarr, inkluż il-pajjiż fejn ikunu jinsabu. Fejn tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni kkodifikata għall-identifikazzjoni tal-post.

Fil-każ li ma jkunx hemm UN/LOCODE disponibbli għall-post ikkonċernat, il-kodiċi tal-pajjiż għandu jiġi segwit bl-isem tal-post, bl-akbar preċiżjoni possibbli.

Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti fejn ikun meħtieġ, daħħal il-post fejn il-merkanzija għandha titgħabba fuq il-mezz attiv tat-trasport li fuqu se taqsam il-fruntiera tal-Unjoni.

Il-kolonni F4a u F4b tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Kunsinni postali: dan l-element m'għandux għalfejn jingħata fejn jista' jiġi dedott awtomatikament u mingħajr ambigwità minn elementi oħra ta' dejta mogħtija mill-operatur ekonomiku.

Il-kolonna F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Dan jista' jkun il-post fejn ittieħdet il-merkanzija skont il-kuntratt tat-trasport jew l-uffiċċju doganali tat-tluq tat-TIR.

5/22. ***Post ta' ħatt***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni tal-port, tal-ajruport, tat-terminal tal-merkanzija, tal-istazzjon tal-ferrovija jew ta' post ieħor fejn il-merkanzija tinħatt minn fuq il-mezz tat-trasport li jkun intuża biex jinġarru, inkluż il-pajjiż fejn ikunu jinsabu. Fejn tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni kodifikata għall-identifikazzjoni tal-post.

Fil-każ li ma jkunx hemm UN/LOCODE disponibbli għall-post ikkonċernat, il-kodiċi tal-pajjiż għandu jiġi segwit bl-isem tal-post, bl-akbar preċiżjoni possibbli.

5/23. ***Post fejn qegħda l-merkanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti, daħħal il-post fejn il-merkanzija tista' tiġi eżaminata. Dan il-post għandu jkun preċiż biżżejjed biex jippermetti lill-awtoritajiet doganali jwettqu l-kontroll fiżiku tal-merkanzija.

5/24. ***Uffiċċju doganali tal-kodiċi tal-ewwel dħul***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-identifikazzjoni tal-uffiċċju Doganali li huwa responsabbli għall-formalitajiet fil-post fejn il-mezz attiv tat-trasport huwa mistenni jasal l-ewwel fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonni G1 sa G3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-identifikazzjoni tal-uffiċċju doganali li huwa responsabbli għall-formalitajiet fil-post fejn ġie ddikjarat fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul li l-mezz attiv tat-trasport se jasal l-ewwel fit-territorju doganali tal-Unjoni.

▼B

5/25. ***Uffiċċju doganali attwali tal-kodiċi tal-ewwel tad-dħul***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-identifikazzjoni tal-uffiċċju doganali li huwa responsabbli għall-formalitajiet fil-post fejn il-mezz attiv tat-trasport jasal l-ewwel fil-verità fit-territorju doganali tal-Unjoni.

5/26. ***Uffiċċju doganali ta' preżentazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, indika l-uffiċċju doganali fejn il-merkanzija tiġi ppreżentata bil-għan li titqiegħed taħt proċedura doganali.

5/27. ***Uffiċċju doganali li jissorvelja***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, speċifika l-uffiċċju doganali indikat fl-awtorizzazzjoni rispettiva li se jissorvelja l-proċedura.

Il-kolonna G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tal-identifikatur tal-uffiċċju doganali li jissorvelja kompetenti għall-faċilità ta' ħażna temporanja fid-destinazzjoni.

5/28. ***Validità mitluba tal-prova***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Indika l-validità mitluba tal-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni mogħtija f'jiem, f'każ li l-persuna li tkun qed titlob prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni tkun tixtieq tistabbilixxi perjodu ta' validità itwal minn dak stabbilit fl-Artikolu 123. Il-ġustifikazzjoni tat-talba għandha tingħata fl-E.D. 2/2, Informazzjoni addizzjonali.

5/29. ***Data tal-preżentazzjoni tal-merkanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Indika d-data li fiha li fiha ġiet ippreżentata l-merkanzija lid-dwana skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi.

5/30. ***Post fejn tiġi aċċettata l-merkanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-post fejn jittieħed pussess tal-merkanzija mingħand il-kunsinnatur mill-persuna li toħroġ il-polza tat-tagħbija.

L-identifikazzjoni tal-port, tat-terminal tal-merkanzija jew ta' post ieħor minn fejn jittieħed pussess tal-merkanzija mingħand il-kunsinnatur, inkluż il-pajjiż fejn ikunu jinsabu. Fejn tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni kkodifikata għall-identifikazzjoni tal-post.

Fil-każ li ma jkunx hemm UN/LOCODE disponibbli għall-post ikkonċernat, il-kodiċi tal-pajjiż għandu jiġi segwit bl-isem tal-post, bl-akbar preċiżjoni possibbli.

▼M3

5/31. Data tal-aċċettazzjoni

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal id-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni simplifikata jew id-data meta l-merkanzija ddaħħlet fir-rekords tad-dikjarant.

▼B

Grupp 6 – Identifikazzjoni tal-merkanzija

6/1. ***Massa netta (f'kg)***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-massa netta, mogħtija f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mid-dikjarazzjoni rilevanti tal-oġġett individwali tal-merkanzija. Il-massa netta hija l-massa tal-oġġett mingħajr kwalunkwe ppakkjar.

Meta massa netta akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), tista' tiġi mqarrba b'din il-manjiera li ġejja:

— minn 0,001 sa 0,499: tiġi mqarrba 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0,5 sa 0,999: tiġi mqarrba 'l fuq sal-eqreb kg.

Massa netta ta' anqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala "0." segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

6/2. ***Unitajiet supplimentari***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn ikun meħtieġ, daħħal il-kwantità tal-oġġett inkwistjoni, mogħtija fl-unità stabbilita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif ippubblikata fit-TARIC.

6/3. ***Massa grossa (f'kg) – Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-massa grossa, mogħtija f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata skont l-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija, kif indikat fid-dokument prinċipali tat-trasport. Il-massa grossa hija l-aggregazzjoni tal-massa tal-merkanzija kompluta fl-ippakkjar tagħha eskluża l-kontejners u t-tagħmir l-ieħor tat-trasport.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'din il-manjiera li ġejja:

— minn 0,001 sa 0,499: tiġi mqarrba 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0,5 sa 0,999: tiġi mqarrba 'l fuq sal-eqreb kg.

Massa netta ta' anqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala "0." segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

Fejn ikun possibbli, l-operatur ekonomiku jista' jipprovdi dak il-piż fil-livell tal-oġġett individwali fid-dikjarazzjoni.

6/4. ***Massa grossa (f'kg) – Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-massa grossa, mogħtija f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mill-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija, kif indikat fid-dokument tat-trasport fuq livell domestiku. Il-massa grossa hija l-aggregazzjoni tal-massa tal-merkanzija kompluta fl-ippakkjar tagħha, eskluż l-kontejners u t-tgħamir l-ieħor tat-trasport.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'din il-manjiera li ġejja:

— minn 0,001 sa 0,499: tiġi mqarrba 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0,5 sa 0,999: tiġi mqarrba 'l fuq sal-eqreb kg.

▼B

Massa netta ta' anqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala "0." segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

Il-kolonni F1a, F1c, F2a, F2c, F2d u F3a sa F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn ikun possibbli, l-operatur ekonomiku jista' jipprovdi dak il-piż fil-livell tal-oġġett individwali fid-dikjarazzjoni.

6/5. ***Massa grossa (f'kg)***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-massa grossa hija l-piż tal-merkanzija inkluż l-ippakkjar, iżda mingħajr it-tagħmir tat-trasportatur għad-dikjarazzjoni.

Meta massa grossa akbar minn 1 kg tinkludi frazzjoni ta' unità (kg), din tista' tkun imqarrba b'din il-manjiera li ġejja:

— minn 0,001 sa 0,499: tiġi mqarrba 'l isfel sal-eqreb kg,

— minn 0,5 sa 0,999: tiġi mqarrba 'l fuq sal-eqreb kg.

Massa netta ta' anqas minn 1 kg għandha tiddaħħal bħala "0." segwita minn għadd ta' deċimali sa 6, u jitneħħew iż-"0" kollha fit-tarf tal-kwantità (eż. 0,123 għal pakkett ta' 123 gramma, 0,00304 għal pakkett ta' 3 grammi u 40 milligramma jew 0,000654 għal pakkett ta' 654 milligramma).

Il-kolonni B1 sa B5, H1 sa H7, I1 u I2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata skont l-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija.

Fejn il-piż tal-palits jiġi inkluż fid-dokumenti tat-trasport, il-piż tal-palits għandu jiġi inkluż ukoll fil-kalkolu tal-massa grossa, ħlief għall-każijiet li ġejjin:

(a) Il-palit jifforma entrata separata fuq id-dikjarazzjoni doganali

(b) Ir-rata tad-dazju għall-oġġett inkwistjoni tkun ibbażata fuq il-piż gross u/jew il-kwota tariffarja għall-oġġett inkwistjoni tiġi ġestita f'unità ta' kejl "piż gross".

Il-kolonni A1, A2, E1, E2, G4 u G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn ikun possibbli, l-operatur ekonomiku jista' jipprovdi dak il-piż fil-livell tal-oġġett individwali fid-dikjarazzjoni.

Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-massa grossa, espressa f'kilogrammi, tal-merkanzija kkonċernata mill-oġġett individwali rilevanti tal-merkanzija.

Fejn id-dikjarazzjoni tinkludi diversi oġġetti individwali tal-merkanzija, li tittratta merkanzija li tkun ippakkjata flimkien b'tali mod li jkun impossibbli li tiġi determinata l-massa grossa tal-merkanzija li tappartjeni għal xi oġġett individwali ta' merkanzija, il-massa grossa totali biss trid tiddaħħal fil-livell ta' intestatura.

Fejn dikjarazzjoni tat-tranżitu stampata tkopri diversi oġġetti individwali ta' merkanzija, il-massa grossa totali biss trid tiddaħħal fl-ewwel kaxxa 35, u l-kaxxi 35 li jifdal jitħallew vojta. L-Istati Membri jistgħu jestendu din ir-regola għall-proċeduri rilevanti kollha msemmija fit-tabella fit-Titolu I.

▼B

6/6. ***Deskrizzjoni tal-merkanzija – Kuntratt prinċipali tat-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Deskrizzjoni b'lingwaġġ sempliċi li tkun preċiża biżżejjed biex is-servizzi tad-Dwana jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija. Termini ġenerali (jiġifieri "kkonsolidat", "merkanzija ġenerali" "parts" jew "merkanzija ta' kull tip") mhumiex deskrizzjoni preċiża biżżejjed u ma jistgħux jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni ppubblikat lista mhux eżawrjenti ta' dawn it-termini u d-deskrizzjonijiet ġenerali.

Meta d-dikjarant jipprovdi l-kodiċi tas-CUS għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-ħtieġa li tingħata deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija.

6/7. ***Deskrizzjoni tal-merkanzija – Kuntratt tat-trasport fuq livell domestiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Deskrizzjoni b'lingwaġġ sempliċi li tkun preċiża biżżejjed biex is-servizzi tad-Dwana jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija. Termini ġenerali (jiġifieri "kkonsolidat", "merkanzija ġenerali" "parts" jew "merkanzija ta' kull tip") mhumiex deskrizzjoni preċiża biżżejjed u ma jistgħux jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni ppubblikat lista mhux eżawrjenti ta' dawn it-termini u d-deskrizzjonijiet ġenerali.

Meta d-dikjarant jipprovdi l-kodiċi tas-CUS għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-ħtieġa li tingħata deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija.

6/8. ***Deskrizzjoni tal-merkanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Meta d-dikjarant jipprovdi l-kodiċi tas-CUS għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi, l-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għall-ħtieġa li tingħata deskrizzjoni preċiża tal-merkanzija.

Il-kolonni A1 u A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Deskrizzjoni b'lingwaġġ sempliċi li tkun preċiża biżżejjed biex is-servizzi tad-Dwana jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija. Termini ġenerali (jiġifieri "kkonsolidat", "merkanzija ġenerali" "parts" jew "merkanzija ta' kull tip") mhumiex deskrizzjoni preċiża biżżejjed u ma jistgħux jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni ppubblikat lista mhux eżawrjenti ta' dawn it-termini u d-deskrizzjonijiet ġenerali.

Il-kolonni B3, B4, C1, D1,D2, E1 u E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Meta l-kodiċi tal-prodott bażiku trid tingħata, id-deskrizzjoni għandha tkun preċiża biżżejjed li tippermetti li l-merkanzija tiġi kklassifikata.

Il-kolonni B1, B2, H1 sa H5 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Id-deskrizzjoni tal-merkanzija tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali normali. Ħlief għal ►C3 merkanzija mhux tal-Unjoni ◄ li jitqiegħdu taħt proċedura tal-ħażna doganali f'maħżen doganali pubbliku tat-tip I, II jew III jew f'maħżen doganali privat, din id-deskrizzjoni għandha tiġi espressa f'termini preċiżi biżżejjed biex tippermetti l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni immedjata u mingħajr ambigwità tal-merkanzija.

▼M6

Il-Kolonni D3, G4, G5 u H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

▼B

Deskrizzjoni b'lingwaġġ sempliċi li tkun preċiża biżżejjed biex is-servizzi tad-Dwana jkunu jistgħu jidentifikaw il-merkanzija.

▼B

6/9. ***Tip ta' pakketti***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-kodiċi li jispeċifika t-tip ta' pakkett.

6/10. ***Għadd ta' pakketti***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-għadd totali ta' pakketti abbażi tal-iżgħar unità esterna tal-ippakkjar. Dan huwa l-għadd ta' oġġetti individwali ppakkjati b'tali mod li ma jistgħux jiġu diviżi mingħajr ma l-ewwel jiżżarma l-ippakkjar, jew l-għadd ta' biċċiet, jekk ma jkunux ippakkjati.

Din l-informazzjoni m'għandhiex tingħata meta l-oġġetti jkunu fi kwantità.

6/11. ***Marki tat-trasport)***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Forma libera ta' deskrizzjoni tal-marki u n-numri fuq l-unitajiet jew fuq il-pakketti tat-trasport.

Il-kolonni A1, C1, E2, F1a, F1b, F1c, F2a, F2c, G4 u I1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni għandha tingħata biss għal merkanzija ppakkjata fejn ikun applikabbli. Fejn il-merkanzija tkun f'kontejners, in-numru tal-kontejner jista' jissostitwixxi l-marki tat-trasport, li madankollu jista' jingħata mill-operatur ekonomiku fejn dan ikun disponibbli. Il-marki tat-trasport jistgħu jiġu sostitwiti bil-UCR jew bir-referenzi fid-dokument tat-trasport li jippermettu l-identifikazzjoni mingħajr ambigwità tal-pakketti kollha fil-kunsinna.

6/12. ***Kodiċi tan-NU għall-Oġġetti Perikoluż***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-Identifikatur tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Oġġetti Perikoluż (UNDG) huwa n-numru tas-serje assenjat fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti lil sustanzi u oġġetti li jkunu jinsabu fil-lista tal-oġġetti perikoluż li l-iżjed jinġarru.

6/13. ***Kodiċi tas-CUS***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru tal-Unjoni Doganali u tal-Istatistika (CUS) huwa l-identifikatur assenjat fl-Inventarju Doganali Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi (ECICS) prinċipalment għal sustanzi u preparazzjonijiet kimiċi.

Id-dikjarant jista' jipprovdi dan il-kodiċi fuq bażi volontarja fejn ma tkunx teżisti miżura tat-TARIC għall-merkanzija kkonċernata, jiġifieri fejn l-għoti ta' dan il-kodiċi jkun jirrappreżenta piż inqas minn deskrizzjoni testwali sħiħa tal-prodott.

Il-kolonni B1 u H1 tat-tabella:

Fejn il-merkanzija kkonċernata tkun soġġetta għal miżura tat-TARIC b'rabta ma' kodiċi tas-CUS, għandu jingħata l-kodiċi tas-CUS.

6/14. ***Kodiċi tal-prodott bażiku - Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda***

Il-kolonni B1 sa B4, C1, H1 sa H6 u I1. tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda li jikkorrispondi mal-oġġett inkwistjoni.

Il-kolonni A1 u A2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Għandu jintuża l-kodiċi tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata li tal-anqas ikollu l-ewwel erba' numri.

▼B

Il-kolonni D1 sa D3 u E1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Għandu jintuża l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda li tal-anqas ikollu l-ewwel erba' ċifri sa massimu ta' tmienja skont is-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I ta' dan l-Anness.

Fil-każ ta' proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni, f'din is-sottodiviżjoni għandu jiddaħħal il-kodiċi tal-prodott bażiku magħmul minn tal-anqas is-sitt ċifri tas-Sistema tad-Deskrizzjoni u l-Ikkodifikar Armonizzat tal-Prodott Bażiku. Il-kodiċi tal-prodott bażiku jista' jkun estiż għal tmien ċifri għall-użu nazzjonali.

Madankollu, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni teħtieġ hekk, għandha tintuża l-intestatura tan-Nomenklatura Magħquda.

Il-kolonna E2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numru tal-kodiċi li jikkorrispondi għall-oġġett inkwistjoni. Jekk tiġi pprovduta, din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tal-kodiċi b'sitt ċifri tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata. Il-kummerċjant jista' jipprovdi l-kodiċi bi tmien ċifri tan-Nomenklatura Magħquda. Fejn kemm id-deskrizzjoni tal-merkanzija u kemm il-kodiċi tal-Prodott bażiku jkunu t-tnejn disponibbli, preferibbilment jintuża l-kodiċi tal-Prodott bażiku.

Il-kolonni F1a, F1b, F1c u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi b'sitt ċifri tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata tal-merkanzija ddikjarata. Fil-każ ta' trasportazzjoni kkombinata, daħħal il-kodiċi b'sitt ċifri tan-Nomenklatura tas-Sistema Armonizzata tal-merkanzija ttrasportata permezz tal-mezz passiv tat-trasport.

Il-kolonni F2a, F2c, F2d, F3a, F3b, F4a, F4c, G4 u G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi b'sitt ċifri tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata tal-merkanzija ddikjarata. Din l-informazzjoni mhijiex meħtieġa għall-merkanzija ta' natura mhux kummerċjali.

▼M6

Il-kolonna H7 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-*data*:

Daħħal il-kodiċi b'sitt ċifri tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata tal-merkanzija ddikjarata.

▼B

6/15. ***Kodiċi tal-prodott bażiku - Kodiċi tat-TARIC (33/2)***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal is-sottointestatura tat-TARIC li tikkorrispondi mal-oġġett inkwistjoni.

▼M3

6/16. ***Kodiċi tal-prodott bażiku – Kodiċi(jiet) addizzjonali tat-TARIC***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi(jiet) addizzjonali tat-TARIC li jikkorrispondi/u mal-oġġett inkwistjoni.

6/17. ***Kodiċi tal-prodott bażiku – Kodiċi(jiet) nazzjonali addizzjonali***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-kodiċi(jiet) addizzjonali nazzjonali li jikkorrispondi/u mal-oġġett inkwistjoni.

▼B

6/18. ►C3 ***Total ta' pakketti*** ◄

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ikteb f'figuri n-numru totali ta' pakketti li jiffurmaw il-kunsinna f'dan il-każ.

▼B

6/19. ***Tip ta' merkanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-natura tal-oġġett individwali tat-tranżazzjoni, ikkodifikata.

Grupp 7 – Informazzjoni dwar it-trasport (modi, mezzi u tagħmir)

7/1. ***Trażbordi***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

L-ewwel tliet linji ta' din il-kaxxa għandhom ikunu mimlija mit-trasportatur meta, matul l-operazzjoni inkwistjoni, il-merkanzija tiġi trażbordata minn mezz wieħed tat-trasport għal mezz ieħor jew minn kontejner għal ieħor.

It-trasportatur ma jistax iwettaq trażbord tal-merkanzija mingħajr awtorizzazzjoni bil-quddiem mingħand l-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu għandu jseħħ it-trażbord.

Meta dawk l-awtoritajiet jikkunsidraw li l-operazzjoni tat-tranżitu ma tistax tissokta bil-mod normali, huma għandhom, la darba jkunu ħadu kwalunkwe passi skont ma jista' jkun meħtieġ, jikkonfermaw il-kopji 4 u 5 tad-dikjarazzjoni tat-tranżitu.

— Inċidenti oħra: Uża l-kaxxa 56 tad-dikjarazzjoni doganali stampata.

▼M3

_____

▼B

7/2. ***Kontejner***

Il-kolonni B1, B2, B3, D1, D2 u E1 tat-tabella:

Daħħal is-sitwazzjoni preżunta waqt il-qsim tal-fruntiera esterna tal-Unjoni, abbażi tal-informazzjoni disponibbli fil-ħin li jitlestew il-formalitajiet tal-esportazzjoni jew tat-tranżitu, jew waqt il-preżentazzjoni tat-talba għall-prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

Il-kolonni H1 u H2 sa H4 tat-tabella:

Daħħal is-sitwazzjoni waqt il-qsim tal-fruntiera esterna tal-Unjoni bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni.

▼M3

7/3. ***Numru ta' referenza tat-twassil***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Identifikazzjoni tal-vjaġġ tal-mezz ta' trasport, pereżempju n-numru tal-vjaġġ, in-numru tat-titjira tal-IATA, jew in-numru tal-ħruġ, jekk ikun applikabbli.

Għal trasport marittimu u bl-ajru, f'sitwazzjonijiet fejn l-operatur tal-bastiment jew tal-ajruplan jittrasporta l-merkanzija taħt arranġament għall-kondiviżjoni tal-bastiment, għall-kondiviżjoni tal-kodiċi jew taħt ftehim kontraenti simili ma' msieħba, għandu jintuża n-numru tal-vjaġġ jew tat-titjira tal-imsieħba.

▼B

7/4. ***Mezz ta' trasport fil-fruntiera***

Il-kolonni B1, B2, B3 D1 u D2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li huwa mistenni li se jintuża fil-ħruġ mit-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonni B4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li huwa mistenni li se jintuża fil-ħruġ mit-territorju fiskali kkonċernat.

▼B

Il-kolonni F1a sa F1c, F2a sa F2c, F3a, F4a, F4b, F5, G1 u G2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li fih il-merkanzija hija mistennija tidħol fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Fil-każ ta' trasportazzjoni kkombinata għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti għall-E.D. 7/14, Identità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera, u għall-E.D. 7/15, Nazzjonalità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera.

Fejn il-merkanzija bl-ajru jinġarru permezz ta' mezzi tat-trasport oħrajn apparti bl-ajru, għandu jiġi ddikjarat il-mezz tat-trasport l-ieħor.

Il-kolonni H1 sa H4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li permezz tiegħu il-merkanzija tkun daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Il-kolonna H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod tat-trasport li jikkorrispondi mal-mezz attiv tat-trasport li permezz tiegħu il-merkanzija tkun daħlet fit-territorju fiskali kkonċernat.

7/5. ***Mod ta' trasport intern (26)***

Il-kolonni B1, B2, B3 u D1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod ta' trasport mat-tluq.

Il-kolonni H1 u H2 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal il-mod ta' trasport mal-wasla.

7/6. ***Identifikazzjoni tal-mezz attwali ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur mogħti mill-OMI jew in-numru tat-titjira tal-IATA għal trasport bil-baħar jew bl-ajru rispettivament.

Għat-trasport bl-ajru, f'sitwazzjonijiet fejn l-operatur tal-inġenju tal-ajru jittrasporta l-merkanzija skont arranġament ta' użu ta' kondiviżjoni tal-kodiċi mal-imsieħba, għandhom jintużaw in-numri tat-titjira tal-imsieħba li magħhom ikun hemm l-arranġament ta' kondiviżjoni tal-kodiċi.

7/7. ***Identità tal-mezz ta' trasport fil-punt tat-tluq***

▼M3

Il-kolonni B1, B2 u B3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

▼B

Daħħal l-identità tal-mezz tat-trasport li fuqu l-merkanzija tiġi direttament mgħobbija waqt il-formalitajiet tal-esportazzjoni jew tat-tranżitu (jew dik tal-vettura li timbotta lill-oħrajn jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport). Jekk jintuża trattur u karru b'numri ta' reġistrazzjoni differenti, ikteb in-numri tar-reġistrazzjoni kemm tat-trattur u tal-karru flimkien mannazzjonalità tat-trattur.

Skont il-mezz tat-trasport ikkonċernat, jistgħu jiddaħħlu d-dettalji li ġejjin dwar l-identità:

▼B

Mezz ta’ trasport	Metodu ta’ identifikazzjoni
Trasport bil-baħar u fl-ilmijiet navigabbli interni	L-isem tal-bastiment
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (f’każ li ma jkunx hemm numru tat-titjira, daħħal in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru)
Trasport bit-triq	In-numru ta’ reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport ferrovjarju	In-numru tal-vagun

Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

▼M3

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur mogħti mill-OMI jew in-Numru ta' Identifikazzjoni uniku Ewropew għall-Bastimenti (il-kodiċi tal-ENI) għal trasport bil-baħar jew fl-ilmijiet navigabbli interni. Għal modi oħra ta' trasport, il-metodu ta' identifikazzjoni għandu jkun identiku għal dak mogħti fil-kolonni B1, B2 u B3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta.

▼B

Fejn il-merkanzija tiġi ttrasportata permezz ta’ trejler u trattur, daħħal in-numru ta’ reġistrazzjoni kemm tat-trejler kif ukoll tat-trattur. Fejn in-numru ta’ reġistrazzjoni tat-trattur ma jkunx magħruf, daħħal in-numru ta’ reġistrazzjoni tat-trejler.

7/8. ***Nazzjonalità tal-mezz ta’ trasport fil-punt tat-tluq***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-nazzjonalità tal-mezz tat-trasport (jew dik tal-vettura li timbotta lill-oħrajn jekk ikun hemm diversi mezzi tat-trasport) li fuqu l-merkanzija tiġi direttament mgħobbija waqt il-formalitajiet tat-tranżitu, fil-forma tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni. Jekk it-trattur u t-trejler li jintużaw ikunu ta’ nazzjonalitajiet differenti, daħħal in-nazzjonalità tat-trattur.

Jekk l-merkanzija tiħi ttrasportata permezz ta’ trejler u trattur, daħħal in-nazzjonalità kemm tat-trejler u kif ukoll tat-trattur. Fejn in-nazzjonalità tat-trattur ma tkunx magħrufa, daħħal in-nazzjonalità tat-trejler.

7/9. ***Identità tal-mezz ta’ trasport mal-wasla***

Il-kolonni H1 u H3 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ikteb l-identità tal-mezz tat-trasport li fuqu l-merkanzija hija direttament mgħobbija fil-waqt tal-preżentazzjoni fl-uffiċċju doganali ta’ fejn il-formalitajiet doganali huma mwettqa. Jekk jintuża trattur u karru b’numri ta’ reġistrazzjoni differenti, ikteb in-numri tar-reġistrazzjoni kemm tat-trattur kif ukoll tal-karru.

Skont il-mezz tat-trasport ikkonċernat, jistgħu jiddaħħlu d-dettalji li ġejjin dwar l-identità:

Mezz ta’ trasport	Metodu ta’ identifikazzjoni
Trasport bil-baħar u fl-ilmijiet navigabbli interni	L-isem tal-bastiment
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (f’każ li ma jkunx hemm numru tat-titjira, daħħal in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru)
Trasport bit-triq	In-numru ta’ reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport ferrovjarju	In-numru tal-vagun

▼M3

Il-kolonna G4 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

▼B

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur mogħti mill-OMI jew in-Numru ta' Identifikazzjoni uniku Ewropew għall-Bastimenti (il-kodiċi tal-ENI) għal trasport bil-baħar jew fl-ilmijiet navigabbli interni. Għal modi oħra ta' trasport, il-metodu ta' identifikazzjoni għandu jkun identiku għal dak mogħti fil-Kolonni H1 u H4 sa H6 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta.

7/10. ***Numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-marki (ittri u/jew numri) li jidentifikaw il-kontejner għat-trasport.

Għal modi ta' trasport minbarra bl-ajru, kontejner huwa kaxxa speċjali li fiha tinġarr il-merkanzija, li hija msaħħa u tippermetti li l-merkanzija titiqiegħed fuq xulxin u li tippermetti trasferimenti orizzontali jew vertikali.

Fil-mod ta' trasport bl-ajru, il-kontejners huma kaxxi speċjali għal-ġarr tal-merkanzija, li huma msaħħa u jippermettu trasferimenti orizzontali jew vertikali.

Fil-kuntest ta' dan l-element tad-dejta, il-kaxxi skambjabbli u s-semitrejlers li jintużaw għal trasport stradali u ferrovjarju għandhom jitqiesu bħala kontejners.

Jekk ikun applikabbli, għal kontejners li jkunu koperti mill-istandard ISO 6346, minbarra n-numru ta' identifikazzjoni tal-kontejner għandu jingħata wkoll l-identifikatur (prefiss) allokat mill-Bureau Internazzjonali għall-Kontejners u Trasport Intermodali (BIC).

Għal kaxxi skambjabbli u semitrejlers għandu jintuża l-kodiċi tal-ILU (Unitajiet ta' Tagħbija Intermodali) kif introdott mill-istandard Ewropew EN 13044.

7/11. ►M3 ***Daqs u tip ta' kontejner*** ◄

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Informazzjoni kkodifikata li tispeċifika l-karatteristiċi, jiġifieri d-daqs u t-tip tat-tagħmir tat-trasport (kontejner).

7/12. ***Status tal-kontejner ippakkjat***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Informazzjoni kkodifikata li tispeċifika kemm ikun mimli t-tagħmir tat-trasport (il-kontejner).

7/13. ***Kodiċi tat-tip tal-fornitur tal-kontejner***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Kodiċi li jidentifika t-tip ta' parti li tkun qed tforni t-tagħmir tat-trasport (il-kontejner).

7/14. ***Identità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-identità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera esterna tal-Unjoni.

Il-kolonni B1, B3 u D1 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-każ tat-trasport ikkombinat jew jekk jintużaw diversi mezzi tat-trasport, il-mezz attiv ta' trasport għandu jkun dak li jipprovdi l-irmonk għall-grupp kollu. Pereżempju, fil-każ ta' trakk fuq bastiment tal-baħar, il-mezz attiv tat-trasport huwa l-vapur. Fil-każ ta' trattur u karru, il-mezz attiv tat-trasport huwa t-trattur.

▼B

Skont il-mezz tat-trasport ikkonċernat, għandhom jiddaħħlu d-dettalji li ġejjin dwar l-identità:

Mezz ta' trasport	Metodu ta' identifikazzjoni
Trasport bil-baħar u fl-ilmijiet navigabbli interni	L-isem tal-bastiment
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (f'każ li ma jkunx hemm numru tat-titjira, daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru)
Trasport bit-triq	In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura
Trasport bil-ferrovija	In-numru tal-vagun

▼M3

Il-kolonni E2, F1a sa F1c, F4a, F4b u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

▼B

Għandhom jintużaw id-definizzjonijiet previsti għall-punt E.D. 7/7, Identità tal-mezz tat-trasport fil-punt tat-tluq. F'każ li jkun hemm trasport bil-baħar jew fl-ilmijiet navigabbli interni, għandu jiġi ddikjarat in-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur mogħti mill-OMI jew in-Numru ta' Identifikazzjoni uniku Ewropew tal-Bastiment (ENI).

Il-kolonna G1 u G3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur mogħti mill-OMI, il-kodiċi tal-ENI jew in-numru tat-titjira tal-IATA għat-trasport bil-baħar, fl-ilmijiet navigabbli interni jew għal trasport bl-ajru rispettivament, kif previst fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul li tkun ġiet ippreżentata qabel fir-rigward tal-merkanzija kkonċernati.

Għal trasport bl-ajru, f'sitwazzjonijiet fejn l-operatur tal-inġenju tal-ajru jittrasporta l-merkanzija taħt arranġament għall-kondiviżjoni tal-kodiċi mal-imsieħba, għandhom jintużaw in-numri tat-titjiriet tal-imsieħba li magħhom ikun hemm l-arranġament dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi.

Il-kolonna G2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni għandha tieħu l-forma tan-numru ta' identifikazzjoni tal-vapur mogħti mill-OMI jew in-numru tat-titjira tal-IATA għat-trasport bil-baħar jew bl-ajru rispettivament, kif previst fid-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul li tkun ġiet ippreżentata qabel fir-rigward tal-merkanzija kkonċernati.

Għal trasport bl-ajru, f'sitwazzjonijiet fejn l-operatur tal-inġenju tal-ajru jittrasporta l-merkanzija taħt arranġament għall-kondiviżjoni tal-kodiċi mal-imsieħba, għandhom jintużaw in-numri tat-titjiriet tal-imsieħba li magħhom hemm l-arranġament dwar il-kondiviżjoni tal-kodiċi.

7/15. ***Nazzjonalità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera***

Il-kolonni B1, B2, D1 u H1, H3 sa H5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-nazzjonalità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera esterna tal-Unjoni.

Fil-każ tat-trasport ikkombinat jew jekk jintużaw diversi mezzi tat-trasport, il-mezz attiv ta' trasport għandu jkun dak li jipprovdi l-irmonk għall-grupp kollu. Pereżempju, fil-każ ta' trakk fuq bastiment tal-baħar, il-mezz attiv tat-trasport huwa l-vapur. Fil-każ ta' trattur u karru, il-mezz attiv tat-trasport huwa t-trattur.

▼M3

Il-kolonni F1a, F1b, F4a, F4b u F5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

▼B

Għandhom jintużaw il-kodiċijiet rilevanti għan-nazzjonalità fejn din l-informazzjoni tkun għadha ma ġietx inkluża fl-identità.

▼B

7/16. ***Identità tal-mezz passiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fil-każ tat-trasport ikkombinat, daħħal l-identità tal-mezz passiv ta' trasport li jkun qed jiġi ttrasportat mill-mezz attiv ta' trasport previst fl-E.D. 7/14, Identità tal-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera. Pereżempju, fil-każ ta' trakk fuq bastiment tal-baħar, il-mezz passiv tat-trasport huwa t-trakk.

Skont il-mezz tat-trasport ikkonċernat, għandhom jiddaħħlu d-dettalji li ġejjin dwar l-identità:

Mezz ta' trasport	Metodu ta' identifikazzjoni
Trasport bil-baħar u fl-ilmijiet navigabbli interni	L-isem tal-bastiment
Trasport bl-ajru	In-numru u d-data tat-titjira (f'każ li ma jkunx hemm numru tat-titjira, daħħal in-numru ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru)
Trasport bit-triq	
Trasport ferrovjarju	In-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura u/jew tat-trejler
	In-numru tal-vagun

7/17. ***Nazzjonalità tal-mezz passiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera (21-2)***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni, daħħal in-nazzjonalità tal-mezz passiv ta' trasport li jkun qed jiġi ttrasportat mill-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera esterna tal-Unjoni.

Fil-każ tat-trasport ikkombinat, daħħal in-nazzjonalità tal-mezz passiv ta' trasport, bl-użu tal-kodiċi rilevanti tal-Unjoni. Il-mezz passiv ta' trasport huwa dak li qed jiġi ttrasportat mill-mezz attiv ta' trasport li jkun qed jaqsam il-fruntiera esterna tal-Unjoni kif previst fl-E.D. 7/14, Identità ta' mezzi attivi ta' trasport li jaqsam il-fruntier. Pereżempju, fil-każ ta' trakk fuq bastiment tal-baħar, il-mezz passiv ta' trasport huwa t-trakk.

Dan l-element tad-dejta għandu jintuża fejn l-informazzjoni dwar in-nazzjonalità tkun għadha ma ġietx inkluża fl-identità.

7/18. ***Numru tas-siġill***

Il-kolonni A1, F1a sa F1c, F5, G4 u G5 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

In-numri tal-identifikazzjoni tas-siġilli mwaħħlin mat-tagħmir tat-trasport, fejn ikun applikabbli.

Il-kolonni D1 sa D3 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Din l-informazzjoni għandha tingħata jekk kunsinnatur awtorizzat jippreżenta dikjarazzjoni li għaliha l-awtorizzazzjoni tagħha tkun teħtieġ l-użu ta' siġilli jew detentur tal-proċedura ta' tranżitu jingħata l-użu ta' siġilli ta' tip speċjali.

7/19. ***Inċidenti oħra waqt it-trasport***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Il-kaxxa trid timtela skont l-obbligi eżistenti taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

▼B

Barra minn hekk, meta l-merkanzija tkun ġiet mgħobbija fuq semitrejler u l-vettura tal-irmonk biss tiġi mibdula matul il-vjaġġ (mingħajr ma l-merkanzija tiġi mqandla jew trażbordata), f'din il-kaxxa ikteb in-numru tar-reġistrazzjoni tat-trattur il-ġdid. F'każi bħal dawn, l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti mhijiex meħtieġa.

▼M3

_____

▼B

7/20. ***Numru ta' identifikazzjoni tar-reċipjenti***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Reċipjent huwa unità ta' tagħbija għall-ġarr ta' oġġetti postali.

Il-kolonni F4a, F4b u F4d tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru ta' identifikazzjoni tar-reċipjenti li jiffurmaw il-kunsinna kkonsolidata assenjata minn operatur postali.

Grupp 8 – Elementi tad-dejta oħrajn (id-dejta statistika, il-garanziji, id-dejta relatata mat-tariffi)

8/1. ***Numru tal-ordni tal-kwota***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Ikteb in-numru tal-ordni tal-kwota tariffarja li għaliha d-dikjarant ikun qed japplika.

8/2. ***Tip ta' garanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' garanzija użata għall-operazzjoni.

8/3. ***Referenza tal-garanzija***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal in-numru ta' referenza tal-garanzija użata għall-operazzjoni u, jekk ikun xieraq, il-kodiċi ta' aċċess u l-uffiċċju ta' garanzija.

Il-kolonni D1 u D2 tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal l-ammont tal-garanzija li għandha tintuża għall-operazzjoni, ħlief għal merkanzija li tinġarr bil-ferrovija.

8/4. ***Garanzija mhux valida fi***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Fejn garanzija ma tkunx valida għall-pajjiżi komuni ta' tranżitu kollha, wara "Mhux valida għal" żid il-kodiċijiet rilevanti għall-pajjiż jew għall-pajjiżi komuni ta' tranżitu kkonċernat(i).

8/5. ***Natura tat-tranżazzjoni***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Bl-użu tal-kodiċijiet u l-intestaturi rilevanti tal-Unjoni, daħħal it-tip ta' tranżazzjoni kkonċernata.

▼B

8/6. ***Valur statistiku***

Il-kolonni kollha rilevanti użati tat-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta:

Daħħal il-valur statistiku mogħti fl-unità tal-munita li l-kodiċi tagħha jingħata fl-E.D. 4/14 Unità tal-munita interna, jew, jekk ma jkunx hemm kodiċi bħal dan fl-E.D 4/14 Unità tal-munita interna, fil-munita tal-Istat Membru fejn jitwettqu l-formalitajiet tal-esportazzjoni/importazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fis-seħħ.

▼M3

_____

▼B

ANNESS B-01

DIKJARAZZJONIJIET STANDARD STAMPATI – NOTI U FORMOLI LI GĦANDHOM JINTUŻAW

TITOLU I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Rekwiżiti tad-dejta ta' dikjarazzjonijiet doganali stampati

Id-dikjarazzjoni doganali stampata għandu jkun fiha d-dejta stabbilita fl-Anness B u għandha tkun sostnuta mid-dokumenti kif stabbilit fl-Artikolu 163 tal-Kodiċi.

Artikolu 2

L-użu ta' dikjarazzjoni doganali stampata

(1) Id-dikjarazzjoni doganali stampata għandha tiġi ppreżentata f'subsettijiet li jkun fihom l-għadd ta' kopji meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet relatati mal-proċedura doganali li taħtha l-merkanzija se titqiegħed.

(2) Meta l-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni jew il-proċedura ta' tranżitu komuni tiġi ppreċeduta jew segwita minn proċedura doganali oħra, jista' jiġi ppreżentat sottogrupp li jkun fih l-għadd ta' kopji meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet relatati mal-proċedura ta' tranżitu u mal-proċedura preċedenti jew segwenti.

(3) Is-subsettijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jittieħdu mis-sett sħiħ ta' tmien kopji, skont il-mudell li jinsab fit-Titolu III ta' dan l-Anness.

(4) Il-formoli tad-dikjarazzjoni jistgħu jiġu ssupplimentati, fejn ikun xieraq, b'formola waħda jew aktar ta' kontinwazzjoni ppreżentati f'subsettijiet li jkun fihom il-kopji tad-dikjarazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet relatati mal-proċedura doganali li taħtha l-merkanzija se titqiegħed.

Dawk il-kopji meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet li jirrigwardaw il-proċeduri doganali preċedenti jew sussegwenti jistgħu jiġu annessi fejn ikun xieraq.

Is-subsettijiet ta' kontinwazzjoni għandhom jittieħdu minn sett ta' tmien kopji, skont il-mudell li jinsab fit-Titolu IV ta' dan l-Anness.———to be seperated——- Il-formoli ta' kontinwazzjoni għandhom jiffurmaw parti integrali mid-Dokument Amministrattiv Uniku li jkunu relatati miegħu.

(5) In-noti għad-dikjarazzjoni doganali stampata stabbiliti abbażi tad-dokument amministrattiv uniku huma mogħtija fid-dettall fit-Titolu II.

Artikolu 3

L-użu ta' dikjarazzjoni doganali stampata għal proċeduri suċċessivi

(1) Meta jiġi applikat l-artikolu 2(2) ta' dan l-Anness, kull parti involuta għandha tkun responsabbli biss fir-rigward tad-dejta relatata mal-proċedura li għaliha tkun applikat bħala dikjarant, detentur tal-proċedura ta' tranżitu jew bħala r-rappreżentant ta' wieħed minn dawn.

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta d-dikjarant juża Dokument Amministrattiv Uniku li jkun inħareġ matul il-proċedura doganali preċedenti, qabel ma jippreżenta d-dikjarazzjoni tiegħu, dan għandu jintalab jivverifika l-eżattezza tad-dejta eżistenti fil-kaxxi li għalihom huwa responsabbli u l-applikabbiltà tagħha għall-merkanzija inkwistjoni u għall-proċedura li għaliha jkun applika, u li jissupplimentaha kif ikun meħtieġ.

▼B

Fil-każijiet imsemmija fl-ewwel sottoparagrafu, id-dikjarant għandu jinforma minnufih lill-uffiċċju doganali fejn id-dikjarazzjoni tkun ġiet ippreżentata bi kwalunkwe diskrepanza li tinstab bejn il-merkanzija inkwistjoni u d-dejta eżistenti. F'dan il-każ id-dikjarant għandu mbagħad iħejji d-dikjarazzjoni tiegħu fuq kopji ġodda tad-Dokument Amministrattiv Uniku.

(3) Meta d-Dokument Amministrattiv Uniku jintuża biex ikopri diversi proċeduri doganali suċċessivi, l-awtoritajiet doganali għandhom jissodisfaw ruħhom li d-dejta mogħtija fid-dikjarazzjonijiet relatati mad-diversi proċeduri inkwistjoni taqbel kollha.

Artikolu 4

L-użu speċjali ta' dikjarazzjoni doganali stampata

Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 1 tal-Kodiċi se japplika *mutatis mutandis* għal dikjarazzjonijiet stampati. Għal dan il-għan, il-formoli msemmija fl-Artikoli 1 u 2 ta' dan l-Anness għandhom jintużaw ukoll fil-kummerċ ta' ►C3 merkanzija tal-Unjoni ◄ kkunsinnati lil, minn jew bejn territorji fiskali speċjali.

Artikolu 5

Eċċezzjonijiet

Id-dispożizzjonijiet ta' din is-subsezzjoni m'għandhomx jipprekludu l-istampar ta' dikjarazzjonijiet stampati doganali u ta' dokumenti li jiċċertifikaw l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni ta' merkanzija li ma tinġarrx taħt proċedura interna ta' tranżitu tal-Unjoni permezz ta' sistemi tal-ipproċessar tad-dejta, fuq karta ordinarja, skont kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri.

TITOLU II

Noti

KAPITOLU 1

Deskrizzjoni ġenerali

(1) Id-dikjarazzjoni doganali stampata għandha tiġi stampata fuq karta awtokopjanti mħejjija għall-finijiet ta' kitba u b'piż ta' mhux anqas minn 40 g/m^2. Il-karta għandha tkun opaka biżżejjed sabiex l-informazzjoni fuq naħa waħda ma taffettwax il-leġibbiltà tal-informazzjoni fuq in-naħa l-oħra u għandha tkun b'saħħitha biżżejjed li b'użu normali ma titqattax jew titkemmex faċilment.

(2) Il-karta għandha tkun bajda għall-kopji kollha. Madankollu, fuq il-kopji użati għat-tranżitu tal-Unjoni (1, 4 u 5), il-kaxxi 1 (l-ewwel u t-tielet sottodiviżjoni), 2, 3, 4, 5, 6, 8, 15, 17, 18, 19, 21, 25, 27, 31, 32, 33 (l-ewwel sottodiviżjoni fuq ix-xellug), 35, 38, 40, 44, 50, 51, 52, 53, 55 u 56 għandu jkollhom sfond aħdar.

Il-formoli għandhom jiġu stampati b'linka ħadra.

(3) Il-kaxxi huma bbażati fuq unità ta' kejl ta' wieħed minn għaxra ta' pulzier orizzontalment u wieħed minn sitta ta' pulzier vertikalment. Is-sottodiviżjonijiet huma bbażati fuq unità ta' kejl ta' wieħed minn għaxra ta' pulzier orizzontalment.

(4) Fuq formoli li jikkonformaw mal-mudelli murija fit-Titoli III u IV ta' dan l-Anness, għandhom isiru marki kkuluriti għall-kopji differenti bil-mod li ġej:

— il-kopji 1, 2 3 u 5 għandu jkollhom marġni kontinwu fit-tarf tan-naħa tal-lemin, ta' lewn aħmar, aħdar, isfar u ikħal rispettivament,

— il-kopji 4, 6, 7 u 8 għandu jkollhom marġni interrott fit-tarf tan-naħa tal-lemin, ta' lewn ikħal, aħmar, aħdar u isfar rispettivament;

(5) Il-kopji li fuqhom għandha tidher bi proċess ta' awtokopjar d-dejta li tinsab fil-formoli murija fit-Titoli III u IV ta' dan l-Anness qed jintwerew fil-Kapitolu 1 tat-Titolu V ta' dan l-Anness.

▼B

(6) Id-daqs tal-formoli għandu jkun ta’ 210 × 297 mm b’tolleranza massima ta’ tul ta’ 5 mm inqas u 8 mm aktar.

(7) L-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-formoli juru l-isem u l-indirizz tal-istampatur jew marka li tgħin biex l-istampatur ikun identifikat. Jistgħu wkoll jobbligaw li l-istampar tal-formoli jkun jiddependi fuq approvazzjoni teknika minn qabel.

(8) Il-formoli u l-formoli ta’ kontinwazzjoni użati jinkludu l-kopji meħtieġa għat-twettiq tal-formalitajiet relatati ma’ proċedura doganali waħda jew aktar, meħuda minn sett ta’ tmien kopji:

— il-kopja 1 tinżamm mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-formalitajiet tal-esportazzjoni (tad-dispaċċ) jew tat-tranżitu tal-Unjoni,

— il-kopja 2 tintuża għal skopijiet statistiċi mill-Istat Membru tal-esportazzjoni. Din il-kopja tista’ tintuża wkoll għal raġunijiet statistiċi mill-Istat Membru tad-dispaċċ f’każijiet ta’ kummerċ bejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li jkollhom amministrazzjoni fiskali differenti,

— il-kopja 3 tingħata lura lill-esportatur wara li tiġi ttimbrata mill-awtorità doganali,

— il-kopja 4 tinżamm mill-uffiċċju tad-destinazzjoni malli titlesta l-operazzjoni tat-tranżitu tal-Unjoni jew bħala d-dokument li jipprovdi evidenza tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni,

— il-kopja 5 hija l-kopja tar-ritorn għall-proċedura ta’ tranżitu tal-Unjoni,

— il-kopja 6 tinżamm mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih ikunu twettqu l-formalitajiet tal-importazzjoni,

— il-kopja 7 tintuża użata għal skopijiet statistiċi mill-Istat Membru tal-importazzjoni. Din il-kopja tista’ tintuża wkoll għal raġunijiet statistiċi mill-Istat Membru tal-importazzjoni f’każijiet ta’ kummerċ bejn partijiet tat-territorju doganali tal-Unjoni li jkollhom amministrazzjoni fiskali differenti,

— il-kopja 8 tintbagħat lura lid-destinatarju.

Għalhekk hemm il-possibbiltà ta’ diversi kombinazzjonijiet, bħalma huma:

— esportazzjoni, ipproċessar passiv jew riesportazzjoni: il-kopji 1, 2 u 3,

— tranżitu tal-Unjoni: il-kopji 1, 4 u 5,

— proċeduri doganali għall-importazzjoni: il-kopji 6, 7 u 8.

(9) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 125, l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni jista’ jingħata permezz ta’ prova bil-miktub stabbilita fuq il-kopja 4.

(10) L-operaturi ekonomiċi jistgħu, jekk ikunu jixtiequ, jużaw subsettijiet stampati privatament billi jikkombinaw il-kopji xierqa, sakemm dawn ikunu konformi mal-mudell uffiċjali.

Kull subsett għandu jkun iddisinjat b’tali mod li fejn il-kaxxi għandu jkun fihom informazzjoni identika fiż-żewġ Stati Membri involuti, din l-informazzjoni tista’ tiddaħħal direttament mill-esportatur jew mid-detentur tal-proċedura ta’ tranżitu fuq il-kopja 1 u mbagħad, permezz tat-trattament kimiku tal-karta, tidher fuq il-kopji kollha. Meta, madanakollu, għal xi raġuni (partikolarment meta l-kontenut tal-informazzjoni jvarja skont l-istadju tal-operazzjoni involuta) l-informazzjoni ma tiġix trażmessa minn Stat Membru għal ieħor, id-desensitizzazzjoni tal-karta awtokopjanti għandha tillimita r-riproduzzjoni għall-kopji kkonċernati.

▼B

(11) Meta, skont l-Artikolu 5 ta' dan l-Anness, dikjarazzjonijiet għat-tqegħid ta' merkanzija taħt proċedura doganali, għal riesportazzjoni, jew dokumenti li jiċċertifikaw l-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni li ma jkunux qed jingarru skont il-proċedura interna ta' tranżitu tal-Unjoni jiġu mħejjija fuq karta ordinarja permezz ta' sistemi tal-ipproċessar tad-dejta uffiċjali jew tas-settur privat, il-format tad-dikjarazzjonijiet jew tad-dokumenti msemmija għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jew minn dan ir-Regolament, inklużi dawk relatati man-naħa ta' wara tal-formola (fir-rigward ta' kopji użati taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni), ħlief:

— fil-kulur użat għall-istampar,

— fl-użu ta' tipi fil-korsiv,

— fl-istampar ta' sfond għall-kaxxi tat-tranżitu tal-Unjoni.

KAPITOLU 2

Rekwiżiti tad-dejta

Il-formoli fihom għadd ta' kaxxi li wħud minnhom biss se jintużaw, skont il-proċedura(i) doganali f'dak il-każ.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' proċeduri ssimplifikati, il-kaxxi li jikkorrispondu mal-elementi tad-dejta li jistgħu jiġu mimlija għal kull proċedura huma stabbiliti fit-tabella dwar ir-rekwiżiti tad-dejta tat-Titolu I tal-Anness B, it-Titolu 1. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar kull kaxxa li tikkorrispondi mal-elementi tad-dejta kif inhuma deskritti fit-Titolu II tal-Anness B, japplikaw mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-elementi tad-dejta kkonċernati

FORMALITAJIET MATUL IT-TRANŻITU

Minn meta l-merkanzija titlaq l-uffiċċju tal-esportazzjoni u/jew tat-tluq, sakemm tasal fl-uffiċċju tad-destinazzjoni, jista' jkun meħtieġ li tiddaħħal ċerta dejta fuq il-kopji tad-Dokument Amministrattiv Uniku li jakkumpanja l-merkanzija. Dawn l-elementi tad-dejta jikkonċernaw l-operazzjoni tat-trasport u għandhom jiddaħħlu fid-dokument matul l-operazzjoni mit-trasportatur responsabbli għall-mezz tat-trasport li fuqu l-merkanzija tiġi mgħobbija direttament. Id-dejta tista' tiżdied b'kitba bl-idejn li tkun tista' tinqara sew; f'dan il-każ, il-formola għandha timtela bil-linka u b'ittri kapitali. Dawn l-elementi tad-dejta, li jidhru fuq il-kopji 4 u 5, jittrattaw il-kaxxi li ġejjin:

— Trażbordi (55)

— Inċidenti oħra waqt it-trasport (56)

KAPITOLU 3

Struzzjonijiet għall-użu tal-formoli

Kull meta subsett partikolari jkun fih kopja waħda jew aktar li jistgħu jintużaw fi Stat Membru apparti minn dak li fih kienu ġew mimlija għall-ewwel darba, il-formoli għandhom jimtlew bit-tajprajter jew b'mezz mekkanografiku jew bi proċess simili. Għall-faċilità tal-mili bit-tajprajter, il-formola għandha tiddaħħal fil-magna b'tali mod li l-ewwel ittra tad-dejta li trid tiddaħħal fil-kaxxa 2 titqiegħed fil-kaxxa tal-pożizzjoni fir-rokna ta' fuq tan-naħa tax-xellug.

Meta l-kopji kollha ta' subsett ikunu intiżi għall-użu fl-istess Stat Membru, dawn jistgħu jiġu mimlija b'kitba bl-idejn li tkun tinqara faċilment, bil-linka u b'ittri kapitali, sakemm dan ikun aċċettat f'dak l-Istat Membru. L-istess japplika għad-dejta li għandha tingħata fuq il-kopji użati għall-finijiet tal-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni.

Il-formola ma jista' jkun fiha l-ebda tħassir jew tibdil. Kwalunkwe modifika għandha ssir billi tiġi ingassata d-dejta żbaljata u tiżdied dik meħtieġa. Kull emenda għandu jkollha l-inizjali tal-persuna li tagħmilha u trid tiġi awtentikata espressament mill-awtoritajiet kompetenti. Dawn tal-aħħar jistgħu, meta jkun meħtieġ, jitolbu li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ġdida.

▼B

Barra minn hekk, il-formoli jistgħu jimtlew permezz ta' proċess ta' riproduzzjoni awtomatika minflok b'xi waħda mill-proċeduri msemmija hawn fuq. Dawn jistgħu wkoll jiġu prodotti u mimlija b'dan il-mezz bil-kundizzjoni li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kampjuni tal-formoli, il-format, il-lingwa użata, il-leġibbiltà, in-nuqqas ta' tħassir u l-kitba fuq oħra, u l-emendi, jiġu strettament osservati.

Għandhom jimtlew biss il-kaxxi nnumerati, kif ikun adattat, mill-operaturi. Il-kaxxi l-oħrajn, identifikati b'ittra kapitali, huma għall-użu amministrattiv.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(3) tal-Kodiċi, il-kopji li għandhom jibqgħu fl-uffiċċju tal-esportazzjoni/tad-dispaċċ jew tat-tluq għandhom iġibu l-firma oriġinali tal-persuni kkonċernati.

Il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ffirmata mid-dikjarant jew mir-rappreżentant tiegħu fl-uffiċċju doganali għandha tindika li l-persuna kkonċernata tkun qed tiddikjara l-merkanzija inkwistjoni għall-proċedura li għaliha tkun saret l-applikazzjoni u, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-applikazzjoni ta' sanzjonijiet, għandha tinżamm responsabbli, b'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istati Membri, fir-rigward ta':

— l-eżattezza tal-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni,

— l-awtentiċità tad-dokumenti mehmuża,

— l-osservanza tal-obbligi kollha inerenti fit-tqegħid tal-merkanzija inkwistjoni taħt il-proċedura kkonċernata.

Il-firma tad-detentur tal-proċedura ta' tranżitu jew, fejn ikun applikabbli, tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu, tikkommettih fir-rigward tad-dejta kollha relatata mal-operazzjoni tat-tranżitu tal-Unjoni skont id-dispożizzjonijiet tat-tranżitu tal-Unjoni stabbiliti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u f'dan ir-Regolament u kif elenkat fit-Titolu I tal-Anness B.

Sakemm il-Kapitolu 4 ma jipprevedix mod ieħor, kaxxa li m'għandhiex tintuża għandha titħalla kompletament vojta.

KAPITOLU 4

Kummenti dwar il-formoli ta' kontinwazzjoni

A. Il-formoli ta' kontinwazzjoni għandhom jintużaw biss meta d-dikjarazzjoni tkopri aktar minn oġġett wieħed (ara l-kaxxa 5). Dawn għandhom jiġu ppreżentati flimkien ma' formola IM, EX, EU jew CO.

B. L-istruzzjonijiet f'dan it-titolu japplikaw ukoll għall-formoli ta' kontinwazzjoni.

Madankollu:

— is-simboli "IM/c", "EX/c" jew "EU/c" (jew "CO/c" meta jkun applikabbli) għandhom jinkitbu fl-ewwel sottodiviżjoni tal-kaxxa 1, u dik is-sottodiviżjoni għandha titħalla vojta meta

  — il-formola tintuża għat-tranżitu tal-Unjoni biss, f'liema każ, skont il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni applikabbli għall-merkanzija kkonċernata, għandha tiddaħħal 'T1bis', 'T2bis', 'T2Fbis' jew 'T2SMbis' fit-tielet sottodiviżjoni tal-kaxxa 1,

  — il-formola tintuża biss biex tagħti prova tal-istatus doganali tal-merkanzija tal-Unjoni, f'liema każ, skont l-istatus tal-merkanzija kkonċernata, għandha tiddaħħal 'T2Lbis', 'T2LFbis' jew 'T2LSMbis' fit-tielet sottodiviżjoni tal-kaxxa,

— il-kaxxa 2/8 hija għall-użu fakultattiv tal-Istati Membri u għandha turi biss in-numru ta' identifikazzjoni u/jew l-isem, jekk ikun hemm, tal-persuna kkonċernata,

▼B

— il-parti “sommarja” fil-kaxxa 47 tikkonċerna s-sommarju finali tal-punti kollha koperti bil-formoli IM u IM/c, EX u EX/c, EU u EU/c jew CO u CO/c użati. Għandha għalhekk tintuża biss fl-aħħar tal-formoli IM/c, EX/c, EU/c jew CO/c mehmuża ma’ dokument IM, EX, EU jew CO sabiex turi t-total pagabbli skont it-tip ta’ taxxa.

C. Jekk jintużaw formoli ta’ kontinwazzjoni,

— kwalunkwe kaxxi 31 (Pakketti u deskrizzjoni tal-merkanzija) li ma jkunux intużaw għandhom jiġu ingassati sabiex ma jkunux jistgħu jintużaw aktar tard,

— meta t-tielet sottodiviżjoni tal-kaxxa 1 ikun fiha s-simbolu T, il-kaxxi 32 (Numru tal-oġġett individwali), 33 (Kodiċi tal-prodott bażiku), 35 (Massa grossa (f’kg)), 38 (Massa netta (f’kg)), 40 (►C3 Dikjarazzjoni fil-qosor ◄/dokument preċedenti) u 44 (Informazzjoni addizzjonali, dokumenti prodotti, ċertifikati u awtorizzazzjonijiet) tal-ewwel oġġett individwali tal-merkanzija fid-dikjarazzjoni tat-tranżitu użata għandhom jiġu ingassati u l-ewwel kaxxa 31 (Pakketti u deskrizzjoni tal-merkanzija) tad-dikjarazzjoni ma tistax tintuża sabiex jiddaħħlu l-marki, in-numri, in-numru u t-tip ta’ pakketti jew id-deskrizzjoni tal-merkanzija. Fl-ewwel kaxxa 31 tad-dikjarazzjoni, għandha ssir referenza, skont ma jkun xieraq, għall-għadd ta’ formoli ta’ kontinwazzjoni li jkollhom is-simboli rispettivi T1bis, T2bis jew T2Fbis.

▼B


TITOLU III

Mudell ta' Dokument Amministrattiv Uniku (sett ta' tmien kopji)


▼C3




▼**C3**




▼**C3**


L-UNJONI EWROPEA
2
Kopja statistika ghall-pajjiz tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni
A UFFIĊĊJU TAD-DISPAĊĊ/TAL-ESPORTAZZJONI
1 DIKJARAZZJONI
2 Kunsinnatur/esportatur
Nru
3 Formoli
4 Listi tal-tagħbija
5 Oġġetti
6 Total ta' pakketti
7 Numru ta' referenza
8 Destinatarju
Nru
9 Persuna responsabbli għal pagament għas-saldu
Nru
10 Pajjiż tal-ewwel destinazzjoni
11 Pajjiż tal-kummerċ
13 P.A.K
14 Persuna li tiddikjara / Rappreżentant
Nru
15 Pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni
15 Kod. tal-paj. tad-disp./ tal-esport.
17 Kod. tal-paj. dest.
16 Pajjiż tal-oriġini
17 Pajjiż tad-destinazzjoni
18 Identità u nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport mat-tluq
19 Kntjl.
20 Termini tal-kunsinna
21 Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera
22 Munita u ammont totali mitlub
23 Rata ta' skambju
24 Natura tat-tranżazzjoni
25 Mezz tat-trasport fuq il-fruntiera
26 Mezz tat-trasport fil-pajjiż
27 Post tat-tagħbija
28 Data finanzjarji u bankarji
29 Uffiċċju tal-ħruġ
30 Post fejn jitqiegħdu l-oġġetti
2
31 Pakketti u deskrizzjoni tal-oġġetti
Marki u numri - Numru(i) tal-kontejner - Numru u għamla
32 Oġġetti
Nru
33 Kodiċi tal-Prodott Bażiku
34 Kod.tal-paj. tal-ori.
35 Massa grossa (kg)
37 PROCEDURA
38 Massa netta (kg)
39 Kwota
40 Dikjarazzjoni fil-qosor/Dokument preċedenti
41 Unitajiet supplimentari
44 Informazzjoni addizzjonali/ Dokumenti prodotti/Certifikati u awtorizzazzjonijiet
Kod. I.A.
46 Valur statistiku
47 Kalkulazzjoni tat-taxxi
Tip
Bażi tat-taxxa
Rata
Ammont
MP
48 Ħlas differit
49 Identifikazzjoni tal-maħżen
B DETTALJI TAL-KONTIJIET
Total:
50 Principal
Nru
Firma:
C UFFIĊĊJU TAT-TLUQ
51 Uffiċċji tat-tranżitu previsti (u l-pajjiż)
rappreżentat minn
Post u data:
52 Garanzija
mhix valida għal
Kodiċi
53 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)
D KONTROLL MILL-UFFIĊĊJU TAT-TLUQ
Timbru:
54 Post u Data:
Riżultat:
Sigilli mwaħħla: In-numru:
identità:
Limitu ta' żmien (id-data):
Firma:
Firma u isem tal-persuna li tiddikjara/rappreżentant:

▼C3




▼C3


L-UNJONI EWROPEA
A UFFIĊĊJU TAD-DISPAĊĊ/TAL-ESPORTAZZJONI
1 DIKJARAZZJONI
2 Kunsinnatur/esportatur
3 Formoli
4 Listi tat-tagħbija
5 Oġġetti
6 Total ta' pakketti
7 Numru ta' referenza
8 Destinatarju
9 Persuna responsabbli għal pagament għas-saldu
10 Pajjiż tal-ewwel destinazzjoni
11 Pajjiż tal-kummerċ
13 P.A.K
14 Persuna li tiddikjara / Rappreżentant
15 Pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni
15 Kod. tal-paj. tad-disp./ tal-esport.
17 Kod. tal-paj. dest.
16 Pajjiż tal-origini
17 Pajjiż tad-destinazzjoni
18 Identità u nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport mat-tluq
19 Kontl.
20 Termini tal-kunsinna
21 Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera
22 Munita u ammont totali mitlub
23 Rata ta' skambju
24 Natura tat-tranżazzjoni
25 Mezz tat-trasport fuq il-fruntiera
26 Mezz tat-trasport fil-pajjiż
27 Post tat-tagħbija
28 Data finanzjarji u bankarji
29 Uffiċċju tal-ħruġ
30 Post fejn jitqegħdu l-oġġetti
Kopja għall-kunsinnatur/esportatur
31 Pakketti u deskrizzjoni tal-oġġetti
Marki u numri - Numru(i) tal-kontejner - Numru u għamla
32 Oġġetti
Nru
33 Kodiċi tal-Prodott Bażiku
34 Kod.tal-paj. tal-ori.
35 Massa grossa (kg)
37 PROĊEDURA
38 Massa netta (kg)
39 Kwota
40 Dikjarazzjoni fil-qosor/Dokument preċedenti
41 Unitajiet supplimentari
44 Informazzjoni addizzjonali/ Dokumenti prodotti/Certifikati u awtorizzazzjonijiet
Kod. I.A.
46 Valur statistiku
47 Kalkulazzjoni tat-taxxi
Tip
Bażi tat-taxxa
Rata
Ammont
MP
48 Ħlas differit
49 Identifikazzjoni tal-maħżen
B DETTALJI TAL-KONTIJIET
Total:
50 Prinċipal
Nru
Firma:
C UFFIĊĊJU TAT-TLUQ
51 Uffiċċji tat tranżitu previsti (u l-pajjiż)
rappreżentat minn
Post u data:
52 Garanzija
mhix valida għal
Kodiċi
53 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)
D KONTROLL MILL-UFFIĊĊJU TAT-TLUQ
Timbru:
54 Post u Data:
Riżultat:
Sigilli mwaħħla: In-numru:
identità:
Limitu ta' żmien (id-data):
Firma:
Firma u isem tal-persuna li tiddikjara/rappreżentant:


▼C3


L-UNJONI EWROPEA
A UFFIĊĊJU TAD-DISPAĊĊ/TAL-ESPORTAZZJONI
1 DIKJARAZZJONI
2 Kumminatur/esportatur
Nru:
3 Formoli
4 Listi tal-tagħbija
5 Oġġetti
6 Total ta' pakketti
Kopja għall-uffiċċju tad-destinazzjoni
7 Destinatarju
Nru:
NOTIFIKA IMPORTATNTI
Meta din il-kopja tintuża esklużivament biex jiġi stabbilit l-ISTATUS KOMUNITARJU TA' MERKANZIJA LI MA TOPERAX TAMT IL-PROCEDURA KOMUNITARJA TA' TRANŻITU, l-informazzjoni fil-kaxxi 1, 2, 3, 5, 14, 31, 32, 35, 54 u meta approprjat, 4, 33, 38, 40 u 44 biss hija mehtieġa għal dak l-iskop.
14 Persuna li tiddikjara / Rappreżentant
Nru:
16 Pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni
17 Pajjiż tad-destinazzjoni
18 Identità u nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport mat-tluq
19 Kontl.
21 Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera
25 Mezz tat-trasport fuq il-fruntiera
27 Post tat-tagħbija
4
31 Pakketti u deskrizzjoni tal-oġġetti
Marki u numri - Numru(i) tal-kontejner - Numru u għamla
32 Oġġetti
Nru
33 Kodiċi tal-Prodott Bażiku
35 Massa grossa (kg)
38 Massa netta (kg)
40 Dikjarazzjoni fil-qosor/Dokument preċedenti
44 Informazzjoni addizzjonali/ Dokumenti prodotti/Certifikati u awtorizzazzjonijiet
Kod. I.A.
55 Trasbordi
Post u pajjiż:
Identità u nazzjonalità tal-mezz ġdid tat-trasport:
Kontl.
(1) Identità ta' kontejner ġdid:
(1) Daħħal 1 jekk IVA u 0 jekk LE:
F CERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI
Sigilli ġodda: Numru:
Identità:
Firma:
Timbru:
50 Prinċipal
Nru:
Firma:
C UFFIĊĊJU TAT-TLUQ
51 Uffiċċji tat-tranżitu previsti (u l-paġna)
rappreżentat minn
Post u data:
52 Garanzija
mhix valida għal
Kodiċi
53 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-paġna)
D KONTROLL MILL-UFFIĊĊJU TAT-TLUQ
Timbru:
54 Post u Data:
Riżultat:
Sigilli mwaħħla: In-numru:
Identità:
Limitu ta' żmien (id-data):
Firma:
Firma u isem tal-persuna li tiddikjara/rappreżentant:

▼**C3**


56 Indidenti ohra waqt il-garr
Dettalji u miżuri mehuda
G CERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI
H KONTROLL A POSTERIORI (Fejn din il-kopja tintuża biex jiġi stabbilit l-istatus Doganali tal-merkanzija tal-Unjoni)
TALBA GĦALL VERIFIKA
Verifika tal-awtentiċità ta' dan id-dokument u l-preċiżjoni tal-informazzjoni li hemm fih kif mitlub.
Post u Data:
Firma:
Timbru:
RIŻULTAT TA' VERIFIKA
Id-Dokument (1)
kien ċertifikat mill-uffiċċju Doganali indikat u l-informazzjoni li hemm fih hija preċiża.
ma jissodisfax il-ħtiġijiet dwar l-awtentiċità u r-regolarità (ara rimarki hawn taħt)
Post u Data:
Firma:
Timbru:
Rimarki:
(1) Daħħal "X" meta applikabbli.
I KONTROLL MILL-UFFIĊĊJU TAD-DESTINAZZJONI (TRANZITU TAL-UNJONI)
Data tal-wasla:
Eżaminazzjoni tas-sigilli:
Rimarki:
Kopja numru 5 ritornata
fi-
wara r-reġistrazzjoni skont
Nru
Firma:
Timbru:

▼C3


L-UNJONI EWROPEA
1 DIKJARAZZJONI
5
2 Kunsinnatunlesportatur
Nru
3 Formoli
4 Lisli tat-tagħbija
5 Oggetti
6 Total ta' pakketti
8 Destinatarju
Nru
15 Pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni
17 Pajjiż tad-destinazzjoni
IRRITORNA LIL:
18 Identità u nazzjonalità tal-mezzi tat-trasport mat-tluq
19 Kntrll
21 Identità u nazzjonalità tal-mezz attiv tat-trasport li jaqsam il-fruntiera
25 Mezz tat-trasport fuq il-fruntiera
27 Post tat-tagħbija
Kopja għall ritorn - tranżitu tal-Unjoni
5
31 Pakketti u deskrizzjoni tal-oggetti
Marki u numri - Numru(i) tal-kontejner - Numru u għamla
32 Oġġetti
Nru
33 Kodiċi tal-Prodott Bażiku
35 Massa grossa (kg)
38 Massa netta (kg)
40 Dikjarazzjoni fil-qosor/Dokument preċedenti
44 Informazzjoni addizzjonali/ Dokumenti prodotti/Certifikati u awtorizzazzjonijiet
Kod. I.A.
55 Trasbordi
Post u pajjiż
Identità u nazzjonalità tal-mezz ġdid tat-trasport:
Kntrll
(1) Identità ta' kontejner ġdid:
(1) Daħħal 1 jekk IVA u 0 jekk LE.
F CERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI
Sigilli ġodda: Numru:
Identità:
Firma:
Timbru:
50 Principal
Nru
Firma:
C UFFIĊĊJU TAT-TLUQ
51 Uffiċċji tar tranżitu previsti (u l-pajjiż)
rappreżentat minn
Post u data:
52 Garanzija
Kodiċi
53 Uffiċċju tad-destinazzjoni (u l-pajjiż)
D KONTROLL MILL-UFFIĊĊJU TAT-TLUQ
Timbru:
Riżultat:
Sigilli mwaħħla: In-numru:
identità:
Limitu ta' żmien (id-data):
Firma:

▼**C3**



56 Inċidenti oħra waqt il-garr:

Dettalji u miżuri meħuda

G ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

I KONTROLL MILL-UFFIĊĊJU TAD-DESTINAZZJONI (TRANŻITU TAL-UNJONI)

Data tal-wasla:

Eżaminazzjoni tas-sigilli:

Rimarki:

Kopja numru 5 ritornata

fi-

wara r-registrazzjoni skont

Nru

Firma:

Timbru:

TRANŻITU TAL-UNJONI - RIĊEVUTA (Għandha timtela mill-persuna kkonċernata qabel ma tiġi ppreżentata lill-uffiċċju tad-destinazzjoni)

Dan huwa biex jiċċertifika li d-dokument .....

maħruġ mill-uffiċċju Doganali f'

Timbru tal-uffiċċju tad-destinazzjoni:


..... isem u pajjiż taħt Nru .....

ġie ppreżentat u li ma ġiet osservata ebda irregolarità sa fejn fir-rigward tal-kunsinna li għaliha jirreferi dan id-dokument.


Data:

Firma:


▼**C3**


L-UNJONI EWROPEA
A UFFIĊĊJU TAD-DESTINAZZJONI
1 DIKJARAZZJONI
2 Kunsinnatur/esportatur
3 Formoli
4 Listi tat-tagħbija
5 Oġġetti
6 Total ta' pakketti
7 Numru ta' referenza
8 Destinatarju
9 Persuna responsabbli għal pagament għas-saldu
10 Pajjiż tal-aħħar-kunsinna
11 Pajjiż tal-kummerċ/produzzjoni
12 Dettalji relatati mal-valur
13 P.A.K.
14 Persuna li tiddikjara / Rappreżentant
15 Pajjiż tad-dispaċċ/tal-esportazzjoni
Regola Primarja: Prodotti jew partijiet prodotti minn oġġetti mhux maħdumin

(a) Il-pajjiż ta' oriġini ta' prodott jew parti prodotta minn oġġett mhux maħdum b'applikazzjoni tar-Regola Interpretattiva Ġenerali 2 (a) tas-Sistema Armonizzata huwa klassifikat fl-istess intestatura, sottointestatura jew sottodiviżjoni bħala l-prodott jew il-parti kompluti jew lesti, għandu jkun il-pajjiż fejn kull tarf operattiv, wiċċ operattiv u parti operattiva ġew ikkonfigurati għall-forma u l-qies finali, diment li fil-kundizzjoni importata tiegħu, l-oġġett mhux maħdum li minnu ġie prodott:

(i) ma kienx jista' jitħaddem, u

(ii) ma kienx avvanzat lil hinn mill-proċess inizjali ta' stampar jew xi proċess meħtieġ sabiex il-materjal jitneħħa mill-platt tal-forġa jew il-forma tal-funderija;

(b) Jekk ma jkunux issodisfati l-kriterji fil-paragrafu (a), il-pajjiż ta' oriġini jkun il-pajjiż ta' oriġini tal-oġġett mhux maħdum ta' dan il-Kapitolu.

Regola residwa tal-Kapitolu:

Meta l-pajjiż tal-oriġini ma jkunx jista' jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-regoli primarji, il-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti jkun il-pajjiż li fih oriġina l-ikbar porzjon tal-materjali, kif determinat abbażi tal-valur tal-materjali.

►M3 Kodiċi SA 2017 ◄	Deskrizzjoni tal-Prodotti	Regoli primarji
8201	Għodod tal-idejn, dawn li ġejjin: pali, pali kwadri, marri, fisien, pajpijiet, furkettuni u xtiebi; mannari, gurlini u għodod simili tal-ħsad; imqassijiet taż-żabra ta' kull xorta; imnieġel, skieken tal-ħuxlief, ġliem tal-arbuxelli, kavilji tal-injam u għodod oħrajn ta' xorta użata fl-agrikoltura, l-ortikultura jew il-forestrija.	CTH
8202	Segi tal-idejn; xfafar għal kull xorta ta' srieraq (inklużi xfafar tas-sega tat-tixqiq, tat-tiċrit jew bla snien).	Kif speċifikat għas-sottointestaturi
8202 10	- Srieraq tal-idejn	CTH
8202 20	- Xfafar tal-magna tas-serrar	CTSH

▼B

►M3 Kodiċi SA 2017 ◄	Deskrizzjoni tal-Prodotti	Regoli primarji
	- Xfafar tas-srieraq tondi (inklużi xfafar ta' srieraq għat-tiċrit jew għat-tixqiq):	
8202 31	- - Bil-parti tax-xogħol tal-azzar	CTSH
8202 39	- - Oħrajn, inklużi partijiet	Kif speċifikat għas-sottointestaturi maqsuma
ex 8202 39 (a)	- - Snien tas-serrieq u segmenti tas-snien għal srieraq tondi	CTH
ex 8202 39 (b)	- - Oħrajn	CTSSA
8202 40	- Xfafar tas-serrieq bil-katina	Kif speċifikat għas-sottointestaturi maqsuma
ex 8202 40 (a)	- - Snien tas-serrieq u segmenti tas-snien għal srieraq bil-katina	CTH
ex 8202 40 (b)	- - Oħrajn	CTSSA
	- Xfafar ta' srieraq oħrajn:	
8202 91	- - Xfafar ta' srieraq dritti, għal xogħol tal-metall	CTSH
8202 99	- - Oħrajn	CTSH
8203	Limi, barraxi, tnalji (inklużi tnaliji li jaqtgħu), mqassijiet, pinzetti, ġliem tal-metall, għodda li taqtal-pajpijiet, bolt croppers, puntelli perforati u għodda tal-idejn simili.	CTSH
8204	Spaners u wrenches imħaddma bl-idejn (inklużi wrenches li jkejlu t-torque iżda mhux inklużi wrenches tal-vitien); sokits ta' spaners li jinbidlu, b'manek jew mingħajr.	CTSH
8205	Għodod tal-idejn (inklużi djamanti ta' min jaħdem fil-ħġieġ), mhux speċifikati jew inklużi band' oħra; blow lamps; morsiet u l-bqija, għajr aċċessorji u partijiet għal għodod mekkanizzati; inkwini; forġi li jinġarru; roti ta' tisnin (moli) li jaħdmu bl-idejn jew bil-pedala b'oqfsa.	CTH
8206	Għodod ta' tnejn jew iktar mill-intestaturi 8202 sa 8205, imqegħdin f'settijiet għall-bejgħ bl-imnut.	CTH

▼B

►M3 Kodiċi SA 2017 ◄	Deskrizzjoni tal-Prodotti	Regoli primarji
8207	Għodda li jistgħu jinbidlu għal għodda tal-idejn, kemm jekk jew mhux jintużaw bl-idejn, jew għal għodda tal-magni (pereżempju, għall-ippressar, stampar, titqib, ttappjar, ħjut, żgorbjar, tħaffir, taqqab, dħin, tidwir jew tornavit), inklużi dies biex jigi magħmul jew estratt metall, u żgorbjar tal-ġebel jew għodda li jtaqqbu l-art.	Kif speċifikat għas-sottointestaturi
	- Għodod ta' żgorbjar tal-ġebel jew għodda li jtaqqbu l-art:	
8207 13	- - Bil-parti tax-xogħol taċ-ċermiti	CTSH
8207 19	- - Oħrajn, inklużi partijiet	Kif speċifikat għas-sottointestaturi maqsuma
ex 8207 19 (a)	- - Partijiet	CTH
ex 8207 19 (b)	- - Oħrajn	CTSSA
8207 20	- Dadi għal ġbid jew ħruġ ta' metall	CTSH
8207 30	- Għodod tal-ippressar, tal-istampar (stamping) jew li jagħmlu t-toqob	CTSH
8207 40	- Għodod li jaqtgħu kamini minn ġewwa jew minn barra	CTSH
8207 50	- Għodod li jħaffru, għajr dawk ta' żgorbjar tal-ġebel	CTSH
8207 60	- Għodod għat-tħaffir jew għat-tisfid	CTSH
8207 70	- Għodod għal irfinar ta' uċuħ (milling)	CTSH
8207 80	- Għodod għal inturnar	CTSH
8207 90	- Għodod oħrajn li jistgħu jinbidlu bejniethom	CTSH

▼B

TAQSIMA XVI

MAKKINARJU U TAGĦMIR MEKKANIKU; TAGĦMIR ELETTRIKU; U PARTIJIET TAGĦHOM; REĠISTRATURI U RIPRODUTTURI TAL-HSEJJES, REĠISTRATURI U RIPRODUTTURI TAL-IMMAĠNI U TAL-HSEJJES TAT-TELEVIŻJONI; U PARTIJIET U AĊĊESSORJI TA' DAWN L-OĠĠETTI

KAPITOLU 84

Reatturi nukleari, kaldaruni (boilers), makkinarju u għodod mekkaniċi; partijiet tagħhom

Regola Primarja: Partijiet u aċċessorji prodotti minn oġġetti mhux maħdumin:

(1) Il-pajjiż ta' oriġini ta' prodott jew parti prodotti minn oġġetti mhux maħdumin li bl-applikazzjoni tar-Regola Interpretattiva Ġenerali 2 (a) tas-Sistema Armonizzata huma klassifikati fl-istess intestatura, sottointestatura jew sottodiviżjoni bħall-prodott jew il-parti kompluti jew lesti, għandu jkun il-pajjiż li fih tlesta l-oġġett mhux lest, diment li t-tlestija kienet tinkludi l-konfigurazzjoni għall-forma finali bit-tneħħija tal-materjal (għajr sempliċi tisnin jew illostrar jew it-tnejn li huma), jew bl-ifformar ta' proċessi bħal-liwi, it-tismir, l-ippressar jew l-istampar.

(2) Il-paragrafu 1 ta' hawn fuq japplika għal oġġetti klassifikabbli f'dispożizzjonijiet għal partijiet jew partijiet u aċċessorji, inklużi oġġetti msemmijin b'mod speċifiku fit-tali dispożizzjonijiet.

▼M3

Definizzjoni ta' "Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi"

Ir-regola primarja "Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi", użata fit-tabella ta' hawn isfel, tfisser bidla minn ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn f'ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn li huma ppakkjati jew immuntati f'mezz komuni għall-konnessjoni jew konnessi u mbagħad immuntati. L-assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi ma għandux jitqies bħala operazzjoni minima.

▼B

Noti tal-Kapitolu

Nota 1: Ġabra ta' partijiet:

Meta bidla fil-klassifikazzjoni tirriżulta mill-applikazzjoni tar-Regola Interpretattiva Ġenerali 2 (a) tal-SA fir-rigward tal-ġabra ta' partijiet li hija ppreżentata bħala oġġett mhux immuntat ta' intestatura jew sottointestatura oħra, il-partijiet individwali għandhom iżommu l-oriġini tagħhom qabel it-tali ġabra

Nota 2: Assemblaġġ tal-ġabra ta' partijiet:

Oġġetti mmuntati minn ġabra ta' partijiet ikklassifikata bħala l-oġġett immuntat b'applikazzjoni tar-Regola Interpretattiva Ġenerali 2 għandhom ikunu joriġinaw fil-pajjiż tal-assemblaġġ, diment li l-assemblaġġ ikun issodisfa r-regola primarja għall-oġġett li kieku kull waħda mill-partijiet kienet ġiet ippreżentata għaliha u mhux bħala ġabra

Nota 3: Tneħħija tal-assemblaġġ tal-oġġetti:

Bidla fil-klassifikazzjoni li tirriżulta mit-tneħħija tal-assemblaġġ tal-oġġetti ma għandhiex titqies bħala l-bidla meħtieġa mir-regola stabbilita fit-tabella tar-"regoli tal-lista". Il-pajjiż ta' oriġini tal-partijiet irkuprati mill-oġġetti għandu jkun il-pajjiż fejn ikunu rkuprati l-partijiet, sakemm l-importatur, l-esportatur jew kwalunkwe persuna b'kawża ġustifikabbli li tiddeterima l-oriġini tal-partijiet ma jurux provi li hemm pajjiż ta' oriġini ieħor fuq il-bażi tal-evidenza verifikabbli.

Regola residwa tal-Kapitolu:

Meta l-pajjiż tal-oriġini ma jkunx jista' jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-regoli primarji, il-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti jkun il-pajjiż li fih oriġina l-ikbar porzjon tal-materjali, kif determinat abbażi tal-valur tal-materjali.

▼B

►M3 Kodiċi SA 2017 ◄	Deskrizzjoni tal-prodotti	Regoli Primarji
ex 8443	Apparat tal-fotokopji li fih sistema ottika jew tat-tip tal-kuntatt	CTH
ex 8473	Moduli tal-Memorja	CTH jew Assemblaġġ tal-prodotti semikondutturi
ex 8482	Boċċi, roller bearings jew roller bearings bil-labra, immuntati	Preassemblaġġ li jikkonsisti fi trattament bis-sħana, tisnin u llostrar taċ-ċrieki interni u esterni

KAPITOLU 85

Makkinarju u tagħmir elettriku u partijiet tiegħu; reġistraturi u riproduttur tal-ħoss, reġistraturi u riproduttur tal-istampa tat-televiżjoni, u partijiet u aċċessorji tat-tali oġġetti

Regola Primarja: Partijiet u aċċessorji prodotti minn oġġetti mhux maħduma:

(1) Il-pajjiż ta' oriġini ta' prodott jew parti prodotti minn oġġetti mhux maħdumin li bl-applikazzjoni tar-Regola Interpretattiva Ġenerali 2 (a) tas-Sistema Armonizzata huma klassifikati fl-istess intestatura, sottointestatura jew sottodiviżjoni bħall-oġġetti kompluti jew lesti, għandu jkun il-pajjiż li fih tlesta l-oġġett mhux lest, diment li t-tlestija kienet tinkludi l-konfigurazzjoni għall-forma finali bit-tneħħija tal-materjal (għajr sempliċi tisnin jew illostrar jew it-tnejn li huma), jew bl-ifformar ta' proċessi bħal-liwi, it-tismir, l-ippressar jew l-istampar.

(2) Il-paragrafu 1 ta' hawn fuq japplika għal oġġetti klassifikabbli f'dispożizzjonijiet għal partijiet jew partijiet u aċċessorji, inklużi oġġetti msemmijin b'mod speċifiku fit-tali dispożizzjonijiet.

▼M3

Definizzjoni ta' "Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi"

Ir-regola primarja "Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi", użata fit-tabella ta' hawn isfel, tfisser bidla minn ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn f'ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn li huma ppakkjati jew immuntati f'mezz komuni għall-konnessjoni jew konnessi u mbagħad immuntati. L-assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi ma għandux jitqies bħala operazzjoni minima.

▼B

Noti tal-Kapitolu

Nota 1: Ġabra ta' partijiet:

Meta bidla fil-klassifikazzjoni tirriżulta mill-applikazzjoni tar-Regola Interpretattiva Ġenerali 2 (a) tal-SA fir-rigward tal-ġabra ta' partijiet li hija ppreżentata bħala oġġett mhux immuntat ta' intestatura jew sottointestatura oħra, il-partijiet individwali għandhom iżommu l-oriġini tagħhom qabel it-tali ġabra.

Nota 2: Assemblaġġ tal-ġabra ta' partijiet:

Oġġetti mmuntati minn ġabra ta' partijiet ikklassifikata bħala l-oġġett immuntat b'applikazzjoni tar-Regola Interpretattiva Ġenerali 2 għandhom ikunu joriġinaw fil-pajjiż tal-assemblaġġ, diment li l-assemblaġġ ikun issodisfa r-regola primarja għall-oġġett li kieku kull waħda mill-partijiet kienet ġiet ippreżentata għaliha u mhux bħala ġabra.

Nota 3: Tneħħija tal-assemblaġġ tal-oġġetti:

Bidla fil-klassifikazzjoni li tirriżulta mit-tneħħija tal-assemblaġġ tal-oġġetti ma għandhiex titqies bħala l-bidla meħtieġa mir-regola stabbilita fit-tabella tar-"regoli tal-lista". Il-pajjiż ta' oriġini tal-partijiet irkuprati mill-oġġetti għandu jkun il-pajjiż fejn ikunu rkuprati l-partijiet, sakemm l-importatur, l-esportatur jew

▼B

kwalunkwe persuna b'kawża ġustifikabbli li tiddeterima l-oriġini tal-partijiet ma jurux provi li hemm pajjiż ta' oriġini ieħor fuq il-bażi tal-evidenza verifikabbli bħall-marki tal-oriġini fuq il-parti stess jew id-dokumenti.

Regola residwa tal-Kapitolu:

Meta l-pajjiż tal-oriġini ma jkunx jista' jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-regoli primarji, il-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti jkun il-pajjiż li fih oriġina l-ikbar porzjon tal-materjali, kif determinat abbażi tal-valur tal-materjali.

►M3 Kodiċi SA 2017 ◄	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Regoli primarji
ex 8501	- Moduli jew pannelli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin	CTH, għajr mill-intestatura 8541
▼M3		
ex 8523 59	Ċirkwit bil-karta taċ-ċippa integrata b'kojl integrat	CTH jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi
ex 8525 80	Komponent tal-immaġnijiet tas-semikondutturi	CTH jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi
▼B		
8527	Tagħmir ta' twassil għax-xandir bir-radju, kemm jekk huwa kkumbinat u kemm jekk mhuwiex, fl-istess kaxxa (housing), ma tagħmir għar-rekordjar jew riproduzzjoni tal-ħoss jew arloġġ.	CTH, għajr mill-intestatura 8529
8528	Moniters u projjetturi, li ma fihomx apparat riċevitur tat-televiżjoni; apparat riċevitur tat-televiżjoni, kemm jekk fihom riċevituri tax-xandir bir-radju kif ukoll jekk le, jew apparat ta' reġistrazzjoni jew riproduzzjoni tal-ħoss jew il-vidjo.	CTH, għajr mill-intestatura 8529
8535	Apparat elettriku għall-iswiċċjar jew il-protezzjoni ta' ċirkwiti elettriċi, jew sabiex isiru konnessjonijiet miegħu jew f'ċirkwiti elettriċi (pereżempju, swiċċijiet, fusien, rażżana tas-sajjetti, limitaturi tal-vultaġġ, suppressuri taż-żidiet f'daqqa tal-enerġija, plakek u konnetturi oħrajn, kaxex tal-junction), għal vultaġġ ogħla minn 1 000 volt.	CTH, għajr mill-intestatura 8538; jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi
►C1 ex 8536 ◄	►M3 Apparat elettriku semikonduttur għall-iswiċċjar jew il-protezzjoni ta' ċirkwiti elettriċi, jew biex isiru konnessjonijiet miegħu jew f'ċirkwiti elettriċi (pereżempju, swiċċijiet, rilejs, fusien, suppressuri taż-żidiet f'daqqa tal-enerġija, plakek, sokits, ħolders tal-lampi u konnetturi oħrajn, kaxex tal-junction), għal vultaġġ ta' mhux iktar minn 1 000 volt. ◄	CTH, għajr mill-intestatura 8538; jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi
▼M3		
_____		
▼B		
8541	Dijodi, tranżisters u apparati semikondutturi simili; apparati semikondutturi fotosensittivi, inklużi ċelloli fotovoltajċi kemm jekk immuntati f'moduli kif ukoll jekk le jew installati f'pannelli; dijodi li jemettu d-dawl; kristalli pjeżoelettriċi mmuntati.	Kif speċifikat għall-intestaturi maqsuma

▼B

►M3 Kodiċi SA 2017 ◄	Deskrizzjoni tal-oġġetti	Regoli primarji
ex 8541 (a)	Ċelloli, moduli jew pannelli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin	CTH
ex 8541 (b)	Oħrajn	CTH jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi
8542	Ċirkuwiti elettroniċi integrati	CTH jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi
▼M3 ex 8548 90	Moduli b'konnessjoni intelliġenti inkluż kontrollur tal-komunikazzjoni u kontrollur sigur bi Smart Card	CTH jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi

▼B

TAQSIMA XVIII

STRUMENTI U APPARATI OTTIĊI, FOTOGRAFIĊI, ĊINEMATOGRAFIĊI, TAL-KEJL, TAL-KONTROLL,TA' PREĊIŻJONI, MEDIĊI JEW KIRURĠIĊI; ARLOĠĠI U ARLOĠĠI TAL-IDEJN; STRUMENTI MUŻIKALI; PARTIJIET U AĊĊESSORJI TAGĦHOM

KAPITOLU 90

Strumenti u apparati ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, tal-kejl, tal-kontroll, ta' preċiżjoni, mediċi jew kirurġiċi; partijiet u aċċessorji tagħhom

▼M3

Definizzjoni ta' "Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi"

Ir-regola primarja "Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi", użata fit-tabella ta' hawn isfel, tfisser bidla minn ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn f'ċipep, dadi jew prodotti semikondutturi oħrajn li huma ppakkjati jew immuntati f'mezz komuni għall-konnessjoni jew konnessi u mbagħad immuntati. L-assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi ma għandux jitqies bħala operazzjoni minima.

▼B

Regola residwa tal-Kapitolu:

Meta l-pajjiż tal-oriġini ma jkunx jista' jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-regoli primarji, il-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti jkun il-pajjiż li fih oriġina l-ikbar porzjon tal-materjali, kif determinat abbażi tal-valur tal-materjali.

▼M3

Kodiċi SA 2017	Deskrizzjoni tal-merkanzija	Regoli primarji
ex 9029	Komponent semikonduttur b'senser għall-kamp manjetiku bbażat fuq elementi resistivi manjetosensittivi, kemm jekk b'komponent addizzjonali għall-kundizzjonament tas-sinjal kif ukoll jekk mingħajru	CTH, għajr mill-intestatura 9033; jew Assemblaġġ ta' prodotti semikondutturi

▼B

KAPITOLU 91

Arloġġi u arloġġi tal-idejn u partijiet tagħhom

Regola residwa tal-Kapitolu:

Meta l-pajjiż tal-oriġini ma jkunx jista' jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-regoli primarji, il-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti jkun il-pajjiż li fih oriġina l-ikbar porzjon tal-materjali, kif determinat abbażi tal-valur tal-materjali.

▼B

►M3 Kodiċi SA 2017 ◄	Deskrizzjoni tal-prodotti	Regoli primarji
ex 9113	Ċineg tal-arloġġi tal-polz, ċineg tal-metall tal-arloġġi tal-polz u brazzuletti tal-arloġġi tal-polz, u partijiet tagħhom.	CTH

TAQSIMA XX

OĠĠETTI MANIFATTURATI VARJI

KAPITOLU 94

Għamara; oġġetti ta' friex, imtierah, irfid tas-saqqijiet, kuxxini u oġġetti mimlijin simili; lampi u luminarji, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra; sinjali mdawlin, pjanċi bl-isem imdawlin u oġġetti simili; binjiet prefabbrikati

Nota tal-Kapitolu

Għall-finijiet ta' dawk ir-regoli ta' oriġini li jirreferu għal bidla tal-klassifikazzjoni (jiġifieri bidla tal-intestatura jew bidla tas-sottointestatura), bidliet li jirriżultaw minn bidla fl-użu ma għandhomx jitqiesu li jipprovdu l-oriġini.

Regola residwa tal-Kapitolu:

Meta l-pajjiż tal-oriġini ma jkunx jista' jiġi ddeterminat bl-applikazzjoni tar-regoli primarji, il-pajjiż tal-oriġini tal-oġġetti jkun il-pajjiż li fih oriġina l-ikbar porzjon tal-materjali, kif determinat abbażi tal-valur tal-materjali.

►M3 Kodiċi SA 2017 ◄	Deskrizzjoni tal-prodotti	Regoli primarji
ex 9401 u ex 9403	Sits taċ-ċeramika (għajr dawk tal-intestatura 9402), jekk jistgħu jinbidlu f'sodod jew le, u għamara oħra, u partijiet tagħhom, iddekorati.	CTH
ex 9405	Lampi ċeramiċi u fittings tad-dawl taċ-ċeramika, inklużi dwal tas-salvataġġ u spotlights u partijiet tagħhom, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra iddekorati; sinjali taċ-ċeramika mdawlin, pjanċi bl-isem u l-bqija, b'sors tad-dawl imwaħħal magħhom b'mod permanenti, u partijiet tagħhom, mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor iddekorati	CTH

▼B

ANNESS 22-02

Applikazzjoni Għal Ċertifikat Ta' Informazzjoni Inf 4 u Ċertifikat Ta' Informazzjoni INF 4

Applikazzjoni għal ċertifikat ta' informazzjoni INF 4

— Fornitur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)

— Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)

— Numri tal-Fattura

— Numru tal-Oġġett, Marka u Numri, Numru u xorta ta' pakketti, Deskrizzjoni tal-oġġetti

— Massa gross (kg) jew kejl ieħor (l, m^3, eċċ…)

— Dikjarazzjoni mill-fornitur

Ċertifikat ta' informazzjoni INF 4

— Fornitur (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)

— Destinatarju (isem, indirizz sħiħ, pajjiż)

— Numri tal-Fattura

— Numru tal-Oġġett, Marka u Numri, Numru u xorta ta' pakketti, Deskrizzjoni tal-oġġetti

— Massa gross (kg) jew kejl ieħor (l, m^3, eċċ…)

— Konferma tad-dwana

— Dikjarazzjoni mill-fornitur

▼B

ANNESS 22-03

Noti introduttorji u lista tal-operazzjonijiet tax-xogħol jew l-ipproċessar li jipprovdu l-istatus tal-oriġini

PARTI I

NOTI INTRODUTTORJI

Nota 1 – Introduzzjoni ġenerali

1.1. Dan l-Anness jistabbilixxi regoli għall-prodotti kollha, imma l-fatt li prodott huwa inkluż fih ma jfissirx li huwa neċessarjament kopert mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (SPĠ). Il-lista ta' prodotti koperti mis-SPĠ, il-firxa tal-preferenzi SPĠ u l-esklużjonijiet applikabbli għal ċerti pajjiżi benefiċjarji huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 978/2012 (għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2023.

1.2. Dan l-Anness jistabbilixxi l-kundizzjonijiet skont l-Artkolu 45 li taħthom il-prodotti għandhom jitqiesu li joriġinaw fil-pajjiż benefiċjarju kkonċernat. Hemm erba' tipi differenti ta' regoli, li jvarjaw skont il-prodott:

(a) ma jinqabiżx kontenut massimu ta' materjali mhux oriġinanti permezz ta' xogħol jew ipproċessar;

(b) permezz ta' xogħol jew ipproċessar, l-intestatura b'4 ċifri tas-Sistema Armonizzata jew is-sottointestatura b'6 ċifri tas-Sistema Armonizzata tal-prodotti mmanufatturati ssir differenti mill-intestatura b'4 ċifri tas-Sistema Armonizzata jew is-sottointestatura b'6 ċifri tas-Sistema Armonizzata rispettivament tal-materjali użati;

(c) titwettaq operazzjoni speċifika ta' xogħol jew ipproċessar;

(d) jitwettaq xogħol jew ipproċessar fuq ċerti materjali kompletament idderivati.

Nota 2 – L-istruttura tal-lista

2.1. Il-kolonni 1 u 2 jiddeskrivu l-prodott miksub. Il-kolonna 1 tagħti n-numru tal-Kapitolu, in-numru ta' intestatura b'4 ċifri jew sottointestatura b'6 ċifri użat fis-Sistema Armonizzata, kif jixraq. Il-kolonna 2 tagħti d-deskrizzjoni tal-merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew dak il-Kapitolu. Għal kull iskrizzjoni fil-kolonni 1 u 2, suġġetta għan-Nota 2.4, regola waħda jew aktar ("operazzjonijiet li jikkwalifikaw") huma stipulati fil-kolonna 3. Dawn l-operazzjonijiet li jikkwalifikaw jikkonċernaw il-materjali mhux oriġinanti biss. Meta, f'xi każijiet, l-iskrizzjoni fil-kolonna 1 hija ppreċeduta b'"ex", dan ifisser li r-regola fil-kolonna 3 tapplika biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritt fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi intestaturi jew sottointestaturi tas-Sistema Armonizzata huma miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew jingħata n-numru ta' Kapitolu u d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 għaldaqstant tingħata f'termini ġenerali, ir-regola ta' maġenbhom fil-kolonna 3 tapplika għall-prodotti kollha li, taħt is-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati f'titoli tal-Kapitolu jew fi kwalunkwe titolu jew sottotitolu miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Meta jkun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti fi ħdan intestatura, kull inċiż ikun fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta mir-regola li tinsab maġenbha fil-kolonna 3.

2.4. Meta żewġ regoli alternattivi huma stipulati fil-kolonna 3, separati bil-kelma "jew", l-esportatur jista' jagħżel liema waħda juża.

▼B

2.5. F'ħafna każijiet, ir-regola/II stabbilita/i fil-kolonna nru 3 tapplika għal kull pajjiż benefiċjarji elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 978/2012. Madankollu, għal IV prodotti li joriġinaw f'pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, kif elenkati fl-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 ("pajjiżi benefiċjarji tal-pajjiżi l-anqas żviluppati"), għandha tapplika regola inqas stretta. F'dawn il-każijiet, il-kolonna 3 tinqasam f'żewġ sottokolonni, (a) u (b), bis-sottokolonna (a) turi r-regola applikabbli għall-pajjiżi benefiċjarji tal-pajjiżi l-anqas żviluppati u s-sottokolonna (b) turi regola applikabbli għal kull pajjiż benefiċjarji ieħor kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni Ewropea lejn pajjiż benefiċjarju għall-finijiet ta' akkumulazzjoni bilaterali.

Nota 3 – Eżempji ta' kif jiġu applikati r-regoli

3.1. L-Artikolu 45 (2), dwar prodotti li kisbu l-istatus ta' oriġini li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħrajn, għandu japplika, indipendentement minn jekk dan l-istatus ikunx inkiseb ġol-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f'fabbrika oħra fil-pajjiż benefiċarju jew fl-Unjoni Ewropea.

3.2. Skont l-Artikolu 47, ix-xogħol u l-ipproċessar imwettqin iridu jmorru hinn mil-lista ta' operazzjonijiet imsemmija f'dak l-Artikolu. Jekk ma jagħmilx hekk, il-merkanzija ma tikkwalifikax għall-għoti tal-benefiċċju ta' trattament tariffarju preferenzjali, anki jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-lista ta' hawn taħt ikunu ssodisfati.

Soġġetti għad-dispożizzjoni msemmija fl-ewwel sottoparagrafu, ir-regoli fil-lista jirrappreżentaw l-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar meħtieġa, u t-twettiq ta' iktar xogħol jew ipproċessar jagħti l-istatus ta' oriġini wkoll; għall-kuntrarju, it-twettiq ta' inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti l-istatus ta' oriġini. B'hekk, jekk regola tistipula li materjal mhux oriġinarju jista' jintuża meta jintlaħaq ċertu stadju tal-manifattura, l-użu ta' tali materjal fi stadju iktar bikri huwa permess waqt li l-użu ta' tali materjal fi stadju iktar tard mhuwiex permess.

3.3. Bla preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", dan ifisser li materjali ta' kwalunkwe titolu(i) (anki materjali tal-istess deskrizzjoni u titolu bħall-prodott) jistgħu jintużaw, suġġetti, madankollu, għal kwalunkwe limitazzjoni li jista' jkun hemm fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra ta' intestatura …" jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-istess intestatura bħall-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura(i), ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi mmanifatturat minn materjal wieħed jew aktar, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma tirrikjedix li jintużaw kollha.

3.5. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jkun immanifatturat minn materjal partikolari, ir-regola ma tevitax l-użu wkoll ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw din il-kundizzjoni.

Nota 4 – Dispożizzjonijiet ġenerali rigward ċerti prodotti agrikoli

4.1. Prodotti agrikoli li jinsabu fil-Kapitoli 6, 7, 8, 9, 10, 12 u l-intestatura 2401 li huma mkabbra jew maħsuda fit-territorju ta' pajjiż benefiċjarju għandhom ikunu ttrattati bħala oriġinanti fit-territorju ta' dak il-pajjiż, anki jekk imkabbra minn żerriegħa, basal, iz-zokk, żraġen, tilqim, rimjiet, rimi jew partijiet oħra ħajjin ta' pjanti importati minn pajjiż ieħor.

▼B

4.2. F'każijiet fejn il-kontenut ta' zokkor mhux oriġinarju fi prodott partikolari huwa suġġett għal-limitazzjonijiet, il-piż taz-zokkor tal-intestaturi 1701 (sukrożju) u 1702 (pereżempju fruttożju, glukożju, lattożju, maltożju, iżoglukożju jew zokkor maqsum (invert) użat fil-manifattura tal-prodott finali u użat fil-manifattura ta' prodotti mhux oriġinanti inkorporati fil-prodott finali jitqies għall-kalkolu ta' tali limitazzjonijiet.

Nota 5 – Terminoloġija użata rigward ċerti prodotti tessili

5.1. It-terminu "fibri naturali" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew magħmula mill-bniedem. Huma limitati għall-istadju ta' qabel ma jinbarmu l-fibri, inkluż l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, inkluż il-fibri naturali li ġew imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor iżda mhux mibruma.

5.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi l-krin tal-intestatura 0503, l-għażel tal-intestaturi 5002 u 5003, kif ukoll fibri tas-suf u xagħar tal-annimali fin jew oħxon tal-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203, u fibri veġetali oħra tal-intestaturi 5301 sa 5305.

5.3. It-termini "polpa tat-tessut", "materjali kimiċi" u "materjali li minnhom issir il-karta" huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' fibri jew ħjut artifiċjali, magħmula mill-bniedem jew tal-karta.

5.4. It-terminu "fibri bażiċi magħmula mill-bniedem" huwa użat fil-lista biex jirreferi għal filament tow sintetiku jew artifiċjali, fibri bażiċi jew skart, tal-intestaturi 5501 sa 5507.

Nota 6 - Tolleranzi li japplikaw għal prodotti magħmulin minn taħlita ta' materjali tessili

6.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 m'għandhomx ikunu applikati għal kwalunkwe materjal tessili bażiku użat fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 10 % jew anqas tal-piż totali tal-materjali tessili bażiċi kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 6.3 u 6.4)

6.2. Minkejja dan, it-tolleranza msemmija fin-Nota 6.1 tista' tkun applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu nħadmu minn żewġ materjali ta' tessuti bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali bażiċi tat-tessut:

l-għażel;

is-suf;

ix-xagħar oħxon tal-annimali;

ix-xagħar fin tal-annimali;

il-krin;

il-qoton;

il-materjali li minnhom isiru l-karti, u l-karta;

il-kittien;

qanneb veru;

il-ġuta u fibri oħrajn tal-qanneb tat-tessuti;

is-sisal u fibri oħrajn tat-tessuti tal-ġenus Agave

il-ġewż tal-Indi, il-manilla, ir-rami u fibri tessili veġetali oħra;

il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem;

▼B

il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem;

il-filamenti li minnhom jgħaddi l-kurrent;

il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polipropilene magħmula mill-bniedem;

il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem;

il-fibri prinċipali tal-polyamide magħmula mill-bniedem;

il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-polyacrylonitrile magħmula mill-bniedem;

il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliimidi magħmula mill-bniedem;

il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-polytetrafluoroethylene magħmula mill-bniedem;

il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-poly(phenylene sulphide) magħmula mill-bniedem;

il-fibri prinċipali magħmula mill-bniedem tal-poly(vinyl chloride) magħmula mill-bniedem;

il-fibri prinċipali sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem;

il-fibri bażiċi artifiċjali magħmula mill-bniedem, mill-viskoss;

il-fibri prinċipali artifiċjali oħra magħmula mill-bniedem;

il-ħjut magħmula minn polyurethane issegmentat b'segmenti flessibbli tal-polyether, sew jekk mibruma u anki jekk le;

il-ħjut magħmula minn polyurethane issegmentat b'segmenti flessibbli tal-polijester, sew jekk mibruma u anki jekk le;

il-prodotti tal-intestatura 5605 (ħjut metallizzat) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' strixxa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisgħa ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ strixxi irqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkulurita;

il-prodotti l-oħra tal-intestatura 5605;

il-fibri tal-ħġieġ;

il-fibri metalliċi.

Eżempju:

Ħajt tal-intestatura 5205, magħmul minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-intestatura 5506, huwa ħajt imħallat. Għaldaqstant, fibri magħmula mill-bniedem bażiċi mhux oriġinanti li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10 % tal-piż totali tal-ħjut mibruma.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku ta' fibri prinċipali tal-intestatura 5509, huwa drapp imħallat. Għaldaqstant, ħjut mibruma magħmula mill-bniedem li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini, jew ħjut mibruma tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli tal-oriġini, jew kombinazzjoni tat-tnejn, jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx ta' aktar minn 10 % tal-piż totali tad-drapp.

Eżempju:

Drapp ittaftjat, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħajt tal-qoton tal-intestatura 5205 u drapp tal-qoton tal-intestatura 5210, ikun prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton ikun fih innifsu drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut tal-qoton li jintużaw ikunu huma stess taħlitiet.

▼B

Eżempju:

Jekk it-tessut minsuġ bil-pil ikkonċernat kien magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u tessut sintetiku tal-intestatura 5407, allura, ovvjamant, il-ħjut mibruma użati jkunu żewġ materjali priċipali ta' tessut separati u t-tessut minsuġ bil-pil ikun, għalhekk, prodott imħallat.

6.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħajt magħmul minn poliuretan segmentat b'segmenti flessibbli tal-polieter, kemm jekk b'wajer ġo fihom jew le", it-tolleranza hija ta' 20 % fir-rigward ta' dan il-ħajt.

6.4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strippa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew ta' qalba ta' rita tal-plastik, kemm jekk miksijin bi trab tal-aluminju jew le, wisgħin mhux iktar minn 5 mm, marsusin madwar adeżiv trasparenti jew ikkulurit bejn żewġ saffi ta' rita tal-plastik", it-tolleranza hija ta' 30 % fir-rigward ta' din l-istrippa.

Nota 7 – Tolleranzi oħra li japplikaw għal ċerti prodotti tessili

7.1. Meta, fil-lista, issir riferenza għal din in-Nota, materjali tessili li ma jissodisfawx ir-regola stipulata fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodott maħdum ikkonċernat, jistgħu jintużaw, sakemm huma kklassifikati f'intestatura oħra għajr dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz imħallas għall-prodott kif joħroġ mill-fabbrika.

7.2. Bla ħsara għan-Nota 7.3, materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw b'mod ħieles fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti tat-tessut, kemm jekk ikun fihom tessuti u kemm jekk le.

Eżempju:

Jekk regola fil-lista tipprovdi li, għal oġġett tat-tessut partikolari (bħal qalziet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jwaqqafx l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħalma huma buttuni, minħabba li l-buttuni mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jwaqqafx l-użu ta' waħħala li jiżżerżqu (żippijiet) għalkemm waħħala li jiżżerżqu (żippijiet) ikunu normalment jinkludu tessuti.

7.3. Fejn tapplika regola dwar perċentwali, il-valur tal-materjal li mhuwiex ikklassifikat fi ħdan il-Kapitoli 50 sa 63 għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi kkalkulat il-valur tal-materjal li ma joriġinax li jkun inkorporat.

Nota 8 – Definizzjoni ta' proċessi speċifiċi u operazzjonijiet sempliċi mwettqa fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-Kapitolu 27

8.1. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

(b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet ([1]);

(c) xpakkar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinvolvi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: ipproċessar b'aċidu sulfuriku konċentrat, oleu jew anidrid sulfuriku; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; dekolorizzazzjoni u purifikazzjoni b'element terrestri naturalment attivat, element terrestri attivat, faħam jew bawsit attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni.

([1]) Ara n-Nota 5(b) addizzjonali għall-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

▼B

8.2. Għall-finijiet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

(b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet ([1]);

(c) xpakkar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinvolvi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: ipproċessar b'aċidu sulfuriku konċentrat, oleu jew anidrid sulfuriku; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; dekolorizzazzjoni u purifikazzjoni b'element terrestri naturalment attivat, element terrestri attivat, faħam jew bawsit attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(ij) iżomerizzazzjoni;

(i) fir-rigward ta' żjut ħoxnin tal-intestatura ex 2710 biss, eliminazzjoni tal-kubrit bl-idroġenu, D jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-anqas 85 % tal-kontenut ta' kubrit mill-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59);

(l) rigward prodotti ta' titolu 2710 biss, deparaffinar bi proċess li mhuwiex filtrar;

(m) fir-rigward ta' żjut ħoxnin tal-intestatura ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu, bi pressjoni ta' aktar minn 20 bar u b'temperatura ta' aktar minn 250 °C, bl-użu ta' katalizzatur, għajr milli għat-tneħħija tal-kubrit, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut lubrikanti tal-intestatura ex 2710 (eż. it-tlestija bl-ilma – hydrofinishing – jew it-tneħħija tal-kulur) sabiex, speċjalment, ikun hemm titjib fil-kulur jew l-istabbiltà, ma għandhomx, madankollu, jitqiesu bħala proċess speċifiku;

(n) fir-rigward ta' żjut karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, sakemm anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, fi 300 °C, permezz tal-metodu ASTM D 86;

(o) fir-rigward ta' żjut tqal għajr iż-żjut tal-gass u n-nafta tal-intestatura ex 2710 biss, trattament permezz ta' brush-discharge elettrika ta' frekwenza għolja;

(p) fir-rigward ta' prodotti mhux irrafinati (minbarra l-ġeli tal-petroljum, l-ożoċerit, ix-xama' tal-linjite jew ix-xama' tal-pit, xama' bajda li fiha mill-piż anqas minn 0,75 % ta' żejt) tal-intestatura ex 2712 biss, it-tneħħija taż-żejt permezz tal-kristallizzazzjoni frazzjonali.

8.3. Għall-finijiet tal-intestaturi ex 2707 u 2713, operazzjonijiet sempliċi, bħat-tindif, id-dekantar, it-tneħħija tal-melħ, is-separazzjoni tal-ilma, l-iffiltrar, l-ikkulurar, l-immarkar, il-kisba ta' kontenut ta' kubrit b'riżultat tat-tħallit ta' prodotti ma' kontenuti differenti ta' kubrit, jew kwalunkwe taħlita ta' dawn l-operazzjonijiet jew oħrajn simili, ma jagħtux l-oriġini.

([1]) Ara n-Nota 5(b) addizzjonali għall-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

▼B

PARTI II

LISTA TA' PRODOTTI U OPERAZZJONIJIET TA' XOGĦOL JEW PROĊESSAR LI JAGĦTU STATUS ORIĠINARJU

Intestatura tas-Sistema Armonizzata	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti)
(1)	(2)	(3)
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 huma miksuba totalment
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura fejn il-laħam u l-ġewwieni tal-laħam li jittiekel kollha fil-prodotti ta' dan il-Kapitolu huma miksuba totalment
ex Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, minbarra:	Il-ħut u l-krustaċji, il-molluski u l-invertebrati akkwatiċi oħrajn kollha huma miksuba totalment
0304	Fletti tal-ħut u laħam ieħor tal-ħut (kemm jekk ikkapuljati u kemm jekk le), friski, imkessħa jew iffriżati	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jinkisbu għalkollox
0305	Ħut, xott, immellaħ jew f'salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar minn qabel jew matul il-proċess ta' affumikazzjoni jew le; dqiqijiet, pasti u gerbub tal-ħut, tajbin biex jittiekju mill-bniedem	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jinkisbu għalkollox
ex 0306	Krustaċej, kemm jekk f'qoxra jew le, xotti, immellħin jew f'salmura; krustaċej, fil-qoxra, imsajrin bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma, kemm jekk imkessħin, iffriżati, xotti, immellħin, jew f'salmura jew le; dqiqijiet, pasti u gerbub tal-krustaċej, tajbin biex jittiekjlu mill-bniedem	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jinkisbu għalkollox
ex 0307	Molluski, kemm jekk f'qoxra jew le, xotti, immellħin jew f'salmura; invertebrati akkwatiċi għajr krustaċej u molluski, xotti, immellħin jew f'salmura; dqiqijiet, pasti u gerbub tal-invertebrati akkwatiċi għajr krustaċej, tajbin biex jittiekju mill-bniedem	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jinkisbu għalkollox
Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tal-għasafar; għasel naturali; prodotti li jittieklu li ġejjin mill-annimali, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra;	Manifattura fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba għalkollox; u — il-piż taz-zokkor [1] użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti)
(1)	(2)	(3)
ex Kapitolu 5	Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, minbarra:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex 0511 91	Bajd u sperma tal-ħut li ma jittiklux	Il-bajd u l-isperma kollha huma miksuba totalment
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 6 huma miksuba totalment
Kapiltu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 7 jinkisbu għalkollox
Kapitolu 8	Frott u karawett li jittiekel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ	Manifattura fejn: — il-frott, ġewż, qxur tal-frott taċ-ċitru jew bettieħ kollha tal-Kapitolu 8 huma miksuba totalment, u — il-piż taz-zokkor [1] użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 9	Kafè, tè, matè u ħwawar;	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 10 jinkisbu għalkollox
ex Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tad-dqiq; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 10 u 11, intestaturi 0701 u 2303, u sottointestatura 0710 10 huma miksuba totalment
ex 1106	Dqiq, pasta u trab tal-ħxejjex leguminużi mqaxxrin u mnixxfin tal-intestatura 0713	Tnixxif u ħin ta' ħxejjex leguminużi tal-intestatura 0708
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott
Kapitolu 13	Gommalakka; gomom, rażi u linef u estratti veġetali oħrajn	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, li fihom il-piż taz-zokkor [1] użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 14	Materjali għall-immaljar tal-ħaxix; prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
ex Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew veġetali u l-prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet li jittieklu preparati; xema' mill-annimali jew veġetali; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe sottointestatura, ħlief dik tal-prodott

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti)
(1)	(2)	(3)
1501 sa 1504	Xaħmijiet minn ħnieżer, tjur, frat, nagħaġ jew mogħoż, ħut, eċċ	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura ħlief dik tal-prodott
1505, 1506 u ex 1520	Xaħam tas-suq u sustanzi xaħmin idderivati minnhom (inkluża l-lanolina). Xaħam u żjut oħrajn ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament. Gliċerol, mhux maħdum; ilmijiet tal-gliċerol u lsiesi tal-gliċerol.	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
1509 u 1510	Żejt taż-żebbuġa u l-frazzjonijiet tiegħu	Manifattura fejn il-materjali vegetali kollha użati jinkisbu għalkollox
1516 u 1517	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, interesterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet li jittieklu ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, għajr għal xaħmijiet jew żjut li jittieklu jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn il-piż tal-materjali kollha użati tal-Kapitolu 4 ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 16	Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċej, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra laħam u ġewwieni tal-laħam tajjeb għall-ikel tal-Kapitolu 2 u materjali tal-Kapitolu 16, ġejjin mil-laħam u ġewwieni tal-laħam tajjeb għall-ikel tal-Kapitolu 2, u — fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 u materjali tal-Kapitolu 16 ġejjin mill-ħut u l-krustaċji, mill-molluski u invertebrati akwatiċi tal-Kapitolu 3 huma miksuba totalment
ex Kapitolu 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor; għajr:	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott
ex 1702	Zokkrijiet oħrajn, inklużi lattożju u glukożju kimikament puri, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat jew le ma' għasel naturali; karamella	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1101 sa 1108, 1701 u 1703 ma jaqbiżx it-30 % tal-piż tal-prodott finali
ex 1702	Maltożju u fruttożju kimikament puri	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura inklużi materjali oħrajn tal-intestatura 1702

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti)
(1)	(2)	(3)
1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn: — il-piż individwali taz-zokkor ([1]) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż totali kombinat taz-zokkor ([1]) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx is-60 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 18	Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn — il-piż individwali taz-zokkor ([1]) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż totali kombinat taz-zokkor ([1]) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżxis-60 % tal-piż tal-prodott finali
Kapitolu 19	Preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti tad-dulċiera	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn: — il-piż tal-materjali tal-Kapitoli 2, 3 u 16 ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż tal-materjali tal-intestaturi 1006 u 1101 sa 1108 ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż individwali taz-zokkor ([1]) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż totali kombinat taz-zokkor ([1]) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx is-60 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħxejjex, frott, ġewż jew partijiet oħra ta' pjanti; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dik tal-prodott, li fih il-piż taz-zokkor ([1]) użat ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott final
l-2002 u l-2003	Tadam, faqqiegħ u tartufi mħejjija jew ippreżervati mhux bil-ħall jew aċtu aċetiku	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 7 u 8 huma miksuba totalment
ex Kapitolu 21	Preparati tal-ikel varji; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn: — il-piż individwali taz-zokkor ([1]) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż totali kombinat taz-zokkor ([1]) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżx is-60 % tal-piż tal-prodott finali

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti)
(1)	(2)	(3)
2103	Zlazi u preparazzjonijiet tagħhom; kondimenti mħalltin u ħwawar imħalltin; dqiq u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata:	
	- Zlazi u preparazzjonijiet tagħhom; kondimenti mħalltin u ħwawar imħalltin	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu, jista' jintuża dqiq jew pasta tal-mustarda jew mustarda ppreparata
	- Dqiq u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 22	Xorb, spirti u ħall	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott u intestaturi 2207 u 2208, fejn: — il-materjali kollha tas-sottointestaturi 0806 10, 2009 61, 2009 69 huma miksuba totalment, u — il-piż individwali taz-zokkor u tal-materjali tal-Kapitolu 4 ma jaqbiżx l-40 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż totali kkombinat taz-zokkor u l-materjali tal-Kapitolu 4 ma jaqbiżx is-60 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 23	Fdalijiet mill-industriji tal-ikel; għalf tal-annimali ppreparat; għajr:	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott
ex 2303	Fdal mill-manifattura tal-lamtu	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn il-piż tal-materjali tal-Kapitolu 10 ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali
2309	Preparazzjonijiet ta' tip użat fl-għalf tal-annimali	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott, fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 li jintużaw jinkisbu sħaħ, u — il-piż tal-materjali tal-Kapitolu 10 u 11 u l-intestaturi 2302 u 2303 ma jaqbiżx l-20 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż individwali taz-zokkor ([1])) u tal-materjali tal-Kapitolu 4 użati ma jaqbiżxl-40 % tal-piż tal-prodott finali, u — il-piż totali kkombinat taz-zokkor u l-materjali tal-Kapitolu 4 ma jaqbiżx is-60 % tal-piż tal-prodott finali
ex Kapitolu 24	It-tabakk u s-sostituti tat-tabakk manifatturati; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura fejn il-piż tal-materjali tal-Kapitolu 24 ma jaqbiżx it-30 % tal-piż totali tal-materjali użati tal-Kapitolu 24
2401	Tabakk mhux immanifatturat; skart tat-tabakk	It-tabakk mhux immanifatturat u l-iskart tat-tabakk kollha tal-Kapitolu 24 huma miksuba totalment

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti)
(1)	(2)	(3)
2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigaretti, ta' tabakk jew ta' sostituti tat-tabakk	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott u tal-intestatura 2403, u fejn il-piż tal-materjali tal-intestatura 2401 ma jaqbiżx il-50 % tla-piż totali tal-materjali użati tal-intestatura 2401
ex Kapitolu 25	Melħ; kubrit; ħamrija u ġebel; materjali tal-kisi, ġir u siment; għajr:	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott *jew* Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika
ex 2519	Karbonat tal-manjeżju naturali mfarrak (magnesite), f'kontenituri issiġillati ermetikament, u ossidu tal-menjesju, sew jekk pur jew le, li mhux manjesja mdewba bis-sħana jew manjesja dead-burned (magħquda bis-sħana)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu jista' jintuża karbonat tal-manjesju naturali (magnesite)
Kapitolu 26	Minerali (ores), gagazza u rimed	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott
ex Kapitolu 27	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti tad-distillazzjoni tagħhom; sustanzi bituminużi; xema' minerali; għajr:	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott *jew* Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika
9002	Lentijiet, priżmi, mirja u elementi ottiċi oħrajn, ta' kwalunkwe materjal, immuntati, li huma partijiet jew tagħmir għal strumenti jew apparat, ħlief dawk l-elementi tal-ħġieġ mhux maħdumin ottikament	(a) PIŻ Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	(b) Pajjiżi benefiċjarji oħrajn Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika
9033	Partijiet u aċċessorji (mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor f'dan il-Kapitolu) għal magni, tagħmir, strumenti jew apparat tal-Kapitolu 90	(a) PIŻ Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	(b) Pajjiżi benefiċjarji oħrajn Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika
Kapitolu 91	Arloġġi u arloġġi tal-polz u partijiet tagħhom	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 92	Strumenti mużikali; partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 93	Armi u munizzjon; partijiet u aċċessorji tagħhom	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 94	Għamara; friex, saqqijiet, irfid tas-saqqijiet, kuxxinetti u arredamenti mimlijin simili; lampi u aċċessorji tad-dawl, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; sinjali mdawlin, pjanċi bl-isem imdawlin u oġġetti simili; bini prefabbrikat; għajr	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott *jew* Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex Kapitolu 95	Ġugarelli, logħob u materjal sportiv; partijiet u aċċessorji tagħhom; għajr:	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott *jew* Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex 9506	Stikek tal-golf u partijiet minnhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madankollu, jistgħu jintużaw blokok mhux irfinuti fil-manifattura tal-irjus tal-istikek tal-golf	
ex Kapitolu 96	Diversi oġġetti manifatturati, minbarra:	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott *jew* Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti)
(1)	(2)	(3)
9601 u 9602	Ivorju, għadam, qoxra tal-fekruna, qarn, qarn imsaġġar, qroll, madreperla u materjali oħrajn tal-annimali mnaqqxjin, fi stat maħdum, u oġġetti minn dawn il-materjali (inklużi oġġetti miksuba b'forom). Materjal maħdum ta' tnaqqix ta' ħxejjex u minerali u oġġetti ta' dawn il-materjali; oġġetti fformati jew imnaqqxin tax-xama', tal-istearina, tal-gomma naturali jew tar-reżini naturali jew tal-pejsts tal-ifformar, u oġġetti fformati jew imnaqqxin oħrajn, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra; maħdumin, ġelatina mhux imwebbsa (għajr ġelatina tal-intestatura 3503) u oġġetti tal-ġelatina mhux imwebbsa	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
9603	Xkupi, xkupilji (inklużi xkupilji li jagħmlu parti minn magni, apparati jew veikoli), xkupi tal-art mekkaniċi mħaddma bl-idejn, bla mutur, moppijiet u xkupilji tar-rix; għoqiedi u trofof ippreparati għat-tiswir ta' xkupi jew xkupilji; pads u rollers taż-żebgħa; squeegees (għajr roller squeegees)	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika
9605	Settijiet tal-ivjaġġar għat-twaletta personali, tal-ħjata jew għat-tindif taż-żraben jew tal-ħwejjeġ	Kull oġġett fis-sett għandu jissodisfa r-regola li tapplika għalih kieku ma kienx inkluż fis-sett. Madankollu, oġġetti li mhumiex tal-oriġini jistgħu jiġu inkorporati, sakemm il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-15 % tal-prezz tas-sett mill-fabbrika
9606	Buttuni, molol jingħafsu, molol bil-pressa u forom ta' buttuni u partijiet oħra minn dawn l-oġġetti; mammi tal-buttuni	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura minbarra dik tal-prodott, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha li jintużaw ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata	Deskrizzjoni tal-prodott	Operazzjoni kwalifikanti (Xogħol jew proċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinanti, li jagħti status oriġinanti)
(1)	(2)	(3)
9608	Pinen ball-point; pinen bil-ponta tal-felt u pinen u markers oħra bil-ponta poruża; pinen tal-linka, pinen stilografiċi u pinen oħra; duplicating stylos; lapsijiet bil-ponta li tinbidel jew li tiżżerżaq; kontenituri tal-pinen, tal-lapsijiet u kontenituri simili; partijiet (inkluži tokki u klipep) tal-oġġetti ta' hawn fuq, għajr għal dawk tal-intestatura 9609	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dik tal-prodott. Madanakollu, jistgħu jintużaw ponot tal-pinen (nibs jew nib-points) tal-istess intestatura tal-prodott
9612	Żigarelli tat-tajpriters jew żigarelli bħalhom, bil-linka jew ippreparati mod ieħor biex iħallu marka, kemm fuq irkiekel jew f'cartridges u kemm jekk le; pads tal-linka, kemm jekk bil-linka u kemm jekk le, bil-kaxxi jew mingħajrhom	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura minbarra dik tal-prodott, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha li jintużaw ma jaqbiżx is-70 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika
9613 20	Lajters tal-but, li jixegħlu bil-gass, jerġgħu jimtlew	Manifattura fejn il-valur totali tal-materjali tal-intestatura 9613 ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika
9614	Pipi tat-tipjip (inkluži bwieqi tal-pipi) u bokkini għal sigarri jew sigarretti, u partijiet tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura
Kapitolu 97	Xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet	Manufattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott

([1]) Ara n-Nota Introduttorja 4.2.
([2]) Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' "proċessi speċifiċi", ara n-Noti Introduttorji 8.1 u 8.3.
([3]) Għall-kundizzjonijiet speċjali relatati ma' "proċessi speċifiċi", ara n-Nota Introduttorja 8.2.
([4]) "Grupp" jitqies bħala kwalunkwe parti tal-intestatura sseparata mill-kumplament permezz ta' semikowlin.
([5]) Fil-każ tal-prodotti li huma kompsti minn materjali kklassifikati kemm taħt l-intestaturi 3901 sa 3906, minn naħa waħda, kif ukoll taħt l-intestaturi 3907 sa 3911, min-naħa l-oħra, din ir-restrizzjoni tapplika biss għal dak il-grupp ta' materjali li jippredomina bil-piż fil-prodott.
([6]) Il-fojls irqaq li ġejjin għandhom jitqiesu bħala trasparenti ħafna: fojls irqaq, li l-optical dimming tagħhom, imkejjel skont l-ASTM-D 1003-16 minn Gardner Hazemeter (jiġifieri Hazefactor), huwa inqas minn 2 %.
([7]) Għal kundizzjonijiet speċjali relatati ma' prodotti magħmula minn taħlita ta' materjali tat-tessut, ara n-Nota Introduttorja 6.
([8]) L-użu ta' dan il-materjal huwa ristrett għall-manifattura ta' tessuti minsuġin tat-tip użat fil-makkinarju li bih issir il-karta.
([9]) Ara n-Nota Introduttorja 7.
([10]) Ara n-Nota Introduttorja 6.
([11]) Għal oġġetti maħduma bil-labar jew bil-ganċ, mhux elastiċi jew elastikati, miksuba billi jiġu meħjuta jew magħquda biċċiet ta' drapp maħduma bil-labar jew bil-ganċ (maqtgħa jew maħduma bil-labar direttament għall-forma, ara n-Nota Introduttorja 7.
([12]) SEMII – Istitut Inkorporat Tagħmir u Materjal Semikonduttur

▼B

ANNESS 22-04

Materjali eskluži minn akkumulazzjoni reġjonali [1] [2]

		Grupp I: il-Brunej, il-Kambodja, l-Indonežja, il-Laos, il-Malasja, il-Mjanmar/il-Burma, il-Filippini, it-Tajlandja, il-Vjetnam	Grupp III: il-Bangladexx, il-Bhutan, l-Indja, in-Nepal, il-Pakistan, is-Sri Lanka	Grupp IV: [3] L- Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj, l-Urugwaj
Sistema Armonizzata jew kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda	Deskrizzjoni tal-materjali			
0207	Laħam u ġewwieni li jittiekel, tat-tjur tal-intestatura 0105, frisk, imkessaħ jew iffriżat	X		
ex 0210	Laħam u ġewwieni li jittiekel, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew affumikat	X		
Kapitolu 03	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn			X
ex 0407	Bajd fil-qoxra tat-tjur, mhux għat-tfaqqis		X	
ex 0408	Bajd, mhux fil-qoxra u isfar tal-bajd, ħlief dawk mhux tajbin għall-konsum tal-bniedem		X	
0709 51 ex 0710 80 0710 40 00 0711 51 0712 31	Faqqiegħ, frisk jew imkessaħ, iffriżat, ippriżervat proviżorjament, imnixxef qamħirrun iffirizat (nej jew imsajjar fuq il-fwar jew mgħolli fl-ilma)	X	X	X
0714 20	Patata ħelwa			X
0811 10 0811 20	Frawli, lampun, tut, ċawsli, passolina sewsa, bajda jew ħamra u ribes, nejjin jew imsajrin fuq il-fwar jew mgħollija, iffriżati, kemm jekk biz-zokkor miżjud jew ingredjent ieħor li jżid il-ħlewwa jew le			X
1006	Ross	X	X	
ex 1102 90 ex 1103 19 ex 1103 20 ex 1104 19 ex 1108 19	Dqiq, groats, dqiq mitħun oxħon, pitkuni, qamħ irrumblat jew imfarrak, lamtu tar-ross	X	X	
1108 20	Inulina			X
1604 u 1605	Ħut ippreparat jew ippreservat; kavjar u sostituti tal-kavjar ippreparati minn bajd tal-ħut; krustaċej, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn ippreparati jew ippreservati			X

▼B

		Grupp I: il-Brunej, il-Kambodja, l-Indonežja, il-Laos, il-Malasja, il-Mjanmar/il-Burma, il-Filippini, it-Tajlandja, il-Vjetnam	Grupp III: il-Bangladexx, il-Bhutan, l-Indja, in-Nepal, il-Pakistan, is-Sri Lanka	Grupp IV: (3) L- Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj, l-Urugwaj
1701 u 1702	Zokkor tal-kannamieli jew tal-pitravi u sukrożju kimikament pur, u zokkrijiet oħrajn, xrobb taz-zokkor, għasel artifiċjali u karamel	X	X	
1704 90	Ħelu taz-zokkor, mingħajr kawkaw, minbarra chewing gum	X	X	X
ex 1806 10	Trab tal-kawkaw, li fih 65 % jew aktar mill-piż ta' sukrożju/iżoglukożju	X	X	X
1806 20	Preparazzjonijiet oħrajn fi blokki, ċangaturi jew biċċiet li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulari jew f'forma oħra bl-ingrossa ġo kontenituri jew pakki diretti, b'kontenut itqal minn 2 kg	X	X	X
1901 90 91 1901 90 99	Preparazzjonijiet oħra tal-ikel minbarra preparazzjonijiet għall-użu mit-tfal, imqiegħda għall-bejgħ fis-suq, minbarra taħlitiet u għaġejjen għall-preparazzjoni mill-furnara tal-intestatura 1905 kif ukoll l-estratt tax-xgħir	X	X	X
ex 1902 20	Għaġin mimli, kemm jekk imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le, li fih aktar minn 20 % mill-piż ta' ħut, krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn jew li fih aktar minn 20 % mill-piż ta' zalzetti u affarijiet simili, laħam jew ġewwieni tal-laħam ta' kull tip, inklużi xaħmijiet ta' kull tip jew oriġini			X
2001 90 30	Qamħirrun(*Zea mays* var. saccharata), ippreparat jew ippreservat mill-ħall jew l-aċidu aċetiku	X	X	X
2003 10	Faqqiegħ tat-tip Agaricus, ippreparati jew ippreżervati b'xi mod iżda mhux bil-ħall jew aċidu aċetiku	X	X	X
2005 80 00	Qamħirrun (*Zea mays* var. saccharata), ippreparati jew ippreżervati b'xi mod iżda mhux bil-ħall jew aċidu aċetiku, mhux iffrizat, minbarra l-prodotti tal-intestatura 2006	X	X	X
ex 2007 10	Ġammijiet omoġenizzati, ġeli tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-ġewż u pejsts tal-frott jew tal-ġewż, li fihom aktar minn 13 % mill-piż ta' zokkor			X

▼B

		Grupp I: il-Brunej, il-Kambodja, l-Indonežja, il-Laos, il-Malasja, il-Mjanmar/il-Burma, il-Filippini, it-Tajlandja, il-Vjetnam	Grupp III: il-Bangladexx, il-Bhutan, l-Indja, in-Nepal, il-Pakistan, is-Sri Lanka	Grupp IV: ([3]) L- Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj, l-Urugwaj
2007 99	Preparazzjonijiet mhux omoġenizzati ta' ġammijiet, ġelis tal-frott, marmellati, purée tal-frott jew tal-ġewż, minbarra tal-frott taċ-ċitru			X
2008 20 2008 30 2008 40 2008 50 2008 60 2008 70 2008 80 2008 93 2008 97 2008 99	Frott, ġwież u partijiet oħrajn ta' partijiet ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati jew ippreżervati mod ieħor			X
2009	Meraq tal-frott (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer) u meraq tal-ħxejjex, mhux fermentati u ma fihomx spirtu miżjud, fihom jew ma fihomx miżjud zokkor jew sustanzi tal-ħlewwa oħra			X
ex 2101 12	Preparazzjonijiet b'bażi ta' kafè	X	X	X
ex 2101 20	Preparazzjonijiet b'bażi ta' tè jew matè	X	X	X
2106 90 92 2106 90 98	Preparazzjonijiet tal-ikel mhux speċifikati band' oħra, għajr konċentrati tal-proteina u sustanzi tal-proteina konsistenti u minbarra preparazzjonijiet alkoħoliċi mħallta (minbarra dawk ibbażati fuq sustanzi odoriferużi) tat-tip użati għall-manifattura ta' xarbiet u għajr jew ikkuluriti għajr il-ġuleppi tal-isoglukożju	X	X	X
2204 30	Most tal-għeneb minbarra most tal-għeneb b'fermentazzjoni miżmuma jew mwaqqfa biż-żieda tal-alkoħol			X
2205	Vermut u inbid ieħor ta' għeneb frisk imħawwrin bi pjanti u sustanzi aromatiċi			X
2206	Xarbiet iffermentati oħrajn; taħlitiet ta' xarbiet u taħlitiet iffermentati ta' xarbiet iffermentati u xarbiet mhux alkoħoliċi, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra			X
2207 10 00	Alkoħol etil żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' 80 % vol jew aktar		X	X

▼B

		Grupp I: il-Brunej, il-Kambodja, l-Indonežja, il-Laos, il-Malasja, il-Mjanmar/il-Burma, il-Filippini, it-Tajlandja, il-Vjetnam	Grupp III: il-Bangladexx, il-Bhutan, l-Indja, in-Nepal, il-Pakistan, is-Sri Lanka	Grupp IV: ([3]) L- Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj, l-Urugwaj
ex 2208 90	Alkoħol etil żnaturat b'qawwa alkoħolika skont il-volum ta' inqas minn 80 % vol, minbarra għarak, spirtu talgħanbaqar, lanġas jew ċiras u spirti oħrajn f'xorb spirituż		X	X
2905 43 00	Mannitol	X	X	X
2905 44	D-glucitol (sorbitol)	X	X	X
3302 10 29	Preparazzjonijiet tat-tip użat fl-industriji tax-xorb li fihom l-aġenti kollha tat-togħma li jikkaratterizzaw xarba, minbarra dawk ta' qawwa alkoħolika attwali skont il-volum ta' aktar minn 0,5 %, li fihom, skont il-piż, aktar minn 1,5 % xaħam tal-ħalib, 5 % sukrożju jew iżoglukożju, 5 % glukożju jew lamtu	X	X	X
3505 10	Destrini u lamtu modifikat ieħor	X	X	X

([1]) Materjali li għalihom huwa indikat 'X'

([2]) L-akkumulazzjoni ta' dawn il-materjali bejn pajjiżi inqas żviluppati (PIŻ) ta' kull grupp reġjonali (jiġifieri il-Kambodja u Laos fil-Grupp I; il-Bangladexx, il-Bhutan, il-Maldive u n-Nepal fil-Grupp III) hija permessa. Bl-istess mod, l-akkumulazzjoni ta'dawn il-materjali hija permessa wkoll f'pajjiż li mhuwiex PIŻ ta' grupp reġjonali b'materjali li joriġinaw f'xi pajjiż ieħor tal-istess grupp reġjonali.

([3]) L-akkumulazzjoni ta' dawn il-materjali li joriġinaw mill-Arġentina, il-Brażil u l-Urugwaj, mhijiex permessa fil-Paragwaj. Barra minn hekk akkumuluzzjoni ta' kwalunkwe materjal tal-Kapitoli 16 sa 24 li joriġina mill-Brażil mhijiex permessa fl-Arġentina, il-Paraguay jew fil-Uruguay.

▼B

ANNESS 22-05

Xogħol eskluż mill-akkumulazzjoni reġjonali tal-GSP (PRODOTTI TESSILI)

Xogħol bħal:

— twaħħil ta' buttuni u/jew tipi oħrajn ta' qafliet,

— it-titqib ta' toqob għall-buttuni,

— it-tlestija tal-qigħan tal-qliezi u l-kmiem jew il-keffa tad-dbielet u l-ilbiesi eċċ.,

— keffa ta' mkatar, tvalji eċċ.,

— tfassil ta' trimmings u aċċessorji bħal bwiet, tikketti, emblemi, eċċ.,

— mogħdija u preparazzjonijiet oħrajn tal-ħwejjeġ li jinbiegħu 'lesti',

— jew kwalunkwe taħlita ta' xogħol bħal dan.

▼B

ANNESS 22-11

Noti introduttorji u lista tax-xogħol jew l-ipproċessar li jridu jsiru fuq materjali mhux oriġinanti sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb l-istatus oriġinanti

PARTI I

NOTI INTRODUTTORJI

Nota 1:

Il-lista tistabbilixxi l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha li għandhom ikunu ikkunsidrati bħala suffiċjentament maħduma jew ipproċessati skont it-tifsira tal-Artikolu 61.

Nota 2:

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru tal-intestatura jew in-numru tal-Kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni ta' merkanziji użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew dak il-Kapitolu. Għal kull partita fl-ewwel żewġ kolonni, hemm speċifikata regola fil-kolonna 3 jew fil-kolonna 4. Fejn, f'xi każijiet, l-annotazzjoni fl-ewwel kolonna hija preċeduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritt fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' intestatura jkunu miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew meta jingħata numru ta' Kapitolu u għalhekk id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, fis-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati taħt l-intestaturi tal-Kapitolu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Meta jkun hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti taħt intestatura, kull inċiż ikun fih deskrizzjoni ta' dik il-parti tal-intestatura koperta bir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4.

2.4. Fejn, għal partita fl-ewwel żewġ kolonni, ikun hemm regola speċifikata kemm fil-kolonna 3 kif ukoll fil-kolonna 4, l-esportatur jista' jagħżel li japplika r-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik stabbilita fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola tal-oriġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

Nota 3:

3.1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 61, rigward prodotti bi status oriġinanti miksub li jintużaw fil-manifattura ta' prodotti oħrajn, għandhom japplikaw, indipendentement minn jekk dan l-istatus inkisibx ġol-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f'fabbrika oħra fil-pajjiż jew it-territorju benefiċjarju jew fl-Unjoni..

Eżempju:

Magna tal-intestatura 8407, li għaliha r-regola tiddikjara li l-valur tal-materjali mhux oriġinanti li jistgħu jkunu inkorporati ma jistax jaqbeż l-40 % tal-prezz mill-fabbrika, hija magħmula minn "liga tal-azzar oħra, iffurmata bejn wieħed u ieħor fil-forġa" taħt l-intestatura ex 7224.

Jekk din il-forġa saret fil-pajjiż jew it-territorju benefiċjarju minn ingotta mhux oriġinanti, diġà tkun kisbet l-istatus oriġinanti permezz tar-regola għall-intestatura ex 7224 fil-lista. Imbagħad il-forġa tkun tista' tgħodd bħala oriġiannti fil-kalkolu tal-valur għall-magna, indipendentement minn jekk ġietx prodotta fl-istess fabbrika jew f'fabbrika oħra fil-pajjiż jew it-territorju benefiċjarju. Il-valur tal-ingott mhux oriġinarju għalhekk ma jitqiesx meta jiġi kkalkolat il-valur tal-materjali mhux oriġinarji li jintużaw.

▼B

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu ta' xogħol jew ipproċessar meħtieġ, u t-twettiq ta' iktar xogħol jew ipproċessar jipprovdi l-istatus oriġinanti wkoll; għall-kuntrarju, it-twettiq ta' inqas xogħol jew ipproċessar ma jistax jagħti l-istatus oriġinanti. B'hekk, jekk regola tistipula li materjal mhux oriġinarju jista' jintuża meta jintlaħaq ċertu stadju tal-manifattura, l-użu ta' tali materjal fi stadju iktar bikri huwa permess waqt li l-użu ta' tali materjal fi stadju iktar tard mhuwiex permess.

3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura", allura materjali ta' kwalunkwe intestatura(i) (anke materjali tal-istess deskrizzjoni u intestatura bħala l-prodott) jistgħu jintużaw, soġġetti, madankollu, għal xi limitazzjonijiet speċifiċi li jista' jkun hemm fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-intestatura …" jew "Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-istess intestatura tal-prodott" tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jiġi mmanifatturat minn materjal wieħed jew aktar, dan ifisser li jista' jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma tirrikjedix li jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għat-tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tistipula li jistgħu jintużaw fibri naturali u li materjali kimiċi, fost affarijiet oħra, jistgħu jintużaw ukoll. Dan ma jfissirx li ntużaw it-tnejn li huma; huwa possibbli li tintuża waħda jew l-oħra, jew it-tnejn f'daqqa.

3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott tkun manifatturat minn xi materjal partikolari, din il-kundizzjoni ma timpedixxix l-użu ta' materjali oħrajn li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.2 hawn taħt fir-rigward tat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola dwar ikel ippreparat taħt l-intestatura 1904, li teskludi speċifikament l-użu taċ-ċereali jew derivattivi tagħhom, ma żżommokx li tuża mluħa minerali, sustanzi kimiċi u addittivi oħra li mhumiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux ikunu immanifatturati minn materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu magħmula minn materjal tal-istess natura fi stadju aktar bikri tal-manifattura.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett ta' lbies tal-ex Kapitolu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġin, jekk huwa permess biss l-użu ta' ħjut mibrumin mhux oriġinarji għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ - anki jekk drappijiet mhux minsuġin ma jistgħux, normalment, isiru minn ħjut mibrumin. F'każijiet bħal dawn, il-materjali tal-bidu normalment ikunu fl-istadju ta' qabel il-ħajt - jiġifieri l-istadju tal-fibri.

3.6. F'regola fil-lista, jingħataw żewġ perċentwali għall-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarji li jistgħu jintużaw, allura dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali kollha użati mhux oriġinarji qatt ma jista' jaqbeż l-ogħla wieħed millperċentwali mogħtija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali ma jistgħux jinqabżu, fir-rigward tal-materjali partikolari li għalihom japplikaw.

▼B

Nota 4:

4.1. Il-kliem “fibri naturali” huwa użat fil-lista biex jirreferi għal fibri li mhumiex fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huma limitati għall-istadju ta’ qabel ma jinbarmu l-fibri, inkluż l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, inkluż il-fibri naturali li ġew imqardxa, mimxuta jew ipproċessati b’xi mod ieħor iżda mhux mibruma.

4.2. Il-kliem “fibri naturali” jinkludu xagħar iż-żiemel tal-intestatura 0503, ħarir tal-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll fibri tas-suf u suf tal-annimali fin jew oħxon tal-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton tal-intestaturi 5201 sa 5203 u fibri veġetali oħra tal-intestaturi 5301 sa 5305.

4.3. Il-kliem “polpa tat-tessut”, “materjali kimiċi” u “materjali li minnhom issiru il-karta” huma użati fil-lista biex jiddeskrivu l-materjali, li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw biex jiffabbrikaw fibri jew ħjut artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.

4.4. Il-kliem “fibri bażiċi magħmula mill-bniedem” huwa użat fil-lista biex jirreferi għal filament tow sintetiku jew artifiċjali, fibri bażiċi jew skart, tal-intestatura 5501 sa 5507.

Nota 5:

5.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 m’għandhomx jiġu applikati għal xi materjali tat-tessuti bażiċi użati fil-manifattura ta’ dan il-prodott u li, meta jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 10 % jew anqas mill-piż totali tal-materjali bażiċi tat-tessuti kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4)

5.2. Minkejja dan, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista’ tkun applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu nħadmu minn żewġ materjali ta’ tessuti bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali bażiċi tat-tessut:

— il-ħarir,

— is-suf,

— ix-xagħar aħrax ta’ annimali,

— ix-xagħar fin ta’ annimali,

— ix-xagħar taż-żiemel,

— il-qoton,

— il-materjal li minnu ssir il-karta u karta,

— il-kittien,

— il-qanneb veru,

— il-ġuta jew fibri tessili tat-tilju oħra,

— is-sisa u fibri oħrajn tat-tessuti tal-ġenus Agave,

— il-ġewż tal-Indi, l-abaka, ir-ramie u l-fibri veġetali oħrajn tal-insiġ,

— il-filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,

— il-filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,

▼B

— il-filamenti li jgħaddi minnhom l-elettriku,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-polipropilen magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliester magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliakrilonitril magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poliamid magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-politetrafluworoitilin magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-politetrafluworoitilin magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poli(fenilin sulfid) magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-poli(vinil klorid) magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi oħra magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali sintetiċi tal-visk magħmula mill-bniedem,

— il-fibri prinċipali oħra artifiċjali magħmula mill-bniedem,

— il-ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-polijeter, sew jekk mibruma u anki jekk le,

— il-ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-poliester, sew jekk mibruma u anki jekk le,

— il-prodotti tal-intestatura 5605 (ħjut metallizzati) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' filament tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ saffi ta' filament tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkulurita.

— il-prodotti l-oħra tal-intestatura 5605.

Eżempju:

Ħajt tal-intestatura 5205, magħmul minn fibri tal-qoton tal-intestatura 5203 u fibri sintetiċi ta' qisien ta' qosor predeterminat tal-intestatura 5506, huwa ħajt imħallat. Għalhekk, fibri bażiċi sintetiċi li ma joriġinawx u ma jissodisfawx ir-regoli dwar l-oriġini (li jirrikjedu l-manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessut) jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10 % tal-piż totali tal-ħjut mibruma.

Eżempju:

Drapp tas-suf, tal-intestatura 5112, magħmul minn ħajt tas-suf tal-intestatura 5107 u ħajt sintetiku ta' fibri prinċipali tal-intestatura 5509, huwa drapp imħallat. Għalhekk, ħjut mibruma sintetiċi li ma jissodisfawx ir-regoli oriġinarji (li jirrikjedu manifattura minn materjali kimiċi jew polpa tat-tessuti), jew ħjut mibruma tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jirrikjedu manifattura minn fibri naturali li ma jkunux imqardxa, mimxuta jew ippreparati għall-brim b'xi mod ieħor), jew taħlita tat-tnejn, jistgħu jintużaw sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10 % tal-piż totali tat-tessut.

Eżempju:

Tessut minsuġ bil-pil, tal-intestatura 5802, magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u tessut tal-qoton tal-intestatura 5210, ikun prodott imħallat biss jekk it-tessut tal-qoton innifsu jkun tessut imħallat magħmul minn ħjut mibruma kklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut mibruma tal-qoton użati jkunu taħlita huma stess.

▼B

Eżempju:

Kieku t-tessut minsuġ bil-pil ikkonċernat kien magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton tal-intestatura 5205 u tessut sintetiku tal-intestatura 5407, allura, ovvjamant, il-ħjut mibruma użati jkunu żewġ materjali bażiċi tat-tessut separati u t-tessut minsuġ bil-pil ikun, għalhekk, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħjut magħmula minn polijuretejn segmentat b'segmenti flessibbli tal-polijeter, sew jekk mibruma u anki jekk le", din it-tolleranza hija 20 % fir-rigward ta' dawn il-ħjut.

5.4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' fojl tal-aluminju jew qalba ta' strixxa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab tal-aluminju u kemm jekk le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ strixxi rqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew kulurita" din it-tolleranza hija ta' 30 % fir-rigward ta' din l-istrixxa.

Nota 6:

6.1. Fejn, fil-lista, issir riferenza għal din in-Nota, materjali tat-tessut (bl-eċċezzjoni ta' kisi u kisi minn ġewwa), li ma jissodisfawx ir-regola dikjarata fil-lista f'kolonna 3 għall-prodott maħdum konċernat jistgħu jintużaw, basta iżda li huma klassifikati f'intestatura oħra għajr tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.

6.2. Bla ħsara għan-Nota 6.3, materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw b'mod ħieles fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti tat-tessut, kemm jekk ikun fihom tessuti u kemm jekk le.

Eżempju:

Jekk regola fil-lista tipprovdi li, għal oġġett tat-tessut partikolari (bħal qalziet), għandu jintuża l-ħajt, dan ma jwaqqfx l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħalma huma buttuni, minħabba li l-buttuni mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, dan ma jwaqqafx l-użu ta' waħħala li jiżżerżqu (żippijiet) għalkemm waħħala li jiżżerżqu (żippijiet) ikunu normalment jinkludu tessuti.

6.3. Fejn tapplika regola dwar perċentwali, il-valur ta' materjali li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli minn 50 sa 63 għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-valur tal-materjali mhux oriġinarji li jkunu inkorporati.

Nota 7:

7.1. Għall-għanijiet tal-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403. il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

(b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet ([1]);

(c) xpakkar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinvolvi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar b'aċidu sulfuriku konċentrat, oleu jew anidrid sulfuriku; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; dekulurizzazzjoni u purifikazzjoni b'element terrestri naturalment attiv, element terrestri attiv, faħam jew bawsit attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(i) isomerizzazzjoni.

([1]) In-nota 5(b) addizzjonali għall-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

▼B

7.2. Għall-iskopijiet tal-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni ġo vakwu;

(b) distillazzjoni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet ([1]);

(c) xpakkar;

(d) riformazzjoni;

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinvolvi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: l-ipproċessar b'aċidu sulfuriku konċentrat, oleu jew anidrid sulfuriku; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; dekulurizzazzjoni u purifikazzjoni b'element terrestri naturalment attiv, element terrestri attiv, faħam jew bawsit attivat;

(g) polimerizzazzjoni;

(h) alkilazzjoni;

(ij) isomerizzazzjoni;

(k) fir-rigward ta' żjut ħoxnin tal-intestatura ex 2710 biss, D-eliminazzjoni tal-kubrit bl-idroġenu, li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-anqas 85 % tal-kontenut ta' kubrit mill-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);

(l) fir-rigward tal-prodotti tal-intestatura 2710 biss, it-tneħħija tal-pitrolji bi proċċess ieħor għajr il-filtrazzjoni;

(m) fir-rigward taż-żjut tqal tal-intestatura ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu, taħt pressjoni ta' iktar minn 20 bar u temperatura ta' aktar minn 250 °C, bl-użu ta' katalist, ħlief biex jitneħħa l-kubrit, meta l-idroġenu jkun jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, ta' żjut li jillubrikaw tal-intestatura 2710 (eż. it-tlestija bl-ilma – hydrofinishing – jew it-tneħħija tal-kulur) sabiex, speċjalment, ikun hemm titjib fil-kulur jew l-istabbiltà, m'għandhomx, madankollu, jitqiesu bħala proċess speċifiku;

(n) fir-rigward ta' żjut karburanti tal-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, sakemm anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, f'300 °C, permezz tal-metodu ASTM D 86;

(o) fir-rigward ta' żjut tqal minbarra żjut tal-gass u nafta tal-intestatura ex 2710 biss, trattament permezz ta' brush-discharge elettrika ta' frekwenza għolja;

(p) fir-rigward ta' prodotti mhux irrafinati (minbarra l-ġeli tal-petroljum, l-ożoċerit, ix-xama' tal-linjite jew ix-xama' tal-pit, xama' bajda li fiha mill-piż anqas minn 0.75 % ta' żejt) tal-intestatura ex 2712 biss, it-tneħħija taż-żejt permezz tal-kristallizzazzjoni frazzjonali.

7.3. Għall-iskopijiet tal-intestaturi ex 2707, minn 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, xogħlijiet sempliċi, bħal tindif, tferriegħ, tneħħija tal-imluħa, separazzjoni tal-ilma, tisfija, l-għoti tal-kulur, immarkar, il-kisba ta' kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenuti differenti ta' kubrit, jew kwalunkwe taħlita ta' dawn ix-xogħlijiet jew xogħlijiet simili, ma jikkonferixxux oriġini.

([1]) In-nota 5(b) addizzjonali għall-Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda.

▼B

PARTI II

LISTA TAX-XOGHOL JEW PROĊESSI MEĦTIEĠA LI JSIRU FUQ MATERJALI LI MA JORIĠINAWX SABIEX IL-PRODOTT MANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB L-ISTATUS TA' ORIĠINI

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 użati għandhom ikunu miksuba għalkollox	
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 1 u 2 jinkisbu għalkollox	
Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jinkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tat-tjur; għasel naturali; prodotti li jittieklu li ġejjin minn annimali, li mhumiex imsemmijin jew inklużi band'oħra; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 4 jinkisbu għalkollox	
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn fermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif le jew bizzokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawwrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw	Manifattura fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 4 użati għandhom ikunu miksuba għalkollox; — kwalunkwe tip ta' meraq tal-frott (għajr tal-pineapple, tal-lajm jew tat-tronġa) tal-intestatura 2009 li jintuża jrid ikun diġà ta' oriġini; — l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex Kapitolu 5	Prodotti li ġejjin mill-annimali, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 5 jinkisbu għalkollox	
ex 0502	Lanżit u xagħar tal-qżieqeż, tal-ħnieżer jew taċ-ċingjali	Tindif, diżinfettar, issortjar u ddrittar ta' lanżit u xagħar	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	Manifattura fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati għandhom ikunu miksuba għalkollox; — l-valur tal-materjali kollha li jintużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 7	Veġetali u ċerti għeruq u tuberi tajbin għall-ikel	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 7 jinkisbu għalkollox	
Kapitolu 8	Frott u karawett li jittiekel; qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ	Manifattura fejn: — il-frott u l-ġewż kollu li ntuża jinkiseb għalkollox, u — il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jkunux jaqbżu it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika.	
ex Kapitolu 9	Kafe, te, maté u ħwawar; għajr:	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 9 jinkisbu għalkollox	
0901	Kafe, kemm jekk inkaljat jew bil-kafeina mneħħija jew le; ħliefa u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
0902	Te, kemm jekk imħawwar jew le	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
ex 0910	Taħlitiet ta' ħwawar	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura	
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 10 jinkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 11	Prodotti tal-industrija tad-dqiq; xgħir; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; għajr:	Manifattura li fiha ċ-ċereali kollha, il-ħxejjex, l-għeruq u t-tuberi li jittieklu tal-intestatura 0714 jew il-frott użat jinkisbu għalkollox	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
ex 1106	Dqiq, pasta u trab tal-ħxejjex leguminużi mqaxxrin u mnixxfin tal-intestatura 0713	Tnixxif u tħin ta' ħxejjex leguminużi tal-intestatura 0708	
Kapitolu 12	Żrieragħ u frott żejtnin; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 12 jinkisbu għalkollox	
1301	Gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleoreżini (pereżempju, balzmi)	Manifattura fejn il-valur tal-materjal kollu użat tal-intestatura 1301 ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
1302	Linef u estratti veġetali; sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni-jiet oħra u materjali li jħaxxnu, modifikati jew le, derivati minn prodotti veġetali:		
	- Muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu, nmodifikati, li jinkisbu minn prodotti tal-ħxejjex:	Manifattura minn muċilaġnijiet u sustanzi li jħaxxnu mhux modifikati	
	- Oħrajn	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha li jintużaw ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 14	Materjali għall-immaljar tal-ħaxix; prodotti veġetali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 14 jinkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew veġetali u l-prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet li jittieklu preparati; xema' mill-annimali jew veġetali; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott	
1501	Grass tal-majjal (inkluż ix-xaħam) u grass tat-tjur, barra minn dak tal-intestatura 0209 jew 1503:		
	- Xaħmijiet minn għadam jew minn iskart	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titolu, ħlief dawk tal-intestatura 0203, 0206 jew 0207 jew l-għadam tal-intestatura 0506	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
	- Oħrajn	Manifattura mill-laħam jew mill-ġewwieni li jittiekel tal-majjali tat-titli 0203 jew 0206 jew tal-laħam jew il-ġewwieni li jittiekel tat-tjur tal-intestatura 0207	
1502	Grass ta' annimali tal-ifrat, nagħaġ u mogħoż, ħlief dawk ta' titolu 1503		
	- Xaħmijiet minn għadam jew minn iskart	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titolu, ħlief dawk tal-intestatura 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew l-għadam tal-intestatura 0506	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 2 jinkisbu għalkollox	
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:		
	- Frazzjonijiet solidi	Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe titolu, inklużi materjali oħrajn tal-intestatura 1504	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 2 u 3 jinkisbu għalkollox	
ex 1505	Lanolina raffinata	Manifattura minn xaħam tas-suf mhux raffinat tal-intestatura 1505	
1506	Xaħam u żjut oħrajn ta' annimali u l-frazzjonijiet tagħhom, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament:		
	- Frazzjonijiet solidi	Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe titolu, inklużi materjali oħrajn tal-intestatura 1506	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 2 jinkisbu għalkollox	
1507 sa 1515	Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:		

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
	- Żejt tas-soja, tal-karawett, tal-palm, tal-kopra, tal-għadma tal-palm, tal-babassu, tat-tung u tal-oitiċika, xama' tar-riħana u xama' tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt ta' tal-ġoġoba u żjut għal użi tekniċi jew industrijali barra mill-manifattura ta' prodotti tal-ikel għall-konsum tal-bniedem	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott	
	- Frazzjonijiet solidi minbarra dak taż-żejt tal-ġoġoba	Manifattura minn materjali oħra tal-intestaturi 1507 sa 1515	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali veġetali kollha użati jinkisbu għalkollox	
1516	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ta' veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom, parzjalment jew kompletament idroġenati, interesterifikati, riesterifikati jew elajdinizzati, raffinati jew le, iżda mhux preparati aktar	Manifattura fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati għandhom ikunu miksuba għalkollox; — il-materjali veġetali kollha użati jinkisbu għalkollox. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet li jittieklu ta' xaħmijiet jew żjut ta' annimali jew veġetali jew ta' frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, għajr għal xaħmijiet jew żjut li jittieklu jew il-frazzjonijiet tagħhom tal-intestatura 1516	Manifattura fejn: — il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 4 li jintużaw jinkisbu sħaħ, u — il-materjali veġetali kollha użati jinkisbu għalkollox. Madankollu, il-materjali tal-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
Kapitolu 16	Preparazzjonijiet ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn	Manifattura: — minn annimali tal-Kapitolu 1, u/jew — li fiha l-materjali kollha użati tal-Kapitolu 3 jinkisbu għalkollox	
ex Kapitolu 17	Zokkor u ħelu taz-zokkor; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
ex 1701	Zokkor tal-kannamieli u tal-pitravi u sukrożju kimikament pur, f'forma solida, li fih sustanzi tat-togħma jew kulur miżjuda	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
1702	Zokkrijiet oħra, inklużi l-lattożju, il-maltożju, il-glukożju u l-fruttożju kimikament puri, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma fihomx sustanzi miżjudin li jħawru jew li jagħtu l-kulur miżjudin; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat jew le ma' għasel naturali; karamella:		
	- Maltożju u fruttożju kimikament puri	Manifattura minn materjal ta' kwalunkwe titolu, inklużi materjali oħrajn tal-intestatura 1702	
	- Zokkor ieħor fil-forma solida, li fih sustanzi biex jagħtu t-togħma u l-kulur miżjuda	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
	- Oħrajn	Manifattura li fiha l-materjali kollha użati jkunu oriġinarji	
Ex 1703	Għasel iswed miksub mill-estrazzjoni jew ir-raffinar ta' zokkor li jkun fih sustanzi ta' togħma jew kulur miżjuda	Manifattura li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura minbarra dik tal-prodott, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
Kapitolu 18	Kawkaw u preparazzjonijiet tal-kawkaw	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura minbarra dik tal-prodott, u	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
		— li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel minn dqiq, xgħir u barli mitħun oħxon, trab tal-qamħ, lamtu jew estratt tax-xgħir, mingħajr kawkaw jew li fih anqas minn 40 skont il-piż ta' kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; tħejjijiet tal-ikel minn prodotti fl-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom inqas minn 5 % skont il-piż f'kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament mingħajr xaħam, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:		
	- Estratt tax-xgħir	Manifattura miċ-ċereali tal-Kapitolu 10	
	- Oħrajn	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura minbarra dik tal-prodott, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitoli 4 u 17 użati ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
1902	Għaġin, kemm jekk imsajjar u kemm jekk le jew mimli (billaħam jew xi sustanzi oħra) jew ippreparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljatelli, lażanja, injokki, ravjul, kannelloni; kuskus, kemm jekk ippreparat u kemm jekk le:		
	- Li fih 20 % jew anqas, bil-piż, ta' laħam, ta' ġewwieni tal-annimali, ħut, krustaċji jew molluski	Manifattura fejn iċ-ċereali u d-derivattivi kollha użati (ħlief għall-qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) jinkisbu għalkollox	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
	- Li fih aktar minn 20 %, bil-piż, ta' laħam, ta' ġewwieni tal-annimali, ħut, krustaċji jew molluski	Manifattura fejn: — iċ-ċereali u d-derivattivi tagħhom kollha użati (minbarra l-qamħ durum u d-derivattivi tiegħu) jinkisbu għalkollox, u — l-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 3 li jintużaw jinkisbu sħaħ	
1903	Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati minn lamtu, f'forma ta' qxur, frak, granulat, marbul jew f'forom simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titolu, minbarra l-lamtu tal-patata tal-intestatura 1108	
1904	Ikel ippreparat miksub minnefħa jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks); ċereali (minbarra qamħirrun (qamħ)) f'forma ta' frak jew f'forma ta' flejks jew frak ieħor maħdum (minbarra dqiq, xgħir mitħun oħxon u smida), imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, għajr dawk tal-intestatura 1806, — li fiha iċ-ċereali u d-dqiq kollha użati (għajr għall-qamħ durum u l-qamħirrum Zea indurata, u d-derivattivi tagħhom), jinkisbu għalkollox, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, galletini u prodotti oħra tal-furnar, kemm jekk ikun fihom il-kawkaw u kemm jekk le; ostji tat-tqarbin, kapsuli vojta tat-tip adattat għall-użu farmaċewtiku, sealing wejfers, karti tal-ostji u prodotti simili	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe titolu, ħlief dawk tal-Kapitolu 11	
ex Kapitolu 20	Preparati ta' ħxejjex, frott, ġewż jew partijiet oħra ta' pjanti; għajr:	Manifattura li fiha l-frott, il-ġewż jew il-ħxejjex kollha użati jinkisbu għalkollox	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
ex 2001	Yams, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti li jittieklu li jinkludu 5 % jew aktar skont il-piż ta' lamtu, ippreparati jew ippreservati fil-ħall jew aċidu aċetiku	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott	
ex 2004 u ex 2005	Patata forma ta' dqiq, pasta jew qxur, ippreparata jew ippreservati b'sustanzi oħra għajr il-ħall jew l-aċidu aċetiku	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott	
2006	Ħxejjex, frott, ġewż, qoxra tal-frott u partijiet oħra ta' pjanti, ippreservati biz-zokkor (ixxuttati, glasè jew mgħasslin)	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
2007	Ġammijiet, ġeli tal-frott, marmellati, purè tal-frott jew tal-ġewż u pest tal-frott u tal-ġewż, miksubin bit-tisjir, kemm jekk fihom zokkor jew sustanzi oħra tal-ħlewwa miżjuda jew le	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura minbarra dik tal-prodott, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex 2008	- Ġewż, li ma jkunx fihom zokkor jew alkoħol miżjud:	Manifattura fejn il-valur tal-lewż u ż-żejt taż-żerriegħa oriġinarja tal-intestaturi Nru 0801, 0802 u 1202 sa 1207 użati jaqbeż 60 % tal-prezz ex fabbrika tal-prodott	
	- Butir tal-karawett; taħlitiet ibbażati fuq ċereali; qlub tal-palmi; qamħirrun (qamħ)	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott	
	- Oħrajn minbarra frott u ġewż, imsajrin b'xi mod li mhuwiex bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma, mingħajr zokkor miżjud, iffriżati	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura minbarra dik tal-prodott, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	

▼B

Intestatura tas-Sistema Armonizzata 2012	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar, imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3)	(4)
2009	Meraq tal-frott (inkluż għeneb magħsur iżda qabel jeħmer) u meraq tal-ħxejjex, mhux iffermentati u ma fihomx spirtu miżjud, fihom jew ma fihomx miżjud zokkor jew sustanzi tal-ħlewwa oħra	Manifattura: — minn materjali ta' kwalunkwe intestatura minbarra dik tal-prodott, u — li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 li jintużaw ma jaqbiżx it-30 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	
ex Kapitolu 21	Preparati tal-ikel varji; għajr:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, minbarra dik tal-prodott	
Is-settur taċ-ċanga u tal-vitella: il-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(o) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u elenkati fl-Anness I il-Parti XV;

Is-settur tal-laħam tal-majjal: il-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(q) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u elenkati fl-Anness I il-Parti XVII;

Is-settur tal-laħam tan-nagħaġ u tal-mogħoż: il-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(r) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u elenkati fl-Anness I il-Parti XVIII;

Is-settur tal-bajd: il-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(s) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u elenkati fl-Anness I il-Parti XIX;

Is-settur tal-laħam tat-tjur: il-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(t) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u elenkati fl-Anness I il-Parti XX;

Prodotti tal-apikultura: il-prodotti msemmijin fl-Artikolu 1(2)(v) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u elenkati fl-Anness I il-Parti XXII;

Is-settur taċ-ċereali: il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(a), l-Anness I il-Parti I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

Is-settur tar-ross: il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(b), l-Anness I il-Parti II tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

Is-settur taz-zokkor: il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(c), l-Anness I il-Parti III tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

Is-settur taż-żejt taż-żebbuġa: il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(g), l-Anness I il-Parti VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

Is-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib: il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(p), l-Anness I il-Parti XVI tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

Is-settur tal-inbid: il-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(l), l-Anness I il-Parti XII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM li ġejjin:

0806 10 90

2009 61

2009 69

2204 21 (minbarra DOP u IĠP ta' nbid ta' kwalità)

▼C1

2204 29 (minbarra DOP u IĠP ta' nbid ta' kwalità) 2204 30

▼B

(2) Il-prodotti tal-etanol u spirti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM:

2207 10

2207 20

2208 40 39 – 2208 40 99

2208 90 91 – 2208 90 99

(3) ex 2401 tabakk mhux immanifatturat

(4) Prodotti għajr dawk elenkati taħt il-punti 1 u 2 soġġetti għal rifużjoni għal esportazzjonijiet agrikoli.

(5) Prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura u l-prodotti elenkati fl-Anness V ta' dan ir-regolament soġġetti għal sospensjoni awtonoma parzjali.

(6) Il-prodotti tas-sajd kollha soġġetti għal kwota awtonoma.

▼B

ANNESS 71-03

Lista ta' forom abitwali ta' maniġġ permessi

(Artikolu 220 tal-Kodiċi)

Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor, l-ebda waħda mill-forom ta' mmaniġġjar li ġejjin ma tista' tagħti lok għal kodiċi tan-NM differenti bi tmien ċifri.

▼M7

Barra minn hekk, l-ebda waħda mill-forom ta' ġestjoni li ġejjin ma tista' tirriżulta f'vantaġġ mhux ġustifikat fir-rigward tad-dazju fuq l-importazzjoni.

Għall-finijiet tal-paragrafu preċedenti, kwalunkwe waħda mill-forom abitwali ta' ġestjoni elenkati hawn taħt li jinvolvu bidla fil-kodiċi NM jew fl-oriġini ta' merkanzija mhux tal-Unjoni għandha titqies li tirriżulta f'vantaġġ mhux ġustifikat fir-rigward tad-dazju fuq l-importazzjoni jekk il-merkanzija tkun, malli jibdew il-forom abitwali ta' ġestjoni, soġġetta għal dazju anti-dumping provviżorju jew definittiv, għal dazju kompensatorju, għal miżura ta' salvagwardja jew għal dazju addizzjonali li jirriżulta minn sospensjoni ta' konċessjonijiet jekk tkun iddikjarata għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera.

▼B

(1) il-ventilazzjoni, it-tifrix, it-tnixxif, it-tneħħija ta' trab, operazzjonijiet sempliċi ta' tindif sempliċi, it-tiswija tal-ippakkjar, tiswijiet elementari tal-ħsara mġarrba matul il-ġarr jew il-ħażna sa fejn din tkun tikkonċerna operazzjonijiet sempliċi, it-tqegħid u t-tneħħija ta' kisi protettiv għat-trasport;

(2) ir-rikostruzzjoni tal-oġġetti wara l-ġarr;

(3) l-inventarju, it-teħid ta' kampjuni, l-issortjar, it-tgħarbil, il-filtrazzjoni mekkanika u l-użin tal-oġġetti;

(4) it-tneħħija ta' komponenti bil-ħsara jew kontaminati;

(5) il-konservazzjoni, permezz tal-pasturizzazzjoni, l-isterilizzazzjoni, l-irradjazzjoni jew iż-żieda ta' preservattivi;

(6) it-trattament kontra l-parassiti;

(7) it-trattament kontra s-sadid;

(8) it-trattament:

— permezz ta' sempliċi żieda fit-temperatura, mingħajr il-proċess ta' trattament jew ta' distillazzjoni ulterjuri, jew

— permezz ta' sempliċi tnaqqis fit-temperatura;

anki jekk dan jirriżulta f'kodiċi tan-NM differenti bi tmien ċifri;

(9) it-trattament elettrostatiku, it-tneħħija tat-tikmix jew il-mogħdija tat-tessuti;

(10) trattament li jikkonsisti fi:

— it-tneħħija taz-zokk u/jew tal-għadma tal-frott, it-tqattigħ u t-tkissir ta' frott jew ħaxix imqadded, ir-riidratazzjoni ta' frott, jew

— id-deidratazzjoni ta' frott anki jekk din tirriżulta f'kodiċi tan-NM differenti bi tmien ċifri;

(11) id-desalinizzazzjoni, it-tindif u t-tneħħija tat-truf ta' ġlud;

▼B

(12) iż-żieda ta’ prodotti jew iż-żieda jew is-sostituzzjoni ta’ komponenti ta’ aċċessorji, sakemm din iż-żieda jew sostituzzjoni tkun relattivament limitata jew tkun maħsuba biex tiżgura l-konformità mal-istandards tekniċi u ma tbiddilx in-natura jew ma ttejjibx il-prestazzjonijiet tal-prodotti oriġinali, anki jekk din tirriżulta f’kodiċi tan-NM differenti bi tmien ċifri għall-prodotti miżjuda jew sostitwiti;

(13) id-dilwizzjoni jew il-konċentrazzjoni ta’ fluwidi, mingħajr proċess ta’ trattament jew ta’ distillazzjoni ulterjuri, anki jekk din tirriżulta f’kodiċi tan-NM differenti bi tmien ċifri;

(14) it-taħlit bejn l-istess tip ta’ oġġetti, bi kwalità differenti, sabiex tinkiseb kwalità kostanti jew il-kwalità li tkun mitluba mill-klijent, mingħajr ma tinbidel in-natura tal-prodotti;

(15) it-taħlit ta’ gass jew ta’ żjut karburanti li ma jkunx fihom bijodiżil ma’ gass jew ma’ żjut karburanti li jkun fihom il-bijodiżil, ikklassifikati fil-Kapitolu 27 tan-NM, sabiex tinkiseb kwalità kostanti jew il-kwalità li tkun mitluba mill-klijent, mingħajr ma tinbidel in-natura tal-prodotti anke jekk dan jirriżulta f’kodiċi tan-NM differenti bi tmien ċifri;

(16) it-taħlit ta’ gass jew ta’ żjut karburanti mal-bijodiżil sabiex it-taħlita miksuba jkun fiha inqas minn 0,5 % ta’ bijodiżil, skont il-volum, u t-taħlit ta’ bijodiżil ma’ gass jew ma’ żjut karburanti sabiex it-taħlita miksuba jkun fiha inqas minn 0,5 % ta’ gass jew ta’ żjut karburanti, skont il-volum;

(17) id-diviżjoni jew il-qtugħ skont il-qies tal-prodotti basta jkunu involuti biss operazzjonijiet sempliċi;

(18) l-ippakkjar, it-tneħħija tal-ippakkjar, il-bdil tal-ippakkjar, it-tferrigħ u t-trasferiment sempliċi f’kontenituri, anki jekk dan jirriżulta f’kodiċi tan-NM differenti bi tmien ċifri, it-twaħħil, it-tneħħija u t-tibdil ta’ marki, siġilli, tikketti, tikketti tal-prezzijiet jew sinjali oħra simili ta’ distinzjoni;

(19) l-ittestjar, l-aġġustament, ir-regolazzjoni u t-tqegħid ta’ magni, apparat u vetturi f’kundizzjoni ta’ tħaddim, b’mod partikolari sabiex tiġi kkontrollata l-konformità mal-istandards tekniċi, basta jkunu involuti biss operazzjonijiet sempliċi;

(20) l-offuskar ta’ fittings ta’ pajpijiet sabiex il-prodotti jitħejjew għal swieq partikolari;

(21) id-denaturazzjoni, anki jekk din tirriżulta f’kodiċi tan-NM differenti bi tmien ċifri;

(22) kwalunkwe forom abitwali ta’ mmaniġġjar, minbarra dawk imsemmija hawn fuq, intiżi sabiex itejbu l-apparenza jew il-kwalità kummerċjabbli tal-oġġetti importati jew sabiex jippreparawhom għad-distribuzzjoni jew għall-bejgħ mill-ġdid, sakemm dawn l-operazzjonijiet ma jbiddlux in-natura tal-oġġetti oriġinali jew ma jtejbux il-prestazzjoni tagħhom.

▼B

ANNESS 71-04

Dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw oġġetti ekwivalenti

I. ĦAŻNA DOGANALI, IPPROĊESSAR ATTIV U PASSIV

Oġġetti mmanifatturati b'mod konvenzjonali u oġġetti organiċi

Mhuwiex permess illi wieħed jissostitwixxi:

— l-oġġetti organiċi b'oġġetti mmanifatturati b'mod konvenzjonali; u

— l-oġġetti mmanifatturati b'mod konvenzjonali b'oġġetti organiċi.

II. IPPROĊESSAR ATTIV

(1) **Ross**

Ir-ross ikklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 1006 ma għandux jitqies bħala ekwivalenti sakemm ma jkunx jaqa' taħt l-istess kodiċi tan-NM bi tmien ċifri tan-Nomenklatura Magħquda. Madankollu, għar-ross b'tul ta' mhux aktar minn 6,0 mm u li għandu proporzjon tat-tul meta mqabbel mal-wisa' ta' 3 jew aktar, u għar-ross b'tul ta' 5,2 mm jew inqas u li għandu proporzjon tat-tul meta mqabbel mal-wisa' ta' 2 jew aktar, l-ekwivalenza għandha tiġi stabbilita permezz tad-determinazzjoni tal-proporzjon tat-tul meta mqabbel mal-wisa' biss. Il-kejl tal-ħbub għandu jsir f'konformità mal-Anness A(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tar-ross.

(2) **Qamħ**

Jistgħu jintużaw oġġetti ekwivalenti biss bejn il-qamħ maħsud f'pajjiż terz u diġà rrilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera u l-qamħ li ma joriġinax mill-Unjoni, li jidħol fl-istess kodiċi tan-NM bi tmien ċifri u li għandu l-istess kwalità kummerċjali u l-istess karatteristiċi tekniċi.

Madankollu:

— jistgħu jiġu adottati derogi mill-projbizzjoni fuq l-użu ta' oġġetti ekwivalenti fir-rigward tal-qamħ abbażi ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, wara eżami mill-Kumitat,

— l-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa permess bejn il-qamħ durum li joriġina mill-Unjoni u l-qamħ durum li joriġina minn pajjiż terz, diment li dan ikun għall-produzzjoni ta' għaġin li jaqa' taħt il-kodiċijiet tan-NM 1902 11 00 u 1902 19.

(3) **Zokkor**

Huwa permess rikors għall-użu ta' oġġetti ekwivalenti bejn zokkor mhux maħdum tal-kannamieli li ma joriġinax mill-Unjoni (kodiċi tan-NM 1701 13 90 u/jew 1701 14 90) u pitravi taz-zokkor (kodiċi tan-NM 1212 91 80) bil-kundizzjoni li jinkisbu l-prodotti pproċessati li jaqgħu taħt il-kodiċi tan-NM 1701 99 10 (zokkor abjad).

Il-kwantità ekwivalenti taz-zokkor mhux maħdum tal-kannamieli ta' kwalità standard kif iddefinit fil-punt III tal-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandha tiġi kkalkolata billi ssir multiplikazzjoni tal-kwantità ta' zokkor abjad bil-koeffiċjent 1.0869565.

Il-kwantità ekwivalenti taz-zokkor mhux maħdum tal-kannamieli li ma jkunx ta' kwalità standard għandha tiġi kkalkolata billi ssir multiplikazzjoni tal-kwantità ta' zokkor abjad b'koeffiċjent miksub billi ssir diviżjoni ta' 100 bir-rendiment taz-zokkor mhux maħdum tal-kannamieli. Ir-rendiment ta' zokkor mhux maħdum tal-kannamieli jiġi kkalkolat kif stabbilit fil-punt III tal-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

(4) **Annimali ħajjin u laħam**

Ma jistgħux jintużaw oġġetti ekwivalenti għal operazzjonijiet ta' pproċessar attiv fuq annimali ħajjin jew laħam.

▼B

Tista' ssir deroga mill-projbizzjoni fuq l-użu ta' prodotti ekwivalenti għal laħam li kien is-suġġett ta' komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, wara analiżi li ssir minn korp magħmul minn rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri jekk l-applikant ikun kapaċi juri bil-provi li l-ekwivalenza hija meħtieġa ekonomikament u jekk l-awtoritajiet doganali jibagħtu l-abbozz tal-proċeduri previsti sabiex jikkontrollaw l-operazzjoni.

(5) **Qamħirrum**

L-użu ta' oġġetti ekwivalenti bejn qamħirrum li joriġina mill-Unjoni u qamħirrum li ma joriġinax mill-Unjoni huwa possibbli biss fil-każijiet li ġejjin u soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) Fil-każ ta' qamħirrum għall-użu fl-għalf għall-annimali, l-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa possibbli diment li tiġi stabbilita sistema ta' kontroll doganali bil-għan li jiġi żgurat li l-qamħirrum li ma joriġinax mill-Unjoni fil-fatt jintuża għall-ipproċessar f'għalf għall-annimali.

(2) Fil-każ ta' qamħirrum li jintuża fil-manifattura tal-lamtu u ta' prodotti tal-lamtu, l-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa possibbli bejn il-varjetajiet kollha bl-eċċezzjoni ta' varjetajiet ta' qamħirrum rikki fl-amylopectin (qamħirrun qisu xama' jew qamħirrum 'imxaħħam') li huma ekwivalenti biss bejniethom.

(3) Fil-każ ta' qamħirrum li jintuża fil-manifattura ta' prodotti miżuna, l-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa possibbli bejn il-varjetajiet kollha bl-eċċezzjoni ta' qamħirrum tat-tip vitruż (qamħirrum 'Plata' tat-tip 'Duro', qamħirrum 'Flint') li huma ekwivalenti biss bejniethom.

(6) **Żejt taż-żebbuġa**

A. Ir-rikors għall-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa permess biss fil-każijiet li ġejjin u bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) żejt taż-żebbuġa verġni

(a) bejn żejt taż-żebbuġa straverġni li joriġina mill-Unjoni taħt il-kodiċi tan-NM 1509 10 90 li jikkorrispondi mad-deskrizzjoni fil-Punt 1(a) tal-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u żejt taż-żebbuġa straverġni li ma joriġinax mill-Unjoni tal-istess kodiċi tan-NM, diment li l-operazzjoni tal-ipproċessar tipproduċi żejt taż-żebbuġa straverġni li jaqa' taħt l-istess kodiċi tan-NM u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-imsemmi Punt 1(a);

(b) bejn żejt taż-żebbuġa verġni li joriġina mill-Unjoni taħt il-kodiċi tan-NM 1509 10 90 li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni fil-Punt 1(b) tal-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u żejt taż-żebbuġa verġni li ma joriġinax mill-Unjoni tal-istess kodiċi tan-NM, diment li l-operazzjoni tal-ipproċessar tipproduċi żejt taż-żebbuġa verġni li jaqa' taħt l-istess kodiċi tan-NM u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-imsemmi Punt 1(b);

(c) bejn żejt taż-żebbuġa verġni lampante li joriġina mill-Unjoni li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1509 10 10 li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni fil-Punt 1(ċ) tal-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u żejt taż-żebbuġa verġni lampante li ma joriġinax mill-Unjoni tal-istess kodiċi tan-NM, diment li l-prodott ipproċessat ikun:

— żejt taż-żebbuġa raffinat li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1509 90 00 li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni fil-Punt 2 tal-Parti VIII tal-Anness VII imsemmi hawn fuq, jew

— żejt taż-żebbuġa li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1509 90 00 li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni fil-Punt 3 tal-Parti VIII tal-imsemmi Anness VII u li jinkiseb billi jitħallat ma' żejt taż-żebbuġa verġni li joriġina mill-Unjoni li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1509 10 90.

▼B

(2) żejt mir-residwi taż-żebbuġ

bejn żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ li joriġina mill-Unjoni li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1510 00 10 li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni fil-Punt 4 tal-Parti VIII tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u żejt mhux raffinat mir-residwi taż-żebbuġ b'oriġini li ma joriġinax mill-Unjoni tal-istess kodiċi tan-NM, diment li l-prodott ipproċessat ta' żejt mir-residwi taż-żebbuġ li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1510 00 90 u li jikkorrispondi għad-deskrizzjoni fil-Punt 6 tal-Parti VIII tal-imsemmi Anness VII jinkiseb billi jitħallat ma' żejt taż-żebbuġa verġni li joriġina mill-Unjoni li jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 1509 10 90.

B. It-taħlitiet imsemmija fil-Punt A.1(c) it-tieni inċiż u l-Punt A.2, ma' żejt taż-żebbuġa verġni li ma joriġinax mill-Unjoni, użati b'mod identiku, huma awtorizzati biss meta l-arranġamenti għas-superviżjoni tal-proċedura jiġu organizzati b'tali mod li jagħmilha possibbli li jiġi identifikat il-proporzjon taż-żejt taż-żebbuġa verġni li ma joriġinax mill-Unjoni fil-kwantità totali taż-żejt imħallat esportat.

C. Il-prodotti pproċessati għandhom jitqiegħdu f'pakketti immedjati ta' 220 litru jew inqas. Permezz ta' deroga, fil-każ ta' kontejners maqbula b'massimu ta' 20 tunnellata, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu l-esportazzjoni taż-żjut imsemmija fil-Punti preċedenti bil-kundizzjoni li jkun hemm kontroll sistematiku tal-kwalità u tal-kwantità tal-prodott esportat.

D. L-ekwivalenza għandha tiġi vverifikata billi jintużaw ir-reġistri kummerċjali biex tiġi vverifikata l-kwantità taż-żjut użati għat-taħlit u, sabiex tiġi vverifikata l-kwalità kkonċernata, billi l-karatteristiċi tekniċi ta' kampjuni taż-żejt li ma joriġinax mill-Unjoni meħudin mad-dħul fil-proċedura jitqabblu mal-karatteristiċi tekniċi tal-kampjuni taż-żejt li joriġina mill-Unjoni meħudin meta l-prodott ipproċessat ikkonċernat kien ipproċessat u mal-karatteristiċi tekniċi tal-kampjuni meħudin fil-waqt tal-esportazzjoni proprja tal-prodott ipproċessat fil-punt tal-ħruġ. Il-kampjuni għandhom jittieħdu skont l-istandards internazzjonali EN ISO 5555 (it-teħid ta' kampjuni) u EN ISO 661 (it-twassil ta' kampjuni fil-laboratorji u t-tħejjija tal-kampjuni għat-testijiet). L-analiżi għandha titwettaq b'referenza għall-parametri mogħtija fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 ([1]).

▼M7

_____

▼B

III. IPPROĊESSAR PASSIV

L-użu ta' oġġetti ekwivalenti mhuwiex permess għall-oġġetti li huma koperti mill-Anness 71-02.

([1]) ĠU L 248, 5.9.1991, p. 1.

▼B

ANNESS 71-05

Skambju standardizzat tal-informazzjoni (INF)

Taqsima A

Sa issa għadu mhux meħtieġ li jsir skambju standardizzat tal-informazzjoni (INF) bejn l-awtoritajiet doganali, iżda l-uffiċċju doganali ta' superviżjoni għandu jagħmel disponibbli l-elementi tad-dejta rilevanti tal-INF fis-sistema elettronika relatata mal-INF

L-uffiċċju doganali ta' superviżjoni għandu jqiegħed l-elementi tad-dejta li ġejjin għad-dispożizzjoni f'konformità mal-*Artikolu 181(1)*. Meta dikjarazzjoni doganali jew dikjarazzjoni/notifika ta' riesportazzjoni tkun tirreferi għal INF, l-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jipprovdu elementi tad-dejta addizzjonali f'konformità mal-*Artikolu 181(3)*.

Id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal ipproċessar attiv IM/EX li jinvolvi Stat Membru wieħed jista' jitlob lill-uffiċċju doganali ta' sorveljanza biex jagħmel disponibbli l-elementi tad-dejta tal-INF rilevanti permezz tas-sistema elettronika relatata mal-INF bil-għan li jħejji l-iskambju standardizzat ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali, jekk l-awtorità doganali responsabbli tkun għamlet talba għal tali INF.

Nota:

(O) tfisser obbligatorja u (F) tfisser fakultattiva

Elementi tad-dejta komuni	Kummenti
►**M7** Numru tal-awtorizzazzjoni/tad-dikjarazzjoni (M) ◄	
Il-persuna li qed tagħmel it-talba (O)	Numru EORI użat għal skopijiet ta' identifikazzjoni
►**M7** Dikjarant (O) ◄	►**M7** Biss jekk din il-persuna tkun differenti mid-detentur tal-awtorizzazzjoni ◄
In-numru tal-INF (O)	Numru uniku mogħti mill-uffiċċju doganali ta' sorveljanza [eż. IP EX/IM/123456/GB + *numru tal-awtorizzazzjoni*]
L-uffiċċju doganali ta' sorveljanza (O)	Il-kodiċi COL ser jintuża għal finijiet ta' identifikazzjoni
L-uffiċċju doganali li juża l-elementi tad-dejta tal-INF (F)	Il-kodiċi COL ser jintuża għal finijiet ta' identifikazzjoni. Dan l-element tad-dejta jiġi pprovdut jekk effettivament jintużaw l-elementi tad-dejta tal-INF.
Deskrizzjoni tal-oġġetti li huma koperti mill-INF (O)	
►**M7** Kodiċi NM, kwantità netta (inklużi l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli), valur tal-merkanzija (b'indikazzjoni tal-munita rilevanti) (M) ◄	►**M7** Dawn l-elementi tad-*data* huma relatati mal-kwantità netta totali tal-merkanzija li għaliha jintalab l-INF. Qabel ma tiġi/jiġu ppreżentata/i d-dikjarazzjoni(jiet) doganali rilevanti, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija għandha tkun l-istess bħal dik stabbilita fl-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali kompetenti. Qabel ma tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali rilevanti, il-valur jista' jiġi stmat skont l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali kompetenti. ◄
Deskrizzjoni tal-prodotti pproċessati li huma koperti mill-INF (O)	

▼B

Elementi tad-dejta komuni	Kummenti
►M7 Kodiċi NM, kwantità netta (inklużi l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli), valur tal-prodotti pproċessati (b'indikazzjoni tal-munita rilevanti) (M) ◄	►M7 Dawn l-elementi tad-*data* huma relatati mal-kwantità netta totali tal-prodotti pproċessati li għalihom jintalab l-INF. Qabel ma tiġi/jiġu ppreżentata/i d-dikjarazzjoni(jiet) doganali rilevanti, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodotti pproċessati għandha tkun l-istess bħal dik stabbilita fl-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali kompetenti. Qabel ma tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali rilevanti, il-valur jista' jiġi stmat skont l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet doganali kompetenti. ◄
MRN (F)	Dan l-element tad-dejta jista' jiġi pprovdut jekk effettivament jintużaw l-elementi tad-dejta tal-INF.
Rimarki (F)	Tista' tiddaħħal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali

IP ta' elementi tad-dejta speċifiċi	Kummenti
Jekk jiġi mġarrab dejn doganali, l-ammont tad-dazju tal-importazzjoni għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi (F)	—
Oġġetti ekwivalenti (F)	—
Esportazzjoni antiċipata (F)	—
►M7 Każ ta' negozju IP IM/EX (kif imsemmi fl-Artikolu 1(30)) ◄	
Id-dikjarazzjoni doganali tat-tqegħid taħt ipproċessar attiv ġiet aċċettata (F)	Meta dikjarazzjoni doganali tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tat-tqegħid**.
Id-dettalji neċessarji għall-applikazzjoni tal-miżuri tal-politika kummerċjali (F)	—
L-aħħar data għar-rilaxx (F)	Meta dikjarazzjoni doganali tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tat-tqegħid**.
►M7 Kodiċi NM, kwantità netta (inklużi l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli), valur (b'indikazzjoni tal-munita rilevanti) (M) ◄	Indika l-kwantità tal-oġġetti li tqiegħdu taħt IP. **Dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-uffiċċju doganali tat-tqegħid.**
Id-dikjarazzjoni tar-rilaxx ġiet aċċettata (F)	Meta dikjarazzjoni doganali tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tar-rilaxx**.

▼B

IP ta' elementi tad-dejta speċifiċi	Kummenti
►M7 Kodiċi NM, kwantità netta (inklużi l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli), valur (b'indikazzjoni tal-munita rilevanti) (M) ◄	F'każ ta' rilaxx, indika l-kwantità tal-prodotti pproċessati li tkun disponibbli. Dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tar-rilaxx**.
Id-data tal-ħruġ u r-riżultat tal-ħruġ (F)	Dawn l-elementi tad-dejta għandhom jiġu pprovduti mill-uffiċċju doganali tal-ħruġ.
►M7 Każ ta' negozju IP EX/IM (kif imsemmi fl-Artikolu 1(29)) ◄	
Id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni skont l-IP EX/IM ġiet aċċettata (F)	Meta dikjarazzjoni ta' esportazzjoni tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni**.
Id-dettalji neċessarji għall-applikazzjoni tal-miżuri tal-politika kummerċjali (F)	
L-aħħar data tat-tqegħid ta' ►C3 merkanzija mhux tal-Unjoni ◄, li jiġu sostitwiti b'oġġetti ekwivalenti, taħt ipproċessar attiv (F)	Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni**.
►M7 Kodiċi NM, kwantità netta (inklużi l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli), valur (b'indikazzjoni tal-munita rilevanti) (M) ◄	Indika l-kwantità ta' oġġetti li jistgħu jitqiegħdu taħt IP. Dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni**.
Id-data tal-ħruġ u r-riżultat tal-ħruġ (F)	Dawn l-elementi tad-dejta għandhom jiġu pprovduti mill-**uffiċċju doganali tal-ħruġ**.
Id-data tat-tqegħid ta' ►C3 merkanzija mhux tal-Unjoni ◄, li jiġu sostitwiti b'oġġetti ekwivalenti, taħt ipproċessar attiv (F)	Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tat-tqegħid**.
►M7 Kodiċi NM, kwantità netta (inklużi l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli), valur (b'indikazzjoni tal-munita rilevanti) (M) ◄	F'każ ta' tqegħid ta' ►C3 merkanzija mhux tal-Unjoni ◄ taħt ipproċessar attiv, indika l-kwantità disponibbli. Dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tat-tqegħid**.

OP ta' elementi tad-dejta speċifiċi	Kummenti
►M7 Każ ta' negozju OP EX/IM (kif imsemmi fl-Artikolu 1(28)) ◄	
Il-pajjiż tal-ipproċessar (F)	—
L-Istat Membru tal-importazzjoni mill-ġdid (F)	—

▼B

OP ta' elementi tad-dejta speċifiċi	Kummenti
Oġġetti ekwivalenti (F)	—
In-numru tal-OP tad-dikjarazzjoni doganali (O)	Meta dikjarazzjoni doganali għall-OP tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni/tat-tqegħid.**
Identifikazzjoni tal-oġġetti (O)	(O) sakemm ma jkunux jistgħu jintużaw oġġetti ekwivalenti. Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni/tat-tqegħid.**
►M7 Kodiċi NM, kwantità netta (inkluži l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli) (M) ◄	F'każ ta' tqegħid ta' ►C3 merkanzija tal-Unjoni ◄ taħt ipproċessar passiv, indika l-kwantità disponibbli. Dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni**.
L-aħħar data tal-importazzjoni mill-ġdid ta' prodotti pproċessati (O)	Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni/tat-tqegħid.**
Ir-riżultat tal-ħruġ (O)	Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-ħruġ.**
Id-data tal-importazzjoni mill-ġdid ta' prodotti pproċessati (O)	Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.**
Dettalji tad-dikjarazzjoni(jiet) doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera (F)	Meta dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.**
►M7 Kodiċi NM, kwantità netta (inkluži l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli), valur (b'indikazzjoni tal-munita rilevanti) (M) ◄	F'każ ta' importazzjoni mill-ġdid ta' prodotti pproċessati, indika l-kwantità ta' prodotti pproċessati li jistgħu jiġu importati mill-ġdid taħt ipproċessar passiv. Dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera**.
►M7 Każ ta' negozju OP IM/EX (kif imsemmi fl-Artikolu 1(27) ◄	
Importazzjoni antiċipata ta' prodotti pproċessati (F)	Dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera**. (għandha tiġi pprovduta garanzija)
L-aħħar data tat-tqegħid ta' ►C3 merkanzija tal-Unjoni ◄, li jiġu sostitwiti b'oġġetti ekwivalenti, taħt ipproċessar passiv (F)	Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.**

▼B

OP ta' elementi tad-dejta speċifiċi	Kummenti
►M7 Kodiċi NM, kwantità netta (inklużi l-massa netta u/jew l-unitajiet supplimentari meta applikabbli), valur (b'indikazzjoni tal-munita rilevanti) (M) ◄	Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni/tat-tqegħid.**
Il-Kodiċi tan-NM, il-kwantità netta, il-valur (O)	F'każ ta' tqegħid ta' ►C3 merkanzija tal-Unjoni ◄, li jiġu sostitwiti b'oġġetti ekwivalenti, taħt ipproċessar passiv, indika l-kwantità ta' ►C3 merkanzija tal-Unjoni ◄ li għandhom jitpoġġew taħt ipproċessar passiv. Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-esportazzjoni/tat-tqegħid.**
Ir-riżultat tal-ħruġ (O)	Meta dikjarazzjoni doganali tkun tirreferi għall-INF, dan l-element tad-dejta għandu jiġi pprovdut mill-**uffiċċju doganali tal-ħruġ.**

Taqsima B

Jeħtieġ li jsir skambju standardizzat ta' informazzjoni (INF) bejn l-awtoritajiet doganali iżda l-elementi tad-dejta tal-INF għadhom mhumiex disponibbli fis-sistema elettronika relatata mal-INF

(1) L-awtorità doganali responsabbli msemmija fl-Artikolu 101(1) tal-Kodiċi talbet INF bejn l-awtoritajiet doganali f'konformità mal-Artikolu 181(2) minħabba li kien imġarrab dejn doganali f'konformità mal-Artikoli 77(1)(a) jew 79(1) tal-Kodiċi għall-prodotti pproċessati li nkisbu taħt ipproċessar attiv IM/EX. Il-kalkolu tal-ammont ta' dazju tal-importazzjoni għandu jsir f'konformità mal-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi iżda l-awtorità doganali responsabbli ma għandhiex informazzjoni dwar l-oġġetti li tqiegħdu taħt ipproċessar attiv IM/EX.

(2) L-awtorità doganali responsabbli msemmija fl-Artikolu 101(1) tal-Kodiċi talbet INF bejn l-awtoritajiet doganali f'konformità mal-Artikolu 181(2) minħabba li kien imġarrab dejn doganali f'konformità mal-Artikoli 77(1)(a) jew 79(1) tal-Kodiċi għall-prodotti pproċessati li nkisbu taħt ipproċessar attiv IM/EX u l-Miżuri ta' Politika Kummerċjali huma applikabbli.

(3) Fis-sitwazzjonijiet koperti mill-punti 1 jew 2 ta' hawn fuq, l-awtorità doganali responsabbli għandha tipprovdi l-elementi tad-dejta li ġejjin:

Elementi tad-dejta komuni	Kummenti
Tip ta' talba (O)	Jeħtieġ li tiġi identifikata l-proċedura (IP jew IP CPM). L-element tad-dejta 'Tip ta' talba' huwa meħtieġ biss f'dawk il-każijiet fejn id-dikjarazzjoni doganali ma tkunx tirreferi għal INF.
L-awtorità doganali responsabbli msemmija fl-Artikolu 101(1) tal-Kodiċi (O)	Il-kodiċi COL jintuża għal finijiet ta' identifikazzjoni

▼B

Elementi tad-dejta komuni	Kummenti
In-Numru tal-awtorizzazzjoni (O)	—
CPM (F)	
L-uffiċċju doganali ta' sorveljanza li jirċievi t-talba (O)	Il-kodiċi COL jintuża għal finijiet ta' identifikazzjoni
Deskrizzjoni tal-oġġetti jew tal-prodotti pproċessati li għalihom jintalab l-INF (O)	—
Il-Kodiċi tan-NM, il-kwantità netta, il-valur (O)	
MRN (F)	
▼M7 Data meta jiġġarrab id-dejn doganali jew li fiha s-CPM huwa applikabbli (M)	
▼B Rimarki (F)	Tista' tiddaħħal kwalunkwe informazzjoni addizzjonali

L-uffiċċju doganali ta' sorveljanza li jirċievi t-talba għandu jagħmel disponibbli l-elementi tad-dejta li ġejjin:

Elementi tad-dejta speċifiċi IP IM/EX	Kummenti
L-ammont tad-dazju tal-importazzjoni li jrid jiddaħħal fil-kontijiet u jiġi nnotifikat lid-debitur f'konformità mal-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi (F)	—
Id-dettalji neċessarji għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' politika kummerċjali (F)	—
In-numru tal-INF (O)	Numru uniku mogħti mill-uffiċċju doganali ta' sorveljanza [eż. IP/123456/GB + *nru tal-awtorizzazzjoni (in-nru tal-EORI huwa parti min-nru tal-awtorizzazzjoni)]*
MRN (F)	—

▼B

ANNESS 71-06

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta fil-polza għar-rilaxx

(a) dettalji ta' referenza tal-awtorizzazzjoni;

(b) il-kwantità ta' kull tip ta' oġġett li tqiegħed taħt il-proċedura speċjali li fir-rigward tagħha jkun qed jintalab ir-rilaxx;

(c) il-kodiċi tan-NM tal-oġġetti li jkunu tqiegħdu taħt il-proċedura speċjali;

(d) ir-rata tad-dazji tal-importazzjoni li japplikaw għall-oġġetti li tqiegħdu taħt il-proċedura speċjali u, fejn ikun applikabbli, il-valur doganali tagħhom;

(e) id-dettalji tad-dikjarazzjonijiet doganali li jqiegħdu l-oġġetti taħt il-proċedura speċjali;

(f) it-tip u l-kwantità tal-prodotti pproċessati jew tal-oġġetti mqegħdin taħt il-proċedura u d-dettalji tad-dikjarazzjoni doganali sussegwenti jew kwalunkwe dokument ieħor relatat mat-tmiem tal-proċedura;

(g) il-kodiċi tan-NM u l-valur doganali tal-prodotti pproċessati jekk jintuża l-metodu tal-iskala tal-valur għall-iskop tar-rilaxx;

(h) ir-rata ta' rendiment;

(i) l-ammont ta' dazju tal-importazzjoni li jrid jitħallas. Meta dan l-ammont ikun jirreferi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 175(5), huwa għandu jiġi speċifikat;

(j) il-perjodi għar-rilaxx.

▼B

ANNESS 72-03

TC11 – Irċevuta

Rekwiżiti komuni tad-dejta

(1) Il-post, l-isem u n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

(2) It-tip ta' dikjarazzjoni ta' tranżitu

(3) Id-data tar-reġistrazzjoni mill-uffiċċju doganali tat-tluq

(4) In-numru ta' referenza prinċipali ("Master Reference Number" (MRN)) irreġistrat

(5) Il-post, l-isem u n-numru ta' referenza tal-uffiċċju doganali tat-tluq

(6) Il-post u d-data tal-ħruġ tal-irċevuta

(7) Il-firma u t-timbru uffiċjali tal-uffiċċju doganali tad-destinazzjoni

▼B

ANNESS 90

It-tabella ta' korrispondenza msemmija fl-artikolu 254

	Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u r-Regolament (KEE) Nru 2454/93	Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont il-Kodiċi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
1	Operatur Ekonomiku Awtorizzat – kriterji u analiżi tal-kriterji (L-Artikolu 5a tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikoli 14a u 14g tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Operatur Ekonomiku Awtorizzat – kriterji u analiżi tal-kriterji (L-Artikoli 22, 38 u 39 tal-Kodiċi, l-Artikoli 250, 251 (1) (b) u (c) u l-Artikoli 25 sa 30 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
2.	Sigurtà komprensiva, inkluża l-garanzija komprensiva għat-tranżitu Komunitarju (b'mod ġenerali: l-Artikolu 191 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92; għat-tranżitu Komunitarju: l-Artikolu 94 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikoli 373 u 379-380 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni sabiex tintuża garanzija komprensiva (L-Artikoli 89(5) u 95 tal-Kodiċi u l-Artikolu 84 ta' dan ir-Regolament)
3	Garanzija individwali fil-forma ta' vawċers ta' garanzija individwali (L-Artikolu 345(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Garanzija individwali fil-forma ta' vawċers (l-Artikolu 160 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
4	Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' faċilitajiet ta' ħażna temporanja (L-Artikolu 51(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 185 sa 187a tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' faċilitajiet ta' ħażna temporanja (L-Artikolu 148 tal-Kodiċi, l-Artikoli 107 sa 111 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 191 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
5	►**M3** Awtorizzazzjonijiet għal "dikjarazzjoni simplifikata" (L-Artikolu 76(1)(a) u (b) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 253 sa 253 g, 254, 260 sa 262, 269 sa 271, 276 sa 278, 282, 289 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93) ◄	Awtorizzazzjonijiet għal "dikjarazzjoni simplifikata" (L-Artikoli 166 (2), 167 tal-Kodiċi, l-Artikoli 145 sa 147 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 223, 224 u 225 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
6	Awtorizzazzjonijiet għal "proċedura ta' kklerjar lokali" (L-Artikolu 76 (1) (c) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 253 sa 253 g, 263 sa 267, 272 sa 274, 276 sa 278, 283 sa 287 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet "dħul fir-rekords tad-dikjarant" (L-Artikolu 182 tal-Kodiċi, Artikolu 150 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 233 sa 236 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447) Jew Awtorizzazzjoni għal "dikjarazzjoni simplifikata" (ara l-punt 5) ►**M3** U/jew postijiet magħżula jew approvati mill-awtoritajiet doganali kif imsemmi fl-Artikolu 5(33) tal-Kodiċi ◄
7	Awtorizzazzjonijiet għal "SASP" (l-Artikoli 1 (13), 253h sa 253 m tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal "ikklerjar ċentralizzat" (L-Artikolu 179 tal-Kodiċi, Artikolu 149 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 229 sa 232 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
8	Awtorizzazzjonijiet biex jiġi pprovdut servizz regolari ta' trasport marittimu (L-Artikolu 313b tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet biex jiġi pprovdut servizz regolari ta' trasport marittimu (L-Artikolu 120 ta' dan ir-Regolament)

▼B

	Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u r-Regolament (KEE) Nru 2454/93	Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont il-Kodiċi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
9	Awtorizzazzjonijiet għal speditur awtorizzat sabiex joħroġ prova tal-istatus T2L, T2LF jew dokument kummerċjali bla ma jissottomettihom għal approvazzjoni lid-dwana (L-Artikolu 324a tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal emittent awtorizzat sabiex joħroġ prova tal-istatus T2L, T2LF jew manifest ta' prodotti doganali bla ma jissottomettihom għal approvazzjoni lid-dwana (l-Artikolu 128 ta' dan ir-Regolament)
10	Awtorizzazzjonijiet "peżaturi tal-banana" (L-Artikoli 290a sa 290c tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet "peżaturi tal-banana" (L-Artikoli 155 sa 157 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 251 u 252 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
11	Awtorizzazzjoni għal speditur awtorizzat għat-tranżitu Komunitarju (L-Artikolu 372(1)(d) sa 378 u l-Artikolu 398 sa 402 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għall-istatus ta' speditur awtorizzat, biex id-detentur tal-awtorizzazzjoni jkun jista' jqiegħed prodotti fil-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni bla ma jippreżentahom lid-dwana (L-Artikolu 233(4)(a) tal-Kodiċi, l-Artikoli 191, 192u 193 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 313 u 314 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
12	Awtorizzazzjoni għad-destinatarju awtorizzat għat-tranżitu Komunitarju (L-Artikolu 372(1)(e) sa 378 u l-Artikolu 406 sa 408 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għall-istatus ta' destinatarju awtorizzat, biex id-detentur tal-awtorizzazzjoni jkun jista' jirċievi prodotti mmexxijin taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni fil-post awtorizzat sabiex tintemm il-proċedura skont l-Artikolu 233(2) tal-Kodiċi (L-Artikolu 233(4)(b) tal-Kodiċi, l-Artikoli 191, 194 u 195 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 313, 315 u 316 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
13	Awtorizzazzjoni għad-destinatarju awtorizzat għat-tranżitu TIR (L-Artikolu 454a u 454b tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għad-destinatarju awtorizzat għal skopijiet ta' TIR (L-Artikolu 230 tal-Kodiċi, l-Artikoli 185, 186 u 187 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 282 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
14	Awtorizzazzjoni għal Proċessar taħt Kontroll Doganali (L-Artikoli 84 sa 90 u 130 sa 136 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikoli 496 sa 523, 551 u 552 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għal proċessar attiv (L-Artikoli 210 sa 225 u 255 sa 258 tal-Kodiċi u l-Artikoli 161 sa 183 u 241 ta' dan ir-Regolament)
15	Awtorizzazzjoni għal sistema ta' sospensjoni ta' proċessar attiv ►M3 (L-Artikoli 84 sa 90, l-Artikoli 114 sa 123 u l-Artikolu 129 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92; l-Artikoli 496 sa 523 u l-Artikoli 536 sa 549 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93) ◄ Regoli ġenerali għall-kalkolu tal-ammont ta'd-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni (L-Artikoli 201 sa 216 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikoli 517- 519 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għal proċessar attiv (L-Artikoli 210 sa 225 u 255 sa 258 tal-Kodiċi u l-Artikoli 161 sa 183 u 241 ta' dan ir-Regolament) Regoli ġenerali għall-kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni Artikolu 86(3) tal-Kodiċi Regoli speċjali għall-kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni jekk jitqies li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ekonomiċi fil-każijiet koperti mill-Artikolu 167(1) (h), (i), (m), (p), (r) jew (s) ta' dan ir-Regolament: L-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi

▼B

	Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u r-Regolament (KEE) Nru 2454/93	Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont il-Kodiċi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
16	►M3 Awtorizzazzjoni għal sistema ta' proċessar attiv bir-rifużjoni (L-Artikoli 84 sa 90 u l-Artikoli 114 sa 129 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92; l-Artikoli 496 sa 523, l-Artikoli 536 sa 544 u l-Artikolu 550 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93) ◄ Regoli ġenerali għall-kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni (L-Artikolu 201 sa 216 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikoli 517-519 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għal proċessar attiv (L-Artikoli 210 sa 225 u 255 sa 258 tal-Kodiċi u l-Artikoli 161 sa 183 u 241 ta' dan ir-Regolament) Regoli ġenerali għall-kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni L-Artikolu 86(3) tal-Kodiċi Regoli speċjali għall-kalkolu tal-ammont tad-dazju tal-importazzjoni jew tal-esportazzjoni jekk jitqies li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ekonomiċi fil-każijiet koperti mill-Artikolu 167(1)(h), (i), (m), (p), (r) jew (s) ta' dan ir-Regolament: L-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi
17	Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' faċilitajiet ta' ħażna bħala maħżen doganali tat-tip A (L-Artikolu 100 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 526 u 527 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen doganali pubbliku tat-tip I (L-Artikolu 211 u 240 sa 243 tal-Kodiċi, l-Artikoli 161 sa 183 ta' dan ir-Regolament)
18	Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' faċilitajiet ta' ħażna bħala maħżen doganali tat-tip B (L-Artikolu 100 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 526 u 527 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen doganali pubbliku tat-tip II (L-Artikolu 211 u 240 sa 243 tal-Kodiċi, l-Artikoli 161 sa 183 ta' dan ir-Regolament)
19	Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' faċilitajiet ta' ħażna bħala maħżen doganali tat-tip Ċ (L-Artikolu 100 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 526 u 527 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen doganali privat (L-Artikolu 211 u 240 sa 243 tal-Kodiċi, l-Artikoli 161 sa 183 ta' dan ir-Regolament)
20	Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' faċilitajiet ta' ħażna bħala maħżen doganali tat-tip D (L-Artikolu 100 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 526 u 527 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen doganali privat (L-Artikolu 211 u 240 sa 243 tal-Kodiċi, l-Artikoli 161 sa 183 ta' dan ir-Regolament)
21	Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' faċilitajiet ta' ħażna bħala maħżen doganali tat-tip E (L-Artikolu 100 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 526 u 527 C tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen doganali privat (L-Artikolu 211 u 240 sa 243 tal-Kodiċi, l-Artikoli 161 sa 183 ta' dan ir-Regolament)
22	Awtorizzazzjonijiet għat-tħaddim ta' faċilitajiet ta' ħażna bħala maħżen doganali tat-tip F (L-Artikolu 100 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 526 u 527 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen doganali pubbliku tat-tip III (L-Artikolu 211 u 240 sa 243 tal-Kodiċi, l-Artikoli 161 sa 183 ta' dan ir-Regolament)

▼B

	Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u r-Regolament (KEE) Nru 2454/93	Id-dispożizzjonijiet applikabbli skont il-Kodiċi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
23	Awtorizzazzjonijiet għal żoni liberi tal-kontroll tat-tip I (L-Artikoli 166 sa 176 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 799 sa 812 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal żona libera (L-Artikoli 243 sa 249 tal-Kodiċi) Iridu jiġu implimentati fil-livell nazzjonali
24	Awtorizzazzjonijiet għal żoni liberi tal-kontroll tat-tip II (L-Artikoli 166 sa 176 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 799 sa 804 u 812 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen doganali Wara l-1 ta' Mejju 2016, l-awtoritajiet doganali għandhom jiddeċiedu għal liema tip partikolari ta' maħżen doganali għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti dawk iż-żoni liberi. (L-Artikoli 240 sa 242 tal-Kodiċi u l-Artikoli 161 sa 183 ta' dan ir-Regolament)
25	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen liberu (L-Artikoli 166 sa 176 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikoli 799 sa 804 u 812 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjonijiet għal maħżen liberu L-awtoritajiet doganali għandhom jiddeċiedu bla dewmien għal liema tip partikolari ta' maħżen doganali għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti dawk iż-żoni liberi. (L-Artikoli 240 sa 242 tal-Kodiċi u l-Artikoli 161 sa 183 ta' dan ir-Regolament)
26	Awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali (L-Artikolu 372(1) (b) sal-Artikolu 378 u l-Artikolu 386 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għall-użu ta' siġilli ta' tip speċjali, meta l-issiġillar ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni tal-prodotti mqegħdin taħt il-proċedura ta' tranżitu tal-Unjoni (L-Artikolu 233(4)(c) tal-Kodiċi, l-Artikoli 191 u 197 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 313 u 317 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447
27	Awtorizzazzjoni għal proċessar passiv (L-Artikolu 84 sa 90 u 145 sa 160 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92, l-Artikolu 496 sa 523 u 585 sa 592 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għal proċessar passiv (L-Artikolu 210 sa 225 u 255, 259 sa 262 tal-Kodiċi u l-Artikolu 163, 164, 166, 169, 171 sa 174, 176, 178, 179, 181, 240, 242, 243 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 259 sa 264, u l-Artikoli 266, 267, 268 u 271 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
28	Awtorizzazzjoni għal Importazzjoni Temporanja (L-Artikolu 84 sa 90 u 137 sa 144 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikolu 496 sa 523 u 553 sa 584 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għal Importazzjoni Temporanja (L-Artikoli 210 sa 225 u 250 sa 253 tal-Kodiċi, l-Artikolu 163 sa 165, 169, 171 sa 174, 178, 179, 182, 204 sa 238 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 258, 260 sa 264, 266 sa 270, 322 u 323 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)
29	Awtorizzazzjoni għal użu finali (L-Artikolu 21 u 82 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 u l-Artikolu 291 sa 300 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93)	Awtorizzazzjoni għal użu finali (L-Artikoli 210 sa 225 u 254 tal-Kodiċi, l-Artikolu 161 sa 164, 169, 171 sa 175, 178, 179 u 239 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 260 sa 269 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447)